| 0711 90 10 | Frott tal-ġeneru *Capsicum* jew *Pimenta*, għajr għall-bżar ħelu, ippriżervat b'mod proviżorju iżda mhux adattat għall-konsum immedjat f'dak l-istat | 100 | | 80 | | |
| 0712 31 00<br>0712 32 00<br>0712 33 00<br>0712 39 00 | Faqqiegħ, *wood ears (Auricularia* spp.), *jelly fungi (Tremella* spp.) u tartuf, imnixxfin | 100 | 500 | 0 | | |
| ex 0805 10 | Larinġ, frisk | 100 | | 60 | 25 000 | |
| ex 0805 20 | Mandolin (inklużi tanġerini u satsumi); klementini, wilkings u razez imħallta taċ-ċitru simili, friski | 100 | | 60 | 500 | |
| 0805 40 00 | Grejpfrut | 100 | | 80 | | |
| ex 0805 50 10 | Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*), frisk | 100 | | 40 | 800 | |
| 0806 10 10 | Għeneb frisk għall-ikel, mill-1 ta' Frar sa l-14 ta' Lulju | 100 | 1 000 | 0 | | punt 4 - żieda annwali ta' 500 t |
| 0807 19 00 | Bettiegħ (eskluż id-dulliegħ), frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju | 100 | | 50 | 10 000 | |
| 0810 10 00 | Frawli frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu | 100 | 2 000 | 0 | | punt 4 - żieda annwali ta' 500 t |
| 0812 90 20 | Larinġ, ippriservat b'mod proviżorju, iżda mhux adattat għall-konsum immedjat f'dak l-istat | 100 | | 80 | | |

| Kodiċi NM (1) | Deskrizzjoni (2) | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN (%) (3) | Kwoti tariffarji (t, sakemm mhux indikat mod ieħor) | Tnaqqis tad-dazji doganali MFN 'il hinn mill-kwota tariffarja attwali jew possibbli (%) (3) | Kwantità ta' referenza (t, sakemm mhux indikat mod ieħor) | Disposiz-zjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d | e |
| 0904 20 30 | Frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, għajr għall-bżar ħelu, imnixxef, la mishuq u lanqas mitħun | 100 | | 80 | | |
| 1509 10 | Żejt verġni taż-żebbuġa | 100 | 2 000 | 0 | | punt 4 - żieda annwali ta' 500 t |
| 2001 90 20 | Frott tal-ġeneru *Capsicum*, għajr għall-bżar ħelu jew piment, ippreparat jew ippriservat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku | 100 | | 80 | | |
| 2005 90 10 | Frott tal-ġeneru *Capsicum*, għajr għall-bżar ħelu jew piment, ippreparat jew ippriservat b'mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat | 100 | | 80 | | |

(1) Kodiċi NM li jikkorrispondu mar-Regolament (KE) Nru 1789/2003 (ĠU L 281, 30.10.2003, p. 1).

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa bħala waħda indikattiva biss, bl-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn kodiċi ex NM huma indikati, l-iskema preferenzjali trid tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

(3) It-tnaqqis tad-dazju japplika biss għal dazji doganali *ad valorem*. Madanakollu, għall-prodott taħt il-kodiċi 1509 10, it-tnaqqis tad-dazju japplika għad-dazju speċifiku.

*ANNESS II*

**PROTOKOLL NRU 2**

**dwar l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità**

1. Il-prodotti elenkati fl-Anness, li joriġinaw fil-Komunità għandhom jitħallew jiġu importati fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, skond il-kondizzjonijiet inklużi minn hawn 'il quddiem u fl-Anness.

2. Id-dazji ta' l-importazzjoni fuq prodotti importati jew jitneħħew inkella jitnaqqsu sal-livell indikat fil-kolonna "a", fil-limitu tal-kwota tariffarja annwali mniżżla fil-kolonna "b", u suġġetti għad-disposizzjonijiet speċifiċi indikati fil-kolonna "ċ".

3. Għall-kwantitajiet importati li jaqbżu l-kwoti tariffarji, id-dazji doganali ġenerali applikati għal terzi pajjiżi għandhom japplikaw, suġġetti għad-disposizzjonijiet speċifiċi indikati fil-kolonna "ċ".

4. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, il-volumi tal-kwoti tariffarji u l-kwantitajiet ta' referenza għandhom jiġu kalkolati bħala pro rata tal-volumi bażiċi, b'kunsiderazzjoni tal-parti mill-perjodu li tkun skadiet qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-protokoll.

*ANNESS MAL-PROTOKOL NRU 2*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Dazju (%) | Kwoti tariffarjiet sakemm mhux indikat mod ieħor | Disposiz-zjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ |
| 0102 90 71 | Annimali bovini ħajjin, ta' piż li ma jaqbiżx it-300 kg, għall-qatla, għajr għoġla u baqar | 0 | 300 | |
| 0202 30 90 | Laħam ta' annimali bovini, bla għadam esklużi l-partjiet ta' quddiem, partijiet imsejħa "kompensati", il-ħawsla, qatgħat mill-għonq sal-kustilji, mill-ispalla u mis-sidra, iffriżat | 0 | 200 | |
| 0206 22 00 | Fwied tajjeb għall-ikel ta' annimali bovini ffriżat | 0 | 100 | |
| 0406 | Ġobon u baqta | 0 | 200 | |
| 0407 00 19 | Bajd tat-tjur ta' l-irziezet għat-tfaqqis, għajr dawk tad-dundjani jew wiżż | 0 | 120 000 biċċa | |
| 1101 00 15 | Tqiq tal-qamħ komuni u spelt | 0 | 13 000 | |
| 2309 90 99 | Preparazzjonijiet oħrajn tat-tip użati fl-għalf ta' l-annimali | 2 | 100 | |

32005R0023

8.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 6/1

# REGOLAMENT (KE, EURATOM) Nru 23/2005 TAL-KUNSILL

## ta' l-20 ta' Diċembru 2004

## li jadatta, mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u, mill-1 ta' Jannar 2005, ir-rata ta' l-imgħax użata għat-trasferimenti bejn l-iskema Komunitarja u l-iskemi nazzjonali tal-pensjonijiet

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg applikabbli għall-agenti l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]) u emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru… ([2]), u partikolarment l-Artikoli 83 u 83 bis u l-Anness XII ta' dawn ir-Regolamenti tal-Personal,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ppreżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat għar-Regolamenti tal-Personal,

Billi:

(1) Bi qbil ma' l-Artikolu 13 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Personal, l-Eurostat ippreżenta fl-1 ta' Settembru 2004 rapport dwar l-evalwazzjoni attwarja 2004 ta' kull ħames snin ta' l-iskema tal-pensjonijiet li tattwalizza l-parametri previsti f'dan l-Anness.

(2) Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, huwa xieraq li jsir addattament tar-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat bilanċ attwarju tas-sistema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness XII, l-adattament 2004 ma jistax jaqbeż id-9.75 %.

(3) Hemm lok għar-reviżjoni tar-rata stipulata fl-Artikoli 4 u 8 ta' l-Anness VIII, kif ukoll fl-Artikoli 4 u 110 ta' l-RAA (Il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej), bi qbil ma' l-Artikolu 12 ta' l-Anness XII,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rata tal-kontribuzzjoni prevista fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament tal-Personal hija ffissata għal 9.75 %.

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, ir-rata ta' l-imgħax imsemmija fl-Artikoli 4 u 8 ta' l-Anness VIII tar-Regolmenti tal-Personal kif ukoll l-Artikoli 40 u 110 tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Uffiċjali Oħrajn hija ffissata għal 3.9 %.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-20 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. VAN GEEL

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1.

32005R0031

12.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 8/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 31/2005

## ta' l-20 ta' Diċembru 2004

## li jemenda, mill-1 ta' Lulju 2004, ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li jaffetwaw din ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) …/ (2), u b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65, 65a, 82 u l-Annessi VII, XI u XIII tar-Regolamenti msemmija kif ukoll l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 20, l-Artikoli 64 u 92 tal-Kondizzjonijiet imsemmija,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Sabiex jiggarantixxi li s-saħħa tax-xiri ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej tiżviluppa b'mod parallel ma' dik ta' l-impjegati taċ-ċivil nazzjonali ta' l-Istati Membri, il-pagi u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej se jiġu aġġustati skond il-verifika annwali tas-sena 2004,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, id-data ta'"l-1 ta' Lulju 2003" imniżżla fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal qed tiġi mibdula bid-data ta'"l-1 ta' Lulju 2004".

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, it-tabella tal-pagi bażiċi tax-xahar li tinsab fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, qed tiġi mibdula bit-tabella li ġejja:

| 1.7.2004 | Livelli | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gradi | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 16 | 14 926,62 | 15 553,86 | 16 207,45 | | |
| 15 | 13 192,64 | 13 747,01 | 14 324,68 | 14 723,21 | 14 926,62 |
| 14 | 11 660,09 | 12 150,06 | 12 660,62 | 13 012,86 | 13 192,64 |
| 13 | 10 305,57 | 10 738,63 | 11 189,88 | 11 501,20 | 11 660,09 |
| 12 | 9 108,40 | 9 491,15 | 9 889,98 | 10 165,14 | 10 305,57 |
| 11 | 8 050,31 | 8 388,59 | 8 741,09 | 8 984,28 | 9 108,40 |
| 10 | 7 115,13 | 7 414,12 | 7 725,67 | 7 940,61 | 8 050,31 |
| 9 | 6 288,58 | 6 552,84 | 6 828,20 | 7 018,17 | 7 115,13 |
| 8 | 5 558,06 | 5 791,62 | 6 034,99 | 6 202,89 | 6 288,58 |

(1) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
(2) ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1.

| 1.7.2004 | Livelli | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gradi | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 7 | 4 912,40 | 5 118,82 | 5 333,92 | 5 482,32 | 5 558,06 |
| 6 | 4 341,74 | 4 524,18 | 4 714,29 | 4 845,45 | 4 912,40 |
| 5 | 3 837,37 | 3 998,62 | 4 166,65 | 4 282,57 | 4 341,74 |
| 4 | 3 391,59 | 3 534,11 | 3 682,62 | 3 785,08 | 3 837,37 |
| 3 | 2 997,60 | 3 123,57 | 3 254,82 | 3 345,38 | 3 391,59 |
| 2 | 2 649,38 | 2 760,71 | 2 876,72 | 2 956,75 | 2 997,60 |
| 1 | 2 341,61 | 2 440,01 | 2 542,54 | 2 613,28 | 2 649,38 |

*Artikolu 3*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli, skond l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra qed jiġu stabbiliti kif indikat fil-kolonna 2 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli skond l-Artikolu 17(3) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għat-trasferimenti li jsiru minn uffiċjali u impjegati oħra qed jiġu stabbiliti kif indikat fil-kolonna 3 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għall-pensjonijiet skond l-Artikolu 20(2) ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, qed jiġu stabbiliti kif indikat fil-kolonna 4 tat-tabella hawn taħt.

B'effett mill-1 ta' Mejju 2005, il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għall-pensjonijet skond l-Artikolu 20(2) ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, qed jiġu stabbiliti kif indikat fil-kolonna 5 tat-tabella hawn taħt:

| Pajjiż/Post | Pagi 1.7.2004 | Trasferiment 1.1.2005 | Pensjoni 1.7.2004 | Pensjoni 1.5.2005 |
|---|---|---|---|---|
| Ir-Rep. Ceka | 87,1 | 74,8 | 100,0 | 100,0 |
| Id-Danimarka | 136,7 | 131,6 | 135,7 | 134,7 |
| Il-Germanja | 101,2 | 102,0 | 101,4 | 101,5 |
| Bonn | 96,2 | | | |
| Karlsruhe | 95,4 | | | |
| Münich | 107,3 | | | |
| L-Estonja | 79,5 | 76,1 | 100,0 | 100,0 |
| Il-Grecja | 93,5 | 92,5 | 100,0 | 100,0 |
| Spanja | 100,6 | 95,5 | 100,0 | 100,0 |
| Franza | 120,2 | 106,9 | 117,5 | 114,9 |
| L-Irlanda | 122,3 | 115,6 | 121,0 | 119,6 |
| L-Italja | 109,8 | 106,0 | 109,0 | 108,3 |
| Varese | 100,6 | | | |
| Cipru | 90,4 | 94,0 | 100,0 | 100,0 |
| Il-Latvja | 77,9 | 74,5 | 100,0 | 100,0 |
| Il-Litwanja | 78,6 | 75,2 | 100,0 | 100,0 |
| L-Ungerija | 88,3 | 70,8 | 100,0 | 100,0 |
| Malta | 89,9 | 83,8 | 100,0 | 100,0 |
| L-Olanda | 110,5 | 103,6 | 109,1 | 107,7 |
| L-Awstrija | 108,0 | 108,0 | 108,0 | 108,0 |
| Il-Polanja | 72,0 | 65,0 | 100,0 | 100,0 |
| Il-Portugall | 91,8 | 91,4 | 100,0 | 100,0 |
| Is-Slovenja | 84,4 | 81,3 | 100,0 | 100,0 |
| Is-Slovakkja | 90,9 | 79,5 | 100,0 | 100,0 |
| Il-Finlandja | 119,4 | 114,4 | 118,4 | 117,4 |
| L-Isvezja | 117,4 | 111,0 | 116,1 | 114,8 |
| Ir-Renju Unit | 142,7 | 116,5 | 137,5 | 132,2 |
| Culham | 115,4 | | | |

*Artikolu 4*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont ta' l-*allowance* għal-leave tal-ġenituri msemmija fl-Artikolu 42a tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' 804,36 EUR u ta' 1 072,48 EUR għal ġenituri, mara jew raġel, li jrabbu t-tfal waħedhom.

*Artikolu 5*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont bażiku ta' l-*allowance* tal-familja msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' 150,44 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont ta' l-*allowance* għat-tfal dipendenti msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' 328,73 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont ta' l-*allowance* għall-edukazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' 223,05 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont ta' l-*allowance* għall-edukazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 3(2) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' 80,30 EUR.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont minimu ta' l-*allowance* għall-espatrijazzjoni imsemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' 445,88 EUR.

*Artikolu 6*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, l-*allowance* għall-kilometraġġ imsemmija fl-Artikolu 8 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi aġġustata kif ġej:

| | |
|---|---|
| — 0 EUR għal kull kilometru bejn | 0 u 200 km |
| — 0,3343 EUR għal kull kilometru bejn | 201 u 1 000 km |
| — 0,5572 EUR għal kull kilometru bejn | 1 001 u 2 000 km |
| — 0,3343 EUR għal kull kilometru bejn | 2 001 u 3 000 km |
| — 0,1114 EUR għal kull kilometru bejn | 3 001 u 4 000 km |
| — 0,0536 EUR għal kull kilometru bejn | 4 001 u 10 000 km |
| — 0 EUR għal kull kilometru aktar minn | 10 000 km |

Ammont b'rata fissa supplimentari hu miżjud ma' l-allowance għall-kilometraġġ imniżżel hawn fuq:

— 167,16 EUR jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tax-xogħol u l-post minn fejn wieħed ikun ġej hija bejn is-725 km u l-1 450 km,

— 334,31 EUR jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tax-xogħol u l-post minn fejn wieħed ikun ġej hija ta' 1 450 km jew aktar.

*Artikolu 7*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont għall-allowance tas-sussistenza ta' kuljum imsemmija fl-Artikolu 10(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta':

— 34,55 EUR għall-uffiċjali li għandhom dritt għall-allowance tal-familja,

— 27,86 EUR għall-uffiċjali li m'għandhomx dritt għall-allowance tal-familja,

*Artikolu 8*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-inqas limitu għall-allowance għall-istallazzjoni imsemmija fl-Artikolu 24(3) tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għall-impjegati għandu jkun ta':

— 983,69 EUR għall-impjegati li għandhom dritt għall-allowance għall-familja,

— 584,90 EUR għall-impjegati li m'għandhomx dritt għall-allowance għall-familja.

*Artikolu 9*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, għall-allowance għall-qgħad imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 28a(3) tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol għall-Impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, l-inqas limitu għandu jkun ta' 1 179,72 EUR, l-għola limitu għandu jkun ta' 2 359,44 EUR u l-allowance standard għandha tkun ta' 1 072,48 EUR

*Artikolu 10*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, it-tabella tal-pagi bażiċi ta' kull xahar imniżżla fl-Artikolu 63 tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għall-impjegati l-oħra għandha tiġi mibdula bit-tabella li ġejja:

| 1.7.2004 | | Livelli | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kategoriji | Gruppi | 1 | 2 | 3 | 4 |
| A | I | 6 012,49 | 6 757,25 | 7 502,01 | 8 246,77 |
| | II | 4 363,77 | 4 788,99 | 5 214,21 | 5 639,43 |
| | III | 3 667,06 | 3 830,41 | 3 993,76 | 4 157,11 |
| B | IV | 3 522,70 | 3 867,56 | 4 212,42 | 4 557,28 |
| | V | 2 767,02 | 2 949,42 | 3 131,82 | 3 314,22 |
| C | VI | 2 631,63 | 2 786,56 | 2 941,49 | 3 096,42 |
| | VII | 2 355,40 | 2 435,55 | 2 515,70 | 2 595,85 |
| D | VIII | 2 128,92 | 2 254,30 | 2 379,68 | 2 505,06 |
| | IX | 2 050,23 | 2 078,79 | 2 107,35 | 2 135,91 |

*Artikolu 11*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, it-tabella tal-pagi bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 93 tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għall-impjegati l-oħra għandha tiġi mibdula bit-tabella li ġejja:

| Gruppi tal Funzjoni | 1.7.2004 | Livelli | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Gradi | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| IV | 18 | 5 145,58 | 5 252,59 | 5 361,82 | 5 473,32 | 5 587,15 | 5 703,33 | 5 821,94 |
| | 17 | 4 547,80 | 4 642,37 | 4 738,91 | 4 837,46 | 4 938,06 | 5 040,75 | 5 145,58 |
| | 16 | 4 019,46 | 4 103,05 | 4 188,37 | 4 275,48 | 4 364,39 | 4 455,15 | 4 547,80 |
| | 15 | 3 552,50 | 3 626,38 | 3 701,79 | 3 778,78 | 3 857,36 | 3 937,57 | 4 019,46 |
| | 14 | 3 139,79 | 3 205,09 | 3 271,74 | 3 339,78 | 3 409,23 | 3 480,13 | 3 552,50 |
| | 13 | 2 775,03 | 2 832,74 | 2 891,65 | 2 951,78 | 3 013,17 | 3 075,83 | 3 139,79 |
| III | 12 | 3 552,45 | 3 626,32 | 3 701,73 | 3 778,70 | 3 857,28 | 3 937,49 | 4 019,37 |
| | 11 | 3 139,77 | 3 205,06 | 3 271,71 | 3 339,74 | 3 409,19 | 3 480,08 | 3 552,45 |
| | 10 | 2 775,03 | 2 832,73 | 2 891,64 | 2 951,77 | 3 013,15 | 3 075,81 | 3 139,77 |
| | 9 | 2 452,66 | 2 503,66 | 2 555,72 | 2 608,87 | 2 663,12 | 2 718,50 | 2 775,03 |
| | 8 | 2 167,74 | 2 212,82 | 2 258,83 | 2 305,80 | 2 353,75 | 2 402,70 | 2 452,66 |
| II | 7 | 2 452,60 | 2 503,61 | 2 555,68 | 2 608,84 | 2 663,10 | 2 718,49 | 2 775,03 |
| | 6 | 2 167,62 | 2 212,71 | 2 258,73 | 2 305,71 | 2 353,67 | 2 402,62 | 2 452,60 |
| | 5 | 1 915,77 | 1 955,61 | 1 996,29 | 2 037,81 | 2 080,19 | 2 123,46 | 2 167,62 |
| | 4 | 1 693,17 | 1 728,39 | 1 764,34 | 1 801,03 | 1 838,49 | 1 876,73 | 1 915,77 |
| I | 3 | 2 085,85 | 2 129,14 | 2 173,33 | 2 218,43 | 2 264,47 | 2 311,47 | 2 359,44 |
| | 2 | 1 843,98 | 1 882,25 | 1 921,31 | 1 961,19 | 2 001,89 | 2 043,44 | 2 085,85 |
| | 1 | 1 630,16 | 1 663,99 | 1 698,53 | 1 733,78 | 1 769,76 | 1 806,49 | 1 843,98 |

*Artikolu 12*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-inqas limitu għall-allowance għall-istallazzjoni msemmija fl-Artikolu 94 tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għall-impjegati l-oħra għandu jkun ta':

— 739,90 EUR għall-impjegati li għandhom dritt għall-allowance għall-familja,

— 438,67 EUR għall-impjegati li m'għandhomx dritt għall-allowance għall-familja.

*Artikolu 13*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, għall-allowance għall-qgħad imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 96(3) tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol applikabbli għall-impjegati l-oħra, l-inqas limitu għandu jkun ta' 884,79 EUR, l-għola limitu għandu jkun ta' 1 769,58 EUR u l-allowance standard għandha tkun ta' 804,36 EUR.

*Artikolu 14*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-*allowances* għal xogħol bix-xift imniżżla fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 ([1]) għandhom ikunu ta' 337,16 EUR, 508,90 EUR, 556,42 EUR u 758,58 EUR.

*Artikolu 15*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammonti imniżżla fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 ([2]) għandhom ikunu soġġetti għal koeffiċjent ta' 4,867097.

*Artikolu 16*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, it-tabella ta' l-ammonti li għandhom jiġu applikati imniżżla fl-Artikolu 8 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi mibdula bit-tabella li ġejja:

| 1.7.2004 | Livelli | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gradi | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 16 | 14 926,62 | 15 553,86 | 16 207,45 | 16 207,45 | 16 207,45 | 16 207,45 | | |
| 15 | 13 192,64 | 13 747,01 | 14 324,68 | 14 723,21 | 14 926,62 | 15 553,86 | | |
| 14 | 11 660,09 | 12 150,06 | 12 660,62 | 13 012,86 | 13 192,64 | 13 747,01 | 14 324,68 | 14 926,62 |
| 13 | 10 305,57 | 10 738,63 | 11 189,88 | 11 501,20 | 11 660,09 | | | |
| 12 | 9 108,40 | 9 491,15 | 9 889,98 | 10 165,14 | 10 305,57 | 10 738,63 | 11 189,88 | 11 660,09 |
| 11 | 8 050,31 | 8 388,59 | 8 741,09 | 8 984,28 | 9 108,40 | 9 491,15 | 9 889,98 | 10 305,57 |
| 10 | 7 115,13 | 7 414,12 | 7 725,67 | 7 940,61 | 8 050,31 | 8 388,59 | 8 741,09 | 9 108,40 |
| 9 | 6 288,58 | 6 552,84 | 6 828,20 | 7 018,17 | 7 115,13 | | | |
| 8 | 5 558,06 | 5 791,62 | 6 034,99 | 6 202,89 | 6 288,58 | 6 552,84 | 6 828,20 | 7 115,13 |
| 7 | 4 912,40 | 5 118,82 | 5 333,92 | 5 482,32 | 5 558,06 | 5 791,62 | 6 034,99 | 6 288,58 |
| 6 | 4 341,74 | 4 524,18 | 4 714,29 | 4 845,45 | 4 912,40 | 5 118,82 | 5 333,92 | 5 558,06 |
| 5 | 3 837,37 | 3 998,62 | 4 166,65 | 4 282,57 | 4 341,74 | 4 524,18 | 4 714,29 | 4 912,40 |
| 4 | 3 391,59 | 3 534,11 | 3 682,62 | 3 785,08 | 3 837,37 | 3 998,62 | 4 166,65 | 4 341,74 |
| 3 | 2 997,60 | 3 123,57 | 3 254,82 | 3 345,38 | 3 391,59 | 3 534,11 | 3 682,62 | 3 837,37 |
| 2 | 2 649,38 | 2 760,71 | 2 876,72 | 2 956,75 | 2 997,60 | 3 123,57 | 3 254,82 | 3 391,59 |
| 1 | 2 341,61 | 2 440,01 | 2 542,54 | 2 613,28 | 2 649,38 | | | |

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976 li jiddetermina l-kategoriji ta' l-uffiċjali li jieħdu l-*allowances* għal xogħol bix-*shift*, u r-rati u l-kundizzjonijiet ta' dawn (ĠU L 38, 13.2.1976, p. 1). Ir-Regolament kif komplut bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) nru 1307/87 (ĠU L 124, tat-13.5.1987, p. 6), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEFA, KE, Euratom) nru … (ĠU L …, 1.1.2004, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jqiegħed il-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8). Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) nru … (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 15).

*Artikolu 17*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammont għall-allowance għat-tfal dipendenti msemmija fl-Artikolu 14 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun kif ġej:

1.7.2004 - 31.12.2004 262,79

1.1.2005 - 31.12.2005 275,97

1.1.2006 - 31.12.2006 289,16

1.1.2007 - 31.12.2007 302,35

1.1.2008 - 31.12.2008 315,53.

*Artikolu 18*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, l-ammonti għall-allowance għall-edukazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif ġej:

1.7.2004 - 31.8.2005 16,06

1.9.2005 - 31.8.2006 32,12

1.9.2006 - 31.8.2007 48,17

1.9.2007 - 31.8.2008 64,24.

*Artikolu 19*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 ta' l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-ammont ta' l-allowance b'rata fissa msemmi fl-Artikolu 4a ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jkun ta':

— 116,32 EUR fix-xahar għall-uffiċjali klassifikati fil-gradi C4 jew C5,

— 178,34 EUR fix-xahar għall-uffiċjali klassifikati fil-gradi C1, C2 jew C3.

*Artikolu 20*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. VAN GEEL

22005X0113(01)

L 10/22 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 13.1.2005

**Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-kummerċ fl-inbejjed u x-xorb alkoħoliku**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-kummerċ fl-inbejjed u x-xorb alkoħoliku [1], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004, ladarba l-proċeduri previsti fl-Artikolu 41 tal-Ftehim kienu ġew ikkompletati fis-27 ta' April 2004.

(1) ĠU L 35, tas-6.2.2004, p. 3.

3200500017

14.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 11/27

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Novembru 2004

## li taħtar lis-Sur Renato Soru, membru Taljan, u lis-Sur Enzo Ghigo, membru supplenti Taljan tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/17/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (1),

(2) post ta' membru u post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara l-iskadenza tal-mandati tas-Sur Mauro PILI, membru (IT), u tas-Sur Carlo ANDREOTTI, membru supplenti (IT), li dwarhom il-Kunsill ġie notifikat fit-8 ta' Novembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

(a) Is-Sur Renato SORU,

Presidente della Regione Sardegna,

huwa b'dan maħtur bħala membru minflok is-Sur Mauro PILI;

(b) Is-Sur Enzo GHIGO,

Presidente della Regione Piemonte nonché della Conferenza dei Presidenti delle Regioni e Province Autonome italiane,

huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti minflok is-Sur Carlo ANDREOTTI,

għall-bqija tal-mandat tagħhom, li jkompli sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar il-15 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. van der HOEVEN

(1) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005D0018

L 11/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.1.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li taħtar membru supplenti Spanjol tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/18/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni [1].

(2) Post bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara tmiem il-mandat tas-Sur Alain CUENCA GARCÍA, li dwaru l-Kunsill kien ġie notifikat fid-29 ta' Novembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Juan Carlos MARTÍN MALLÉN, Director General de Asuntos Europeos y Acción Exterior – Diputación General de Aragón, huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sur Alain CUENCA GARCÍA għall-bqija tal-mandat tiegħu, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. VEERMAN

(1) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005D0019

14.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 11/29

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li taħtar membru Awstrijaku tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2005/19/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi post ta' membru f'dak il-Kumitat jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sur Rudolf STRASSER, li dwarha l-Kunsill ġie infurmat fit-9 ta' Settembru 2004;

Wara li kkunsidra n-nomina sottomessa mill-Gvern Awstrijak,

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Hans KLETZMAYR huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sur Rudolf STRASSER għall-kumplament tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. VEERMAN

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.

32005D0020

L 11/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.1.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Diċembru 2004
## li taħtar membru Franċiż tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2005/20/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi post ta' membru f'dak il-Kumitat jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sur Jacques VOISIN, li dwarha l-Kunsill ġie infurmat fit-12 ta' Ottubru 2004;

Wara li kkunsidra n-nomina sottomessa mill-Gvern Franċiż,

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sinjura Nicole PRUD'HOMME hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sur Jacques VOISIN għall-kumplament tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. VEERMAN

---

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.

32005D0021

14.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 11/31

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li taħtar membru Grieg tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2005/21/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi post ta' membru f'dak il-Kumitat jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sur Ioannis MANOLIS, li dwarha l-Kunsill ġie infurmat fis-27 ta' April 2004;

Wara li kkunsidra n-nomina sottomessa mill-Gvern Grieg,

Wara li kiseb l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Konstantinos POUPAKIS huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sur Ioannis MANOLIS, għall-kumplament tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. VEERMAN

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.

32004L0117

L 14/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 18.1.2005

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/117/KE

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li temenda d-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE f'dak li għandu x'jaqsam ma' eżaminazzjonijiet imwettqa taħt sorveljanza uffiċjali u l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta f'pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Taħt id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali ([4]), id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pitravi ([5]), id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-ħaxix ([6]) u d-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibri ([7]), iż-żerriegħa tista' tkun ċertifikata b'mod uffiċjali biss fejn il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti miż-żerriegħa ġew stabbiliti fl-eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fuq kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali għall-fini ta' eżaminar taż-żerriegħa.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/320/KE tas-27 ta' April 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju dwar it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa u l-eżaminar taż-żerriegħa skond id-Direttivi tal-Kunsill 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE u 69/208/KEE ([8]) tipprovdi għall-organizzazzjoni fuq il-livell Komunitarju ta' esperiment temporanju, bil-għan li jivvaluta jekk it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa u l-eżaminar taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħux jikkostitwixxu alternattivi mtejba għall-proċeduri għal ċertifikazzjoni uffiċjali taż-żerriegħa, mingħajr tnaqqis sinifikanti fil-kwalità taż-żerriegħa.

(3) Ir-riżultati ta' l-esperiment urew li taħt kondizzjonijiet speċifikati l-proċeduri għal ċertifikazzjoni uffiċjali taż-żerriegħa jistgħu jiġu simplifikati mingħajr kwalunkwe tnaqqis sinifikanti fil-kwalità taż-żerriegħa mqabbla ma' dik miksuba taħt is-sistema ta' teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa u eżaminar taż-żerriegħa uffiċjali. Għalhekk hu xieraq li jiġi provdut li dawk il-proċeduri simplifikati għandhom japplikaw abbażi ta' perijodu fit-tul u għandhom jiġu estiżi għal uċuħ tal-ħaxix.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/96/KE ([9]), li temenda, *inter alia*, id-Direttivi 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE u 69/208/KEE fir-rigward ta' spezzjonijiet mhux uffiċjali fuq il-post, tistabbilixxi regoli dwar proċeduri ta' ċertifikazzjoni għal spezzjonijiet fuq il-post taħt sorveljanza uffiċjali. Valutazzjoni dettaljata ta' dawk il-proċeduri wriet li l-ispezzjonijiet fuq il-post taħt sorveljanza uffiċjali għandhom jiġu estiżi għar-raba' kollha għall-produzzjoni ta' żerriegħa ċertifikata. Il-valutazzjoni wriet ukoll li l-proporzjon taż-żoni mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali li għandhom jiġu kkontrollati u spezzjonati minn spetturi uffiċjali għandu jiġi mnaqqas.

(5) Hu xieraq li tiġi allinjata d-Direttiva 2002/54 mad-Direttivi l-oħra dwar iż-żerriegħa fir-rigward tal-possibilità li jiġu mogħtija derogi lill-Istati Membri fejn it-tkabbir tal-pitravi u l-*marketing* taż-żerriegħa tal-pitravi huma ta' importanza ekonomika minima.

(6) L-għan ta' l-ekwivalenza Komunitarja taż-żerriegħa fir-rispett ta' żerriegħa maħsuda fi pajjiżi terzi hi attwalment ristretta għal ċerti kategoriji ta' żerriegħa. Minħabba, b'mod partikolari, l-iżviluppi fuq livell internazzjonali, ir-reġim ta' ekwivalenza għandu jiġi estiż għall-għamliet kollha ta' żrieragħ li jissodisfaw il-karatteristiċi, il-ħtiġiet ta' eżaminazzjoni, il-kondizzjonijiet ta' l-immarkar u s-siġill stabbiliti fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.

([1]) Opinjoni tas-17 ta' Novembru 2004 (Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Opinjoni tas-15 ta' Settembru 2004 (Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/55/KE (ĠU L 114, 21.4.2004, p. 18).

([4]) ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2309/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 23).

([5]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE.

([6]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

([7]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE.

([8]) ĠU L 140, 12.5.1998, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/626/KE (ĠU L 283, 2.9.2004, p. 16).

([9]) ĠU L 25, 1.2.1999, p. 27.

(7) Id-Deċiżjoni 98/320/KE tiskadi fis-27 ta' April 2005. Huwa għalhekk xieraq li jinżammu l-kondizzjonijiet tal-Komunità dwar il-*marketing* ta' żerriegħa prodotta skond dik id-Deċiżjoni, sakemm jiġu applikati d-dispożizzjonijiet il-ġodda.

(8) Id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE għandhom għalhekk jiġu emendati għaldaqstant,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 66/401/KEE hija hawn emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fi (B)(1), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ ta' kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ)."

(b) Fi (B)(2), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ ta' kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ)."

(ċ) Fi (Ċ), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

(d) Fi (Ċa), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

(e) Fi (Ċb), punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

(f) Fi (D), il-punt (ċ) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a) u (b)."

2) L-Artikolu 2(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Meta l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali stabbilita f'paragrafi (1)(B)(1)(d), (1)(B)(2)(d), (1)(Ċ)(d), (1)(Ċa)(d), (1)(Ċb)(d) u (1)(D)(ċ) hi mwettqa, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness ma' l-eżekuzzjoni ta' l- ispezzjonijiet;

(iii) kienu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż- żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' dikjarazzjoni ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jeżegwixxu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru minn żerriegħa, li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara, li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjon mill-uċuħ taż-żerriegħa għandu jiġi kkontrollat minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon ta' kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq, għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja provduta fi (a)(iii) minn spetturi mogħtija l-liċenzja b'mod uffiċjali li jinstabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistgħax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rilevanti kollha.

B. L-eżaminar taż-żerriegħa

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jiġi mwettaq minn laboratorji għall-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak il-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu nkargat analista taż-żerriegħa responsabbli b'mod dirett għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu l-kwalifiki meħtieġa għall-amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar ta' żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti ta' żerriegħa uffiċjali u kkonfermati b'eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm f'bini u b'tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill- awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa kompetenti bħala sodisfaċenti għall-fini ta' eżaminar taż-żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa b'metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju tal-kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija taż-żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija taż-żerriegħa, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa ta' l-eżaminar taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta fi (a), minn laboratorji għall-eżaminar ta' żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha."

3) Fl-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu għandu jiġi mħassar.

4) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-kontroll ta' varjetajiet, l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa għaċ-ċertifikazzjoni u l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa kummerċjali, kampjuni jittieħdu b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Iżda it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 19 jiġu mwettqa b'mod uffiċjali."

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"1a. Meta t-teħid ta' kampjuni ta' żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni ta' żerriegħa għandu jiġi mwettaq minn nies li jieħdu kampjuni ta' żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak il-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti ta' żerriegħa uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom jeżegwu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa;

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jeżegwi t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza proprja mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku ikun qed jaħdem proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju mxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

L-Istati Membri għandhom jqabblu l-kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali ma' dawk ta' l-istess lott taż-żerriegħa meħud taħt sorveljanza uffiċjali.

(f) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni prevista fi (a), minn dawk li huma awtorizzati b'mod uffiċjali biex jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa meħuda bħala kampjun hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

1b. Miżuri ulterjuri applikabbli għall-eżekuzzjoni tat-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 (2)."

5) L-Artikolu 15(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll li ż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf maħsuda fi pajjiż terzi għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali jekk:

(a) ġiet prodotta direttament minn:

(i) żerriegħa bażika jew żerriegħa ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru wieħed jew iżjed jew f'pajjiż terz li ġie mogħti ekwivalenza taħt l-Artikolu 16(1)(b);

jew

(ii) it-taħlit ta' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru ma' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali f'pajjiż terz imsemmi fi (i);

(b) ġiet sottomessa għal spezzjoni fuq il-post li ssodisfat il-kondizzjonijiet stabbiliti f'deċiżjoni ta' ekwivalenza magħmula taħt l-Artikolu 16(1)(a) għall-kategorija rilevanti;

(ċ) eżaminazzjoni uffiċjali wriet li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għall-istess kategorija ġew sodisfatti."

6) Fl-Artikolu 16(1), il-punt (b) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf maħsuda f'pajjiż terz u li għandha l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha u l-arranġamenti għall-eżaminazzjoni tagħha, biex tiġi żgurata l-identità, għall-immarkar u għall-kontroll hi f'dawn l-aspetti ekwivalenti għal żerriegħa maħsuda fi ħdan il-Komunità u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 66/402/KEE qegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fi (Ċ), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ)."

(b) Fi (Ċa), il-punt (ċ) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a) u (b)."

(ċ) Fi (D)(1), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ)."

(a) Fi (D)(2), il-punt (b) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a)."

(e) Fi (D)(3), il-punt (ċ) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(ċ) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a) u (b)."

(f) Fi (E), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

(g) Fi (F), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

(h) Fi (G), il-punt (d) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ)."

2) L-Artikolu 2(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Meta l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali stabbilita fil-paragrafi (1)(Ċ)(d), (1)(Ċa)(ċ), (1)(D)(1)(d), (1)(D)(2)(b), (1)(D)(3)(ċ), (1)(E)(d), (1)F)(d) u (1)(G)(d) hi mwettqa, għandu jkun hekk konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness ma' l-eżekuzzjoni ta' l-ispezzjonijiet;

(iii) ikunu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' dikjarazzjoni ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jeżegwixxu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru miż-żerriegħa, li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjoni mill-uċuħ taż-żerriegħa għandhom jiġu kontrollati minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon tal-kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rispett ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja prevista fi (a)(iii), minn dawk li huma spetturi li ngħataw liċenzja b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

B. Ezaminar taz-zerriegha

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jitwettaq minn laboratorji għall-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu analista inkarigat li għandu responsabbilità diretta għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu kwalifiki meħtieġa għal amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti uffiċjali ta' żerriegħa u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm f'bini u b'tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bħala sodisfaċenti għall-fini ta' l-eżaminar taż-żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa bi metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju ta' kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq l-eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija ta' żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija taż-żerriegħa u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun soġġett għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju mxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta fi (a), minn laboratorji għall-eżaminar taż-żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha."

3) Fl-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu għandu jiġi mħassar.

4) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-kontroll ta' varjetajiet, u għall-eżaminazzjoni taż-żerriegħa għaċ-ċertifikazzjoni, l-kampjuni jkunu meħuda b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Madankollu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 19 għandhom jitwettqu b'mod uffiċjali."

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"1a. Meta t-teħid ta' kampjuni taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi mwettaq minn dawk li ġew awtorizzati jieħdu kampjuni ta' żerriegħa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa b'mod uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom iwettqu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa;

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu l-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jeżegwi t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa biss fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku hu fl-operazzjoni proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju mxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

L-Istati Membri għandhom iqabblu l-kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali ma' dawk ta' l-istess lott taż-żerriegħa meħud taħt sorveljanza uffiċjali.

(f) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni prevista fi (a), minn dawk li huma awtorizzati b'mod uffiċjali biex jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa meħuda bħala kampjun hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

1b. Miżuri ulterjuri applikabbli għat-twettiq tat-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2)."

5) L-Artikolu 15(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll li ż-żerriegħa taċ-ċereali maħsuda fi pajjiż terz għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali jekk:

(a) ġiet prodotta direttament minn:

(i) żerriegħa bażika jew żerriegħa ċertifikata b'mod uffiċjali f'Stat Membru wieħed jew iżjed jew f'pajjiż terz li ġie mogħti ekwivalenza taħt l-Artikolu 16 (1) (b),

jew

(ii) it-taħlit ta' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru ma' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali f'pajjiż terz imsemmi fi (i);

(b) ġiet sottomessa għal spezzjoni fuq il-post li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi deċiżjoni ta' ekwivalenza meħuda taħt l-Artikolu 16(1)(a) għall-kategorija rilevanti;

(ċ) eżaminazzjoni uffiċjali wriet li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għall-istess kategorija ġew sodisfatti."

6) Fl-Artikolu 16(1), il-punt b għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) żerriegħa taċ-ċereali fi pajjiż terz u li għandha l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha u l-arranġamenti għall-eżaminazzjoni tagħha, biex tiġi żgurata l-identità, għall-immarkar u għall-kontroll hi f'dawn l-aspetti ekwivalenti għal żerriegħa maħsuda fi ħdan il-Komunità u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

*Artikolu 3*

Id-Direttiva 2002/54/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fi (ċ), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IB, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali biex jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (i), (ii) u (iii)."

(b) Fi (d), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii)."

2) L-Artikolu 2(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Meta l-eżaminazzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali msemmija fil-paragrafu (1)(ċ)(iv) u (1)(d)(iv) huma mwettqa, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi, għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness mat-twettiq ta' l-ispezzjonijiet;

(iii) ikunu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' stqarrija ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jwettqu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru miż-żerriegħa li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjon mill-uċuħ taż-żerriegħa għandhom jiġu kkontrollati minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon tal-kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja prevista fi (a) (iii), minn spetturi li ngħataw liċenzja b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

B. Ezaminar taz-zerriegha

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jitwettaq minn laboratorji ta' l-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu analista inkarigat li għandu responsabbilità diretta għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu kwalifiki meħtieġa għal amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti uffiċjali taż-żerriegħa u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm fi bini u bi tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bħala sodisfaċenti għall-fini ta' eżaminar ta' żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa bi metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju ta' kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq l-eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija ta' żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija taż-żerriegħa, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun soġġett għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija f'(d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta f'(a), minn laboratorji ta' l-eżaminar taż-żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha."

3) Fl-Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu għandu jiġi mħassar.

4) L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-kontroll ta' varjetajiet, u għall-eżaminazzjoni taż-żerriegħa għaċ-ċertifikazzjoni, kampjuni jittieħdu b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Iżda it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 25 għandhom jitwettqu b'mod uffiċjali."

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"1a. Meta t-teħid ta' kampjuni taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi mwettaq minn dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak il-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal dawk li jieħdu kampjuni taż-żerriegħa b'mod uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom jwettqu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa;

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu l-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jwettaq it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa biss fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza proprja mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku ikun qed jaħdem proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu ikun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

L-Istati Membri għandhom iqabblu l-kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali ma' dawk ta' l-istess lott taż-żerriegħa meħuda taħt sorveljanza uffiċjali.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni prevista f'(a), minn dawk li huma awtorizzati b'mod uffiċjali biex jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberu jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa meħuda bħala kampjun hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

1b. Miżuri ulterjuri applikabbli għat-twettiq tat-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 28(2)."

5) L-Artikolu 22(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll li ż-żerriegħa taċ-ċereali maħsuda fi pajjiż terz għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali jekk:

(a) jekk ġiet prodotta b'mod dirett minn żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali f'Stat Membru wieħed jew iżjed jew f'pajjiż terz li ġie mogħti ekwivalenza taħt l-Artikolu 23 (1) (b);

(b) ġiet sottomessa għal spezzjoni fuq il-post li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'deċiżjoni ekwivalenti mogħtija taħt l-Artikolu 23(1)(a) għall-kategorija relevanti;

(ċ) eżaminazzjoni uffiċjali wriet li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, parti B għall-istess kategorija ġew sodisfatti."

6) Fl-Artikolu 23(1), il-punt b għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) żerriegħa tal-pitravi maħsuda f'pajjiż terz u li għandha l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha u l-arranġamenti għall-eżaminazzjoni tagħha, biex tiġi żgurata l-identità, għall-immarkar u għall-kontroll hi f'dawn l-aspetti ekwivalenti għal żerriegħa maħsuda fi ħdan il-Komunità u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

7) L-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-Artikolu 30:

"*Artikolu 30 A*

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 28(2), Stat Membru jista', jekk jitlob hekk, ikun rilaxxat b'mod sħiħ jew parzjali mill-obbligu li japplika d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 20, safejn it-tkabbir tal-pitravi u l-*marketing* taż-żerriegħa tal-pitravi huma ta' importanza ekonomika minima fit-territorju tiegħu."

*Artikolu 4*

Id-Direttiva 2002/57/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(1) għandu jiġi kif ġej:

(a) Fi (ċ), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (i), (ii) u (iii)."

(b) Fi (d)(1), il-punt (ii) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(ii) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (i);"

(ċ) Fi (d)(2), il-punt (ii) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iii) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (i) u (ii);"

(d) Fi (e), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

(e) Fi (d), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

(f) Fi (g), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

(g) Fi (h), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

(h) Fi (i), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

(i) fi (j), il-punt (iii) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iii) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i) u (ii)."

2) L-Artikolu 2 (5) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta l-eżaminazzjonijiet taħt sorveljanza uffiċjali msemmija fil-paragrafi (1)(ċ)(iv), (1)(d)(1)(ii), (1)(d)(2)(iii), (1)(e)(iv), (1)(f)(iv), (1)(g)(iv), (1)(h)(iv), (1)(i)(iv) u (1)(j)(iii) huma mwettqa, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness mattwettiq ta' l-ispezzjonijiet;

(iii) ikunu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali millawtorità taċ-ċertifikazzjoni taż- żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' stqarrija ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jwettqu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru miż-żerriegħa li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjon mill-uċuħ taż-żerriegħa għandhom jiġu kkontrollati minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon tal-kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għall-kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja prevista fi (a) (iii), minn spetturi li ngħataw liċenzja b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

B. Eżaminar taż-żerriegħa

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jitwettaq minn laboratorji ta' l-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu analista inkarigat li għandu responsabbilità diretta għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu kwalifiki meħtieġa għal amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti uffiċjali taż-żerriegħa u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm f'bini u b'tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bħala sodisfaċenti bl-għan ta' eżaminar ta' żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa b'metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju ta' kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq l-eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija taż-żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija taż-żerriegħa, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun soġġett għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija f'(d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta fi (a), minn laboratorji għall-eżaminar taż-żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha."

3) Fl-Artikolu 2(6), it-tieni subparagrafu għandu jiġi mħassar.

4) L-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-kontroll ta' varjetajiet, l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa għaċ-ċertifikazzjoni u l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa kummerċjali, kampjuni jittieħdu b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Iżda it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 22 għandhom jitwettqu b'mod uffiċjali."

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"1a. Meta t-teħid ta' kampjuni taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi mwettaq minn dawk li ġew awtorizzati jieħdu kampjuni ta' żerriegħa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal dawk li jieħdu kampjuni taż-żerriegħa b'mod uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom iwettqu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa,

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu produzzjoni ta' żerriegħa, tkabbir ta' żerriegħa, proċessar ta' żerriegħa jew kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jwettaq it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa biss fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku jkun qed jaħdem proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu ikun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

L-Istati Membri għandhom jqabblu l-kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali ma' dawk ta' l-istess lott taż-żerriegħa meħuda taħt sorveljanza uffiċjali.

(f) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni prevista fi (a), minn dawk li huma awtorizzati b'mod uffiċjali biex jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa meħuda bħala kampjun hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

1b. Miżuri ulterjuri applikabbli għat-twettiq tat-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(2)."

5) L-Artikolu 19(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll li ż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u l-fibri maħsuda fi pajjiż terz għanda, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali jekk:

(a) ġiet prodotta direttament minn:

(i) żerriegħa bażika jew żerriegħa ċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni ċertifikata jew f'Stat Membru wieħed jew 'iżjed jew f'pajjiż terz li ġie mogħti ekwivalenza taħt l-Artikolu 20 (1)(b);

jew

(ii) it-taħlit ta' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru ma' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali fi pajjiż terz msemmi fi (i);

(b) ġiet sottomessa għal spezzjoni fuq il-post li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi deċiżjoni ta' ekwivalenza magħmula taħt l-Artikolu 20 (1)(a) għall-kategorija rilevanti;

(ċ) eżaminazzjoni uffiċjali wriet li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għall-istess kategorija ġew sodisfatti."

6) Fl-Artikolu 20(1), punt b għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibri li ġiet maħsuda f'pajjiż terz u li għandha l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha u l-arranġamenti għall-eżaminazzjoni tagħha, biex tiġi żgurata l-identità, għall-immarkar u għall-kontroll hi f'dawn l-aspetti ekwivalenti għal żerriegħa maħsuda fi ħdan il-Komunità u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

*Artikolu 5*

Id-Direttiva 2002/55/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(1) għandha tiġi emendat kif ġej:

(a) Fi (ċ), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, jew permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (i), (ii) u (iii);"

(b) Fi (d), il-punt (iv) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(iv) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(i), (ii) u (iii);"

2) Il-paragrafu 4 li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 2:

"4. Meta l-eżaminazzjonijiet taħt sorveljanza uffiċjali msemmija fil-paragrafu (1)(ċ)(iv) u (1)(d)(iv) huma mwettqa, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness mat-twettiq ta' l-ispezzjonijiet;

(iii) ikunu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' stqarrija ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jwettqu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru miż-żerriegħa li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjon mill-uċuħ taż-żerriegħa għandhom jiġu kkontrollati minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon tal-kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja prevista f'(a) (iii), minn spetturi li ngħataw liċenzja b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

B. Eżaminar taż-żerriegħa

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jitwettaq minn laboratorji ta' l-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu analista inkarigat li għandu responsabbilità diretta għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu l-kwalifiki meħtieġa għal amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti uffiċjali taż-żerriegħa u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm f'bini u b'tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill-awtorità kompetenti ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bħala sodisfaċenti għall-fini ta' eżaminar taż-żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa b'metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju ta' kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq l-eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija ta' żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija, l-applikant għal ċertifikazzjoni taż-żerriegħa u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa fl-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun soġġett għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija f'(d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu ikun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta fi (a), minn laboratorji ta' l-eżaminar taż-żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rilevanti kollha."

3) L-Artikolu 25 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-eżaminazzjoni ta' żerriegħa għal ċertifikazzjoni, kampjuni jittieħdu b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Iżda it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 39 għandhom jitwettqu b'mod uffiċjali.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll fejn kampjuni ta' żerriegħa standard huma meħuda għal eżamijiet ta' kontroll ta' wara."

(b) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla:

"1a. Meta t-teħid ta' kampjuni taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni għandu jiġi jitwettaq minn dawk li jieħdu kampjuni ta' żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak l-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal dawk li jieħdu kampjuni taż-żerriegħa b'mod uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom jwettqu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux produzzjoni ta' żerriegħa, tkabbir ta' żerriegħa, proċessar ta' żerriegħa jew kummerċ ta' żerriegħa;

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu produzzjoni ta' żerriegħa, tkabbir ta' żerriegħa, proċessar ta' żerriegħa jew kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jwettaq it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa biss fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità kompetenti ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza proprja mill-awtorità kompetenti ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku hu fl-operazzjoni proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija f'(d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għa[ċ]-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu ikun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

L-Istati Membri għandhom jqabblu l-kampjuni ta' żerriegħa meħuda b'mod uffiċjali ma' dawk ta' l-istess lott taż-żerriegħa meħuda taħt sorveljanza uffiċjali.

(f) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni prevista fi (a), minn dawk li huma awtorizzati b'mod uffiċjali biex jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa meħuda bħala kampjun hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rilevanti kollha.

1b. Miżuri ulterjuri applikabbli għat-twettiq tat-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46(2)."

*Artikolu 6*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/320/KE, id-data "27 ta' April 2005" għandha tiġi mibdula b' "30 ta' Settembru 2005".

*Artikolu 7*

Sa l-1 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni dettaljata tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni introdotti minn din id-Direttiva. Din il-valutazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-eżekuzzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza f'termini ta' effetti possibbli fuq il-kwalità taż-żerriegħa.

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ottubru 2005. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati b'mod uffiċjali. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak li fih tkun ġiet ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMAN

32005D0023

L 15/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 19.1.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-21 ta' Ġunju 2004
## li taħtar membru Taljan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2005/23/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu bejn il-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 (1),

Billi f'dak il-Kumitat post ta' membru jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sinjur Felice SCALVINI, li dwarha l-Kunsill kien infurmat fis-17 ta' Novembru 2003;

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Taljan,

Wara li ħa l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

(7) Din id-deċiżjoni ser jittieħed kont tagħha fil-qafas tal-valutazzjoni sħiħa f'Diċembru 2006 tal-mandat ta' self ġenerali ta' l-EIB għal proġetti barra l-Unjoni Ewropea.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Għan**

Il-Komunità għandha tagħti lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (minn hawn 'il quddiem "l-EIB") garanzija fir-rigward tal-pagamenti kollha li ma rċeviex iżda li huma dovuti fir-rigward ta' krediti miftuħa, skond il-kriterji normali tiegħu u b'sostenn għall-għanijiet rilevanti ta' politika esterna tal-Komunità, għal proġetti ta' investiment imwettqa fir-Russja u fl-Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent, jiġifieri l-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina.

*Artikolu 2*

**Proġetti eliġibbli**

Proġetti eliġibbli ta' interess sinifikanti għall-Unjoni Ewropea għandhom ikunu fis-setturi li ġejjin:

— l-ambjent;

— l-infrastruttura tat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija fuq assi prijoritarji tar-rettikolat Trans-Ewropew ("TEN") li għandhom implikazzjonijiet trans-konfini għal xi Stat Membru.

*Artikolu 3*

**Limitu massimu u kondizzjonijiet**

1. Il-limitu globali tal-krediti miftuħa għandu jkun EUR 500 miljun.

2. L-EIB għandu jibbenefika minn garanzija Komunitarja eċċezzjonali ta' 100 %, li għandha tkopri l-ammont totali tal-krediti miftuħa taħt din id-Deċiżjoni u s-somom kollha relatati.

([1]) Opinjoni mogħtija nhar il-14 ta' Diċembru 2004 (Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal uffiċjali).
([2]) ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41.

3. Proġetti ffinanzjati minn self li għandu jkun kopert mill-garanzija għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) eliġibbiltà skond l-Artikolu 2;

(b) koperazzjoni, u fejn hu xieraq ko-finanzjament, mill-EIB ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra sabiex jiġi żgurat li r-riskju jinqasam b'mod raġonevoli u jkun hemm kondizzjonalità ta' proġett xierqa.

L-EIB għandu jaqsam ix-xogħol b'mod xieraq ma' l-EBRD, skond modalitajiet miftiehma reċiprokament, u għandu jirrapporta għaldaqstant skond l-Artikolu 5. B'mod partikolari, l-EIB għandu jieħu vantaġġ mill-esperjenza ta' l-EBRD fir-Russja u fid-WNIS.

*Artikolu 4*

**Eliġibbiltà ta' pajjiżi individwali**

Pajjiżi individwali għandhom isiru eliġibbli taħt il-limitu massimu skond u meta huma jissodisfaw kondizzjonalità xierqa konsistenti ma' ftehim ta' livell għoli ta' l-Unjoni Ewropea mal-pajjiż in kwistjoni dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina meta pajjiż individwali jkun issodisfa l-kondizzjonalità xierqa u għandha tinnotifika lill-EIB b'dan.

*Artikolu 5*

**Rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena dwar l-operazzjonijiet ta' self imwettqa taħt din id-Deċiżjoni u għandha, fl-istess ħin, tissottometti valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u tal-kordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali involuti fil-proġetti. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-kontribut tas-self taħt din id-Deċiżjoni għat-twettiq ta' l-għanijiet rilevanti ta' politika esterna tal-Komunità.

Għall-finijiet ta' l-ewwel u t-tieni paragrafi, l-EIB għandu jittrasmetti lill-Kummissjoni l-informazzjoni xierqa.

*Artikolu 6*

**Tul ta' żmien**

Il-garanzija għandha tkopri self iffirmat sal-31 ta' Jannar 2007.

Jekk, sa l-iskadenza ta' dan il-perijodu, is-self mogħti mill-EIB ma jkunx laħaq il-limitu massimu globali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-perijodu għandu jiġi estiż awtomatikament b'sitt xhur.

*Artikolu 7*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

2. L-EIB u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu t-termini li fuqhom għandha tingħata l-garanzija.

Magħmula fi Brussell, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMAN

32005D0049

25.1.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 21/13

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2005

## dwar ir-regoli operattivi tal-kumitat previst fl-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2005/49/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom, tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I miegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 2004,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi għall-istabbiliment ta' kumitat kompost minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta.

(2) Skond il-paragrafu 3 msemmi hawn fuq, ir-regoli operattivi ta' dak il-kumitat għandhom ikunu determinati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq ir-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-regoli operattivi tal-kumitat previst fl-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja huma stabbiliti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.

*ANNESS*

**Regoli Operattivi tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja**

1. Il-kumitat għandu jkun magħmul minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta.

2. Dawk il-persuni għandhom jiġu maħtura għal perjodu ta' erba' snin. Fl-aħħar ta' dak il-perjodu huma jistgħu jerġgħu jinħatru.

3. Il-kumitat għandu jkun presedut minn wieħed mill-membri tiegħu, innominat għal dak il-għan mill-Kunsill.

4. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jkun responsabbli mis-segretarjat tal-kumitat. Huwa għandu jipprovdi l-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-ħidma tal-kumitat, inkluża t-traduzzjoni ta' dokumenti.

5. Il-laqgħat tal-kumitat għandhom ikunu validi jekk ikunu preżenti ħamsa mill-membri tiegħu.

   Il-kumitat għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi. Jekk il-voti jkunu ndaqs, il-vot deċiżiv għandu ikun dak tal-President.

6. Il-membri tal-kumitat li jeħtieġu jivvjaġġaw lil hinn mill-post ta' residenza tagħhom sabiex jaqdu d-doveri tagħhom għandhom ikunu intitolati għal rimbors ta' l-ispejjeż tagħhom u *allowance*, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru. 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-Kunsill li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, ta' l-Imħallfin, ta' l-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim Istanza ([1]).

   L-ispiża korrispondenti għandha titħallas mill-Kunsill.

([1]) ĠU 187, 8.8.1967, p. 1. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1292/2004 (ĠU L 243, 15.7.2004, p. 23).

32004D0783R(01)

L 24/48 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 27.1.2005

**Korriġendum għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/783/KE tal-15 ta' Novembru 2004 li taħtar erba' membri Taljani u tliet membri supplenti Taljani tal-Kumitat tar-Reġjuni**

*(ĠU L 346, 23.11.2004, p. 9)*

Fil-paġna 9 (a) Titolu tad-Deċiżjoni

*Minflok:* "Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2004 li taħtar erba' membri Taljani u tliet membri supplenti Taljani tal-Kumitat tar-Reġjuni"

*Aqra:* "Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2004 li taħtar tliet membri Taljani u erba' membri supplenti Taljani tal-Kumitat tar-Reġjuni"

(b) It-tieni premessa

*minflok:* "(2) Erba' postijiet ta' membri u tleit postijiet ta' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara l-iskandenza tal-mandat tas-Sur Paolo AGOSTINACCHIO (IT), is-Sur Gianfranco LAMBERTI (IT), is-Sur Salvatore TATARELLA (IT) u s-Sur Riccardo VENTRE (IT), membri, u tas-Sur Gabriele BAGNASCO (IT), is-Sur Marcello MEROI (IT) u s-Sur Roberto PELLA (IT), membri supplenti, li dwarhom il-Kunsill gie notifikat fis-7 ta' Ottubru 2004,"

*Aqra:* "(2) Tliet postijiet ta' membri u erba' postijiet ta' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara l-iskandenza tal-perjodi fil-kariga tas-Sur Paolo AGOSTINACCHIO (IT), is-Sur Gianfranco LAMBERTI (IT) u s-Sur Riccardo VENTRE (IT), membri, u tas-Sur Gabriele BAGNASCO (IT), is-Sur Marcello MEROI (IT), is-Sur Roberto PELLA (IT) u s-Sur Salvatore TATARELLA (IT), membri supplenti, li dwarhom il-Kunsill gie notifikat fis-7 ta' Ottubru 2004,"

Fil-paġna 10, Artikolu Uniku

1. F' (a): Punt 3 dwar is-Sur Savino Antonio SANTARELLA għandu jithassar.

2. F' (b): Il-punt 4 li ġej għandu jiġi miżjud:

"4. Is-Sur Savino Antonio SANTARELLA

Sindaco di Candela

Minflok Mr Salvatore TATARELLA,"

32005D0068

29.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 27/59

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 2004/197/PESK li tistabbilixxi mekkaniżmu li jamministra l-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' l-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena)

(2005/68/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 28(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2004 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2004/197/PESK ([1]) li tipprovdi li l-ewwel reviżjoni tagħha għandha sseħħ qabel it-tmiem ta' l-2004.

(2) Il-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-14 ta' Mejju 2003 ikkonferma l-ħtieġa għal kapaċità ta' reazzjoni rapida, b'mod partikolari għal kompiti umanitarji u ta' salvataġġ.

(3) Il-Kumitat Militari ta' l-UE fisser fid-dettall il-kunċett ta' Risposta Rapida Militari ta' l-UE fir-Rapport tiegħu tat-3 ta' Marzu 2004. Fisser ulterjorment il-kunċett ta' Gruppi ta' Battalja ta' l-UE fl-14 ta' Ġunju 2004.

(4) Il-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2004 endorsja Rapport dwar il-PESD li saħaq li l-ħidma dwar il-kapaċitajiet ta' Risposta Rapida ta' l-UE għandha titmexxa 'l quddiem bil-ħsieb ta' kapaċità operattiva inizjali sa kmieni fl-2005.

(5) In vista ta' dawn l-iżviluppi, il-finanzjament bikri ta' operazzjonijiet militari ta' l-UE għandhom jiġu mtejjba, b'mod partikolari in vista ta' l-operazzjonijiet ta' Risposta Rapida. L-iskema l-ġdida għall-finanzjament bikri hija għaldaqstant intiża l-ewwelnett għal operazzjonijiet ta' Risposta Rapida; taħt ċirkostanzi speċifiċi, kontribut imħallas minn qabel jista' madankollu jiġi wżat għall-finanzjament bikri ta' operazzjoni regolari, b'mod partikolari waħda b' dewmien qasir bejn l-adozzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta biex tittieħed azzjoni u d-deċiżjoni li tiġi mniegħda l-operazzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni 2004/197/PESK għandha għalhekk tiġi emendata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2004/197/PESK qegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 25 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

**Finanzjament Bikri**

1. Fil-każ ta' operazzjoni ta' Risposta Rapida Militari ta' l-UE, il-kontributi għandhom ikunu dovuti minn Stati Membri kontribwenti fil-livell ta' l-ammont ta' referenza. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 (4), il-ħlasijiet għandhom isiru kif imfisser hawn taħt.

2. Għall-fini ta' finanzjament bikri ta' operazzjonijiet ta' Risposta Rapida Militari ta' l-UE, l-Istati Membri parteċipanti għandhom:

(a) jew iħallsu kontributi lil ATHENA minn qabel;

(b) jew, meta l-Kunsill jiddeċiedi li jmexxi operazzjoni ta' Risposta Rapida Militari ta' l-UE li huma jikkontribwixxu għall-finanzjament tagħha, iħallsu l-kontributi tagħhom għall-ispejjeż komuni ta' dik l-operazzjoni fi żmien ħamest' ijiem wara d-dispaċċ tas-sejħa fil-livell ta' l-ammont ta' referenza, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

([1]) ĠU L 63, 28.2.2004, p. 68.

3. Għall-fini msemmi hawn fuq, il-Kumitat Speċjali, magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru li għażel li jħallas kontributi minn qabel (minn issa 'l quddiem 'Stati Membri antiċipanti'), għandu jistabbilixxi approprjazzjonijiet proviżorji taħt titolu speċifiku fil-*budget*. Dawn l-approprjazzjonijiet provviżorji għandhom jiġu koperti minn kontributi li jistgħu jitħallsu mill-Istati Membri antiċipanti fi żmien 90 jum wara d-dispaċċ tas-sejħa għal dawn il-kontributi. Madankollu, il-kontributi minn qabel dovuti għas-sena 2005 għandhom jitħallsu f'żewġ rati, li jistgħu jitħallsu sat-30 ta' April u t-30 ta' Novembru 2005 rispettivament.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 (4), il-kontributi dovuti minn Stat Membru antiċipanti għal operazzjoni, sal-livell tal-kontribut li ħallas lill-approprjazzjonijiet provviżorji msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu jistgħu jitħallsu fi żmien 90 jum wara d-dispaċċ tas-sejħa. Ammont simili jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kmandant ta' l-operazzjoni mill-kontributi mħallsa minn qabel.

5. Minkejja l-Artikolu 20, għandu jsir rifonriment ta' kwalunkwe approprjazzjoni provviżorja msemmija taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li hija wżata għal operazzjoni fi żmien 90 jum wara d-dispaċċ tas-sejħa.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe Stat Membru antiċipanti jista, ' f'ċirkostanzi speċifiċi, jawtorizza lill-amministratur biex juża l-kontribut tiegħu mħallas minn qabel biex ikopri l-kontribut tiegħu għal operazzjoni li jipparteċipa fiha, ħlief għal operazzjoni ta' Risposta Rapida. Għandu jsir rifonriment tal-kontribut imħallas minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat fi żmien 90 jum wara d-dispaċċ tas-sejħa.

7. Minkejja l-Artikolu 31 (3), il-kmandant ta' l-operazzjoni jista' jimpenja u jħallas l-ammonti li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu.

8. Kwalunkwe Stat Membru jista' jreġġa' lura l-għażla tiegħu billi jagħti notifika lill-amministratur mill-inqas tliet xhur bil-quddiem.".

2) L-Artikolu 24 (6) għandu jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra f'din id-Deċiżjoni, il-kontributi għandhom jitħallsu fi żmien 30 jum wara d-dispaċċ tas-sejħa rilevanti għall-kontributi.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fl-1 ta' Frar 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

32005E0069

29.1.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 27/61

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/69/ĠAI

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## dwar l-iskambju ta' ċerta *data* ma' l-Interpol

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 30 (1)(b) u 34 (2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wieħed mill-għanijiet ta' l-Unjoni huwa li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurezza f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Koperazzjoni eqreb bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri hija essenzjali għall-kisba ta' dak il-għan.

(2) Il-protezzjoni ta' l-Unjoni kontra theddid minn kriminalità internazzjonali u organizzata, inkluż it-terroriżmu, teħtieġ li azzjoni komuni tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri kompetenti fi kwistjonijiet kriminali, kif ukoll ma' sieħba internazzjonali.

(3) Passaporti misruqa wara li jkunu nħarġu u dawk misruqa meta vojta, dawk mitlufa jew misapproprjati huma wżati biex jiġi evitat l-infurzar tal-liġi bl-għan li jiġu mwettqa attivitajiet illeċiti li huma kapaċi jpoġġu f'periklu s-sigurtà ta' l-Unjoni u ta' kull wieħed mill-Istati Membri. Azzjoni bis-sens tista' tittieħed biss fuq il-livell ta' l-Unjoni minħabba n-natura tat-theddida. Azzjoni mill-Istati Membri individwalment ma' tkunx tista' tikseb l-għan imsemmi hawn qabel. Din il-Pożizzjoni Komuni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.

(4) L-Istati Membri kollha huma affiljati ma' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali – Interpol. Biex twettaq il-missjoni tagħha, l-Interpol tirċievi, taħżen, u tiċ-ċirkola *data* biex tassisti l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-kriminalità internazzjonali. Id-*database* ta' l-Interpol dwar Dokumenti ta' l-Ivvjaġġar Misruqa tippermetti lill-membri ta' l-Interpol biex jikkondividu d-*data* dwar passaporti misruqa u mitlufa.

(5) Il-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2004, fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ta struzzjonijiet lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem xogħol dwar il-ħolqien sa l-aħħar ta' l-2005 ta' sistema integrata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar passaporti misruqa u mitlufa b'rikors għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u d-*database* ta' l-Interpol. Din il-Pożizzjoni Komuni hija l-ewwel risposta għal dik it-talba li għandha tiġi segwita bl-istabbiliment tal-funzjonalità teknika fis-SIS biex jinkiseb dak il-għan.

(6) L-iskambju tad-*data* ta' l-Istati Membri dwar passaporti misruqa, mitlufa jew misapproprjati mad-*database* ta' l-Interpol dwar id-Dokumenti ta' l-Ivvjaġġar Misruqa kif ukoll l-ipproċessar ta' din id-*data*, iridu jirrispettaw regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* kemm ta' l-Istati Membri individwali kif ukoll ta' l-Interpol.

(7) Din il-Pożizzjoni Komuni tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiskambjaw id-*data* msemmija hawn qabel mad-*database* ta' l-Interpol dwar Dokumenti ta' l-Ivvjaġġar Misruqa, b'mod parallel mad-dħul tagħhom fid-*database* nazzjonali rilevanti, u s-SIS, fir-rigward ta' l-Istati Membri parteċipanti fiha. L-obbligu jirriżulta mill-mument li fih l-awtoritajiet nazzjonali jsiru konxji tas-serq, it-telf jew il-misappropriazzjoni. Ħtieġa oħra li tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa biex tiffaċilita l-konsultazzjoni tad-*database* ta' l-Interpol tirrikonoxxi r-rilevanza ta' l-infurzar tal-liġi ta' din ta' l-aħħar.

(8) Il-kondizzjonijiet ta' l-iskambju għandhom jiġu miftiehma ma' l-Interpol sabiex jiġi żgurat li d-*data* skambjata ser tirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* li jinsabu fil-qalba ta' l-skambju tad-*data* fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-iskambju u l-ipproċessar awtomatiku ta' tali *data*.

(9) Din il-Pożizzjoni Komuni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

### *Artikolu 1*

### Għan

L-għan ta' din il-Pożizzjoni Komuni huwa l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata inkluż it-terroriżmu, billi jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ta' l-infurzar tal-liġi u bejniethom u tali awtoritajiet f'Pajjiżi terzi permezz ta' l-iskambju ta' data tal-passaporti ma' l-Interpol.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' din il-Pożizzjoni Komuni, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. "*Data* tal-passaporti" għandha tfisser *data* fuq passaporti misruqa wara li jkunu nħarġu u dawk misruqa meta vojta, dawk mitlufa jew misapproprjati u fformatjati għal integrazzjoni f'sistema speċifika ta' informazzjoni. *Data* tal-passaporti li tiġi skambjata mad-*database* ta' l-Interpol għandha tikkonsisti biss min-numru tal-passaport, il-pajjiż ta' ħruġ u t-tip ta' dokument.

2. "*Database* ta' l-Interpol" għandha tfisser il-Faċilità ta' Tfittxija Awtomatika – id-*database* tad-Dokumenti ta' l-Ivvjaġġar Misruqa amministrata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali – Interpol.

3. "*Database* nazzjonali rilevanti" għandha tfisser id-*database* jew id-*databases* tal-pulizija jew ġudizzjarja/i fi Stat Membru li fihom *data* passaporti misruqa wara li jkunu nħarġu u dawk misruqa meta vojta, dawk li huma mitlufa jew misapproprjati.

*Artikolu 3*

**Azzjoni komuni**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-*data* kollha preżenti u futura ma' l-Interpol. Huma għandhom jikkondividuhom biss ma' membri oħra ta' l-Interpol li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni ta' *data* personali. Għandu wkoll jiġi żgurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali dwar l-ipproċessar awtomatiku ta' *data* personali għandhom jiġu rispettati. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li għandhom jikkondividu d-*data* tagħhom biss ma' membri oħra ta' l-Interpol li jkunu impenjaw ruħhom li jiskambjaw ta' l-inqas l-istess *data*.

2. Kull Stat Membri jista', soġġett għall-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 1, jiftiehem ma' l-Interpol dwar il-modalitajiet għall-iskambju tad-*data* tal-passaporti preżenti kollha fil-pussess tiegħu ma' l-Interpol. Tali *data* tinsab fid-*database* nazzjonali rilevanti, jew jekk jieħu sehem, fis-SIS.

3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li minnufih wara li *data* tkun ġiet imdaħħla fid-*database* nazzjonali rilevanti tagħha jew, jekk jieħu sehem, fis-SIS, din id-*data* hija skambjata wkoll ma' l-Interpol.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ta' l-infurzar tal-liġi jikkonsultaw id-*database* ta' l-Interpol għall-finijiet ta' din il-Pożizzjoni Komuni kull darba li jkun xieraq għat-twettiq tal-kompitu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistabbilixxu l-infrastrutturi meħtieġa biex jiffaċilitaw il-konsultazzjoni mill-aktar fis possibbli imma sa mhux iżjed tard minn Diċembru 2005.

5. L-iskambju tad-*data* personali b'mod konformi ma' l-obbligu stabbilit f'din il-Pożizzjoni Komuni għandu jseħħ għall-għan stabbilit fl-Artikolu 1, b'hekk jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* personali fil-Pajjiż Membru ta' l-Interpol rilevanti u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali dwar l-ipproċessar awtomatiku ta' *data* personali. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' *data* jseħħu bil-kondizzjonijiet xierqa u soġġetti għar-rekwiżiti ta' hawn fuq.

6. Kull Stat Membru għandu jiżgura li jekk identifikazzjoni pożittiva ("*hit*") isseħħ mad-*database* ta' l-Interpol l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali tagħhom, per eżempju jivverifikaw, meta xieraq, il-korrettezza tad-*data* mal-pajjiż li introduċa d-*data*.

*Artikolu 4*

**Monitoraġġ u valutazzjoni**

Abbażi ta' l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, sa Diċembru 2005, tissottometti rapport lill-Kunsill dwar l-operat ta' din il-Pożizzjoni Komuni. Il-Kunsill għandu jistma sa liema punt l-Istati Membri jikkonformaw ma' din il-Pożizzjoni Komuni u jieħu l-azzjoni xierqa.

*Artikolu 5*

**Dħul b'effett**

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun b'effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 6*

**Pubblikazzjoni**

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

32005R0172

2.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 29/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 172/2005 tat-18 ta' Jannar 2005 dwar il-konklużjoni ta' ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros għall-perjodu mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artiklu 37 flimkien ma' l-Artiklu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artiklu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-parir tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros [2], il-Partijiet Kontraenti għandhom jidħlu f'negozjati bejniethom, qabel jiskadi l-perjodu ta' validità tal-Protokoll għall-Ftehim, sabiex jiddeterminaw bi qbil bejniethom il-kontenut tal-Protokoll għall-perjodu li jmiss u, fejn ikun applikabbli, l-emendi jew iż-żidiet li għandhom isiru fl-Anness miegħu.

(2) Sakemm isiru n-negozjati dwar l-emendi lill-Protokoll, iż-żewġ Partijiet Kontraenti iddeċidew li jestendu l-perjodu ta' validità tal-Protokoll attwali approvat permezz tar-Regolament (KE) Nru. 1439/2001 [3] mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 permezz ta' ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova din l-estensjoni.

(4) L-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri skond il-Protokoll estiż għandha tiġi kkonfermata,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros għall-perjodu mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament [*].

*Artikolu 2*

L-opportunitajiet ta' sajd iffissati fil-Protokoll għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) vapuri tat-tonn bit-tartarun::

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | : | 18-il vapur |
| Franza | : | 21 vapur |
| Italja | : | 1 vapur |

(b) vapuri bil-konz tal-wiċċ:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | : | 20 vapur |
| Portugall | : | 5 vapuri |

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-opportunitajiet ta' sajd kollha ffissati fil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkonsidra applikazzjonijiet għal-liċenzji minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri li l-vapuri tagħhom jistadu taħt dan il-Protokoll għandhom ikunu meħtieġa li jinfurmaw il-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' kull stokk ta' ħut maqbud fiż-żona tas-sajd tal-Komoros skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru. 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2847/93 dwar il-monitoraġġ tal-qabdiet li jsiru minn vapuri tas-sajd Komunitarji f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi u f'ibħra internazzjonali [4].

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

[1] Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2004 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] GU L 137 tat- 2.6.1988, p. 19.
[3] ĠU L 193 tas- 17.7.2001, p. 1.

[*] Għat-test tal-Ftehim, ara 13981/04.
[4] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005D0076

L 29/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 2.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Novembru 2004

## dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunitá Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri dwar il-proroga tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunitá Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros għall-perjodu mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004

(2005/76/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitá Ewropea, u b'mod partikolari l-Artiklu 37 flimkien ma' l-Artiklu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros ([1]), il-Partijiet Kontraenti għandhom jidħlu f'negozjati bejniethom, qabel jiskadi l-perjodu ta' validità tal-Protokoll għall-Ftehim, sabiex jiddeterminaw bi qbil bejniethom il-kontenut tal-Protokoll għall-perjodu li jmiss u, fejn ikun applikabbli, l-emendi jew iż-żidiet li għandhom isiru fl-Anness miegħu.

(2) Iż-żewġ Partijiet Kontraenti iddeċidew li, sakemm isiru n-negozjati dwar l-emendi lill-Protokoll, il-perjodu ta' validità tal-Protokoll attwali approvat bir-Regolament (KE) Nru. 1439/2001 ([2]) għandu jiġi estiż b'sena bi ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri.

(3) L-iskambju ta' ittri jipprovdi lis-sajjieda Komunitarji b'opportunitajiet ta' sajd mit-28 ta' Frar sal-31 ta' Diċembru 2004 f'ibħra taħt is-sovranitá jew ġurisdizzjoni tal-Komoros.

(4) Saiex tiġi evitita kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet ta' sajd tal-vapuri Komunitarji huwa essenzjali li l-proroga tidħol fis-seħħ fl-iqsar żmien possibbli. Hemm lok għalhekk li jiġi ffirmat il-ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri, b'riżerva għall-konklużjoni definittiva tiegħu mill-Kunsill.

(5) Il-metodu ta' l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri abbażi tal-Protokoll estiż għandu jiġi kkonfermat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artiklu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros għall-perjodu mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri.

Il-test tal-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 137, 2.6.1988, p. 19.
([2]) ĠU L 193, 17.7.2001, p. 1.

*Artiklu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri f'isem il-Komunitá b'riżerva għall-konklużjoni tiegħu.

*Artiklu 3*

Il-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi applikat provviżorjament mill-Komunitá mit-28 ta' Frar 2004.

*Artiklu 4*

L-opportunitajiet ta' sajd iffissati fl-ewwel Artiklu tal-Protokoll għandhom jiġu allokati bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) vapuri tat-tonn bit-tartarun:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | : | 18-il vapur |
| Franza | : | 21 vapur |
| Italja | : | 1 vapur |

(b) vapuri bil-konz tal-wiċċ:

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | : | 20 vapur |
| Portugall | : | 5 vapuri |

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-opportunitajiet ta' sajd kollha ffissati fil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkonsidra applikazzjonijiet għal-liċenzji minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

*Artiklu 5*

L-Istati Membri li l-vapuri tagħhom jistadu taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu meħtieġa li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' kull stokk ta' ħut maqbud fiż-żona tas-sajd tal-Komoros skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2847/93 dwar il-monitoraġġ tal-qabdiet li jsiru minn vapuri tas-sajd Komunitarji f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi u f'ibħra internazzjonali ([3]).

Magħmul fi Brussell, nhar it-22 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMAN

([1]) ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

## FTEHIM TAĦT FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

## dwar il-proroga tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-komoros għall-perjodu mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004

A. *Ittra mill-Komunitá Brussel,*

Sinjur,

Għandi l-unur nikkonferma li naqblu dwar l-arranġamenti temporanji li ġejjin għall-proroga tal-Protokoll li huwa attwalment fis-seħħ (28 ta' Frar 2001 sas-27 ta' Frar 2004) li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros, sakemm isiru n-negożjati dwar l-emendi li għandhom isiru lill-Protokoll għall-Ftehim dwar is-Sajd:

1. Mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 jibqgħu joperaw l-arranġamenti li kienu applikabbli matul dawn l-aħħar tliet snin. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunitá taħt l-arranġamenti temporanji jikkorrispondu pro rata temporis għall-ammont previst fl-Artiklu 2 tal-Protokoll attwalment fis-seħħ, jiġifieri 291 875 €. Il-ħlas ta' dan il-kontribut finanzjarju għandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2004. Il-kondizzjonijiet pertinenti għall-ħlas ta' l-ammont previst fl-Artiklu 3 tal-Protokoll għandhom japplikaw ukoll.

2. Matul il-perjodu interimarju, il-liċenzji tas-sajd għandhom jingħataw fil-limiti applikabbli taħt l-Artiklu 1 tal-Protokoll attwalment fis-seħħ, fuq il-ħlas ta' drittijiet jew ta' antiċipi ugwali għal dawk iffissati fil-punt 1 ta' l-Anness mal-Protokoll.

Inkun obbligat jekk jogħġbok tgħarrafni li rċevejt din l-ittra u tikkonferma li taqbel mal-kontenut tagħha.

Niżgurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

*F'isem il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja*

B. *Ittra mill-Gvern ta' l-Unjoni tal-Komoros*

Brussel, Sinjur,

Ghandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra odjerna tiegħek, kif ġej:

"Għandi l-unur nikkonferma li naqblu dwar l-arranġamenti temporanji li ġejjin għall-proroga tal-Protokoll li huwa attwalment fis-seħħ (28 ta' Frar 2001 sas-27 ta' Frar 2004) li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Islamika tal-Komoros dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros, sakemm isiru n-negożjati dwar l-emendi li għandhom isiru lill-Protokoll għall-Ftehim dwar is-Sajd:

1. Mit-28 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 jibqgħu joperaw l-arranġamenti li kienu applikabbli matul dawn l-aħħar tliet snin. Il-kontribut finanzjarju tal-Komunitá taħt l-arranġamenti temporanji jikkorrispondu pro rata temporis għall-ammont previst fl-Artiklu 2 tal-Protokoll attwalment fis-seħħ, jiġifieri 291 875 €. Il-ħlas ta' dan il-kontribut finanzjarju għandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2004. Il-kondizzjonijiet pertinenti għall-ħlas ta' l-ammont previst fl-Artiklu 3 tal-Protokoll għandhom japplikaw ukoll.

2. Matul il-perjodu interimarju, il-liċenzji tas-sajd għandhom jingħataw fil-limiti applikabbli taħt l-Artiklu 1 tal-Protokoll attwalment fis-seħħ, fuq il-ħlas ta' drittijiet jew ta' antiċipi ugwali għal dawk iffissati fil-punt 1 ta' l-Anness mal-Protokoll.

Inkun obbligat jekk jogħġbok tgħarrafni li rċevejt din l-ittra u tikkonferma li taqbel mal-kontenut tagħha."

Ghandi l-unur nikkonfermalek li dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern ta' l-Unjoni tal-Komoros u li l-ittra tiegħek flimkien ma' din l-ittra jikkostitwixxu ftehim skond il-proposta tiegħek.

Niżgurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

*Għall-Gvern ta' l-Unjoni tal-Komoros*

32005D0081

L 29/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 2.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/81/PESK

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnia-Ħerzegovina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/210/PESK tal-11 ta' Marzu 2002 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea ([1]) (EUPM), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/188/PESK tat-23 ta' Frar 2004 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPM ([2]),

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2004/188/PESK li taħtar lis-Sur Bartholomew Kevin Carty bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPM mill-1 ta' Marzu 2004 għal sena.

(2) Id-Deċiżjoni 2004/188/PESK tiskadi fl-1 ta' Marzu 2005.

(3) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tal-Kummissarju Bartholomew Kevin Carty bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPM sal-31 ta' Diċembru 2005.

(4) Il-mandat tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPM għandu għalhekk jiġi estiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Bartholomew Kevin CARTY bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija ta' l-EUPM huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 70, 13.3.2002, p. 1. Azzjoni Konġunta kif l-aħħar emendata bl-Azzjoni Konġunta 2003/188/PESK (ĠU L 73, 19.3.2003, p. 9).
([2]) ĠU L 58, 26.2.2004, p. 27.

32005E0082

2.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 29/49

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/82/PESK

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li tħassar il-Pożizzjonijiet Komuni 2002/401/PESK dwar in-Niġerja, 2002/495/PESK dwar l-Angola, 2002/830/PESK dwar ir-Rwanda u 2003/319/PESK dwar il-ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied ta' Lusaka u l-proċess ta' paċi fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment, l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jikkonċernaw il-politika ta' l-UE dwar in-Niġerja fis-17 ta' Mejju 2003, dwar l-Angola fit-13 ta' Ottubru 2003, dwar ir-Rwanda fit-8 ta' Diċembru 2003 u dwar ir-Reġjun tal-Lagi Kbar Afrikani fl-14 ta' Ġunju 2004. Dawn il-konklużjonijiet jistabbilixxu l-politika aktar wiesgħa ta' l-UE fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi u dak ir-reġjun.

(2) B'konsegwenza, il-Pożizzjonijiet Komuni adottati mill-Kunsill fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi u dak ir-Reġjun, li ma jiddefinixxux prinċipji bażiċi komuni validi għal perijodu ta' żmien itwal u li m' humiex meħtieġa bħala bażi legali għall-implimentazzjoni tal-politika ta' l-UE, għandhom jitħassru,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Posizzjonijiet Komuni 2002/401/PESK (1) dwar in-Niġerja, 2002/495/PESK (2) dwar l-Angola, 2002/830/PESK (3) dwar ir-Rwanda u 2003/319/PESK (4) dwar il-ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied ta' Lusaka u l-proċess ta' paċi fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, qegħdin hawn jiġu mħassra.

*Artikolu 2*

Din il-Posizzjoni Komuni għandu jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 1.
(2) ĠU L 167, 26.6.2002, p. 9.
(3) ĠU L 285, 23.10.2002, p. 3.
(4) ĠU L 115, 9.5.2003, p. 87.

32005D0084

L 30/10 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 3.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-"Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv"

(2005/84/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv kienet miftuħa għall-iffirmar mid-29 ta' Settembru 1997 sad-dħul fis-seħħ tagħha fit-18 ta' Ġunju 2001.

(2) Din il-Konvenzjoni issa hija miftuħa għall-adeżjoni minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' natura ta' integrazzjoni jew oħra, bil-kondizzjoni li kwalunkwe tali organizzazzjoni hija kostitwita minn Stati sovrani u għandha kompetenza fir-rigward tan-negozjar, il-konklużjoni u l-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali fi kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni, u l-Komunità għażlet li taderixxi.

(3) Fid-dawl tal-kompiti assenjati lill-Komunità mill-Kapitolu 3 "Saħħa u Sigurtà" tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni Konġunta għandha tiġi approvata.

(4) Meta taderixxi ma' din il-Konvenzjoni l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ser ikollha tressaq riżerva dwar in-non-konformità ta' l-Artikolu 12 (1) tad-Direttiva 92/3/Euratom dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' konsenji ta' skart radjuattiv bejn l-Istati Membri u 'l ġewwa u 'l barra mill-Komunità ([1]) bil-ħtieġa speċifika fl-Artikolu 27, paragrafu 1 (i) tal-Konvenzjoni Konġunta li teħtieġ il-kunsens ta' l-Istat destinatarju fil-qafas ta' movimenti transkonfini.

(5) Meta ssir parti minn din il-Konvenzjoni, l-Art. 39 (4)(iii) ta' din il-Konvenzjoni jobbliga lil tali organizzazzjoni biex tikkomunika lid-Depożitarju dikjarazzjoni li tindika liema Stati huma membri tagħha, liema Artikoli ta' din il-Konvenzjoni japplikaw għaliha, u l-estent tal-kompetenza tagħha fil-qasam kopert minn dawk l-artikoli.

(6) Il-kompetenzi, taħt il-Konvenzjoni Konġunta, ta' l-Istati Membri bħala partijiet kontraenti għaliha mhux ser jiġu preġudikati mill-adeżjoni tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu uniku*

1. L-adeżjoni tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv hija b'dan approvata.

2. It-test tad-dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39 § 4 (iii) tal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv huwa mehmuż mad-Deċiżjoni preżenti.

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

---

([1]) ĠU L 35, tat-12.2.1992, p. 24.

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39 § 4 (iii) tal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Karburant Użat u dwar is-Sigurtà tal-Maniġġar ta' Skart Radjuattiv**

L-Istati li ġejjin huma attwalment membri tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Komunità tiddikjara li l-Artikoli 1 sa 16, 18, 19, 21 u 24 sa 44 tal-Konvenzjoni Konġunta japplikaw għaliha.

Il-Komunità tippossjedi kompetenzi, maqsuma ma' l-Istati Membri msemmija hawn fuq, fl-oqsma koperti mill-Artikoli 4, 6 sa 11, 13 sa 16, 19 u 24 sa 28 tal-Konvenzjoni Konġunta kif previst mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika fl-Artikolu 2(b) u l-Artikoli rilevanti tat-Titolu II, Kapitolu 3, intitolat "Protezzjoni tas-Saħħa".

32005D0089

L 31/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.2.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Settembru 2004

## dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/89/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni frażi ta' l-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, biex tiftaħ in-negozjati ma' l-Eġittu bil-għan li taġġusta l-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda għall-UE.

(2) In-negozjati ġew konklużi b'mod li tqies sodisfaċenti mill-Kummissjoni.

(3) It-test tal-Protokoll innegozjat mar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu jipprovdi, fl-Artikolu 12(3), għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Jaqbel li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem il-Komunità, b'riserva tal-konklużjoni eventwali tiegħu aktar tard, u li jiġi applikat proviżorjament,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) mogħtija s-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u b'riserva tal-konklużjoni tiegħu, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa l-waħda u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha hawnhekk jaqblu li japplikaw proviżorjament il-Protokoll, b'riserva tal-konklużjoni eventwali tiegħu aktar tard.

Magħmula fi Brussell, nhar l-24 ta' Settembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
L. J. BRINKHORST

[1] ĠU L 236 23.9.2003, p. 33.

# PROTOKOLL

## għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ITALJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri tal-KE" rappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem "il-Komunità" rappreżentata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea,

minn naħa, u

R-REPUBBLIKA GĦARBIJA TA' L-EĠITTU, minn hawn 'il quddiem "l-Eġittu",

min-naħa l-oħra,

BILLI l-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ewro-Mediterranju", ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2001 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004;

BILLI t-Trattat ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea ġie iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

BILLI ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jipprovdi għal applikazzjoni proviżorja tal-kummerċ u dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004;

BILLI, in segwitu għall-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, l-adeżjoni tal-Partijiet Kontraenti ġodda għall-Ftehim Ewro-Mediterranju għandha tiġi mifthema bil-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju;

BILLI seħħew konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 21 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju sabiex jiġi żgurat li l-interessi reċiproċi tal-Komunità u ta' l-Eġittu ttieħdu in konsiderazzjoni,

FTEHMU DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka hawnhekk isiru Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min naħa u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu min-naħa l-oħra, u għandhom rispettivament jadottaw u jieħdu nota, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti, Dikjarazzjonijiet u Skambji ta' Ittri.

*Artikolu 2*

Sabiex jieħdu in konsiderazzjoni żviluppi istituzzjonali reċenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Partijiet jaqblu li wara li jiskadi t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-Ftehim li jirreferu għall-Komunità Ewropea għall-Faħam u l-Azzar għandhom jitqiesu bħala li jirreferu għall-Komunità Ewropea li ħadet f'idejha d-drittijiet u l-obbligi kollha kuntrattati mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

KAPITOLU 1

**EMENDI GĦAT-TEST TAL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU, INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU**

*Artikolu 3*

**Prodotti agrikoli**

1. Il-Protokoll 1 għandu jiġi sostitwit mit-test fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

**Regoli ta' oriġini**

Il-Protokoll 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 18(4) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

Ċertifikati ta' Moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom jiġu ċċertifikati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin:

ES : "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS : "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA : "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE : "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET : "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT"

EL : "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN : "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR : "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT : "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV : "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT : "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU : "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT : "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL : "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL : "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT : "EMITIDO A POSTERIORI"

SL : "IZDANO NAKNADNO"

SK : "VYDANÉ DODATOČNE"

FI : "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV : "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

AR : الصادرة بأثر رجعي

2. L-Artikolu 19(2) għandu jiġi sostitwit minn dan li ġej:

Id-duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jiġi ċċertifikat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

ES : "DUPLICADO"

CS : "DUPLIKÁT"

DA : "DUPLIKAT"

DE : "DUPLIKAT"

ET : "DUPLIKAAT"

EL : "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN : "DUPLICATE"

FR : "DUPLICATA"

IT : "DUPLICATO"

LV : "DUBLIKĀTS"

LT : "DUBLIKATAS"

HU : "MÁSODLAT"

MT : "DUPLIKAT"

NL : "DUPLICAAT"

PL : "DUPLIKAT"

PT : "SEGUNDA VIA"

SL : "DVOJNIK"

SK : "DUPLIKÁT"

FI : "KAKSOISKAPPALE"

SV : "DUPLIKAT"

AR : نسخة

3. L-Anness V għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*Verżjoni bl-Ispanjol*

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera nº … [1].) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial … [2].

*Verżjoni biċ-Ċek*

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení … [1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v … [2].

*Verżjoni bid-Daniż*

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. … [1]), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i … [2].

*Verżjoni bil-Ġermaniż*

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. … [1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anders angegeben, präferenzbegünstigte … [2] Ursprungswaren sind.

*Verżjoni bl-Estonjan*

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. … [1]) deklareerib, et need tooted on … [2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

*Verżjoni bil-Grieg*

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ'αριθ. … (1)) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής … (2).

*Verżjoni bl-Ingliż*

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No … (1)) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … (2) preferential origin.

*Verżjoni bil-Franċiż*

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° … (1)) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle … (2).

*Verżjoni bit-Taljan*

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. … (1)) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale … (2).

*Verżjoni bil-Latvjan*

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas pilnvara Nr. … (1)), deklarē, ka, iznemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no … (2).

*Verżjoni bil-Litwan*

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinès liudijimo Nr … (1)) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra (2) preferencinès kilmés prekés.

*Verżjoni bl-Ungeriż*

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … (1)) kijelentem, hogy eltérő jelzés hianyában az áruk kedvezményes … (2) származásúak.

*Verżjoni bil-Malti*

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. … (1)) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … (2).

*Verżjoni bl-Olandiż*

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. … (1)), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn (2).

*Verżjoni bil-Pollakk*

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr … (1)) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … (2) preferencyjne pochodzenie.

*Verżjoni bil-Portugiż*

O exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n.° … (1)), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial … (2).

*Verżjoni bis-Sloven*

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št … (1)) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno … (2) poreklo.

*Verżjoni bis-Slovakk*

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia … (1)) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … (2).

*Verżjoni bil-Finlandiż*

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o … (1)) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita (2).

*Verżjoni bl-Iżvediż*

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. … (1)) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung (2).

*Verżjoni bl-Għarbi*

يصرح مصدر المنتجات التي تشملها هذه الوثيقة (التصريح الجمركي رقم .......(1)) باستثناء ما ينص بوضوح على خلاف ذلك، بأن هذه المنتجات من منشأ تفضيلي من ..........(2).

*Artikolu 5*

**Presidenza tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni**

L-Artikolu 78(3) huwa emendat kif ġej:

"Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jkun presedut b'sistema ta' rotazzjoni minn rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u minn rappreżentant tal-Gvern tar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu."

KAPITOLU II

## DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

*Artikolu 6*

### Provi ta' l-oriġini u kooperazzjoni amministrattiva

1. Provi ta' l-oriġini maħruġa kif xieraq mill-Eġittu jew minn Stat Membru ġdid taħt ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom għandhom jiġu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi skond dan il-Protokoll, bil-kondizzjoni li:

a) l-akkwist ta' tali oriġini jagħti trattament tariffarju preferenzjali fuq il-bażi tal-miżuri tariffarji preferenzjali li jinsabu fi ħdan il-Ftehim Eġittu-UE jew fis-Sistema Komunitarja tal-Preferenzi Ġeneralizzati;

b) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport ikunu nħarġu mhux aktar tard mill-jum qabel il-jum ta' l-adeżjoni;

ċ) il-prova ta' l-oriġini tkun ġiet sottomessa lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

Fejn il-merkanzija kienet iddikjarata, f'dak iż-żmien, għall-importazzjoni fl-Eġittu jew fi Stat Membru ġdid, qabel id-data ta' adeżjoni, skond ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejn l-Eġittu u l-Istat Membru ġdid ikkonċernat, prova ta' l-oriġini maħruġa retrospettivament taħt dawk il-ftehim u arranġamenti tista' tkun aċċettata wkoll sakemm din tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-data ta' adeżjoni.

2. L-Eġittu u l-Istati Membri ġodda huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li bihom jingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati" taħt il-qafas ta' ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom, sakemm:

a) tali dispożizzjoni hija prevista wkoll fil-ftehim konkluż qabel id-data ta' adeżjoni bejn l-Eġittu u l-Komunità; u

b) l-esportatur approvat japplika r-regoli ta' l-oriġini fis-seħħ taħt dak il-ftehim.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu sostiwiti, mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' adeżjoni, b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa taħt il-kondizzjonjiet tal-Ftehim.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti ta' provi ta' l-oriġini maħruġa taħt l-arranġamenti preferenzjali jew l-arranġamenti awtonomi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu aċċettati mill-awtoritajiet doganali kompetenti ta' l-Eġittu u ta' l-Istati Membri ġodda għall-perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' l-oriġini kkonċernata u tista' ssir minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara li tkun ġiet aċċettata l-prova ta' oriġini sottomessa lil dawk l-awtoritajiet b'appoġġ għad-dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

*Artikolu 7*

### Merkanzija li qed tiġi trasportata

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jiġu applikati għall-merkanzija esportata mill-Eġittu għal wieħed mill-Istati Membri ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri ġodda għall-Eġittu, li jaqblu mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 u li fid-data ta' adeżjoni jinsabu fi triqthom jew f'ħażna temporanja, f' maħżen doganali jew f' żona ħielsa fl-Eġittu jew f'dak l-Istat Membru ġdid.

2. Trattament preferenzjali jista' jingħata f'tali każijiet, suġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' importazzjoni, fiż-żmien erba' xhur mid-data ta' adeżjoni, tal-prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' esportazzjoni.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

*Artikolu 8*

Ir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu timpenja ruħha li ma tressaq ebda pretensjoni, talba jew referenza u anqas timmodifika jew tirrevoka kwalunkwe konċessjoni in segwitu għall-Artikoli XXIV.6 u XXVIII tal-GATT 1994 f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan it-tkabbir tal-Komunità.

*Artikolu 9*

Għas-sena 2004, il-volumi tal-kwoti tariffarji ġodda u ż-żjieda fil-volumi tal-kwoti tariffarji eżistenti għandhom jiġu kkalkulati bħala pro-rata tal-volumi bażiċi, filwaqt li titqies il-parti tal-perjodu ta' żmien li jkun għadda qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan il-protokoll.

*Artikolu 10*

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim Ewro-Mediterranju. L-Annessi u d-dikjarazzjoni għal dan il-Protokoll għandhom jifformaw parti integrali minnu.

*Artikolu 11*

1. Dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Komunitajiet, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mir-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu b'konformità mal-proċeduri tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri korrispondenti imsemmija fil-paragrafu 1. L-istrumenti ta' approvazzjoni ser jiġu depożitati fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 12*

1. Dan il-Protokoll ser jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

2. Dan il-Protokoll għandu japplika proviżorjament mill-1 ta' Mejju 2004.

*Artikolu 13*

Dan il-Protokoll huwa redatt f'duplikat f'kull waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

*Artikolu 14*

It-test tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, li jinkludi l-Annessi u l-Protokolli li jifformaw parti integrali minnu, u l-Att Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet annessi miegħu għandhom jiġu redatti fil-lingwa Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka u Slovena u dawn it-testi għandhom ikunu awtentiċi bl-istess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu japprova dawn it-testi.

Hecho en Bruselas, el veinte de diciembre de dos mil cuatro.

V Bruselu dne dvacátého prosince dva tisíce čtyři.

Udfærdiget i Bruxelles, den tyvende december to tusind og fire.

Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Dezember zweitausendundvier.

Kahe tuhande neljanda aasta detsembrikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες τέσσερα.

Done at Brussels on the twentieth day of December in the year two thousand and four.

Fait à Bruxelles, le vingt décembre deux mille quatre.

Fatto a Bruxelles, addì venti dicembre duemilaquattro.

Briselē, divi tūkstoši ceturtā gada divdesmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai ketvirtų metų gruodžio dvidešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kettőezer negyedik év december huszadik napján.

Magħmula fi Brussel fl-għoxrin ġurnata ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa.

Gedaan te Brussel, de twintigste december tweeduizendvier.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego grudnia roku dwutysięcznego czwartego.

Feito em Bruxelas, em vinte de Dezembro de dois mil e quatro.

V Bruseli dvadsiateho decembra dvetisícštyri.

V Bruslju, dvajsetega decembra leta dva tisoč štiri.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattaneljä.

Som skedde i Bryssel den tjugonde december tjugohundrafyra.

وقع في بروكسل في اليوم العشرين من شهر ديسمبر عام ألفين وأربعة ميلادية.

Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
På medlemsstaternas vägnar
عن الدول أعضاء الاتحاد الأوروبي :



Por las Comunidades Europeas
Za Evropská společenství
For De Europæiske Fællesskaber
Für die Europäische Gemeinschaften
Euroopa ühenduste nimel
Για τις Ευρωπαϊκές Κοινότητες
For the European Communities
Pour les Communautés européennes
Per le Comunità europee
Eiropas Kopienu vārdā
Europos Bendrijų vardu
Az Európai Közösségek részéről
Għall-Komunitajiet Ewropej
Voor de Europese Gemeenschappen
W imieniu Wspólnot Europejskich
Pelas Comunidades Europeias
Za Európske spoločenstvá
Za Evropske skupnosti
Euroopan yhteisöjen puolesta
På europeiska gemenskapernas vägnar
عن الجماعة الأوروبية :



Por la República Arabe de Egipto
Za Egyptskou arabskou republiku
For Den Arabiske Republik Egypten
Für die Arabische Republik Ägypten
Egiptuse Araabia Vabariigi nimel
Για την Αραβική Δημοκρατία της Αιγύπτου
For the Arab Republik of Egypt
Pour la République arabe d'Égypte
Per la Repubblica araba di Egitto
Eğiptes Arābu Republikas vārdā
Egipto Arabų Respublikos vardu
Az Egyiptomi Arab Köztársaság részéről
Għar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu
Voor de Arabische Republiek Egypte
W imieniu Arabskiej Republiki Egiptu
Pela República Árabe do Egipto
Za Egyptskú arabskú republiku
Za Arabsko republiko Egipt
Egyptin arabitasavallan puolesta
På Arabrepubliken Egyptens vägnar
عن جمهورية مصر العربية :



*ANNESS*

## PROTOKOLL NRU. 1

### li jikkonċerna l-arranġamenti applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Eġittu

1. Il-prodotti elenkati fl-Anness, li joriġinaw mill-Eġittu, għandhom jitħallew jiġu importati fil-Komunità, in segwitu għall-kondizzjonijiet stipulati hawn taħt u fl-Anness.

2. a) Dazji doganali għandhom jiġu eliminati jew imnaqqsa kif muri fil-kolonna "A".

   b) Għal ċerti prodotti, li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dazju *ad valorem* u dazju speċifiku, ir-rati ta' tnaqqis, murija fil-kolonni "A" u "Ċ", għandhom japplikaw biss għal dazju *ad valorem*.

   Madankollu, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi 0703 20 00, 0709 90 39, 0709 90 60, 0711 20 90, 0712 90 19, 0714 20 90, 1006, 1212 91, 1212 99 20, 1703 u 2302, il-konċessjoni mogħtija għandha tapplika wkoll għal dazji speċifiċi.

3. Għal ċerti prodotti, dazji doganali għandhom jiġu eliminati fil-limiti tal-kwoti tariffarji elenkati fil-kolonna "B".

Il-kwoti tariffarji għandhom japplikaw fuq bażi annwali mill-1 ta' Jannar sa l-31 ta' Diċembru, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

Għall-kwantitajiet importati li jaqbżu l-kwota, id-dazji doganali komuni għandhom, skond il-prodott ikkonċernat, jiġu applikati totalment jew jitnaqqsu, kif muri fil-kolonna "Ċ".

Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, il-volumi ta' kwoti tariffarji għandhom jiġu kkalkulati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi, u titqies il-parti tal-perjodu ta' żmien li għadda qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

4. Għall-prodotti li għalihom id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-kolonna "D" jirreferu għal dan il-paragrafu, il-volumi tal-kwoti tariffarji elenkati fil-kolonna "B" ser jiżdiedu annwalment bi 3 % tal-volum tas-sena ta' qabel; bl-ewwel żieda ssir sena wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

5. Għal-laring ħelu frisk li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 10 10, 0805 10 30 u 0805 10 50, fil-limitu tal-kwota tariffarja ta' 34 000 tunnellata applikabbli għal konċessjoni fuq dazji doganali ad valorem, il- prezz ta' dħul miftiehem ta' bejn il-Komunità Ewropea u l-Eġittu, li minnu d-dazju speċifiku previst fil-lista tal-Komunità tal-konċessjonijiet għad-WTO jitnaqqas għal żero, huwa:

264 €/tunnellata, għal kull perijodu mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju.

Jekk il-prezz tad-dħul għall-kunsinna huwa ta' 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tal-kwota doganali speċifika għandu jkun 2, 4, 6 u 8 % rispettivament ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, għandu japplika d-dazju doganali speċifiku stipulat mid-WTO.

*Anness għall-protokoll nru 1*

| Kodiċi NM (*) | Deskrizzjoni (**) | a | b | ċ | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN (1) % | Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati) | Tnaqqis tad-dazju doganali lil hinn mill-kwota tariffarja (1) % | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
| 0601 | Basal tal-ħxejjex, tuberi, għeruq tat-tuberi, basal tal-qasab, korolli u riżomi, fi stat ta' rqad veġetattiv, qed jikbru jew qed joħorġu l-fjuri, pjanti taċ-ċikwejra u għeruq għajr l-għeruq tat-titolu Nru 1212 | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0602 | Pjanti ħajjin oħra (inklużi l-għeruq tagħhom), tirqid u żabriet; abjad tal-faqqiegħ | 100 | 2 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4 |
| 0603 10 | Fjuri maqtugħin friski u rimi tal-fjuri, tat-tip xieraq għall-bukketti jew għal għanijiet dekorattivi u ornamentali, mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' April | 100 | 3 000<br>li minnhom | — | Suġġett għall-konformità mal-kondizzjonijiet mifthema permezz ta' skambju ta' ittri |
| 0603 10 80 | Fjuri maqtugħin friski u rimi tal-fjuri oħrajn, tat-tip xieraq għall-bukketti jew għal għanijiet dekorattivi u ornamentali, mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' April | 100 | 1 000 | | |
| 0604 99 | Weraq, friegħi, u partijiet oħra tal-pjanti, mingħajr fjuri jew rimi, u tipi differenti ta' ħaxix, imnixxfa, miżbugħa, ibbliċjati, imdakkra jew imħejjija b'xi mod ieħor | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| ex 0701 90 50 | Patata ta' l-ewwel ġbir, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu | 100 | sena 1: 130 000<br>sena 2: 190 000<br>sena 3 u snin segwenti: 250 000 | 60 | |
| | Patata ta' l-ewwel ġbir, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju | 100 | 1 750 | 60 | |
| 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu | 100 | — | — | |
| 0703 10 | Basal komuni u basal *Allium ascalonicum (shallots)*, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju | 100 | 16 150 | 60 | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0703 20 00 | Tewm, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju, | 100 | 3 000 | 50 | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0704 | Kaboċċi, pastard, ġidra (*kohlrabi*), kaboċċa *kale* u tipi ta' brassica simili u li tittiekel, friska jew imkessħa, mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' April | 100 | 1 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0705 11 00 | Ħass ikkabuċjat, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |

| Kodiċi NM (*) | Deskrizzjoni (**) | a | b | ċ | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN (1) % | Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati) | Tnaqqis tad-dazju doganali lil hinn mill-kwota tariffarja (1) % | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
| 0706 10 00 | Karotti u ħxejjex bħal-lift (*turnips*), friski jew imkessħa mill-1 ta' Jannar sat-30 April | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0707 00 | Ħjar u *gherkins*, friski jew imkessħa, mill-1 ta' Jannar sa l-aħħar ta' Frar. | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0708 | Ħxejjex leguminużi, bil-qoxra jew mingħajrha, friski jew imkessħa, mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April | 100 | sena 1: 15 000<br>sena 2: 17 500<br>wara sena 2: 20 000 | — | |
| 0709 | Ħxejjex oħra, friski jew imkessħa:<br>— asparagu mill-1 ta' Ottubru sa l-aħħar ta' Frar,<br>— bżar ħelu mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April,<br>— ħxejjex oħra mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar | 100 | — | — | |
| ex 0710<br>ex 0711 | Ħxejjex iffriżati u proviżorjament ippreservati, minbarra *sweet corn* tas-sottotitoli 0710 40 00 and 0711 90 30 u minbarra faqqiegħ tal-ġeneru *Agaricus* tas-sottotitoli 0710 80 61 u 0711 51 00 | 100 | sena 1: 1 000<br>sena 2: 2 000<br>sena 3 u snin segwenti: 3 000 | — | |
| 0712 | Ħxejjex imnixxfa, sħaħ, maqtugħa, miflula, maqsuma jew fi trab, iżda mhux imħejjija aktar minn hekk. | 100 | 16 550 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| ex 0713 | Ħxejjex leguminużi mnixxfa, mingħajr qoxra, anki jekk imqaxxra jew maqsuma, minbarra l-prodotti għaż-żriegħ taħt is sottotitoli 0713 10 10, 0713 33 10 u ex 0713 90 00 | 100 | — | — | |
| 0714 20 | Patata ħelwa, friska, imkessħa, iffriżata jew imnixxfa. | 100 | 3 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0804 10 00 | Tamal, frisk jew imnixxef | 100 | — | — | |
| 0804 50 00 | Guava, mango u mangostani, friski jew imnixxfa | 100 | — | — | |

| Kodiċi NM (*) | Deskrizzjoni (**) | a | b | ċ | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN (¹) % | Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati) | Tnaqqis tad-dazju doganali lil hinn mill-kwota tariffarja (¹) % | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
| 0805 10 | Lariġ, frisk jew imnixxef | 100 | sena 1: 58 020 (²)<br>sena 2: 63 020 (²)<br>sena 3 u snin segwenti: 68 020 (²) | 60 | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 5 |
| 0805 20 | Tipi ta' Mandolin (inkluż mandolina u satsuma), klementini, *wilkings* u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew imnixxfa | 100 | — | — | |
| 0805 50 | Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*) u xkomp *(lime) (Citrus aurantifolia, Citrus latifolia)*, frisk jew imnixxef | 100 | — | — | |
| 0805 40 00 | *Grapefruit*, frisk jew imnixxef, | 100 | — | — | |
| 0806 10 | Għeneb, frisk, mil1-1 ta' Frar sa l-14 ta' Lulju | 100 | — | — | |
| 0807 11 00 | Dulliegħ, frisk, mill-1 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju | 100 | — | — | |
| 0807 19 00 | Bettieħ u tipi oħra ta' betteieħ, frisk, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | 1 175 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0808 20 | Lanġas u sfarġel, frisk | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0809 30 | Ħawħ, inkluż nuċiprisk, frisk, mill-15 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0809 40 | Għanbaqar u pruni selvaġġi, friski, mill-15 ta' April sal-31 ta' Mejju | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 0810 10 00 | Frawli, frisk, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu | 100 | sena 1: 500<br>sena 2: 1 205<br>sena 3 u snin segwenti: 1 705 | — | |
| 0810 90 95 | Frott ieħor, frisk | 100 | — | — | |

| Kodiċi NM (*) | Deskrizzjoni (**) | a | b | ċ | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN ([1]) % | Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati) | Tnaqqis tad-dazju doganali lil hinn mill-kwota tariffarja ([1]) % | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
| 0811<br>0812 | Frott u ġewż, mhux imsajjar jew imsajjar fil-fwar jew mgħolli fl-ilma, iffriżat, u li jkun fih jew li ma jkunx fih żokkor miżjud jew kull ħlewwa oħra, jew ippreservat proviżorjament, iżda mhux tajjeb għall-konsum f'dak l-istat | 100 | sena 1: 1 000<br>sena 2: 2 000<br>sena 3 u snin segwenti: 3 000 | — | |
| 0904 | Bżar tal-ġeneru *Piper*; imnixxef jew mehruż jew frott mitħun tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta* | 100 | — | — | |
| 0909 | Żerriegħa tal-ħlewwa, tal-badjana, tal-bużbież, tal-kosbor, tal-kemmun jew tal-ħlewwa Ġermaniża (*caraway*), ġnibru | 100 | — | — | |
| 0910 | Ġinġer, żagħfran, kurkuma, sagħtar, rand, kari u ħwawar oħra | 100 | — | — | |
| 1006 | Ross | 25 | 32 000 | — | |
| | | 100 | Ross 5 605 | — | |
| 1202 | Ġewż mitħun | 100 | — | — | |
| ex 1209 | Żerriegħa, frott u spori, tat-tip użati għaż-żriegħ, minbarra żerriegħa tax-xitla tal-pitravi tas-sottotitoli 1209 10 00 u 1209 29 60. | 100 | — | — | |
| 1211 | Pjanti u partijiet ta' pjanti (inkluż żerriegħa u frott), tat-tip użat primarjament għall-fwejjaħ, għall-użu farmakoloġiku, u għal għanijiet insettiċidali, fungiċidali, fost l-oħrajn | 100 | — | — | |
| 1212 | Ħarrub, alga tal-baħar u algi varji, pitravi u kannamiela; għadam tal-frott u prodotti veġetali oħra tat-tip użat primarjament għall-konsum uman, li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor | 100 | — | — | |
| 1515 50 11 | Żejt tal-ġunġlien, mhux raffinat, għal użi tekniċi u industrijali li mhumiex il-manifattura ta' prodotti ta' l-ikel għall-konsum uman ([3]) | 100 | 1 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |

| Kodiċi NM (*) | Deskrizzjoni (**) | a | b | ċ | d |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Tnaqqis tad-dazju doganali MFN (¹) % | Kwota tariffarja (piż nett f'tunnellati) | Tnaqqis tad-dazju doganali lil hinn mill-kwota tariffarja (¹) % | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
| 1515 90 | Żjut u xaħmijiet veġetali oħra u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew mhumiex, iżda mhux kimikament modifikati, minbarra żjut taż-żerriegħa tal-kittien, tal-qamħirrun (żrieragħ), tar-riġnu, *tung* u tal-ġulglien u l-frazzjonijiet tagħhom. | 100 | 500 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 1703 | Ġulepp miġbud mill-estrazzjoni jew mir-raffinar taz-zokkor | 100 | 350 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 2001 90 10 | Mango chutney | 100 | — | — | |
| 2007 | Ġamm u konfettura, ġelatina (*jelly*) tal-frott, *marmalades,* purée tal-frott jew tal-ġewż u pejst tal-frott u tal-ġewż, miġbuda mit-tisjir, ikollhom jew ma jkollhomx żokkor jew ħlewwa oħra miżjuda | 100 | 1 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 2008 11 | Karawett | 100 | 3 000 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 2009 | Meraq tal-frott (inkluż ta' l-għeneb) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u mingħajr spirti miżjuda, ikollhom jew ma jkollhomx żokkor jew ħlewwa oħra miżjuda | 100 | 1 050 | — | Suġġett għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi Protokoll 1, paragrafu 4. |
| 2302 | Nuħħala, *sharps* u residwi maħruġa mill-għarbil, mit-thin jew ħdim ieħor ta' ċereali jew ta' pjanti leguminużi | 60 | — | — | |
| 5301 | Kittien | 100 | — | — | |

(*) Kodiċi NM li jikkorrispondi għar-Regolament (KE) Nru 1789/2003 (ĠU L 281 tat-30 ta' Ottubru 2003).

(**) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kitba għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tiġi kkunsidrata li għandha mhux aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun qed tiġi ffissata, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kodiċi NM koperti. Fejn "ex" kodiċi NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ffissata mill-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

(¹) Tnaqqis tad-dazju japplika biss għal dazju doganali *ad valorem*. Madankollu għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi 0703 20 00, 0709 90 39, 0709 90 60, 0711 20 90, 0712 90 19, 0714 20 90, 1006, 1212 91, 1212 99 20, 1703 u 2302, il-konċessjoni mogħtija għandha tapplika biss għal dazji speċifiċi.

(²) Kwota tariffarja applikabbli mill-1 ta'Lulju sat-30 ta' Ġunju. Minn dan il-volum 34 000 tunnellata għal-larinġ ħelu, frisk, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 10 10, 0805 10 30 u 0805 10 50, matul il-perjodu mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju.

(³) Id-dħul f' dan is-subtitolu huwa subordinat għall-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet komunitarji fis-seħħ (ara l-Artikoli 291 à 300 tar-Regolament (KEE) nru 2454/93 tal-Kummissjoni (ĠU L 253 tal-11.10.1993, p. 1) u r-reviżjonijiet ulterjuri).

32005E0095

4.2.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 31/69

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/95/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK ([1]) li testendi u temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea ("EUSR") fl-Afganistan.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/533/PESK ([2]) li temenda u testendi sat-28 ta' Frar 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK, il-mandat ta' l-EUSR għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Francesc VENDRELL bħala l-EUSR huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/871/PESK għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 635 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) ĠU L 326, 13.12.2003, p. 41
([2]) ĠU L 234, 3.7.2004, p. 17

32005E0096

L 31/70 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.2.2005

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/96/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK [1] li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK [2] li temenda u testendi sat-28 ta' Frar 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK, kif modifikata bl-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra.

(4) Fid-9 ta' Diċembru 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK [3] dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) rigward l-Unità Integrata tal-Pulizija (EUPOL "Kinshasa"), li tagħżel rwol speċifiku għall-EUSR. Il-mandat tiegħu għandu jiġi modifikat f'dan is-sens,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Aldo AJELLO bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK u kif emendat bl-Azzjoni Konġunta 2004/530/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Azzjoni Konġunta 2003/869/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 3:

"(j) jagħti gwida politika lokali lill-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) ('EUPOL Kinshasa')."

2) L-Artikolu 5(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 440 000.".

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

(1) ĠU L 326, 13.12.2003, p. 37.
(2) ĠU L 234, 3.7.2004, p. 13.
(3) ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30.

32005E0097

4.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 31/71

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/97/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK (1) dwar il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina u li tħassar l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/211/PESK.

(2) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal 6 xhur oħra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat ta' Lord ASHDOWN bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) fil-Bosnja u Ħerzegovina, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2004/569/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2005.

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 7.

32005E0098

L 31/72 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.2.2005

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/98/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK (1) li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/565/PESK (2), li taħtar lis-Sur Michael Sahlin bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal 6 xhur oħra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Michael SAHLIN bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 500 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

(1) ĠU L 326, 13.12.2003, p. 39.
(2) ĠU L 251, 27.7.2004, p. 18.

32005E0099

4.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 31/73

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/99/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġuna 2003/873/PESK (1) li testendi u temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/534/PESK (2), li testendi sat-28 ta' Frar 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/873/PESK.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/873/PESK, kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2004/534/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Marc OTTE bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/873/PESK u kif emendat bl-Azzjoni Konġunta 2004/534/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/873/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 560 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandu tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 326, tat-13.12.2003, p. 46.
(2) ĠU L 234, tat-3.7.2004, p. 18.

32005E0100

L 31/74 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.2.2005

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/100/PESK

## tat-2 ta' Frar 2005

## li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġuna 2003/872/PESK (1) li testendi u temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/532/PESK (2), li testendi sat-28 ta' Frar 2005 l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK, kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2004/532/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal sitt xhur oħra,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Heikki TALVITIE bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK u kif emendat bl-Azzjoni Konġunta 2004/532/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2005.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 370 000.".

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 326, 13.12.2003, p. 44.
(2) ĠU L 234, 3.7.2004, p. 16.

32005R0202

5.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 33/1

# REGOLAMENT (KE/EURATOM) Nru. 202/2005 TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2005

## li jemenda r-Regolament Nru. 422/67/KEE, Nru. 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President ta' l-Imħallfin, ta' l-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim Istanza

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 210 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 123 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea ([1]),

Billi

(1) Bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom, il-Kunsill żied mal-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej awla ġurisdizzjonali għas-smigħ ta' kwistjonijiet li jinvolvu s-servizz pubbliku, magħruf bħala t-"Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea".

(2) L-Artikolu 225A, is-sitt paragrafu, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 140B, is-sitt paragrafu, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika jipprovdu li d-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Trattati dwar il-Qorti tal-Ġustizzja japplikaw għall-awli ġurisdizzjonali.

(3) Huwa meħtieġ li jiġu determinati s-salarji, il-pensjonijiet u l-*allowances* tal-President, il-membri u r-Reġistratur ta' dan it-Tribunal.

(4) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill Nru. 422/67/KEE, Nru. 5/67/Euratom ([2]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament Nru. 422/67/KEE, Nru. 5/67/Euratom huwa b'dan emendat kif ġej:

1) Il-titoli għandu jinbidel bit-test li ġej:

"Ir-Regolament Nru. 422/67/KEE, Nru. 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, ta' l-Imħallfin, ta' l-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim Istanza u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea".

2) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 21ċ*

1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim Istanza għandhom japplikaw għall-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

2. Is-salarju bażiku fix-xahar tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandu jkun daqs l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-perċentwali li ġejjin għas-salarju bażiku ta' uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej fit-tielet skala tal-grad 16 (it-tlielet skala tal-grad A*16 sat-30 ta' April 2006):

— President : 104 %,

— Membri : 100 %,

— Reġistratur : 90 %.

3. L-*allowance* tar-rappreżentanza fix-xahar imsemmija fl-Artikolu 4(3) għandha tammonta għal:

— President : 554 EUR,

— Membri : 500 EUR,

— Reġistratur : 400 EUR.

Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-Presidenti tal-kmamar ta' tlett imħallfin għandhom, barra minn dan, jirċievu waqt il-mandat tagħhom *allowance* speċjali għall-kompiti tagħhom ta' EUR 500 fix-xahar."

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.

([2]) ĠU 187, 8.8.1967, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1292/2004 (ĠU L 243, 15.7.2004, p. 23).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jkun ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005D0109

L 34/46 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 8.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/109/PESK

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]).

(2) L-Artikolu 11 (3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jistipula li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim, skond l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2004, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina. (Operazzjoni ALTHEA)

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA) hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat li jagħżel il-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar l-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

([1]) ĠU L 252, tat-28.7.2004, p. 10.

# FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni Althea)

L-UNJONI EWROPEA (UE),

min-naħa l-waħda, u

IR-RENJU TAL-MAROKK

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Partijiet",

WARA LI QIESU:

— l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]),

— l-istedina lir-Renju tal-Marokk biex jipparteċipa fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,

— it-twettiq b'suċċess tal-proċess ta' Ġenerazzjoni ta' Forza u r-rakkomandazzjoni mill-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE u l-Kumitat Militari ta' l-UE biex jiftiehmu dwar il-parteċipazzjoni tal-forzi tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,

— id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BIH/1/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 ([2]) dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribut tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-UE fil-Bosnja u Ħerzegovina,

— id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BIH/3/2004 tad-29 ta' Settembru 2004 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-UE fil-Bosnja u Ħerzegovina ([3]),

QABLU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Parteċipazzjoni fl-operazzjoni**

1. Ir-Renju tal-Marokk għandu jassoċja ruħu ma' l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina u ma' kwalunkwe Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe arranġament implimentattiv meħtieġ.

2. Il-kontribut tar-Renju tal-Marokk għall-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi hu mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Ir-Renju tal-Marokk għandu jiżgura li l-forzi u l-persunal tiegħu li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jidħlu għall-missjoni tagħhom b'mod konformi ma':

— l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK u l-emendi sussegwenti possibbli;

— il-Pjan ta' Operazzjoni;

— il-miżuri implimentattivi.

4. Il-forzi u l-persunal issekondati għall-operazzjoni mir-Renju tal-Marokk għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jġibu ruħhom biss bl-interess ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi f'moħħhom.

([1]) ĠU L 252, tat-28.7.2004, p. 10.
([2]) ĠU L 324, tas-27.10.2004, p. 20.
([3]) ĠU L 325, tat-28.10.2004, p. 64. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni BIH/5/2004 (ĠU L 357, tat-2.12.2004, p. 39).

5. Ir-Renju tal-Marokk għandu jinforma lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE fi żmien debitu bi kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjoni.

*Artikolu 2*

**Status tal-forzi**

1. L-istatus tal-forzi u l-persunal ikkontribwiti għall-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi mir-Renju tal-Marokk għandu jkun irregolat mid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, jekk disponibbli, miftiehma bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż ospitanti.

2. L-istatus tal-forzi u tal-persunal ikkontribwiti lill-kwartieri ġenerali jew lill-elementi ta' kmand li jinsabu barra mill-Bosnja u Ħerzegovina għandu jkun rregolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand ikkonċernati u r-Renju tal-Marokk.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi msemmija fil-paragrafu 1, ir-Renju tal-Marokk għandu jeżerċita ġurisdizzjoni fuq il-forzi u l-persunal tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

4. Ir-Renju tal-Marokk għandu jkun responsabbli li jwieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, minn jew dwar kwalunkwe parti tal-forzi u l-persunal tiegħu. Ir-Renju tal-Marokk għandu jkun responsabbli li jġib kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dixxiplinarja, kontra kwalunkwe parti tal-forzi u l-persunal tiegħu, skond il-liġijiet u regolamenti tiegħu.

5. Ir-Renju tal-Marokk jimpenja ruħu li jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u li jagħmel dan meta jkun qed jiffirma dan il-Ftehim.

6. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet, għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u li jagħmlu dan meta jkunu qed jiffirmaw dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Informazzjoni klassifikata**

1. Ir-Renju tal-Marokk għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li l-informazzjoni kklassifikata ta' l-UE tkun protetta skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 ([1]), u skond gwida oħra maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE.

2. Fejn l-UE u r-Renju tal-Marokk jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni kklassifikata, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

*Artikolu 4*

**Linja ta' kmand**

1. Il-forzi u l-persunal kollha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandhom jibqgħu taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand Operazzjonali u Tattiku u/jew il-kontroll tal-forzi u l-persunal tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE huwa intitolat li jiddelega l-awtorità tiegħu.

3. Ir-Renju tal-Marokk għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' tmexxija ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri parteċipanti ta' l-Unjoni Ewropea.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE jista', wara konsultazzjonijiet mar-Renju tal-Marokk, fi kwalunkwe ħin jitlob l-irtirar tal-kontribut tar-Renju tal-Marokk.

5. Rappreżentant Militari Superjuri (SMR) għandu jiġi maħtur mir-Renju tal-Marokk biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tiegħu fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent.

*Artikolu 5*

**Aspetti finanzjarji**

1. Ir-Renju tal-Marokk għandu jassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż m'humiex suġġetti għal finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan il-Ftehim, kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' operazzjonijiet ta' l-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ([2]).

2. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew dannu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih/fihom titwettaq l-operazzjoni, ir-Renju tal-Marokk għandu, meta r-responsabbiltà tiegħu tkun ġiet stabbilita, iħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, jekk disponibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim.

([1]) ĠU L 101, tal-11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/194/KE (ĠU L 63, tat-28.2.2004, p. 48).

([2]) ĠU L 63, tat-28.2.2004, p. 68.

*Artikolu 6*

**Arranġamenti biex jiġi implimentat il-Ftehim**

Kwalunkwe arranġament tekniku u amministrattiv meħtieġ waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-awtoritajiet xierqa tar-Renju tal-Marokk.

*Artikolu 7*

**Non-konformità**

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha stabbiliti fl-Artikoli preċedenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' xahar.

*Artikolu 8*

**Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet**

Kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżolti b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu notifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-firma.

3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm idum il-kontribut tar-Renju tal-Marokk għall-operazzjoni.

Magħmul f'Brussell, nhar l- 0 1 -02- 2005 fil-lingwa Ingliża f'erba' kopji.

*Għall-Unjoni Ewropea*



*Għar-Renju tal-Marokk*



## DIKJARAZZJONIJIET

### imsemmija fl-Artikolu 2(5) u 6(4) tal-Ftehim

**Dikjarazzjoni mill-Istati Membri ta' l-UE:**

"L-Istati Membri ta' l-UE li japplikaw l-Azzjoni Konġunta ta' l-UE 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u l-Ħerzegovina għandhom jagħmlu sforz sabiex, safejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu dan, jirrinunzjaw kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra r-Renju tal-Marokk għal korriment, mewt tal-persunal tagħhom, jew dannu għal, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tagħhom u li jkunu qed jintużaw fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal mir-Renju tal-Marokk fit-twettiq tad-doveri tagħhom marbuta ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi lu huma proprjetà tar-Renju tal-Marokk, sakemm l-assi intużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja ta' persunal ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi mir-Renju tal-Marokk li kien qed juża' dawk l-assi."

**Dikjarazzjoni mir-Renju tal-Marokk:**

"Ir-Renju tal-Marokk fl-applikazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta ta' l-UE 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina għandu jagħmel sforz sabiex, safejn is-sistema legali interna tiegħu tippermetti dan, jirrinunzja kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat ieħor li jipparteċipa fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għal korriment, mewt tal-persunal tiegħu, jew dannu għal jew telf ta' kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tiegħu u li jkunu wżati mill-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat mill-persunal fit-twettiq tad-doveri tiegħu b'konnessjoni ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi ta' l-Istati li qed jipparteċipaw fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, sakemm l-assi jkunu ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba volontarja tal-persunal ta' operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi li kien qed juża dawk l-assi."

32005D0110

9.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 36/3

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li taħtar membru Daniż tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/110/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni [1].

(2) Post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Jens KRAMER MIKKELSEN, notifikata lill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Lars ENGBERG, Overborgmester Københavns Kommune, hu b'dan maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sur Jens KRAMER MIKKELSEN għall-bqija tal-mandat tiegħu, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussell, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

[1] ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.

32005D0111

L 36/4 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.2.2005

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tal-31 ta' Jannar 2005**

**li taħtar membru wieħed Ungeriż u tliet membri supplenti Ungeriżi tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2005/111/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ungeriż,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni [1],

(2) post wieħed bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Gábor DEMSZKY, notifikat lill-Kunsill fl-10 ta' Awissu 2004, u żewġ postijiet bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara r-riżenja tas-Sinjura Klára KOVÁCSNÉ, notifikata lill-Kunsill fis-7 ta' Lulju 2004, u r-riżenja tas-Sur János LÁZÁR, notifikata lill-Kunsill fil-21 ta' Settembru 2004, u post wieħed bħala membru supplenti sar vakanti wara n-nomina tas-Sur Gábor BIHARY bħala membru,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura għall-Kumitat tar-Reġjuni

(a) bħala membri:

Is-Sur Gábor BIHARY
Membru ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Kapitali,
President tal-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea u l-Affarijiet Barranin ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Kapitali
minflok is-Sur Gábor DEMSZKY

(b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Béla CSÉCSEI
Sindku tad-distrett VIII. ta' Budapest
minflok is-Sur Gábor BIHARY

Is-Sur Nándor LITTER
Sindku ta' Nagykanizsa
minflok is-Sur János LÁZÁR

---

[1] ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.

Is-Sur Zoltán NAGY
Membru tal-gvern lokali, Gvern tal-Belt ta' Komárom
minflok is-Sinjura Klára KOVÁCSNÉ HORVÁTH

għall-bqija tal-mandat tagħhom, li jibqa' jgħodd sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussell, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

32005D0112

L 36/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.2.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li taħtar membru supplenti Spanjol tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/112/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (1),

(2) post bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Carlos Javier FERNÁNDEZ CARRIEDO, notifikata lill-Kunsill fid-29 ta' Novembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Tomás VILLANUEVA RODRÍGUEZ, Consejero de Economía y Empleo, Comunidad Autónoma de Castilla y Léon, huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sur Carlos Javier FERNÁNDEZ CARRIEDO għall-bqija tal-mandat tiegħu, li jkompli sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005D0120

L 39/46 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 11.2.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li taħtar membru supplenti Ġermaniż tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/120/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

(2) post bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sinjura Maria Theresia OPLADEN, innotifikata lill-Kunsill fid-29 ta' Novembru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Hans-Josef VOGEL, Bürgermeister der Stadt Arnsberg, huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Maria Theresia OPLADEN għall-bqija tal-mandat tagħha, li jibqa' jgħodd sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005D0121

11.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 39/47

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li taħtar membru wieħed Portugiż u żewġ membri supplenti Portugiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/121/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Portugiż,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

(2) post wieħed bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Pedro SANTANA LOPES, innotifikat lill-Kunsill fit-22 ta' Lulju 2004, u post wieħed bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Roberto de Sousa Rocha AMARAL, innotifikat lill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2004, u post wieħed bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara n-nomina tas-Sur Manuel do Nascimento MARTINS bħala membru,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura għall-Kumitat tar-Reġjuni

(a) bħala membru:

Is-Sur Manuel do Nascimento MARTINS
Presidente da Câmara Municipal de Vila Real
minflok is-Sur Pedro SANTANA LOPES,

(b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Vasco Ilídio ALVES CORDEIRO
Secretário regional da Presidência da Região Autónoma dos Açores
minflok is-Sur Roberto AMARAL

Is-Sur Manuel Joaquim BARATA FREXES
Presidente da Câmara Municipal do Fundão
Praça do Município
minflok is-Sur Manuel do Nascimento MARTINS

għall-bqija tal-mandat tagħhom, li jibqa' jgħodd sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005R0257

17.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 46/1

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru. 257/2005**

**ta' l-4 ta' Frar 2005**

**li jiffissa l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2004 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, ta' l-aġenti kontrattwali u ta' l-aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej li jagħtu s-servizz tagħhom f'pajjiżi terzi, kif ukoll ta' ċerti uffiċjali li jżommu l-post tas-servizz tagħhom fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 259/68 ([1]), kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 857/2004 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13, l-ewwel paragrafu, ta' l-Anness X ma' l-imsemmija Regolamenti,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, paragrafu 4, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Jinħtieġ li jittieħed kont ta' l-evoluzzjoni ta' l-għoli tal-ħajja fil-pajjiżi terzi u li jiġu iffissati, bħala konsegwenza, l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli, b'effett mill-1 ta' Lulju 2004, għar-rimunerazzjonijiet imħallsa, fil-muniti tal-pajjizi li fihom iservu, lill-uffiċjali, lill-aġenti kontrattwali u lill-aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej li jagħtu s-servizz tagħhom f'pajjiżi terzi kif ukoll lil ċerti uffiċjali li jżommu l-post tas-servizz tagħhom fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-1 ta' Mejju 2004.

(2) Il-koefficjenti korrettivi applikabbli fir-rigward ta' ħlas li sar abbazi tar-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1785/2004 ([3]) jistgħu jirriżultaw f'aġġustamenti pożittivi jew negattivi tar-rimunerazzjonijiet b'effett retroattiv.

(3) Għandhom isiru provvedimenti għall-ħlas ta' arrettrati fil-każ ta' żieda fir-rimunerazzjonijiet dovuta għall-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda.

(4) Għandhom isiru provvedimenti għall-irkupru ta' l-ammonti mħallsa eċċessivament fil-każ ta' riduzzjoni fir-rimunerazzjonijiet dovuta għall-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2004 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(5) Għandhom isiru provvedimenti sabiex kwalunkwe rkupru eventwali jkun ristrett għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u sabiex l-effetti tiegħu jiġu mifruxa fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar minn dik id-data, similment għal dak dispost fir-rigward tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli fil-Komunitajiet għar-rimunerazzjonijiet u għall-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u ta' l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2004, għandhom jiġu applikati l-koeffiċjenti korrettivi li huma iffissati fl-Anness għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, ta' l-aġenti kontrattwali u ta' l-aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej li jagħtu s-servizz tagħhom f'pajjiżi terzi kif ukoll ta' ċerti uffiċjali li jżommu l-post tas-servizz tagħhom fl-għaxar Stati Membri l-ġodda għal perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni, imħallsa fil-muniti tal-pajjiżi li fihom iservu.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkoli ta' tali rimunerazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u għandhom jikkorrispondu mad-data msemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 2*

1. L-istituzzjonijiet għandhom iħallsu l-arretrati fil-każ ta' żieda fir-rimunerazzjonijiet dovuta għall-koeffiċjenti korrettivi iffissati fl-Anness.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 30.4.2004, p. 11.
([3]) ĠU L 317, 16.10.2004, p. 1.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti retroattivi negattivi fir-rimunerazzjonijiet f'każ ta' tnaqqis dovut għall-koeffiċjenti korrettivi iffissati fl-Anness għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2004 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-aġġustamenti retroattivi li jinvolvu l-irkupru ta' ammonti mħallsa eċċessivament għandhom isiru biss fir-rigward ta' perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-irkupru għandu jiġi mifrux fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar minn dik id-data.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-4 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

*ANNESS*

| Postijiet ta' servizz | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2004 |
|---|---|
| Afganistan (*) | 0,0 |
| Afrika ta' Isfel | 69,2 |
| Albanija | 87,7 |
| Alġerija | 83,4 |
| Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 73,5 |
| Angola | 111,4 |
| Gharabja Sawdita | 86,0 |
| Arġentina | 58,0 |
| Armenja (*) | 0,0 |
| Awstralja | 93,7 |
| Bangladexx | 53,0 |
| Barbados | 111,9 |
| Benin | 87,0 |
| Bolivja | 48,2 |
| Bosnja u Ħerżegovina | 72,2 |
| Botswana | 68,7 |
| Brażil | 55,1 |
| Bulgarija | 74,0 |
| Burkina Faso | 82,0 |
| Burundi (*) | 0,0 |
| Kambodja | 64,3 |
| Kamerun | 97,9 |
| Kanada | 75,9 |
| Kap Verde | 74,0 |
| Ċili | 69,5 |
| Ċina | 74,5 |
| Ċipru | 100,1 |
| Ċisġordanja – Medda ta' Gaza | 86,0 |
| Kolombja | 57,5 |
| Kongo | 128,5 |
| Korea ta' Isfel | 90,2 |
| Kosta Rika | 68,7 |
| Kosta ta' l-Avorju | 108,1 |
| Kroazja | 99,0 |
| Kuba | 88,5 |
| Ġibuti | 94,5 |
| Eġittu | 45,6 |
| El Salvador (*) | 0,0 |

| Postijiet ta' servizz | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2004 |
|---|---|
| Ekwador | 68,1 |
| Eritrea | 39,0 |
| Estonja | 75,2 |
| Stati Uniti (New York) | 103,5 |
| Stati Uniti (Washington) | 99,5 |
| Etjopja | 68,1 |
| Gabon | 112,8 |
| Gambja | 36,8 |
| Ġeorġja | 88,2 |
| Gana | 67,2 |
| Gwatemala | 71,6 |
| Ginea | 76,6 |
| Ginea-Bissaw | 137,0 |
| Gujana | 57,3 |
| Ħaiti | 101,4 |
| Ħonduras (*) | 0,0 |
| Hong Kong | 84,2 |
| Ungerija | 74,4 |
| Fiġi | 70,3 |
| Ġzejjer Solomon | 80,8 |
| Indja | 47,6 |
| Indoneżja | 74,7 |
| Iżrael | 88,5 |
| Ġamajka | 82,7 |
| Ġappun (Naka) | 125,6 |
| Ġappun (Tokyo) | 133,9 |
| Ġordan | 73,2 |
| Każakstan | 96,1 |
| Kenja | 72,5 |
| Kirgiztan (*) | 0,0 |
| Laos | 67,4 |
| Lesoto | 72,6 |
| Latvja | 72,4 |
| Libanu | 88,9 |
| Liberja (*) | 0,0 |
| Litwanja | 73,7 |
| Madagaskar | 56,8 |
| Malasja | 71,4 |
| Malawi | 72,4 |
| Mali | 89,0 |
| Malta | 97,5 |

| Postijiet ta' servizz | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2004 |
|---|---|
| Marokk | 82,7 |
| Mawrizju | 73,2 |
| Mawritanja | 58,2 |
| Messiku | 71,1 |
| Możambik | 75,5 |
| Namibja | 83,4 |
| Nepal | 65,3 |
| Nikaragwa | 64,7 |
| Niġer | 87,6 |
| Niġerja | 69,0 |
| Norveġja | 125,1 |
| New Caledonia | 119,8 |
| New Zealand (*) | 0,0 |
| Uganda | 71,9 |
| Pakistan | 50,1 |
| Papwa-Ginea Ġdida | 76,5 |
| Paragwaj | 62,8 |
| Perù | 78,8 |
| Filippini | 47,2 |
| Polonja | 69,2 |
| Repubblika Afrikana Ċentrali | 109,3 |
| Repubblika Demokratika tal-Kongo | 137,5 |
| Repubblika Dominikana | 48,5 |
| Repubblika Ċeka | 80,9 |
| Rumanija | 49,8 |
| Russja | 102,5 |
| Ruwanda | 77,6 |
| Senegal | 78,7 |
| Serbja u Montenegro | 61,8 |
| Sierra Leone | 70,4 |
| Singapor | 93,6 |
| Slovakkja | 84,9 |
| Slovenja | 82,3 |
| Somalja (*) | 0,0 |
| Sudan | 38,6 |
| Sri Lanka | 53,6 |
| Svizzera | 117,3 |
| Surinam | 53,1 |
| Sważiland | 70,0 |
| Sirja | 64,3 |
| Taġikistan (*) | 0,0 |

| Postijiet ta' servizz | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2004 |
|---|---|
| Tajwan | 86,1 |
| Tanzanija | 57,9 |
| Ċad | 114,2 |
| Tajlandja | 57,9 |
| Togo | 96,9 |
| Trinidad u Tobago | 69,3 |
| Tuniżija | 73,8 |
| Turkija | 78,5 |
| Ukraina | 92,0 |
| Urugwaj | 58,5 |
| Vanwatu | 114,7 |
| Venezwela | 63,1 |
| Vjetnam | 51,0 |
| Jemen (*) | 0,0 |
| Żambja | 47,1 |
| Żimbabwe | 51,9 |

(*) Mhux disponibbli

32005D0134

17.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 46/49

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/134/PESK

## ta' l-20 ta' Diċembru 2004

## dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni ta' stati terzi f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim li jistabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni possibli fil-ġejjieni, iktar milli wieħed jiddefenixxi dawn il-kondizzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ għal kull operazzjoni konċernata.

(2) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-23 ta' Frar 2004, il-Presidenza, megħjuna mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna/persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-20 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. VAN GEEL

# FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarijafl-operazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'l quddiem imsejjħa "l-Partijiet",

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea (UE) tista' tiddeċiedi li tieħu azzjoni fil-qasam ta' maniġġjar ta' kriżi.

(2) L-Unjoni Ewropea tiddeċiedi jekk stati terzi jkunux mistiedna biex jipparteċipaw f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tista' taċċetta l-istedina mill-Unjoni Ewropea u toffri l-kontribut tagħha. F'tali każ, l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dwar jekk taċċettax il-kontribut propost tar-Repubblika tal-Bulgarija.

(3) Jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tieħu r-responsabbiltà għal operazzjoni militari ta' maniġġjar ta' kriżi b'rikors għall-assi u l-kapaċitajiet tan-NATO, ir-Repubblika tal-Bulgarija tista' tesprimi l-intenzjoni tagħha fil-prinċipju li tipparteċipa fl-operazzjoni.

(4) Il-Kunsill Ewropew fi Brussel fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2002 qabel fuq il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet miftiehma mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7-9 ta' Diċembru 2000 dwar l-involviment tal-membri Ewropej tan-NATO li mhumiex membri ta' l-UE fil-manaġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE.

(5) Il-kondizzjonijiet rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija f'operazzjonijiet ta' maniġġjar ta' kriżi ta' l-UE għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim li jistabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni fil-ġejjieni, iktar milli jiġu definiti dawn il-kondizzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ għal kull operazzjoni konċernata;

(6) Tali Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u ma għandux jiġġudika minn qabel in-natura każ b'każ tad-deċiżjonijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija li tipparteċipa f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

(7) Tali Ftehim għandu jindirizza biss operazzjonijiet ta' maniġġjar ta' kriżi ta' l-UE fil-ġejjieni u għandu jkun mingħajr ħsara għal ftehim li forsi diġà jeżistu li jirregolaw il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tar-Repubblika tal-Bulgarija f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi li diġà nbdiet,

QABLU KIF ĠEJ:

SEZZJONI I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Deċiżjonijiet dwar il-parteċipazzjoni

1. Wara d-deċiżjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tistieden lir-Repubblika tal-Bulgarija biex tipparteċipa f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u ladarba r-Repubblika tal-Bulgarija tkun iddeċidiet li tipparteċipa, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-kontribut propost tagħha lill-Unjoni Ewropea.

2. Fejn l-Unjoni Ewropea tkun iddeċidiet li tieħu r-responsabbiltà għal operazzjoni militari ta' maniġġjar ta' kriżi b'rikors għall-assi u l-kapaċitajiet tan-NATO, ir-Repubblika tal-Bulgarija tinforma lill-Unjoni Ewropea bi kwalunkwe intenzjoni tagħha li tipparteċipa fl-operazzjoni, u sussegwentement tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe kontribut propost.

3. Il-valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tal-kontribut tar-Repubblika tal-Bulgarija għandha ssir b'konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Bulgarija.

4. L-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi lir-Repubblika tal-Bulgarija b'indikazzjoni bikrija ta' kontribut probabbli għall-ispejjeż komuni ta' l-operazzjoni mill-aktar fis possibbli bil-ħsieb li tgħin lir-Repubblika tal-Bulgarija fil-formulazzjoni ta' l-offerta tagħha.

5. L-Unjoni Ewropea għandha tikkomunika r-riżultat tal-valutazzjoni lir-Repubblika tal-Bulgarija permezz ta' ittra bil-ħsieb li tassigura l-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

**Qafas**

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tassoċja ruħha ma' l-Azzjoni Konġunta li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li l-UE ser twettaq l-operazzjoni ta' maniġġjar ta' kriżi, u ma' kwalunkwe Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe arranġamenti implimentattivi meħtieġa.

2. Il-kontribut tar-Repubblika tal-Bulgarija għal operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi huwa bla ħsara għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

**Status ta' persunal u forzi**

1. L-istatus ta' persunal issekondat għal operazzjoni ċivili ta' l-UE ta' maniġġjar ta' kriżi u/jew il-forzi kontribwiti għal operazzjoni militari ta' l-UE ta' maniġġjar ta' kriżi mir-Repubblika tal-Bulgarija għandhom jiġu regolati mill-Ftehim dwar l-istatus ta' forzi/missjoni, jekk jeżistu, konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat(i) li fih(om) titwettaq l-operazzjoni.

2. L-istatus tal-persunal kontribwit għall-kwartieri ġenerali jew elementi ta' kmand li jinstabu barra l-Istat(i) li fih(om) isseħħ l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, għandu jiġi regolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand konċernati u r-Repubblika tal-Bulgarija.

3. Bla ħsara għall-ftehim dwar l-istatus ta' forzi/missjoni msemmija fil-paragrafu 1, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-persunal tagħha li jipparteċipa fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

4. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tkun responsabbli biex twieġeb kwalunkwe pretensjonijiet marbuta ma' parteċipazzjoni f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, minn jew dwar kwalunkwe mill-persunal tagħha. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tkun responsabbli biex tressaq kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dixxiplinarji, kontra kwalunkwe membru tal-persunal tagħha.

5. Ir-Repubblika tal-Bulgarija tintrabat li tagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat li jipparteċipa f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi li fiha tipparteċipa r-Repubblika tal-Bulgarija, u li tagħmel dan meta tiffirma dan il-ftehim. Mudell għal tali dikjarazzjoni huwa anness ma' dan il-Ftehim.

6. L-Unjoni Ewropea tintrabat li tassigura li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet, għal kwalunkwe parteċipazzjoni fil-ġejjieni tar-Repubblika tal-Bulgarija f'operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u li jagħmlu dan mal-firma ta' dan il-Ftehim. Mudell għal tali dikjarazzjoni huwa anness ma' dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Informazzjoni klassifikata**

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li informazzjoni klassifikata ta' l-UE hija mħarsa skond ir-regolamenti tas-sigurtà tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u skond gwida ulterjuri maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE dwar operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jew mill-Kap tal-Missjoni ta' l-UE dwar operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

2. Fejn l-UE u r-Repubblika tal-Bulgarija jkunu kkonkludew ftehim fuq proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom jappli-kaw fil-kuntest ta' operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

SEZZJONI II

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR PARTEĊIPAZZJONI F'OPERAZZJONIJIET ĊIVILI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' KRIŻI**

*Artikolu 5*

**Persunal issekondat lil operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi**

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tiżgura li l-persunal tagħha issekondat lil operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jidħlu għall-missjoni tagħhom b'mod konformi ma':

— l-Azzjoni Konġunta u emendi sussegwenti kif msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim;

— il-Pjan ta' l-Operazzjoni;

— miżuri implimentattivi.

2. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tinforma fi żmien xieraq lill-Kap tal-Missjoni ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla fil-kontribut tagħha fl-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

3. Persunal issekondat lill-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandu jagħmel eżami mediku, tilqim u għandu jkun ċertifikat b'mod mediku li hu b'saħħtu għax-xogħol minn awtorità kompetenti mir-Repubblika tal-Bulgarija. Persunal issekondat lill-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandu jipproduċi kopja ta' din iċ-ċertifikazzjoni.

*Artikolu 6*

**Linja ta' kmand**

1. Persunal issekondat mir-Repubblika tal-Bulgarija għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jġib ruħhu bl-interessi ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi biss f'moħħu.

2. Il-persunal kollu għandu jibqa' taħt il-kmand totali ta' l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu.

3. Awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu kontroll operazzjonali lill-Kap tal-Missjoni ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, li għandu jeżerċita dak il-kmand permezz ta' struttura ġerarkika ta' kmand u kontroll.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jmexxi l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi u jieħu f'idejh l-amministrazzjoni tagħha ta' kuljum.

5. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' amministrazzjoni ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu qed jipparteċipaw fl-operazzjoni, skond l-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim.

6. Il-Kap tal-Missjoni ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandu jkun responsabbli għall-kontroll dixxiplinarju tal-persunal ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi. Meta jkun meħtieġ, azzjoni dixxiplinarja għandha tittieħed mill-awtoritá nazzjonali konċernata.

7. Għandu jiġi maħtur Punt ta' Kuntatt tal-Kontinġent Nazzjonali (NPC) mir-Repubblika tal-Bulgarija biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni. L-NPC għandu jirraporta lill-Kap tal-Missjoni ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi dwar kwistjonijiet nazzjonali u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina tal-kontinġenti ta' kuljum.

8. Id-deċiżjoni li tintemm l-operazzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea, wara konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Bulgarija, sakemm ir-Repubblika tal-Bulgarija tkun għadha qed tikkontribwixxi fl-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi fid-data tat-tmiem ta' l-operazzjoni.

*Artikolu 7*

**Aspetti finanzjarji**

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni minbarra l-ispejjeż, li huma suġġetti għal finanzjament komuni, kif stabbilit fil-*budget* tal-ħidma ta' l-operazzjoni. Dan għandu jkun mingħajr ħsara għall-Artikolu 8.

2. F'każ ta' mewt, dannu, telf jew ħsara lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih titwettaq l-operazzjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha, meta r-responsabbiltà tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet previsti fil-ftehim dwar l-istatus tal-missjoni, jekk jeżistu, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 8*

**Kontribut għal *baġit* operazzjonali**

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-*budget* tal-ħidma ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

2. Il-kontribut finanzjarju tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-*budget* tal-ħidma għandu jkun l-iktar ammont baxx minn dawn iż-żewġ alternattivi li ġejjin:

(a) dak is-sehem ta' l-ammont ta' referenza li huwa fi proporzjon mar-rata tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) tagħha għat-total tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNIs) ta' l-Istati kollha li jkunu qed jikkontribwixxu fil-*budget* operazzjonali ta' l-operazzjoni; jew

(b) dak is-sehem ta' l-ammont ta' referenza fil-*budget* operazzjonali li huwa fi proporzjon mar-rata tan-numru tal-persunal tagħha parteċipanti fl-operazzjoni għan-numru totali ta' persunal ta' l-Istati kollha parteċipanti fl-operazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, ir-Repubblika tal-Bulgarija ma għandha tagħmel l-ebda kontribut għall-finanzjament ta' għotjiet *per diem* mħallsa lill-persunal ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

4. Minkejja l-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea għandha, fil-prinċipju, teżenta lill-Istati terzi minn kontributi finanzjarji għal xi operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi partikolari meta:

(a) l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li l-Istat terz parteċipanti fl-operazzjoni jipprovdi kontribut sinifikanti li huwa essenzjali għal din l-operazzjoni; jew

(b) l-Istat terz parteċipant fl-operazzjoni għandu GNI *per capita* li ma jaqbiżx dak ta' kwalunkwe Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Arranġament dwar il-modalitajiet prattiċi tal-ħlas għandu jiġi iffirmat bejn il-Kap tal-Missjoni ta' l-operazzjoni ċivili ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi u s-servizzi amministrattivi rilevanti tar-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-kontributi tar-Repubblika tal-Bulgarija għall-*budget* tal-ħidma ta' l-operazzjoni ċivili ta' maniġġjar ta' kriżi ta' l-UE. Dan l-arranġament għandu, *inter alia*, jinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont konċernat;

(b) l-arranġamenti għal ħlas tal-kontribut finanzjarju;

(ċ) il-proċedura tal-verifika tal-kontijiet.

SEZZJONI III

## DISPOŻIZZJONIJIET DWAR PARTEĊIPAZZJONI F'OPERAZZJONIJIET MILITARI TA' MANIĠĠJAR TA' KRIŻI

*Artikolu 9*

### Parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tiżgura li l-forzi tagħha u l-persunal parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jidħlu għall-missjoni tagħhom b'mod konformi ma':

— l-Azzjoni Konġunta u emendi sussegwenti kif msemmija fl-Artikolu 2 (1) ta' dan il-Ftehim;

— il-Pjan ta' l-Operazzjoni;

— miżuri implimentattivi.

2. Persunal issekondat mir-Repubblika tal-Bulgarija għandu jwettaq id-doveri tiegħu u jġib ruħhu bl-interessi ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi biss f'moħħu.

3. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tinforma lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE fi żmien xieraq bi kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni.

*Artikolu 10*

### Linja ta' kmand

1. Il-forzi u l-persunal kollu parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandhom jibqgħu taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand Operazzjonali u Tattiku u/jew il-kontroll tal-forzi u l-persunal tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE huwa intitolat li jiddelega l-awtorità tiegħu.

3. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' tmexxija ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea parteċipanti.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE jista', wara konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Bulgarija, fi kwalunkwe ħin jitlob l-irtirar tal-kontribut tar-Repubblika tal-Bulgarija.

5. Rappreżentant Militari Superjuri (SMR) għandu jiġi maħtur mir-Repubblika tal-Bulgarija biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina kontinġenti ta' kuljum.

*Artikolu 11*

### Aspetti finanzjarji

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 12, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż mhumiex suġġett ta' finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim, kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' spejjeż komuni ta' operazzjonijiet ta' l-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ([1]).

2. F'każ ta' mewt, dannu, telf jew ħsara lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih(om) titwettaq l-operazzjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha, meta r-responsabbiltà tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet maħsuba fil-ftehim dwar l-istatus ta' forzi, jekk jeżistu, kif msemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 12*

### Kontribut għall-ispejjeż komuni

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

([1]) ĠU. L 63, 28.2.2004, p. 68

2. Il-kontribut finanzjarju tar-Repubblika tal-Bulgarija fl-ispejjeż komuni għandu jkun l-iktar ammont baxx minn dawn iż-żewġ alternattivi li ġejjin:

(a) dak is-sehem ta' l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni li huwa fi proporzjon mar-rata tal-GNI tagħha għat-total tal-GNIs ta' l-Istati kollha li jkunu qed jikkontribwixxu għall-ispejjeż komuni ta' l-operazzjoni; jew

(b) dak is-sehem ta' l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni li huwa fi proporzjon mar-rata tan-numru tal-persunal tagħha parteċipanti fl-operazzjoni għan-numru totali ta' persunal ta' l-Istati kollha parteċipanti fl-operazzjoni.

Fil-kalkolazzjoni ta' 2(b), fejn ir-Repubblika tal-Bulgarija tikkontribwixxi persunal għall-Operazzjoni jew il-Kwartieri Ġenerali ta' Forza biss, ir-rata użata għandha tkun dik tal-persunal tagħha ma' dik tan-numru totali tal-persunal rispettiv tal-kwartieri ġenerali. Inkella, ir-rata għandha tkun dik tal-persunal kollha kontribwit mir-Repubblika tal-Bulgarija ma' dik tal-persunal totali ta' l-operazzjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea għandha, fil-prinċipju, teżenta lill-Istati terzi minn kontributi finanzjarji għall-ispejjeż komuni ta' operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi partikolari meta:

(a) l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li l-Istat terz parteċipant fl-operazzjoni jipprovdi kontribut sinifikattiv għal assi u/jew kapaċitajiet li huma essenzjali għal din l-operazzjoni; jew

(b) l-Istat terz parteċipant fl-operazzjoni għandu GNI *per capita* li ma jaqbiżx dak ta' kwalunkwe Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

4. Arranġament għandu jiġi konkluż bejn l-Amministratur previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' operazzjonijiet ta' l-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, u l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tar-Repubblika tal-Bulgarija. Dan l-arranġament għandu jinkludi dispożizzjonijiet *inter alia* dwar:

(a) l-ammont konċernat;

(b) l-arranġamenti għall-ħlas tal-kontribut finanzjarju;

(ċ) il-proċedura tal-verifika tal-kontijiet.

SEZZJONI IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 13*

**Arranġamenti biex jiġi implimentat il-Ftehim**

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 8(5) u 12(4), kwalunkwe arranġamenti tekniċi u amministrattivi meħtieġa skond l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu konklużi bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u l-awtoritajiet xierqa tar-Repubblika tal-Bulgarija.

*Artikolu 14*

**Nuqqas ta' konformitá**

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha stabbiliti fl-Artikoli preċedenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' xahar.

*Artikolu 15*

**Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet**

Kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżolti b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu innotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-firma.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat abbażi ta' ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi ddenunzjat minn Parti waħda b'avviż ta' denunzja bil-miktub mogħti lill-Parti l-oħra. Tali denunzja għandha tibda sseħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tirċievi n-notifika.

Magħmul fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005, fil-lingwa Ingliża f'erba' kopji.

*Għall-Unjoni Ewropea*



*Għar-Repubbllika tal-Bulgarija*



*ANNESS*

## TEST GĦAL DIKJARAZZJONIJIET

**Dikjarazzjoni mill-Istati Membri ta' l-UE:**

L-Istati Membri ta' l-UE li japplikaw Azzjoni Konġunta ta' l-UE dwar operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, li tipparteċipa fiha r-Repubblika tal-Bulgarija, sejrin jippruvaw, safejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu, jirrinunzjaw safejn ikun possibbli l-pretensjonijiet kontra r-Repubblika tal-Bulgarija għal dannu, mewt ta' persunal, jew ħsara lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li huma proprjetà tagħhom u wżati mill-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali dannu, mewt, ħsara jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal mir-Repubblika tal-Bulgarija fl-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom b'konnessjoni ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja, jew

— seħħew bl-użu ta' kwalunkwe assi fil-propjetà tar-Repubblika tal-Bulgarija, sakemm l-assi ġew użati b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief fil-każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja tal-persunal ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi mir-Repubblika tal-Bulgarija li kien qed juża dawk l-assi.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija:**

Ir-Repubblika tal-Bulgarija waqt li tapplika Azzjoni Konġunta ta' l-UE dwar operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandha tipprova, safejn is-sistemi legali interni tagħha hekk jippermettu, tirrinunzja safejn possibbli għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat ieħor li qed jipparteċipa fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għal dannu, mewt ta' persunal tagħha, jew ħsara lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li huma proprjetà tagħha u wżati mill-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali dannu, mewt, ħsara jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal fl-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom b'konnessjoni ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi ta' Stati parteċipanti fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, sakemm l-assi jkunu ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba ħażina volontarja ta' persunal ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi li jkun qed juża' dawk l-assi.

32005D0139

L 48/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 19.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti mid-Deċiżjoni 2002/148/KE li jikkonkludu l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Shubija ACP-KE

(2005/139/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 300(2), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Shubija ACP-KE iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Cotonou", u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/148/KE ([2]), il-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96(2)(ċ) tal-Ftehim ta' Partenarjat ACP-KE ġew magħluqa u l-miżuri xierqa, kif speċifikat fl-ittra mehmuża ma' dik id-Deċiżjoni ġew adottati.

(2) Il-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri msemmija ġie estiż sa l-20 ta' Frar 2004 mid-Deċiżjoni 2003/112/KE ([3]) u sa l-20 ta' Frar 2005 mid-Deċiżjoni 2004/157/KE ([4]).

(3) Il-ksur mill-Gvern taż- Żimbabwe ta' l-elementi essenzjali previsti mill-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Shubija ACP-KE kompla u s-sitwazzjoni attwali f'dan il-pajjiż ma tiggarantix ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat ta' dritt.

(4) Il-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE għandu għalhekk jiġi estiż.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-miżuri prebisti mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/148/KE għandha tiġi estiża sa l-20 ta' Frar 2006. Dawn il-miżuri għandhom jiġu riveduti abbażi ta' valutazzjoni sħiħa tas-sitwazzjoni fid-dawl ta' l-elezzjonijiet leġislattivi previsti fiż-Żimbabwe f'Marzu 2005.

L-ittra li tidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun indirizzata lill-President taż-Żimbabwe.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

---

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.

([2]) ĠU L 50, 21.2.2002, p. 64.

([3]) ĠU L 46, 20.2.2003, p. 25.

([4]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 60.

*ANNESS*

Brussel, …

ITTRA LILL-PRESIDENT TAŻ-ŻIMBABWE

L-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat ta' dritt huma elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Sħubija, u għalhekk huma l-bażi tar-relazzjonijiet tagħna.

B'ittra tad-19 ta' Frar 2002, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-deċiżjoni li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet li saru taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE u li tieħu ċerti "miżuri xierqa" fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 96(2)(ċ) ta' dak il-Ftehim.

B'ittri tad-19 ta' Frar 2003 u d-19 ta' Frar 2004, l-Unjoni Ewropea infurmatek bid-deċiżjonijiet tagħha li ma tirrevokax l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri xierqa u li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tagħhom sa l-20 ta' Frar 2004 u l-20 ta' Frar 2005 rispettivament.

Illum, wara perijodu ġdid ta' 12-il xahar, l-Unjoni Ewropea tikkonsidra li l-prinċipji demokratiċi għadhom mhux imħarsa fiż-Żimbabwe u li ebda progress sinifikanti ma sar mill-Gvern taż-Żimbabwe fil-ħames oqsma indirizzati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 (tmiem tal-vjolenza b'motivazzjoni politika, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, libertà tal-mezzi tax-xandir, indipendenza tal-ġudikatura u tmiem għall-okkupazzjoni illegali ta' azjendi agrikoli).

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-Unjoni Ewropea ma tikkonsidrax li l-miżuri xierqa jistgħu jiġu revokati u ddeċidiet li testendi l-perijodu ta' l-applikazzjoni tagħhom sa l-20 ta' Frar 2006. Dawn il-miżuri għandhom jiġu riveduti abbażi ta' valutazzjoni sħiħa tas-sitwazzjoni fid-dawl ta' l-elezzjonijiet leġislattivi previsti fiż-Żimbabwe f'Marzu 2005.

L-Unjoni Ewropea tixtieq tenfasizza li tagħti importanza assoluta li jsiru elezzjonijiet Parlamentari ħielsa u ġusti, u għal dan il-għan, tittama li int u l-Gvern tiegħek tagħmlu l-almu tagħkom biex tiżguraw li l-ambjent politiku elettorali jkun iwassal għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti. Dan jiffaċilita l-ftuħ mill-ġdid ta' djalogu fuq il-bażi ta' Ftehim ta' Sħubija ACP-KE, li jista' jwassal għat-tneħħija tas-sospensjoni tal-firma tad-9 Programm Indikattiv Nazzjonali EDF għaż-Żimbabwe biex b'hekk ikun possibbli li jerġgħu jinbdew l-attivitajiet ta' koperazzjoni fil-futur qrib.

Nassigurak, Sinjur President, mill-ogħla stima tiegħi lejk.

*Għall-Kummissjoni* *Għall-Kunsill*

32005E0142

19.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 48/45

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/142/PESK

## tas-17 ta' Frar 2005

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK dwar l-estensjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPOL PROXIMA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 25(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Novembru 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK [1] li testendi l-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL PROXIMA) f'Dik Li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) mill-15 ta' Diċembru 2004 għall-14 ta' Diċembru 2005.

(2) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jkun awtorizzat biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri għall-EUPOL PROXIMA, b'mod konformi mad-dokument dwar "Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' Stati mhux membri ta' l-UE għall-Immaniġġar ta' Kriżijiet Ċivili ta' l-UE" approvat mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2002.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Dan il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 9 ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK:

"7. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri."

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

[1] ĠU L 348, tal-24.11.2004, p. 40.

32005E0143

L 48/46 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 19.2.2005

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/143/PESK

## tas-17 ta' Frar 2005

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14 u 25(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Marzu 2002 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK ([1]) li tistabbilixxi Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) sabiex jiġi żgurat is-segwitu tat-*Taskforce* Internazzjonali tal-Pulizija tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Bosnja u Ħerzegovina mill-1 ta' Jannar 2003.

(2) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jkun awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri għall-EUPM, bi qbil mad-dokument dwar "Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' Stati mhux Membri ta' l-UE għall-Immaniġġjar mill-UE ta' Kriżijiet Ċivili" approvat mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2002.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK għandha tiġi emendata għaldaqstant,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 8 ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK:

"4. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri."

*Artikolu 2*

L-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 70, tat-13.3.2002, p. 1. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar bl-Azzjoni Konġunta 2003/188/PESK (ĠU L 73, tad-19.3.2003, p. 9).

32005E0146

L 49/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 22.2.2005

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/146/PESK

## tal-21 ta' Frar 2005

## li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Frar 2004 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK ([1]) li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe għal perijodu ta' 12-il xahar mill-21 ta' Frar 2004.

(2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandha tiġi mġedda għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandha tiġi estiża sa l-20 ta' Frar 2006. Hija se tiġi eżaminata mill-ġdid fid-dawl ta' l-elezzjonijiet leġislattivi li se jseħħu fiż-Żimbabwe f'Marzu 2005.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

32005E0147

22.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 49/31

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/147/PESK

## tal-21 ta' Frar 2005

## li ttawwal u temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika tal-Moldava

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK (1).

(2) fis-26 ta' Awwissu 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komnui 2004/622/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK (2).

(3) Abbażi ta' eżamina mill-ġdid tal-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK, huwa xieraq li jittawlu l-miżuri restrittivi għal perijodu ġdid ta' tnax-il-xhar u li jiġu kkompletati l-listi tal-persuni elenkati fl-Annessi I u II ta' l-imsemmija Pożizzjoni Komuni,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK, il-paragrafu 2 qed jiġi mibdul b' dan li ġej:

"2. L-Anness II għandu jiġi rivedut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru, 2005, sabiex jiġi determinat jekk reġgħux fetħu, mill-1 ta' Settembru 2005, l-iskejjel Moldavi li jħaddnu l-alfabet Ruman fir-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika Moldava, u jekk sussegwentement għalliema, ġenituri u studenti ta' dawn l-iskejjel ġewx sottoposti għal intimidazzjoni kontinwata, sabiex jiġi deċiż jekk jistgħux jitneħħew ir-restrizzjonijiet kontra l-persuni elenkati fl-Anness II.".

*Artikolu 2*

L-Annessi I u II għall-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK qed jiġu mibdula bl-Annessi I u II fl-Anness għal din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni jkollha effett mit-28 ta' Frar 2005.

Hija għandha tapplika sas-27 ta' Frar 2006.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

(1) ĠU L 55, 24.2.2004, p. 68.
(2) ĠU L 279, 28.8.2004, p. 47.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 (1), l-EWWEL INĊIŻ**

1. SMIRNOV, Igor Nikolayevich, 'President', imwieled fit-23 ta' Ottubru 1941 f'Khabarovsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru. 50 NO. 0337530.

2. SMIRNOV, Vladimir Igorevich, iben in-Nru. 1 u President tal-Kumitat Doganali ta' 'l-Istat', imwieled fit-3 ta' April 1961 f'Kupiansk (?) Kharkovskaya Oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru. 50 NO. 0337016.

3. SMIRNOV, Oleg Igorevich, iben in-Nru. 1 u Konsulent tal-Kumitat Doganali ta' 'l-Istat', imwieled fit-8 ta' Awissu 1967 f'Novaya Kakhovka, Khersonskaya Oblast, l-Ukraina passaport Russu Nru. 60 NO. 1907537.

4. LEONTIEV, Serghey Fedorovich, 'Viċi-president', imwieled fid-9 ta' Frar 1944 f'Leontievka, Odesskaya Oblast, l-Ukraina, passaport Russu Nru. 50 NO. 0065438.

5. MARAKOUTSA, Grigory Stepanovich, 'President tas-Sovjet Suprem', imwieled fil-15 ta' Ottubru 1942 f'Teya, Grigoriopolski Raion, il-Moldova, Passaport antik Sovjetiku Nru. 8BM724835.

6. KAMINSKY, Anatoly Vladimirovich, 'Viċi-president tas-Sovjet Suprem', imwieled fil-15 ta' Marzu 1950 f'Chita, il-Federazzjoni Russa, passaport antik Sovjetiku Nru. A25056238.

7. SHEVCHUK, Evgheny Vassilyevich, 'Viċi-president tas-Sovjet Suprem', imwieled fil-21 ta' Ġunju 1946 f'Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa, passaport antik Sovjetiku nru. A25004230.

8. LITSKAI, Valery Anatolyevich, 'Ministru għall-Affarijiet Barranin', imwieled fit-13 ta' Frar 1949 fi Tver, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu Nru. 51 NO. 0076099, maħruġ fid-9 ta' Awissu 2000.

9. KHAZHEYEV, Stanislav Galimovich, 'Ministru tad-Difiża', imwieled fit-28ta' Diċembru 1941 f'Chelyabinsk, il-Federazzjoni Russa.

10. ANTYUFEYEV, Vladimir Yuryevich, magħruf ukoll bħala SHEVTSOV, Vadim, 'Ministru għas-Sigurtà ta' l-Istat', imwieled fl-1951 f'Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu.

11. KOROLYOV, Alexandr Ivanovich, 'Ministru ta' l-Intern', imwieled fl-1951 f'Briansk, il-Federazzjoni Russa, passaport Russu.

12. BALALA, Viktor Alekseyevich, 'Ministru tal-Ġustizzja', imwieled fl-1961 f'Vinnitsa, l-Ukraina.

13. AKOULOV, Boris Nikolayevich, 'Rappreżentant tat-Transnistrja fl-Ukraina'.

14. ZAKHAROV, Viktor Pavlovich, Prosekutur tat-Transnistrja, imwieled fl-1948 f'Kamenka, il-Moldova.

15. LIPOVTSEV, Alexey Valentinovich, 'Deputat President tal-Kumitat Doganali'.

16. GOUDYMO, Oleg Andreyevich, 'Deputat Ministru għas-Sigurtà ta' l-Istat', imwieled fil-11 ta' Settembru 1944 f'Alma-Ata, il-Każakastan, passaport Russu nru. 51 NO. 0592094.

17. KOSOVSKI, Edouard Alexandrovich, 'President tal-Bank Repubblikan Transnistrjan', imwieled fis-7 ta' Ottubru 1958 fi Floresti, il-Moldova.

*ANNESS II*

**LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 (1), IT-TIENI INĊIŻ**

1. BOMESHKO, Elena Vasilyevna, 'Ministru ta' l-Edukazzjoni'.

2. GELLO, Valentina Alexeyevna, 'L-Ewwel Deputat Ministru ta' l-Edukazzjoni'.

3. KRIMINSKY, Alexandr Ivanovich, 'Deputat Ministru ta' l-Edukazzjoni', deher fis-26 ta' Awissu 2004 bħala Alexandru CRIMINSCHI, imwieled fil-5 ta' Awissu 1951, passaport Moldav Nru. A227223 (maħruġ f'Chisinau fis-26 ta' Ġunju 1997).

4. SURINOV, Victor Georgyevich, 'Deputat Ministru ta' l-Edukazzjoni'.

5. POSUDNEVSKY, Aleksandr Ivanovich, Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-Belt f'Bendery, magħruf bħala Alexandr POSUDNEVSKY, imwieled fit-3 ta' Mejju 1949, passaport Russu Nru. 51 NO. 0837543.

6. GORBENKO, Svetlana Alexandrovna, Deputat Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-Belt f'Bendery, responsabbli għal kwistjonijiet ta' edukazzjoni.

7. KOSTYRKO, Viktor Ivanovich, Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Tiraspol, mag]ruf bħala Viktor KOSTYRKO, imwieled fl-24 ta' Mejju 1948, passaport Russu Nru. 50 NO. 0476835, maħruġ mill-ambaxxata Russa f'Chisinau fit-18 ta' Settembru 2003.

8. PASHCHENKO, Maria Rafailovna, Kap tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Tiraspol.

9. PLATONOV, Yuri Mikhailovich, Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-Belt f'Ribnitsa, magħruf bħala Yory PLATONOV, imwieled fis-16 ta' Jannar 1948, passaport Russu Nru. 51 NO. 0527002, maħruġ mill-ambaxxata Russa f'Chisinau fl-4 ta' Mejju 2001.

10. CHERBULENKO, Alla Viktorovna, Deputat Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-Belt f'Ribnita, responsabbli għal kwistjoniojiet ta' edukazzjoni."

32005D0148

L 49/34 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 22.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/148/PESK

## tal-21 ta' Frar 2005

## dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ġodda għas-sostenn tad-dħul fis-seħħ effettiv tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK, il-Kunsill adotta miżuri għall-iffriżar tal-kapital u r-riżorsi ekonomiċi kollha tal-persuni fiżiċi li ġew akkużati mill-Qorti Kriminali Internazzjonali ta' dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY).

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2004/900/PESK li timmodifika l-lista stabbilita fl-anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK.

(3) Wara t-trasferiment tas-Sur Savo Todovic u s-Sur Vladimir Lazarevic fl-unitajiet ta' detenzjoni ta' l-ICTY, huma għandhom jitneħħew mill-lista.

(4) Il-lista annessa mal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi emendata għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni stabbilita fl-anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi sostitwita b'dik stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum li fih tiġi adottata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Pożizzjoni komuni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/900/PESK (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 108).

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1**

Isem: BOROVCANIN Ljubomir
Data tat-twelid: 27.2.1960
Post tat-twelid: Han Pijesak, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: BOROVNICA Goran
Data tat-twelid: 15.8.1965
Post tat-twelid: Kozarac, muniċipalità ta' Prijedor, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: DJORDJEVIC Vlastimir
Data tat-twelid: 1948
Post tat-twelid: Vladicin Han, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: GOTOVINA Ante
Data tat-twelid: 12.10.1955
Post tat-twelid: Il-Gżira ta' Pasman, muniċipalità ta' Zadar, Repubblika tal-Kroazja
Nazzjonalità: : Kroata
Franċiża

Isem: HADZIC Goran
Data tat-twelid: 7.9.1958
Post tat-twelid: Vinkovci, Repubblika tal-Kroazja
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: JANKOVIC Gojko
Data tat-twelid: 31.10.1954
Post tat-twelid: Trbusce, muniċipalità ta' Foca, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: KARADZIC Radovan
Data tat-twelid: 19.6.1945
Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, Montenegro, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Bosnja u Herzegovina

Isem: LUKIC Milan
Data tat-twelid: 6.9.1967
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibbilment Serbja u Montenegro

Isem: LUKIC Sredoje
Data tat-twelid: 5.4.1961
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibbilment Serbja u Montenegro

Isem: LUKIC Sretn
Data tat-twelid: 28.3.1955
Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: MLADIC Ratko
Data tat-twelid: 12.3.1942
Post tat-twelid: Bozanovici, muniċipalità ta' Kalinovik, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibbilment Serbja u Montenegro

Isem: NIKOLIC Drago
Data tat-twelid: 9.11.1957
Post tat-twelid: Bratunac, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: PANDUREVIC Vinko
Data tat-twelid: 25.6.1959
Post tat-twelid: Sokolac, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina
Possibbilment Serbja u Montenegro

Isem: PAVKOVIC Nebojsa
Data tat-twelid: 10.4.1946
Post tat-twelid: Senjski Rudnik, Serbja u Montenegro
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: POPOVIC Vujadin
Data tat-twelid: 14.3.1957
Post tat-twelid: Sekovici, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Serbja u Montenegro

Isem: ZELENOVIC Dragan
Data tat-twelid: 12.2.1961
Post tat-twelid: Foca, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina

Isem: ZUPLJANIN Stojan
Data tat-twelid: 22.9.1951
Post tat-twelid: Kotor Varos, Bosnja u Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja u Ħerzegovina"

32005E0149

22.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 49/37

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/149/PESK

## tal-21 ta' Frar 2005

## li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra Burma/Mjanmar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' April 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK ([1]) li ġġedded miżuri restrittivi kontra Burma/Mjanmar.

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/730/PESK ([2]) li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK, li, *inter alia*, introduċiet projbizzjoni fir-rigward ta' self finanzjarju jew krediti lil intrapriżi ta' l-Istat ta' Burma, u l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fihom.

(3) Il-lista ta' intrapriżi ta' l-Istat ta' Burma li għalihom japplikaw dawn il-miżuri, mehmuża mal-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK, għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

(4) IL-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK għandha għalhekk tiġi emendata, bi qbil ma' l-Artikolu 10 tagħha,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

L-Anness II għall-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK għandu jiġi sostitwit bl-Anness għal din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 125, 28.4.2004, p. 61.
([2]) ĠU L 323, 26.10.2004, p. 17.

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**Lista ta' l-intrapriżi ta' l-Istat ta' Burma msemmija fl-Artikolu 7(5)**

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| I. **UNION OF MYANMAR ECONOMIC HOLDING LTD** | | |
| UNION OF MYANMAR ECONOMIC HOLDING LTD | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF 50$^{TH}$ STREET YANGON | MAJ-GEN WIN HLAING MANAGING DIRECTOR |
| A. MANIFATTURA | | |
| 1. MYANMAR RUBY ENTERPRISE | 24/26, 2$^{ND}$ FL., SULE PAGODA ROAD, YANGON (MIDWAY BANK BUILDING) | |
| 2. MYANMAR IMPERIAL JADE CO. LTD | 24/26, 2$^{ND}$ FL., SULE PAGODA ROAD, YANGON (MIDWAY BANK BUILDING) | |
| 3. MYANMAR RUBBER WOOD CO. LTD | | |
| 4. MYANMAR PINEAPPLE JUICE PRODUCTION | | |
| 5. MYAWADDY CLEAN DRINKING WATER SERVICE | 4/A, NO 3 MAIN ROAD, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 6. SIN MIN (KING ELEPHANTS) CEMENT FACTORY (KYAUKSE) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF 50$^{TH}$ STREET YANGON | COL MAUNG MAUNG AYE, MANAGING DIRECTOR |
| 7. TAILORING SHOP SERVICE | | |
| 8. NGWE PIN LE (SILVER SEA) LIVESTOCK BREEDING AND FISHERY CO. | 1093, SHWE TAUNG GYAR ST. INDUSTRIAL ZONE II, WARD 63, SOUTH DAGON TSP. YANGON | |
| 9. GRANITE TILE FACTORY (KYAIKTO) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF 50$^{TH}$ STREET YANGON | |
| 10. SOAP FACTORY (PAUNG) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF 50$^{TH}$ STREET YANGON | |
| B. KUMMERĊ | | |
| 1. MYAWADDY TRADING LTD | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF 50$^{TH}$ STREET YANGON | COL MYINT AUNG, MANAGING DIRECTOR |

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| Ċ. SERVIZZI | | |
| 1. MYAWADDY BANK LTD | 24-26 SULE PAGODA ROAD, YANGON | BRIG-GEN WIN HLAING AND U TUN KYI, MANAGING DIRECTORS |
| 2. BANDOOLA TRANSPORTATION CO. LTD | 399, THIRI MINGALAR ROAD, INSEIN TSP, YANGON AND/OR PARAMI ROAD, SOUTH OKKALAPA, YANGON | COL MYO MYINT, MANAGING DIRECTOR |
| 3. MYAWADDY TRAVEL SERVICES | 24-26, SULE PAGODA ROAD, YANGON | |
| 4. NAWADAY HOTEL AND TRAVEL SERVICES | 335/357, BOGYOKE AUNG SAN ROAD, PADEBAN TSP, YANGON | |
| 5. MYAWADDY AGRICULTURE SERVICES | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF $50^{TH}$ STREET YANGON | |
| 6. MYANMAR AR (POWER) CONSTRUCTION SERVICES | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD, CORNER OF $50^{TH}$ STREET YANGON | |
| INTRAPRIŻI KONĠUNTI U SUSSIDJARJI | | |
| A. MANIFATTURA | | |
| 1. MYANMAR SEGAL INTERNATIONAL LTD | PYAY ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | U BE AUNG, MANAGER |
| 2. MYANMAR DAEWOO INTERNATIONAL | PYAY ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 3. ROTHMAN OF PALL MALL MYANMAR PRIVATE LTD | NO 38, VIRGINIA PARK, NO 3, TRUNK ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, YANGON | |
| 4. MYANMAR BREWERY LTD | NO 45, NO 3, TRUNK ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | RETD LT-COL MAUNG MAUNG AYE, CHAIRMAN |
| 5. MYANMAR POSCO STEEL CO. LTD | PLOT 22, NO 3, TRUNK ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 6. MYANMAR NOUVEAU STEEL CO. LTD | NO 3, TRUNK ROAD, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 7. BERGER PAINT MANUFACTURING CO. LTD | PLOT NO 34/A, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 8. THE FIRST AUTOMOTIVE CO. LTD | PLOT NO 47, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | U AYE CHO AND/OR LT-COL TUN MYINT, MANAGING DIRECTOR |

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| B. SERVIZZI | | |
| 1. NATIONAL DEVELOPMENT CORP. | 3/A, THAMTHUMAR STREET,<br>7 MILE,<br>MAYANGONE TSP, YANGON | DR. KHIN SHWE, CHAIRMAN |
| 2. HANTHA WADDY GOLF RESORT AND MYODAW (CITY) CLUB LTD | NO 1, KONEMYINTTHA STREET,<br>7 MILE,<br>MAYANGONE TSP,<br>YANGON AND THIRI MINGALAR ROAD, INSEIN TSP,<br>YANGON | |
| II. **MYANMA ECONOMIC CORPORATION (MEC)** | | |
| MYANMA ECONOMIC CORPORATION (M EC) | SHWEDAGON PAGODA ROAD,<br>DAGON TSP,<br>YANGON | COL YE HTUT ORBRIG-GEN KYAW WIN, MANAGING DIRECTOR |
| 1. INNWA BANK | 554-556, MERCHANT STREET,<br>CORNER OF 35TH STREET,<br>KYAUKTADA TSP,<br>YANGON | U YIN SEIN, GENERAL MANAGER |
| 2. MYAING GALAY (RHINO BRAND) CEMENT FACTORY | FACTORIES DEPT,<br>MEC HEAD OFFICE,<br>SHWEDAGON PAGODA ROAD,<br>DAGON TSP,<br>YANGON | COL KHIN MAUNG SOE |
| 3. DAGON BREWERY | 555/B, NO 4,<br>HIGHWAY ROAD,<br>HLAW GAR WARD, SHWE PYI THAR TSP,<br>YANGON | |
| 4. MEC STEEL MILLS (HMAW BI/PYI/YWAMA) | FACTORIES DEPT,<br>MEC HEAD OFFICE,<br>SHWEDAGON PAGODA ROAD,<br>DAGON TSP,<br>YANGON | COL KHIN MAUNG SOE |
| 5. MEC SUGAR MILL | KANT BALU | |
| 6. MEC OXYGEN AND GASES FACTORY | MINDAMA ROAD,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | |
| 7. MEC MARBLE MINE | PYINMANAR | |
| 8. MEC MARBLE TILES FACTORY | LOIKAW | |
| 9. MEC MYANMAR CABLE WIRE FACTORY | NO 48, BAMAW A TWIN WUN ROAD,<br>ZONE (4),<br>HLAING THAR YAR INDUSTRIAL ZONE,<br>YANGON | |
| 10. MEC SHIP BREAKING SERVICE | THILAWAR,<br>THAN NYIN TSP | |
| 11. MEC DISPOSABLE SYRINGE FACTORY | FACTORIES DEPT,<br>MEC HEAD OFFICE,<br>SHWEDAGON PAGODA ROAD,<br>DAGON TSP,<br>YANGON | |
| 12. GYPSUM MINE | THIBAW" | |

32005R0293

23.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 50/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru. 293/2005

## tas-17 ta' Frar 2005

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Prokoll Nru 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni fir-rigward ta' l-agrikoltura u l-faċilitajiet għal persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 10 dwar Ċipru għall-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 3 dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovranà tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġewwa Ċipru [2] ta' l-imsemmi Att ta' Adeżjoni, u b' mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 [3] jistabbilixxi regoli speċjali dwar merkanzija, servizzi u persuni li jaqsmu l-linja bejn iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u dawk iż-żoni li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv.

(2) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba minn meta dak ir-Regolament daħal fis-seħħ, numru ta' faċilitajiet għal persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja għandhom ikunu irrilassati u l-kummerċ f'ċerta merkanzija agrikola għandu jkun faċilitat.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 866/2004 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 866/2004 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan il-ġej:

"2. Il-merkanzija msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tkun suġġetta għal dikjarazzjoni taddwana. M'għandhiex tkun suġġetta għal dazji doganali jew għal imposti li għandhom effett ekwivalenti, sakemm m'humiex eliġibbli għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni jew għal miżuri ta' intervent.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura tal-kumitat ta' ġestjoni rilevanti stabbilita taħt il-politika agrikola komuni, tiddetermina kundizzjonijiet u arranġamenti privileġġati għal aċċess ta' prodotti eliġibbli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew għal miżuri ta' intervent.

Sabiex ikunu żgurati kontrolli effettivi, il-kwantitajiet li jkunu qed jaqsmu l-linja għandhom ikunu reġistrati."

(b) Il-Paragrafu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9. Il-moviment min-naħa għall-oħra tal-linja ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali li huma soġġetti għall-ħtiġiet veterinarji Komunitarji għandhom ikunu projbiti. Projbizzjonijiet fir-rigward ta' annimali ħajjin jew prodotti ta' l-annimali speċifikati jistgħu jitneħħew permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kummerċ adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru. 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4.).";

(2) L-Artikolu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE (*) m'għandhiex tapplika, imma merkanzija miżmuma fil-bagalji personali ta' persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja għandhom ikunu eżentati mit-taxxa fuq it-*turnover* u mis-sisa sakemm m'għandhom l-ebda karattru kummerċjali u sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx EUR 135 għal kull persuna.

2. Il-limiti kwantitattivi għall-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq it-*turnover* u s-sisa għandhom ikunu 40 sigarett u litru wieħed ta' spirti għall-konsum personali.

[1] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955.
[2] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 940.
[3] ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128.

3. Eżenzjonijiet għall-merkanzija msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhomx jingħataw lil persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja li huma taħt is-17-il sena.

4. Fil-limiti kwantitattivi stabbiliti fil-paragarafu 2, il-valur tal-merkanzija elenkata fil-paragrafu 2 m'għandhiex tittieħed in kunsiderazzjoni fid-determinazzjoni ta' l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. Sabiex jiġu indirizzati disturbi serji f'settur speċifiku ta' l-ekonomija tagħha kkawżat mill-użu estensiv tal-faċilitajiet minn persuni li jkunu qed jaqsmu l-linja r-Repubblika ta' Ċipru tista', wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, tidderoga mill-Artikolu 6(1) għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

(*) ĠU L 133, 4.6.1969, p. 6. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/47/KE (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 73)."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005D0150

23.2.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 50/7

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2005

## dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li jiggvernaw il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ħatra bħala mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea

(2005/150/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) ta' l-Anness I miegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 2004,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom stabbilixxiet it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea u emendat il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) L-Anness I ġdid mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi fl-Artikolu 3(2) li l-Kunsill għandu jiddetermina l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li jiggvernaw il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ħatra bħala mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea. Din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li jiggvernaw il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ħatra bħala mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jkollu r-responsabbiltà li jippubblika, u li jxerred b'mod adegwat, l-avviżi ta' postijiet battala bħala membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

---

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.

*ANNESS*

**Sejħa pubblika għal applikazzjonijiet għall-ħatra ta' mħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea**

1. L-Artikolu 225a tat-Trattat tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 140b tat-Trattat tal-KEEA jagħtu s-setgħa lill-Kunsill joħloq "sezzjonijiet ġudizzjarji għas-smigħ u d-determinazzjoni fl-ewwel istanza ta' ċerti klassijiet ta' azzjoni jew proċediment imressqa f'oqsma speċifiċi".

   Skond dawk id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, il-Kunsill iddeċieda, permezz tad-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 ([1]), li jistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li għandu jifforma parti mill-Qorti ta' Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej u jkollu s-sede tiegħu fil-Qorti ta' Prim Istanza, għandu ġurisdizzjoni ta' prim istanza f'disputi bejn il-Komunitajiet u l-aġenti tagħhom kif previst fl-Artikolu 236 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KEEA, inklużi disputi bejn il-korpi jew l-aġenziji kollha u l-persunali tagħhom li fir-rigward tagħhom il-ġurisdizzjoni hija mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa kompost minn seba' mħallfin, li minn fosthom għandu jingħażel il-president. L-imħallfin għandhom jinħatru għal perjodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded.

   L-imħallfin jinħatru mill-Kunsill li jaġixxi unanimament, wara konsultazzjoni ma' kumitat ta' seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex iwettqu d-dmirijiet ta' mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Il-kumitat jehmeż ma' l-opinjoni tiegħu lista ta' kandidati li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar adattata. Il-lista għandha tikkontieni numru ta' ismijiet ta' kandidati li huwa mill-inqas id-doppju ta' kemm għandhom jinħatru mħallfin.

3. Il-mandat u l-kondizzjonijiet ġenerali għat-twettiq tad-dmirijiet ta' mħallef huma stabbiliti permezz ta' l-Artikolu 5 ta' l-Anness I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif emendat bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom. Ir-rimunerazzjonijiet, il-pensjonijiet u l-*allowances* ta' l-imħallfin huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru … ta'… li jemenda r-Regolament Nru. 422/67/KEE, 5/67/Euratom tal-Kunsill li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u tal-President, ta' l-Imħallfin, ta' l-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim Istanza ([2]).

4. B'dan qiegħda issir sejħa għal applikazzjonijiet bil-ħsieb li jinħatru seba' mħallfin.

5. Jirriżulta, mill-Artikoli 225a tat-Trattat tal-KE u 140b tat-Trattat tal-KEEA, konġuntement ma' l-Artikolu 3(1) ta' l-Anness I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif emendat bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom, li l-kandidati għall-ħatra ta' mħallef jeħtieġu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   — ikunu persuni li l-indipendenza tagħhom tkun lil hinn minn kull dubbju,

   — ikollhom il-kapaċità meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji,

   — ikunu ċittadini ta' l-Unjoni.

   Il-kandidati huma mitluba jinnutaw li minbarra dawk il-kondizzjonijiet minimi l-kumitat imsemmi hawn fuq għandu jikkonsidra b'mod partikolari l-kapaċità tal-kandidati li jaħdmu fi ħdan struttura kolleġjali f'ambjent multinazzjonali u multilingwistiku, u wkoll in-natura, l-importanza u t-tul ta' żmien ta' l-esperjenza tagħhom adegwata għall-qadi tad-dmirijiet li għandhom iwettqu.

6. L-applikazzjonijiet għandhom ikollhom mehmuża magħhom *curriculum vitae* u ittra li tagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni, u wkoll kopji tad-dokumenti ta' sostenn.

   L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

   General Secretariat of the Council of the European Union

   — Call for applications for the Civil Service Tribunal

   L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'ittra reġistrata biss, sa mhux aktar tard minn. … (bit-timbru tal-posta kunsidrat bħala prova).

---

([1]) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7.

([2]) ĠU L 33, 5.2.2005, p. 1

32005D0151

23.2.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 50/9

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2005

## li taħtar il-membri tal-Kumitat previst fl-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2005/151/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom tat-18 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli operattivi tal-Kumitat previst mill-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (2), u b'mod partikolari l-punt 3 ta' l-Anness miegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Diċembru 2004,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi għall-istabbiliment ta' kumitat li jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kumitat huma maħtura mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Barra minn dan, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Eratom tipprovdi, fil-punt 3 ta' l-Anness magħha, li l-Kunsill għandu jaħtar il-President ta' dak il-kumitat.

(3) Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għal perjodu ta' erba' snin li għandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Novembru 2004 dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 3(3) ta' l-Anness I mal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja:

Is-Sur Leif Sevón, President

Sir Christopher Bellamy

Is-Sur Yves Galmot

Is-Sur Peter Grilc

Is-Sinjura Gabriele Kucsko-Stadlmayer

Is-Sur Giuseppe Tesauro

Is-Sur Miroslaw Wyrzykowski

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

(1) ĠU L 333, 9.11.2004, p. 7
(2) Ara d-Dok Nru. 16033/04

32005D0157

25.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 52/37

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li jaħtar żewġ membri Ġermaniżi u żewġ membri supplenti Ġermaniżi tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/157/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni [1] li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni,

(2) żewġ postijiet ta' membri jinsabu vakanti wara l-iskadenza tal-mandat tas-Sinjura Barbara RICHSTEIN u tas-Sinjur Manfred LENZ, li ġew notifikati lill-Kunsill fit-12 ta' Jannar 2005, post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinsab vakanti wara r-riżenja tas-Sur Hans-Georg KLUGE, notifikata lill-Kunsill fil-21 ta' Diċembru 2004.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-persuni li ġejjin huma maħtura fuq il-Kumitat tar-Reġjuni

(a) bħala membri:

Is-Sur Gerd HARMS
Bevollmächtigter des Landes Brandenburg für Bundes- und Europaangelegenheiten,
Staatssekretär in der Staatskanzlei
biex jissostitwixxi lis-Sinjura Barbara RICHSTEIN

Is-Sinjura Barbara RICHSTEIN
Abgeordnete des Landtages Brandenburg (Deputata tal-Landtag de Brandebourg)
biex tissostitwixxi lis-Sur Manfred LENZ

[1] ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

(b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Markus KARP
Staatssekretär im Ministerium für Wissenschaft, Forschung und Kultur
biex jissostitwixxi lis-Sur Hans-Georg KLUGE

Is-Sur Steffen REICHE
Mitglied des Landtages
biex jissostitwixxi lis-Sur Wolfgang KLEIN

għall-bqija tat-terminu tal-mandat tagħhom, li jibqa' jgħodd sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005D0158

25.2.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 52/39

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li taħtar membru supplenti Spanjol tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/158/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni,

(2) post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Pere ESTEVE i ABAD, notifikata lill-Kunsill fid-19 ta' Jannar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Is-Sinjura Anna TERRÓN i CUS|, Segretaria General del Patronat Catalá Pro Europa - Delegada del Gobierno de la Generalidad de Cataluña en Bruselas, hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni biex tissostitwixxi lis-Sur Pere ESTEVE i ABAD, għall-bqija tal-mandat tiegħu li jintemm fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, fi, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 24 tas-26.1.2002, p. 38

32005D0159

L 52/40 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.2.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li jaħtar sitt membri Belġjani u tmien membri supplenti Belġjani tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/159/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-gvern Belġjan,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni [1] li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

(2) Post ta' membru u post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni jinsabu vakanti wara r-riżenja tas-Sur Frans RAMON, membru, notifikata lill-Kunsill fit-8 ta' Settembru 2004 u tas-Sur Jos BEX, membru supplenti, notifikata lill-Kunsill fit-3 ta' Frar 2005 u ħames postijiet ta' membri u seba' ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinsabu vakanti wara li ġew fi tmiemhom il-mandati tas-Sur Paul VAN GREMBERGEN (BE), is-Sur Bart SOMERS (BE), is-Sur Stefaan PLATTEAU (BE), is-Sur Xavier DESGAIN (BE) u s-Sur-Hervé HASQUIN (BE), membri supplenti, u tas-Sur Jacques TIMMERMANS (BE), is-Sur André DENYS, is-Sinjura Josée VERCAMMEN, is-Sur Serge KUBLA, is-Sur Rudy DEMOTTE, is-Sur Jean-Marc NOLLET u s-Sur Bernd GENTGES, membri supplenti, innotifikati lill-Kunsill fl-24 ta' Jannar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-persuni li ġejjin huma maħtura fuq il-Kumitat tar-Reġjuni

a) bħala membri:

M. Yves LETERME,
Minister-President van de Vlaamse Regering en Vlaams Minister van Institutionele Hervormingen, Landbouw, Zeevisserij en Plattelandsbeleid,
en remplacement de M. Frans RAMON

M. Bart SOMERS,
Vlaams Volksvertegenwoordiger,
(abbażi tal-mandat il-ġdid tiegħu ta' deputat fjamming)

Mme Fientje MOERMAN,
Vice-Minister-President van de Vlaamse Regering en Vlaams Minister van Economie, Ondernemen, Wetenschap, Innovatie en Buitenlandse Handel,
en remplacement de M. Stefaan PLATTEAU

M. Geert BOURGEOIS,
Vlaams Minister van Bestuurzaken, Buitenlands Beleid, Media en Tourisme,
en remplacement de M. Paul VAN GREMBERGEN

M. Michel LEBRUN,
Député wallon,
en remplacement de M. Xavier DESGAIN

[1] ĠU L 24 tas-26.1.2002, p. 38

M. Jean-François ISTASSE,
Président du Parlement de la Communauté française,
en remplacement de M. Hervé HASQUIN.

b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Johan SAUWENS,
Vlaams Volksvertegenwoordiger,
biex jissostitwixxi lis-Sur André DENYS

Is-Sur Bart CARON,
Vlaams Volksvertegenwoordiger,
biex jissostitwixxi lis-Sur Jacques TIMMERMANS

Is-Sur Steffen PLATTEAU,
Burgemeester,
biex jissostitwixxi lis-Sinjura Josée VERCAMMEN

Is-Sinjura Marie-Dominique SIMONET,
Ministre de la Recherche, des Technologies nouvelles et des relations extérieures du Gouvernement wallon,
biex tissostitwixxi lis-Sur Serge KUBLA

Is-Sur Maurice BAYENET,
Député au Parlement de la Communauté française,
biex jissostitwixxi lis-Sur Jean-Marc NOLLET

Is-Sur Béa DIALLO,
Député au Parlement de la Communauté française,
biex jissostitwixxi lis-Sur Rudy DEMOTTE

Is-Sur Claude DESAMA,
Bourgmestre de Verviers,
biex jissostitwixxi lis-Sur Bernd GENTGES.

Is-Sur Jan ROEGIERS,
Vlaams Volksvertegenwoordiger,
biex jissostitwixxi lis-Sur Jos BEX

għall-bqija tat-terminu tal-mandati tagħhom, li jibqgħu jogħddu sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, fi, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005D0165

1.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 55/55

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li taħtar żewġ membri Belġjani u membru supplenti Belġjan tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/165/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2002 ([1]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

(2) Żewġ postijiet ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara li skada l-mandat tas-Sur Jacques SIMONET u tas-Sur Jos CHABERT, u post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li skada l-mandat tas-Sur Eric TOMAS, notifikati lill-Kunsill fl-1 ta' Frar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Huma b'dan maħtura għall-Kumitat tar-Reġjuni

a) bħala membri:

Is-Sur Charles PICQUÉ
Ministre-Président du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale, chargé des Pouvoirs locaux, de l'Aménagement du territoire, des Monuments et Sites, de la Rénovation urbaine, du Logement, de la Propreté publique, du Commerce extérieur et de la Coopération au développement
biex jieħu post is-Sur Jacques SIMONET

Is-Sur Jos CHABERT,
Vice-Voorzitter van het Brussels Hoofdstedelijk Parlement,
abbażi tal-mandat il-ġdid tiegħu.

([1]) ĠU L 24 tas-26.1.2002, p. 38

b) bħala membru supplenti:

Is-Sur Benoît CEREXHE
Ministre du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale, chargé de l'Economie, de l'Emploi, de la Recherche scientifique, de la Lutte contre l'Incendie et l'Aide médicale urgente et de la Politique agricole
biex jieħu post is-Sur Eric TOMAS.

għall-bqija tal-mandati tagħhom, li jintemmu fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005L0015

L 56/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 2.3.2005

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/15/KE

## tat-28 ta' Frar 2005

## li temenda l-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-punt (d) tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2004/102/KE ([2]) temenda l-Annessi II, III, IV u V tad-Direttiva 2000/29/KE, u għandha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa l-1 ta' Marzu 2005.

(2) Id-Direttiva 2004/102/KE fiha dispożizzjonijiet dwar l-injam u l-prodotti ta' l-injam. Il-miżuri dwar il-pelits, kaxex u l-paljol jallinjaw il-miżuri tal-Komunità ma' dawk ta' l-Istandard Internazzjonali tal-FAO għal Miżuri Fitosanitarji (ISPM) Nru 15 dwar "Linji Gwida biex jiġi regolat il-materjal għall-ippakkjar ta' l-injam fil-kummerċ internazzjonali" li ġie adottat f'Marzu 2002 mir-Raba' Kummissjoni Interim dwar Miżuri Fitosanitarji (ICPM).

(3) L-Istandard Nru 15 jgħid li l-ippakkjar bl-injam (inkluż il-paljol) magħmul mill-injam mhux proċessat tal-koniferi u mhux tal-koniferi, għandu jkun suġġett għal miżuri approvati bħal ma hu t-trattament bis-sħana (56° C għal mill-inqas 30 minuta) jew fumigazzjoni bil-Metil Bromidju. Barra minn hekk l-injam għandu jkollu marka speċifika li tiċċertifika li l-injam kien suġġett għal miżura approvata.

(4) L-Istandard jgħid ukoll li l-pajjiżi jistgħu jitolbu li l-materjal għall-ippakkjar magħmul mill-injam suġġett għal miżura approvata għandu jkun magħmul minn injam li tneħħitlu l-qoxra ta' barra u li fuqu jkollu marka suġġetta għal "ġustifikazzjoni teknika".

(5) Pajjiżi terzi talbu li l-Komunità tqis metodi oħra biex tilħaq l-istess għan. Għal dan il-għan, għaddejja riċerka dwar l-aspetti tekniċi tat-tneħħija tal-qoxra ta' l-injam, b'mod partikolari l-effiċjenza tat-"tnaqqis tar-riskju ta' insetti jew annimali qerrieda" fit-tneħħija tal-qoxra li jiżdied mal-miżuri ta' trattament.

(6) Waqt l-istennija tar-riżultati ta' din ir-riċerka, huwa xieraq li għall-injam li tneħħietlu l-qoxra, tiġi posposta l-applikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu użati.

(7) Id-Direttiva 2000/29/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata skond dan.

(8) Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2000/29/KE qed tiġí emendata kif ġej:

1. Fl-Anness IV, Parti A, taqsima I, punt 2, il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-kolonna tal-lemin:

"L-ewwel inċiż, li jitlob li materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam ikun magħmul minn injam ittundjat bla qoxra, għandu japplika biss mill-1 ta' Marzu 2006".

2. Fl-Anness IV, Parti A, taqsima I, punt 8, il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-kolonna tal-lemin:

"L-ewwel linja tal-punt (a), li titlob li materjal ta' l-ippakkjar ta' l-injam ikun magħmul minn injam ittundjat bla qoxra, għandha tapplika biss mill-1 ta' Marzu 2006".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2005, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom minnufih jgħaddu lill-Kummissjoni t-testi ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-iskeda ta' korrispondenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 169 ta' l-10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/102/KE (ĠU L 309, 6.10.2004. p. 9).

([2]) ĠU L 309, 6.10.2004, p. 9.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Marzu 2005.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jkunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam koperta minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar it-28 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

32005D0169

L 56/14 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 2.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Frar 2005

## li temenda d-Deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur ta' l-Europol jidħol f' negozjati dwar ftehim ma' Stati terzi u korpi mhux relatati ma' l-UE

(2005/169/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 42(2), l-Artikolu 10(4) u l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni Europol) ([1]),

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 1998 li jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet esterni ta' l-Europol ma' Stati terzi u korpi mhux relatati ma' l-Unjoni Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 ta' dak l-Att,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 1998 li jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-riceviment ta' informazzjoni mill-Europol mingħand partijiet terzi ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 ta' dak l-Att,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 1999 li jadotta r-regoli li jirregolaw it-trasmissjoni ta' *data* personali mill-Europol lil Stati terzi u korpi terzi ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 ta' dak l-Att,

Billi:

(1) Il-ħtiġiet operazzjonali u l-bżonn sabiex jiġu miġġielda b'mod effettiv il-forom organizzati tal-kriminalità permezz ta' l-Europol, jeħtieġu li l-Iżrael tiġi miżjuda mal-lista ta' Stati terzi li magħhom id-Direttur tal-Europol ikun awtorizzat jibda negozjati.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 ([5]) għandha għalhekk tiġi emendata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 qegħda hawn tiġi emendata kif gej:

Fl-Artikolu 2(1), taħt l-intestatura "Stati Terzi", l-Istat li ġej għandu jiġi miżjud mal-lista alfabetika:

"– Iżrael".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih tiġi adottata.

Magħmula fi Brussell, nhar il-24 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
N. SCHMIT

---

([1]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 2.
([2]) ĠU C 26, 30.1.1999, p. 19.
([3]) ĠU C 26, 30.1.1999, p. 17.
([4]) ĠU C 88, 30.3.1999, p. 1.
([5]) ĠU C 106, 13.4.2000, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru 2004 (ĠU C 317 22.12.2004. p. 1).

32005L0019

4.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 58/19

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/19/KE

## tas-17 ta' Frar 2005

## li temenda d-Direttiva 90/434/KEE dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal *mergers*, diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE ([3]) introduċiet regoli komuni applikabbli għar-ristrutturar ta' negozji li huma newtrali mill-aspett tal-kompetizzjoni.

(2) L-għan tad-Direttiva 90/434/KEE hu li t-tassazzjoni tad-dħul, il-profitti u l-qligħ kapitali minn riorganizzazzjonijiet ta' negozji għandhom jiġu differiti u d-drittijiet għall-intaxxar ta' l-Istati Membri jiġu salvagwardati.

(3) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 90/434/KEE hu l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli għall-funzjonament tas-suq intern, bħal ma hi t-tassazzjoni doppja. Sakemm dan ma jintlaħaqx għal kollox bid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan.

(4) L-esperjenza miksuba wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 90/434/KEE f'Jannar 1992 uriet modi differenti ta' kif id-Direttiva tista' tiġi mtejba u kif l-effetti vantaġġużi tar-regoli komuni kif adottati fl-1990 ikunu jistgħu jiġu estiżi.

(5) Fit-8 ta' Ottubru 2001 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2157/2001 ([4]) dwar l-Istatut għal Kumpannija Ewropea (SE) u d-Direttiva 2001/86/KE ([5]) li tissupplementa l-Istatut għal kumpannija Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' l-impjegati. B'mod simili, fit-22 ta' Lulju 2003 l-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru. 1435/2003 ([6]) dwar l-Istatut għal Soċjetà Koperattiva Ewropea (SCE) u d-Direttiva 2003/72/KE ([7]) li tissupplementa l-Istatut għal Soċjetà Koperattiva Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' l-impjegati. Waħda mill-aktar karatteristiċi importanti ta' dawn l-istrumenti hija li kemm l-SE kif ukoll l-SCE se jkunu jistgħu jittrasferixxu l-uffiċċji reġistrati rispettivi tagħhom bejn l-Istati Membri mingħajr ma jiġu xolti u jmorru f'likwidazzjoni.

(6) It-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat huwa mezz kif tiġi eżerċitata l-libertà ta' stabbiliment kif previst fl-Artikoli 43 u 48 tat-Trattat. L-ebda assi ma jiġu trasferiti u l-kumpannija u l-azzjonisti tagħha ma jieħdu l-ebda dħul, profitt, jew qligħ kapitali minnu. Id-deċiżjoni tal-kumpannija li tirriorganizza l-attività tagħha billi tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha m'għandux jixxekkel minn regoli diskriminatorji ta' taxxa jew minn restrizzjonijiet, żvantaġġi jew distorsjonijiet ikkawżati minn leġislazzjoni nazzjonali tat-taxxa li tmur kontra l-Liġi Komunitarja. It-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE minn Stat Membru għal ieħor jista' mhux dejjem iwassal għall-SE jew l-SCE li ma tibqax residenti fl-ewwel Stat Membru. Ir-residenza fiskali ta' l-SE jew l-SCE tibqa' tiġi determinata b'leġislazzjoni nazzjonali u trattati ta' taxxa.

(7) It-trasferiment ta' uffiċċju reġistrat ta' kumpannija, jew avveniment konness ma' dak it-trasferiment, li jġib miegħu bidla fir-residenza fiskali, jista' jirriżulta f'xi forma ta' tassazzjoni fl-Istat Membru li minnu jiġi trasferit l-uffiċċju. Jista' jkun hemm tassazzjoni wkoll f'każ fejn it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat, jew avveniment konness ma' dak it-trasferiment, ma' jwassalx għal bidla fir-residenza fiskali. Sabiex tiġi ttrattata dik l-eventwalità safejn l-SE jew l-SCE

([1]) Opinjoni mogħtija fl-10.3.2004 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU C 110, 30.4.2004, p. 30.

([3]) ĠU L 225, 20.8.1990, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

([4]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament Nru. 885/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1.)

([5]) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.

([6]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1. Regolament kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 15/2004 (ĠU L 116, 22.4.2004, p. 68.

([7]) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25.

huma kkonċernati, ġew introdotti fid-Direttiva 90/434/KEE numru ta' regoli ġodda. F'każ fejn, wara t-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat, l-assi ta' l-SE jew ta' l-SCE jibqgħu effettivament konnessi ma' stabbiliment permanenti tal-proprjetà ta' l-SE jew l-SCE u li jinsab fl-Istat Membru li minnu l-uffiċċju reġistrat ġie trasferit, dak l-istabbiliment permanenti għandu jgawdi benefiċċji simili għal dawk previsti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Direttiva 90/434/KEE. Dawk l-Artikoli jikkonċernaw provvisti u riżervi eżentati mit-taxxa, u l-assunzjoni ta' telf. Barra minn dan, skond il-prinċipji tat-Trattat, it-tassazzjoni ta' l-azzjonisti fl-okkażjoni tat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat għandu jiġi eskluż. B'kont meħud ta' l-obbligu fuq l-Istati Membri taħt it-Trattat li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi abolita t-tassazzjoni doppja, mhuwiex meħtieġ f'dan l-istadju li jiġu stabbiliti regoli komuni ġodda dwar ir-residenza fiskali ta' l-SE jew l-SCE.

(8) Id-Direttiva 90/434/KEE ma tittrattax it-telf ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor rikonoxxut fl-Istat Membru tar-residenza ta' SE jew SCE. B'mod partikolari, fejn l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE jiġi trasferit fi Stat Membru ieħor, dak it-trasferiment ma jżommx lill-Istat Membru tar-residenza ta' qabel milli jerġa' jintegra t-telf ta' l-istabbiliment permanenti fiż-żmien debitu.

(9) Id-Direttiva 90/434/KEE ma tkoprix tip ta' diviżjoni fejn il-kumpannija li tittrasferixxi ferghat ta' attività ma tiġix xolta. L-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva għandu għalhekk jiġi estiż biex ikopri tali każi.

(10) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/434/KEE jiddefinixxi l-kumpanniji li jaqgħu taħt il-firxa ta' applikazzjoni tagħha u l-Anness tagħha jelenka l-forom ta' kumpannija li għalihom tapplika d-Direttiva. Madankollu, ċerti forom ta' kumpannija mhumiex elenkati f'dak l-Anness minkejja li huma residenti għall-finijiet ta' taxxa fi Stat Membru u huma soġġetti għal taxxa korporattiva hemmhekk. Fid-dawl ta' l-esperjenza, din tidher li hija lakuna inġustifikabbli u l-firxa ta' applikazzjoni tad-Direttiva għandha għalhekk tiġi estiża biex tkopri l-entitajiet li jistgħu jiżvolġu attivitajiet trans-konfini fil-Komunità u li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha rilevanti.

(11) Billi l-SE hija kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata u billi l-SCE hija soċjetà koperattiva, it-tnejn simili finnatura għal forom oħra ta' kumpannija diġà koperti bid-Direttiva 90/434/KEE, l-SE u l-SCE għandhom jiżdiedu mal-lista stabbilita fl-Anness għad-Direttiva 90/434/KEE.

(12) Il-kumpanniji ġodda l-oħra inklużi fil-lista ta' l-Anness għal din id-Direttiva huma kontribwenti korporattivi fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom iżda xi wħud minnhom huma meqjusa bħala fiskalment trasparenti minn Stati Membri oħra. Sabiex il-benefiċċji tad-Direttiva 90/434/KEE jkunu effettivi, l-Istati Membri li jittrattaw kontribwenti korporattivi mhux residenti bħala fiskalment trasparenti għandhom japplikaw il-benefiċċji tad-Direttiva lilhom. Madankollu, minħabba d-differenza fit-trattament fiskali mill-Istati Membri ta' dawn il-kontribwenti korporattivi partikolari, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva meta jintaxxaw lil azzjonist dirett jew indirett ta' dawk il-kontribwenti.

(13) Meta azzjonisti ta' kumpanniji li jidħlu fi transazzjonijiet regolati mid-Direttiva 90/434/KEE jiġu ttrattati bħala fiskalment trasparenti, persuni li jkollhom interess fl-azzjonist m'għandhomx jiġu intaxxati fl-okkażjoni ta' transazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.

(14) Jeżistu xi dubji dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 90/434/KEE għall-konverżjoni ta' fergħat f'sussidjarji. F'dawn l-operazzjonijiet, l-assi konnessi ma' stabbiliment permanenti u li jikkostitwixxu "fergħa ta' attività", kif definita fl-Artikolu 2 (i) tad-Direttiva 90/434/KEE, jiġu trasferiti f'kumpannija ġdida li tkun sussidjarju tal-kumpannija li qed tittrasferixxi u għandu jkun magħmul ċar li din it-transazzjoni, billi hijaa trasferiment ta' assi minn kumpannija ta' Stat Membru ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru differenti għal kumpannija ta' l-Istat Membru ta' l-aħħar, hija koperta minn din id-Direttiva.

(15) Id-definizzjoni attwali ta' "skambju ta' ishma" fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 90/434/KEE ma tistipulax jekk it-terminu jinkludix akkwisti ulterjuri lil hinn mill-konċessjoni ta' maġġoranza sempliċi ta' drittijiet ta' vot. Mhix xi ħaġa rari li statuti u regoli ta' votazzjoni ta' kumpannija jkunu mfassla b'tali mod li jkunu meħtieġa akkwisti ulterjuri qabel ma l-akkwirent ikun jista' jikseb kontroll totali fuq il-kumpannija destinatarja. Id-definizzjoni ta' "skambju ta' ishma" għandha għalhekk tiġi emendata biex tistipula li dak it-terminu jkopri kull tali akkwist ulterjuri.

(16) Fil-każ ta' *mergers* u diviżjonijiet, il-kumpannija li qed tirċievi tista' tikseb qligħ mid-differenza fil-valur bejn l-assi u d-debiti li tkun irċeviet u l-ishma li setgħet kienet qed iżżomm fil-kumpannija li qed tittrasferixxi li jiġu mħassra wara dawn l-operazzjonijiet. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 90/434/KEE jipprevedi għall-eżenzjoni ta' dan il-qligħ kapitali billi dawn il-profitti jistgħu daqstant faċilment jiġu akkwistati fil-forma ta' profitti distribwiti mill-kumpannija li qed tittrasferixxi li jkunu ġew eżentati taħt id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ ta' kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti [1]. L-għanijiet kemm tad-Direttiva 90/434/KEE kif ukoll tad-Direttiva 90/435/KEE jikkoinċidu fir-rigward ta' din il-kwistjoni partikolari iżda l-kondizzjonijiet meħtieġa mhumiex l-istess. Id-Direttiva 90/434/KEE għandha għalhekk tiġi emendata biex tassimila r-rekwiżiti tagħha għal dawk tad-Direttiva 90/435/KEE u biex tieħu kont tal-limitu iktar baxx ta' parteċipazzjoni ta' azzjonist inkluż f'dik id-Direttiva.

[1] ĠU L 225, 20.8.1990, p. 6. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/123/KE (ĠU L 7, 13.1.2004, p. 41).

(17) Minħabba l-estensjoni tad-Direttiva 90/434/KEE biex tinkludi diviżjonijiet parzjali u t-trasferiment ta' uffiċċju reġistrat ta' SE jew ta' SCE, il-firxa ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni li tirrigwarda l-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

(18) Id-Direttiva 90/434/KEE għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 90/434/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal *mergers*, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti u għat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat, ta' SE jew SCE, bejn Stati Membri."

(2) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Kull Stat Membru għandu japplika din id-Direttiva għal dan li ġej:

(a) mergers, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jinvolvu kumpanniji minn żewġ Stati Membri jew aktar,

(b) trasferimenti ta' l-uffiċċju reġistrat minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor ta' kumpanniji Ewropej (Societas Europaea jew SE), kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal Kumpannija Ewropea (SE) (*), u Soċjetajiet Koperattivi Ewropej (SCE), kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Koperattiva Ewropea (SCE) (**).

(*) ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 885/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1).

(**) ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1. Regolament kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 15/2004 (ĠU L 116, 22.4.2004, p. 68)."

(3) L-Artikolu 2 għandu jkun emendat kif ġej:

(a) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(b)(a) 'diviżjoni parzjali' għandha tfisser operazzjoni li biha kumpannija tittrasferixxi, mingħajr ma tiġi xolta, fergħa waħda jew aktar ta' attività, lil kumpannija waħda jew aktar eżistenti jew ġodda, u tħalli mill-inqas fergħa waħda ta' attività fil-kumpannija li qed tittrasferixxi, bi skambju mal-ħruġ pro-rata lill-azzjonisti tagħha ta' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpanniji li qed jirċievu l-assi u d-debiti, u, jekk hu applikabbli, ħlas f'kontanti ta' mhux aktar minn 10 % tal-valur nominali jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità kontabbli ta' dawk it-titoli ta' sigurtà;"

(b) Il-paragrafu (d) għandu jinbidel kif ġej:

"(d) 'skambju ta' ishma' għandha tfisser operazzjoni li biha kumpannija takkwista sehem fil-kapital ta' kumpannija oħra tali li tikseb maġġoranza tad-drittijiet ta' vot f'dik il-kumpannija, jew, jekk tiddetjeni tali maġġoranza, takkwista sehem ulterjuri, bi skambju mal-ħruġ lill-azzjonisti tal-kumpannija ta' l-aħħar, bi skambju mat-titoli ta' sigurtà tagħhom, ta' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija ta' l-ewwel, u, jekk hu applikabbli, pagament kontanti ta' mhux aktar minn 10 % tal-valur nominali, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-parità kontanti tas-sigurtajiet maħruġa bi skambju;"

(ċ) Għandu jiżdied il-paragrafu (j) li ġej:

"(j) 'trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat' għandha tfisser operazzjoni li biha SE jew SCE, mingħajr ma xxolji jew toħloq persuna ġuridika ġdida, tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor".

(4) L-Artikolu 3 il-paragrafu (ċ) it-8 inċiż fir-rigward ta' l-Italja għandu jinbidel kif ġej:

"— imposta sul reddito delle società fl-Italja,"

(5) L-intestatura tat-Titolu II għandha tinbidel b'dan li ġej:

"TITOLU II

**Regoli applikabbli għal *mergers*, diviżjonijiet, diviżjonijiet parzjali, u skambji ta' ishma."**

(6) L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. *Merger*, diviżjoni jew diviżjoni parzjali m'għandhomx jirriżultaw fi kwalunkwe tassazzjoni ta' qligħ kapitali kkalkulat b'referenza għad-differenza bejn il-valuri reali ta' l-assi u d-debiti trasferiti u l-valuri tagħhom għal finijiet ta' taxxa.

Għall-fini ta' dan l-Artikolu, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'valur għall-finijiet ta' taxxa': il-valur abbażi ta' liema kwalunkwe qligħ jew telf ikun ġie kkalkulat għall-finijiet ta' taxxa fuq id-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali tal-kumpannija li qed tittrasferixxi jekk tali assi jew debiti kienu ġew mibjugħa fiż-żmien tal-merger, diviżjoni jew diviżjoni parzjali iżda indipendentement minnhom;

(b) 'assi u debiti trasferiti': dawk l-assi u debiti tal-kumpannija li qed tittrasferixxi li, b'konsegwenza tal-merger, diviżjoni jew diviżjoni parzjali, huma effettivament konnessi ma' stabbiliment permanenti tal-kumpannija li qed tirċievi fl-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi u għandhom parti fil-ġenerazzjoni tal-profitti jew it-telf meħuda fil-kont għall-finijiet ta' taxxa.

2. Meta japplika l-paragrafu 1 u meta Stat Membru jikkunsidra kumpannija li qed tittrasferixxi, mhux residenti, bħala fiskalment trasparenti abbażi tal-valutazzjoni ta' dak l-Istat tal-karatteristiċi legali ta' dik il-kumpannija li jirriżultaw mil-liġi li taħtha hija kostitwita u għalhekk jintaxxa lill-azzjonisti fuq is-sehem tagħhom tal-profitti tal-kumpannija li qed tittrasferixxi kif u meta jirriżultaw dawk il-profitti, dak l-Istat m'għandux jintaxxa kwalunkwe dħul, profitti jew qligħ kapitali kkalkulati b'referenza għad-differenza bejn il-valuri reali ta' l-assi u d-debiti trasferiti u l-valuri tagħhom għal finijiet ta' taxxa.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw biss jekk il-kumpannija li qed tirċievi tikkalkula kwalunkwe deprezzament ġdid u kwalunkwe qligħ jew telf fir-rigward ta' l-assi u d-debiti trasferiti skond ir-regoli li kienu japplikaw għall-kumpannija jew kumpanniji li qed jittrasferixxu kieku l-*merger*, id-diviżjoni jew id-diviżjoni parzjali ma kinitx seħħet.

4. Meta, taħt il-liġijiet ta' Stat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi, il-kumpannija li qed tirċievi hija intitolata li jkollha kwalunkwe deprezzament ġdid jew kwalunkwe qligħ jew telf fir-rigward ta' l-assi u d-debiti trasferiti kkalkulati fuq bażi differenti minn dik stabbilita fil-paragrafu 3, il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-assi u d-debiti fir-rigward ta' liema dik l-għażla tiġi eżerċitata."

(7) L-Artikolu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Sakemm, jekk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, paragrafu a, twettqu bejn kumpanniji mill-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi, l-Istat Membru kien japplika dispożizzjonijiet li jippermettu lill-kumpannija li qed tirċievi biex tassumi għaliha t-telf tal-kumpannija li qed tittrasferixxi li kien għadu ma ġiex eżawrit għal finijiet ta' taxxa, huwa għandu jestendi dawk id-dispożizzjonijiet biex ikopru l-assunzjoni ta' tali telf mill-istabbilimenti permanenti tal-kumpannija li qed tirċievi li jinsabu fit-territorju tiegħu."

(8) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 1 meta l-kumpannija li qed tirċievi għandha sehem ta' inqas minn 20 % fil-kapital tal-kumpannija li qed tittrasferixxi.

Mill-1 ta' Jannar 2007 il-perċentwali minima tas-sehem għandha tkun 15 %. Mill-1 ta' Jannar 2009 il-perċentwali minima tas-sehem għandha tkun 10 %."

(9) L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Waqt *merger*, diviżjoni jew skambju ta' ishma, it-tqassim ta' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija akkwirenti jew li qed tirċievi lil azzjonist tal-kumpannija akkwistata jew li qed tittrasferixxi, bi skambju ma' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija ta' l-aħħar m'għandux, minnu nnifsu, jirriżulta fi kwalunkwe tassazzjoni fuq id-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali ta' dak l-azzjonist.

2. Waqt diviżjoni parzjali, it-tqassim lil azzjonist tal-kumpannija li qed tittrasferixxi ta' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija li qed tirċievi m'għandux, minnu nnifsu, jirriżulta fi kwalunkwe tassazzjoni tad-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali ta' dak l-azzjonist.

3. Meta Stat Membru jikkunsidra azzjonist bħala fiskalment trasparenti abbażi tal-valutazzjoni ta' dak l-Istat tal-karatteristiċi legali ta' dak l-azzjonist li jirriżultaw mil-liġi li taħtha huwa kostitwit u għalhekk jintaxxa lil dawk il-persuni li għandhom interess fl-azzjonisti fuq is-sehem tagħhom tal-profitti ta' l-azzjonist kif u meta dawk il-profitti jirriżultaw, l-Istat m'għandux jintaxxa lil dawk il-persuni fuq id-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali mit-tqassim lill-azzjonist ta' titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital tal-kumpannija akkwirenti jew li qed tirċievi.

4. Il-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw biss jekk l-azzjonist ma jattribwix lit-titoli ta' sigurtà riċevuti valur għal finijiet ta' taxxa ogħla mill-valur li t-titoli ta' sigurtà skambjati kellhom immedjatament qabel il-*merger*, diviżjoni jew skambju ta' ishma.

5. Il-paragrafu 2 u 3 għandhom japplikaw biss jekk l-azzjonist ma jattribwix lis-somma tat-titoli ta' sigurtà riċevuti u lil dawk miżmuma fil-kumpannija li qed tittrasferixxi, valur għal finijiet ta' taxxa ogħla mill-valur li t-titoli ta' sigurtà miżmuma fil-kumpannija li qed tittrasferixxi kellhom immedjatament qabel id-diviżjoni parzjali.

6. L-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jintaxxaw il-qligħ li jirriżulta mit-trasferiment sussegwenti ta' titoli ta' sigurtà riċevuti, bl-istess mod bħall-qligħ li jirriżulta mit-trasferiment ta' titoli ta' sigurtà li kienu jeżistu qabel l-akkwist.

7. F'dan l-Artikolu l-espressjoni 'valur għal finijiet ta' taxxa' tfisser il-valur abbażi ta' liema kwalunkwe qligħ jew telf ikun ikkalkulat għall-finijiet ta' taxxa fuq id-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali ta' azzjonist tal-kumpannija.

8. Meta, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn huwa residenti, azzjonist jista' jagħżel trattament fiskali differenti minn dak stabbilit fil-paragrafi 4 u 5, il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għat-titoli ta' sigurtà fir-rigward ta' liema tali għażla tkun ġiet eżerċitata.

9. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jipprevjenu lil Stat Membru milli jieħu kont, meta jintaxxa lil azzjonisti, ta' kwalunkwe ħlas f'kontanti li jista' jsir waqt il-*merger*, id-diviżjoni, id-diviżjoni parzjali jew l-iskambju ta' ishma."

(10) L-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Meta l-assi trasferiti f'*merger*, diviżjoni, diviżjoni parzjali jew trasferiment ta' assi jinkludu stabbiliment permanenti tal-kumpannija li qed tittrasferixxi li jinsab fi Stat Membru ieħor minn dak tal-kumpannija li qed tittrasferixxi, l-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi għandu jirrinunzja kwalunkwe dritt li jintaxxa lil dak l-istabbiliment permanenti.

L-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi jista' jdaħħal lura fil-profitti taxxabbli ta' dik il-kumpannija tali telf ta' l-istabbiliment permanenti li qabel seta' ġie kompensat mal-profitti taxxabbli tal-kumpannija f'dak l-Istat u li ma ġiex irkuprat.

L-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti u l-Istat Membru tal-kumpannija li qed tirċievi għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal tali trasferiment daqs li kieku l-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti kien l-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll fil-każ fejn l-istabbiliment permanenti jinsab fl-istess Stat Membru bħal dak fejn hija residenti l-kumpannija li qed tirċievi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta l-Istat Membru tal-kumpannija li qed tittrasferixxi tapplika sistema li tintaxxa l-profitti fuq livell dinji, dak l-Istat Membru għandu jkollu d-dritt li jintaxxa kwalunkwe profitt jew qligħ kapitali ta' l-istabbiliment permanenti li jirriżulta mill-*merger*, id-diviżjoni, id-diviżjoni parzjali jew it-trasferiment ta' assi, bil-kondizzjoni li jagħti eżenzjoni għat-taxxa li, ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, kienet tiġi imposta fuq dawk il-profitti jew qligħ kapitali fl-Istat Membru fejn jinsab dak l-istabbiliment permanenti, bl-istess mod u fl-istess ammont li kien jagħmel kieku dik it-taxxa kienet fil-fatt ġiet imposta u mħallsa."

(11) Għandu jiddaħħal it-Titolu li ġej:

"TITOLU IVa

**Każ Speċjali ta' Entitajiet Trasparenti**

*Artikolu 10a*

1. Meta Stat Membru jikkunsidra kumpannija mhux residenti li qed tittrasferixxi jew akkwistata bħala fiskalment trasparenti abbażi tal-valutazzjoni ta' dak l-Istat tal-karatteristiċi legali ta' dik il-kumpannija li jirriżultaw mil-liġi li taħtha hija kostitwita, huwa għandu jkollu d-dritt li ma japplikax id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta jintaxxa azzjonist dirett jew indirett ta' dik il-kumpannija fir-rigward tad-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali ta' dik il-kumpannija

2. Stat Membru li jeżerċita d-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti eżenzjoni għat-taxxa li, ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, kienet tiġi imposta fuq il-kumpannija fiskalment trasparenti fuq id-dħul, il-profitti jew il-qligħ kapitali tagħha, bl-istess mod u bl-istess ammont li dak l-Istat kien jagħmel kieku dik it-taxxa ġiet fil-fatt imposta u mħallsa.

3. Meta Stat Membru jikkunsidra kumpannija li qed tirċievi jew akkwirenti, mhux residenti, bħala fiskalment trasparenti abbażi tal-valutazzjoni ta' dak l-Istat tal-karatteristiċi legali ta' dik il-kumpannija li jirriżultaw mil-liġi li taħtha hija kostitwita, huwa għandu jkollu d-dritt li ma japplikax l-Artikolu 8 il-paragrafi 1, 2 u 3.

4. Meta Stat Membru jikkunsidra kumpannija li qed tirċievi, mhux residenti, bħala fiskalment trasparenti abbażi tal-valutazzjoni ta' dak l-Istat tal-karatteristiċi legali ta' dik il-kumpannija li jirriżultaw mil-liġi li taħtha hija kostitwita, dak l-Istat Membru jista' japplika għal kwalunkwe azzjonist dirett jew indirett l-istess trattament għal finijiet ta' taxxa li kien japplika kieku l-kumpannija li qed tirċievi kienet residenti f'dak l-Istat Membru."

(12) Għandu jiddaħħal it-Titolu li ġej.

"TITOLU IVb

**Regoli applikabbli għat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE**

*Artikolu 10b*

1. Meta,

(a) SE jew SCE tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor, jew

(b) f'konnessjoni mat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor, SE jew SCE, li hija residenti fl-ewwel Stat Membru, ma tibqax residenti f'dak l-Istat Membru u ssir residenti fi Stat Membru ieħor,

dak it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat jew it-tmiem ta' residenza m'għandux jirriżulta fi kwalunkwe tassazzjoni ta' qligħ kapitali, ikkalkulat skond l-Artikolu 4(1), fl-Istat Membru li minnu l-uffiċċju reġistrat ġie trasferit, miksub minn dawk l-assi u d-debiti ta' l-SE jew l-SCE li, b'konsegwenza, jibqgħu effettivament konnessi ma' stabbiliment permanenti ta' l-SE jew ta' l-SCE fl-Istat Membru li minnu l-uffiċċju reġistrat ġie trasferit u li għandhom rwol fil-ġenerazzjoni tal-profitti jew tat-telf meħuda fil-kont għal finijiet ta' taxxa.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss jekk l-SE jew l-SCE tikkalkula kwalunkwe deprezzament u kwalunkwe qligħ jew telf fir-rigward ta' l-assi u d-debiti li jibqgħu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti, daqs li kieku t-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ma kienx seħħ jew l-SE jew l-SCE ma kinitx temmet ir-residenza fiskali tagħha.

3. Meta, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru, l-SE jew l-SCE hija intitolata li jkollha kwalunkwe deprezzament ġdid jew kwalunkwe qligħ jew telf fir-rigward ta' l-assi u d-debiti li jibqgħu f'dak l-Istat Membru kkalkulati fuq bażi differenti minn dik stabbilita fil-paragrafu 2, il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-assi u d-debiti fir-rigward ta' liema dik l-għażla tiġi eżerċitata.

*Artikolu 10ċ*

1. Meta,

(a) SE jew SCE tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor, jew

(b) f'konnessjoni mat-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor, SE jew SCE, li hija residenti fl-ewwel Stat Membru, ma tibqax residenti f'dak l-Istat Membru u ssir residenti fi Stat Membru ieħor,

l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta provvisti jew riżervi kostitwiti kif suppost mill-SE jew l-SCE qabel it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat huma parzjalment jew interament eżenti mit-taxxa u mhumiex akkwistati minn stabbilimenti permanenti barra l-pajjiż, tali provvisti jew riżervi jistgħu jittieħdu, bl-istess eżenzjoni ta' taxxa, minn stabbiliment permanenti ta' l-SE jew l-SCE li jinsab fit-territorju ta' l-Istat Membru li minnu l-uffiċċju reġistrat ġie trasferit.

2. Sakemm kumpannija li tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha fit-territorju ta' Stat Membru titħalla tmexxi 'l quddiem jew tieħu lura telf li ma ġiex eżawrit għal finijiet ta' taxxa, dak l-Istat Membru għandu jippermetti lill-istabbiliment permanenti, li jinsab fit-territorju tiegħu, ta' l-SE jew l-SCE li qed tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha, li jassumi għalih dak it-telf ta' l-SE jew l-SCE li ma ġiex eżawrit għal finijiet ta' taxxa, bil-kondizzjoni li t-tmexxija 'l quddiem jew it-teħid lura tat-telf kien ikun disponibbli f'ċirkostanzi komparabbli għal kumpannija li baqgħet iżżomm l-uffiċċju reġistrat tagħha jew baqgħet resident fiskali f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 10d*

1. It-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew ta' SCE m'għandux, minnu nnifsu, jirriżulta fi kwalunkwe tassazzjoni fuq id-dħul, il-profitt jew il-qligħ kapitali ta' l-azzjonisti.

2. L-applikazzjoni tal-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jintaxxaw il-qligħ li jirriżulta mit-trasferiment sussegwenti tat-titoli ta' sigurtà li jirrappreżentaw il-kapital ta' l-SE jew ta' l-SCE li tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha."

(13) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Stat Membru jista' jirrifjuta li japplika jew jirtira l-benefiċċju ta' kull waħda jew kwalunkwe parti mid-dispożizzjonijiet tat-Titoli II, III, IV, u IVb meta jkun jidher li l-*merger*, id-diviżjoni, id-diviżjoni parzjali, it-trasferiment ta' assi, l-iskambju ta' ishma jew it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew SCE:

(a) għandu bħala l-għan prinċipali jew bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu l-evażjoni tat-taxxa jew il-frodi fiskali; il-fatt li waħda mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ma titwettaqx għal raġunijiet kummerċjali validi bħar-ristrutturar jew ir-razzjonalizzazzjoni ta' l-attivitajiet tal-kumpanniji li qed jipparteċipaw fl-operazzjoni jista' jikkostitwixxi preżunzjoni li l-operazzjoni għandha l-evażjoni tat-taxxa jew il-frodi fiskali bħala l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħha;

(b) jirriżulta f'kumpannija, sew jekk qed tipparteċipa fl-operazzjoni jew le, li ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rappreżentazzjoni ta' l-impjegati f'organi tal-kumpannija skond l-arranġamenti li kienu fis-seħħ qabel dik l-operazzjoni."

(14) L-Anness għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw kemm mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' SE jew ta' SCE, u ma' l-ittra (a) fl-Anness għal din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 2006. L-Istati Membri għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment.

2. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1, sa l-1 ta' Jannar 2007. L-Istati Membri għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. L-metodi għall-għamla ta' tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS*

**LISTA TA' KUMPANNIJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(a)**

(a) kumpanniji inkorporati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal Kumpannija Ewropea (SE) u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplementa l-Istatut għal kumpannija Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' l-impjegati, u soċjetajiet koperattivi inkorporati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Koperattiva Ewropea (SCE) u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplementa l-Istatut għal Soċjetà Koperattiva Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' l-impjegati;

(b) kumpanniji taħt il-liġi Belġjana magħrufa bħala 'société anonyme'/'naamloze vennootschap','société en commandite par actions'/'commanditaire vennootschap op aandelen', 'société privée à responsabilité limitée'/'besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid' 'société coopérative à responsabilité limitée'/'coöperatieve vennootschap met beperkte aansprakelijkheid', 'société coopérative à responsabilité illimitée'/'coöperatieve vennootschap met onbeperkte aansprakelijkheid', 'société en nom collectif' / 'vennootschap onder firma', 'société en commandite simple' / 'gewone commanditaire vennootschap', impriżi pubbliċi li adottaw waħda mill-forom legali msemmija hawn fuq, u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Belġjana soġġetti għat-Taxxa Korporattiva Belġjana;

(ċ) kumpanniji taħt il-liġi Ċeka magħrufa bħala: 'akciová společnost', 'společnost s ručením omezeným';

(d) kumpanniji taħt il-liġi Daniża magħrufa bħala 'aktieselskab' u 'anpartsselskab'. Kumpanniji oħra soġġetti għat-taxxa taħt l-Att dwar Taxxa Korporattiva, safejn id-dħul taxxabbli tagħhom jiġi kkalkulat u intaxxat skond ir-regoli tal-leġislazzjoni tat-taxxa ġenerali applikabbli għal 'aktieselskaber';

(e) kumpanniji taħt il-liġi Ġermaniża magħrufa bħala 'Aktiengesellschaft', 'Kommanditgesellschaft auf Aktien', 'Gesellschaft mit beschränkter Haftung', 'Versicherungsverein auf Gegenseitigkeit', 'Erwerbs- und Wirtschaftsgenossenschaft', 'Betriebe gewerblicher Art von juristischen Personen des öffentlichen Rechts', u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Ġermaniża soġġetti għat-taxxa korporattiva Ġermaniża;

(f) kumpanniji taħt il-liġi Estonjana magħrufa bħala: 'täisühing', 'usaldusühing', 'osaühing','aktsiaselts', 'tulundusühistu';

(g) kumpanniji taħt il-liġi Griega magħrufa bħala 'ανώνυμη εταιρεία', 'εταιρεία περιορισμένης ευθύνης (Ε.Π.Ε.)';

(h) kumpanniji taħt il-liġi Spanjola magħrufa bħala 'sociedad anónima', 'sociedad comanditaria por acciones', 'sociedad de responsabilidad limitada', u dawk il-korpi ta' liġi pubblika li joperaw taħt il-liġi privata;

(i) kumpanniji taħt il-liġi Franċiża magħrufa bħala 'société anonyme', 'société en commandite par actions', 'société à responsabilité limitée', 'sociétés par actions simplifiées', 'sociétés d'assurances mutuelles', 'caisses d'épargne et de prévoyance','sociétés civiles'li huma awtomatikament soġġetti għat-taxxa korporattiva,'coopératives','unions de coopératives', stabbilimenti u impriżi pubbliċi industrijali u kummerċjali, u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Franċiża soġġetti għat-Taxxa Korporattiva Franċiża;

(j) kumpanniji inkorporati jew eżistenti taħt il-liġijiet Irlandiżi, korpi reġistrati taħt l-'Industrial and Provident Societies Act', 'building societies' inkorporati taħt il-'Building Societies Acts' u 'trustee savings banks' fi ħdan it-tifsira tat-'Trustee Savings Banks Act', 1989;

(k) kumpanniji taħt il-liġi Taljana magħrufa bħala 'società per azioni', 'società in accomandita per azioni', 'società a responsibilità limitata', 'società cooperative', 'società di mutua assicurazione', u entitajiet privati u pubbliċi li l-attività tagħhom hija interament jew prinċipalment kummerċjali;

(l) il-liġi Ċiprijotta: 'εταιρείες' kif definit fil-liġijiet dwar it-Taxxa fuq id-Dħul;

(m) kumpanniji taħt il-liġi Latvjana magħrufa bħala: 'akciju sabiedrība', 'sabiedrība ar ierobežotu atbildību';

(n) kumpanniji inkorporati taħt il-liġi tal-Litwanja;

(o) kumpanniji taħt il-liġi tal-Lussemburgu magħrufa bħala 'société anonyme', 'société en commandite par actions', 'société à responsabilité limitée', 'société coopérative', 'société coopérative organisée comme une société anonyme', 'association d'assurances mutuelles', 'association d'épargne-pension','entreprise de nature commerciale, industrielle ou minière de l'Etat, des communes, des syndicats de communes, des établissements publics et des autres personnes morales de droit public', u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi tal-Lussemburgu soġġetti għat-Taxxa Korporattiva tal-Lussemburgu;

(p) kumpanniji taħt il-liġi Ungeriża magħrufa bħala: 'közkereseti társaság', 'betéti társaság','közös vállalat', 'korlátolt felelősségű társaság', 'részvénytársaság', 'egyesülés','közhasznú társaság','szövetkezet';

(q) kumpanniji taħt il-liġi Maltija magħrufa bħala: 'Kumpanniji ta' Responsabilità Limitata', 'Soċjetajiet en commandite li l-kapital tagħhom maqsum f'azzjonijiet';

(r) kumpanniji taħt il-liġi Olandiża magħrufa bħala 'naamloze vennnootschap', 'besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid', 'Open commanditaire vennootschap', 'Coöperatie', 'onderlinge waarborgmaatschappij', 'Fonds voor gemene rekening', 'vereniging op coöperatieve grondslag' u 'vereniging welke op onderlinge grondslag als verzekeraar of kredietinstelling optreedt', u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Olandiża soġġetti għat-Taxxa Korporattiva Olandiża;

(s) kumpanniji taħt il-liġi Awstrijaka magħrufa bħala 'Aktiengesellschaft', 'Gesellschaft mit beschränkter Haftung', 'Erwerbs- und Wirtschaftsgenossenschaften';

(t) kumpanniji taħt il-liġi Pollakka magħrufa bħala: 'spółka akcyjna', 'spółka z ograniczoną odpowiedzialnością';

(u) kumpanniji kummerċjali jew kumpanniji ta' liġi ċivili li għandhom forma kummerċjali kif ukoll persuni ġuridiċi oħra li qed jiżvolġu attivitajiet kummerċjali jew industrijali, li huma inkorporati taħt il-liġi Portugiża;

(v) kumpanniji taħt il-liġi Slovena magħrufa bħala: 'delniška družba', 'komanditna družba','družba z omejeno odgovornostjo'

(w) kumpanniji taħt il-liġi Slovakka magħrufa bħala: 'Akciová spoločnosť', 'Spoločnosť s ručením obmedzeným', 'Komanditná spoločnosť'.

(x) kumpanniji taħt il-liġi Finlandiża magħrufa bħala 'osakeyhtiö'/'aktiebolag', 'osuuskunta'/'andelslag', 'säästöpankki'/'sparbank' u 'vakuutusyhtiö'/'försäkringsbolag';

(y) kumpanniji taħt il-liġi Svediża magħrufa bħala 'aktiebolag', 'försäkringsaktiebolag', 'ekonomiska föreningar', 'sparbanker', 'ömsesidiga försäkringsbolag';

(z) kumpanniji inkorporati taħt il-liġi tar-Renju Unit;"

32005D0172

L 58/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Frar 2005

## li taħtar membru Olandiż tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/172/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni [1].

(2) Post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur G.A.A. VERKERK, notifikata lill-Kunsill fis-6 ta' Ottubru 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Is-Sur Pieter Theodoor VAN WOENSEL, Wethouder van Den Haag, huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sur G.A.A. VERKERK għall-kumplament taż-żmien tal-kariga tiegħu, li jibqa' sejjer sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmulafi Brussel, nhar it-28 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

[1] ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005E0190

9.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 62/37

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/190/PESK
## tas-7 ta' Marzu 2005
## dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14, l-Artikolu 25, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 26 u l-Artikolu 28(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea hija impenjata għal Iraq sigura, stabbli, unifikata, prosperuża u demokratika li jkun jagħti kontribut pożittiv għall-istabbiltà tar-reġjun. L-UE tappoġġja lill-poplu ta' l-Iraq u lill-Gvern Interim Iraqi fl-isforzi tagħhom lejn ir-rikostruzzjoni ekonomika, soċjali u politika ta' l-Iraq fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1546 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Ġunju 2004.

(2) Il-Kunsill Ewropew fil-5 ta' Novembru 2004 laqa' l-Missjoni Konġunta għas-Sejba tal-Fatti għall-possibbiltà ta' missjoni integrata tal-pulizija, ta' l-istat tad-dritt u ta' l-amministrazzjoni ċivili għall-Iraq u kkunsidra r-rapport tagħha. Il-Kunsill Ewropew għaraf l-importanza li tissaħħaħ is-sistema tal-ġustizzja kriminali, konsistenti mar-rispett għall-istat tad-dritt, għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali. Innota x-xewqa ta' l-awtoritajiet Iraqqini li l-UE tkun involuta b'mod aktar attiv fl-Iraq u li t-tishiħ tas-settur tal-ġustizzja kriminali jirrispondi għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' l-Iraq.

(3) Il-Kunsill Ewropew qabel li l-UE tista' tikkontribwixxi b'mod utli għar-rikostruzzjoni u sabiex ikun hemm Iraq stabbli, sigur u demokratiku permezz ta' missjoni integrata, li tista' inter alia tippromwovi kollaborazzjoni eqreb bejn l-atturi differenti fis-sistema ta' ġustizzja kriminali u s-saħħaħ il-kapaċità ta' tmexxija ta' l-uffiċjali għoljin u ta' potenzjal għoli tal-pulizija, il-ġudikatura u l-ħabs u ttejjeb il-kapaċitajiet u l-proċeduri fl-investigazzjoni kriminali b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

(4) Kif miftiehem mill-Kunsill Ewropew, bl-Azzjoni Konġunta 2004/909/PESK [1] il-Kunsill iddeċieda li jibgħat tim ta' esperti biex ikompli d-djalogu ma' l-awtoritajiet Iraqqini, biex jibda l-ippjanar inizjali għall-possibiltà ta' missjoni integrata tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili li għandha tibda wara l-elezzjonijiet, u b'mod partikolari jivvaluta l-ħtiġijiet urġenti ta' siġurtà għal tali missjoni.

(5) Il-Kunsill iddeċieda fil-21 ta' Frar 2005 li jibda missjoni integrata għall-istat tad-dritt għall-Iraq, li għandha ssir operattiva mill-iktar fis possibbli, soġġetta għal stedina uffiċjali mill-awtoritajiet Iraqqini.

(6) Is-suċċess tal-missjoni jkun jiddependi fuq sħubija strateġika u teknika effettiva ma' l-Iraqqin matul l-operazzjoni, fil-qafas tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża u b'mod komplimentari man-Nazzjonijiet Uniti.

(7) L-UE ser tuża d-djalogu tagħha ma' l-Iraq u l-ġirien tiegħu sabiex tħeġġeġ impenn reġjonali kontinwu u sostenn għal sigurtà mtejba u għall-proċess politiku u ta' rikostruzzjoni fl-Iraq ibbażat fuq l-inklużjoni, il-prinċipji demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll is-sostenn għas-sigurtà u l-kooperazzjoni fir-reġjun.

(8) L-EUJUST LEX ser timplimenta l-mandat tagħha fil-kuntest ta' sitwazzjoni li hi ta' theddida għal-liġi u l-ordni, is-sigurtà ta' l-individwu, u għall-istabbilità ta' l-Iraq u li tista' tagħmel ħsara lill-għanijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat.

(9) Bi qbil mal-linji gwida tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Nizza mis-7 sad-9 ta' Diċembru 2000, din l-Azzjoni Konġunta għandha tiddetermina r-rwol tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "SĠ/RGħ", skond l-Artikoli 18 u 26 tat-Trattat,

(1) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/909/PESK tas-26 ta' Novembru 2004 dwar l-istabbiliment ta' tim espert bil-ħsieb tal-possibbiltà ta' missjoni integrata ta' l-Unjoni Ewropea tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili għall-Iraq (ĠU L 381, 28.12.2004, p. 84).

(10) L-Artikolu 14(1)tat-Trattat isejjaħ għall-indikazzjoni ta' ammont finanzjarju ta' referenza għall-perijodu kollu ta' implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta. L-indikazzjoni ta' l-ammonti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-*budget* tal-Komunità juri r-rieda ta' l-awtorità leġislattiva u hi soġġetta għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet ta' impenn matul is-sena tal-*budget* rispettiva. L-EUJUST LEX ser tirċievi wkoll kontributi *in natura* mill-Istati Membri.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

**Missjoni**

1. L-Unjoni Ewropea hawnhekk tistabbilixxi Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX li tinkludi fażi ta' ppjanar li tibda mhux aktar tard mid-9 ta' Marzu 2005 u fażi ta' operazzjoni li tibda mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2005.

2. EUJUST LEX għandha topera skond l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-missjoni stabbilita fl-Artikolu 2.

*Artikolu 2*

**Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

1. L-EUJUST LEX, għandha tindirizza l-bżonnijiet urġenti fis-sistema tal-ġustizzja kriminali Iraqqina billi tipprovdi taħriġ għal uffiċjali ta' livell għoli u medju fit-tmexxija għolja u fl-investigazzjoni kriminali. Dan it-taħriġ għandu jkollu l-għan li jtejjeb il-kapaċità, il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni tal-komponenti differenti tas-sistema tal-ġustizzja kriminali Iraqqina.

2. EUJUST LEX għandha tippromwovi kollaborazzjoni eqreb bejn l-atturi differenti fis-sistema ta' ġustizzja kriminali Iraqqina u ssaħħaħ il-kapaċità ta' tmexxija ta' l-uffiċjali għoljin u ta' potenzjal għoli primarjament mill-pulizija, mill-ġudikatura u mill-ħabs u ttejjeb il-kapaċità u l-proċeduri fl-investigazzjoni kriminali b'rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

3. L-attivitajiet ta' taħriġ għandhom iseħħu fl-UE jew fir-reġjun u l-EUJUST LEX għandu jkollha uffiċju ta' kollegament f'Bagdad.

Skond l-iżviluppi fil-kondizzjonijiet ta' siġurtà fl-Iraq u d-disponibbiltà ta' infrastruttura adatta, il-Kunsill ser jeżamina l-possibbiltà li t-taħriġ iseħħ fl-Iraq u, jekk meħtieġ, ser jemenda l-azzjoni konġunta f'dan is-sens.

4. Sħubija strateġika u teknika effettiva mal-kontrapartijiet Iraqqini għandha tiġi żviluppata matul il-missjoni, partikolarment fir-rigward tad-disinn tal-kurrikuli matul il-fażi ta' ppjanar. Ser tkun ukoll meħtieġa kordinazzjoni għas-selezzjoni, l-ivvettjar, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni ta' persunal li jattendi għat-taħriġ bl-għan ta' approprjazzjoni rapida mill-Iraqqini. Għandu jkun hemm ukoll bżonn ta' koordinazzjoni mill-qrib matul il-fażijiet ta' l-ippjanar u l-operazzjoni bejn l-EUJUST LEX u l-Istati Membri li jipprovdu t-taħriġ. Din għandha tinkludi l-involviment tal-missjonijiet diplomatiċi fl-Iraq ta' l-Istati Membri rilevanti u kollegament ma' dawk l-Istati Membri b'esperjenza attwali fil-provvediment ta' taħriġ rilevanti għall-Missjoni.

5. L-EUJUST LEX għandha tkun sigura, indipendenti u distinta imma għandha tkun komplimentari u ġġib valur miżjud lill-isforzi internazzjonali attwali, partikolarment dawk tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll tiżviluppa sinerġiji ma' l-isforzi attwali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, l-EUJUST LEX għandha taħdem mill-qrib ma' l-Istati Membri li fil-preżent qed imexxu proġetti ta' taħriġ.

*Artikolu 3*

**Struttura**

L-EUJUST LEX għandha, fil-prinċipju, tkun strutturata kif ġej:

(a) il-Kap tal-Missjoni;

(b) Uffiċju ta' Kordinazzjoni bbażat fi Brussel;

(ċ) Uffiċju ta' Kollegament f'Bagdad;

(d) Faċilitajiet ta' Taħriġ u min iħarreġ pprovduti mill-Istati Membri u kkordinati mill- EUJUST LEX.

Dawn l-elementi għandhom ikunu żviluppati fil-Kunċett ta' Operazzjonijiet (CONOPS) u l-Pjan ta' Operazzjoni (OPLAN).

*Artikolu 4*

**Kap tal-Missjoni**

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jieħu f'idejh t-tmexxija ta' kuljum u l-kordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-EUJUST LEX u għandu jkun responsabbli għal kwistjonijiet ta' persunal u dixxiplina.

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jiffirma kuntratt mall-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

**Fażi ta' ppjanar**

1. Waqt il-fażi preparatorja tal-missjoni, tim ta' l-ippjanar għandu jiġi stabbilit u għandu jinkludi l-Kap tal-Missjoni, li għandu jmexxi t-tim ta' l-ippjanar, u l-persunal meħtieġ biex jittratta l-funzjonijiet li jirriżultaw mill-ħtiġijiet stabbiliti tal-missjoni.

2. Stima komprensiva tar-riskju għandha titwettaq bħala prijorità fil-proċess ta' l-ippjanar u għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ.

3. It-tim ta' l-ippjanar għandu jfassal OPLAN u jiżviluppa l-istrumenti tekniċi kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-missjoni inklużi l-kurrikula komuni b'kont meħud tal-proġetti ta' taħriġ attwali ta' l-Istati Membri. Il-CONOPS u l-OPLAN għandhom iqisu l-istima komprensiva tar-riskju. L-OPLAN għandu jkun fih il-kurrikula komuni ta' l-UE għall-korsijiet, li ser ikunu iddisinnjati mit-tim ta' l-ippjanar b'konsultazzjoni ma' l-Iraqqini u l-Istati Membri, inklużi dawk li jipprovdu t-taħriġ rilevanti għall-missjoni. Il-Kunsill għandu japprova l-CONOPS u l-OPLAN.

4. It-tim ta' l-ippjanar għandu jaħdem f'kordinazzjoni mill-qrib ma' l-atturi rilevanti internazzjonali, partikolarment in-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 6*

**Persunal**

1. In-numri u l-kompetenzi tal-persunal ta' l-EUJUST LEX għandhom ikunu konsistenti mad-dikjarazzjoni tal-missjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-istruttura stabbilita fl-Artikolu 3.

2. Il-persunal ta' l-EUJUST LEX għandu jkun issekondat mill-Istati Membri jew l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż relatati mal-persunal ta' l-EUJUST LEX issekondat minnu, inklużi l-pagi, il-kopertura medika, l-*allowances* barra l-*per diems* u l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar kif iddefiniti fid-dikjarazzjoni finanzjarja.

3. Il-persunal internazzjonali u dak lokali għandu jiġi reklutat fuq bażi kuntrattwali mill-EUJUST LEX kif meħtieġ.

4. Il-persunal kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew istituzzjoni ta' l-UE approprjata u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-missjoni. Kemm waqt kif ukoll wara l-missjoni, huwa għandu jeżerċita l-akbar diskrezzjoni firrigward tal-fatti u l-informazzjoni kollha relatati mal-missjoni. Il-persunal għandu jirrispetta l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill ([1]).

*Artikolu 7*

**Status tal-persunal**

1. Fejn meħtieġ, l-istatus tal-persunal ta' l-EUJUST LEX, inklużi fejn xieraq il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji ulterjuri meħtieġa għall-ikkompletar u l-funzjonament bla xkiel ta' l-EUJUST LEX għandhom jiġu miftiehma skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24 tat-Trattat. Is-SĠ/RGħ, li jgħin lill-Presidenza, jista' jinnegozja tali ftehim f'isimha.

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/194/KE (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 48).

2. L-Istat Membru jew istituzzjoni ta' l-UE li ssekondaw membru tal-persunal għandhom ikunu responsabbli għal kwalunkwe pretensjoni marbuta ma' l-issekondar, minn jew li tikkonċerna l-membru tal-persunal. L-Istat Membru jew istituzzjoni ta' l-UE in kwistjoni għandhom ikunu responsabbli biex jibdew kwalunkwe azzjoni kontra l-issekondat.

*Artikolu 8*

**Linja ta' Kmand**

1. L-istruttura ta' EUJUST LEX għandu jkollha linja ta' kmand unifikata bħala operazzjoni ta' maniġġjar ta' kriżi.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jipprovdi l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jmexxi l-Missjoni u jieħu f'idejh il-kordinazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kuljum tagħha.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta lis-SĠ/RGħ.

5. Is-SĠ/RGħ għandu jagħti gwida lill-Kap tal-Missjoni.

*Artikolu 9*

**Kontroll politiku u direzzjoni strateġika**

1. Il-PSC għandu jeżerċita, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-PSC biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat biex taħtar, fuq proposta mis-SĠ/RGħ, Kap tal-Missjoni, u biex temenda l-CONOPS u l-OPLAN u l-linja ta' kmand. Is-setgħat ta' deċiżjoni fir-rigward ta' l-għanijiet u t-tmiem ta' l-operazzjoni għandhom jibqgħu f'idejn il-Kunsill, li jkun assistit mis-SĠ/RGħ.

2. Il-PSC għandu jirrapporta lill-Kunsill f'intervalli regolari.

3. Il-PSC għandu jirċievi rapporti mill-Kap tal-Missjoni firrigward tal-kontributi lejn u l-kondotta tal-missjoni, f'intervalli regolari. Il-PSC jista' jistieden lill-Kap tal-Missjoni għal-laqgħat tiegħu kif xieraq.

*Artikolu 10*

**Sigurtà**

1. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbli għas-sigurtà ta' l-EUJUST LEX u għandu, b'konsultazzjoni ma' l-Uffiċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċju ta' Sigurtà tal-SĠK", ikun responsabbli biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà minimi applikabbli għall-missjoni.

2. Għall-elementi tal-missjoni li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri, l-Istat Membru ospitanti ser jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa sabiex jiżgura s-sigurtà tal-parteċipanti u ta' min iħarreġ fit-territorju tiegħu.

3. Għall-Uffiċju ta' Koordinazzjoni fi Brussel, il-miżuri meħtieġa u xierqa ser ikunu organizzati mill-Uffiċju tas-Sigurtà tas-SĠK b'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ospitanti.

4. Jekk it-taħriġ iseħħ fi Stat terz, l-UE, bl-involviment ta' l-Istat Membru kkonċernat, għandha ssaqsi lill-awtoritajiet ta' l-Istati terzi biex jagħmlu l-arranġementi xierqa fir-rigward tas-sigurtà tal-parteċipanti u ta' min iħarreġ fit-territorju tiegħu.

5. L-EUJUST LEX għandu jkollha Uffiċjal tas-Sigurtà tal-missjoni ddedikat li jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni.

6. Il-Kap tal-Missjoni għandu jikkonsulta mal-PSC dwar kwistjonijiet ta' sigurtà li jaffetwaw l-insedjament tal-Missjoni skond l-istruzzjonijiet tas-SĠ/RGħ.

7. Il-membri ta' l-EUJUST LEX għandhom jieħdu taħriġ obbligatorju fis-sigurtà organizzat mill-Uffiċju tas-Sigurtà tas-SĠK u eżamijiet mediċi qabel kwalunkwe insedjament jew ivvjaġġar lejn l-Iraq.

8. L-Istati Membri għandhom jistinkaw sabiex jipprovdu lill-EUJUST LEX, b'mod partikolari l-Uffiċju ta' Kollegament, b'akkomodazzjoni sigura, korazza tal-persuna u protezzjoni taħt sorveljanza stretta ġewwa l-Iraq.

*Artikolu 11*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenzja finanzjarja maħsub biex ikopri l-ispiża relatata mal-missjoni għandu jkun ta' EUR 10 000 000.

2. L-ispiża ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. Jekk parti mit-taħriġ isseħħ fi Stati terzi, ċittadini ta' Stati terzi għandhom jitħallew jagħmlu offerti għall-kuntratti. F'dan il-każ, il-merkanzija u s-servizzi akkwistati għall-EUJUST LEX jistgħu jkunu wkoll joriġinaw minn Stati terzi.

3. Minħabba s-sitwazzjoni partikolari ta' sigurtà partikolari fl-Iraq, servizzi f'Bagdad għandhom ikunu pprovduti permezz tal-ftehim eżistenti li r-Renju Unit jkun għamel mal-kumpanniji elenkati fl-Anness. Il-*budget* ta' EUJUST LEX għandu jkopri dawn l-ispejjeż sa massimu ta' EUR 2 340 000. Ir-Renju Unit għandu, b'konsultazzjoni mall-Kap tal-Missjoni, jirrapporta regolarment lill-Kunsill b'informazzjoni adegwata dwar dawn l-ispejjeż.

4. Il-Kap tal-Missjoni għandu jirrapporta b'mod sħiħ lil, u jkun issorveljat mill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.

5. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-ħtiġiet operazzjonali ta' l-EUJUST LEX, inklużi l-kompatibbiltà ta' tagħmir.

6. L-infiq għandu jkun eliġibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta.

7. It-tagħmir u l-provvisti għall-Uffiċju ta' Kordinazzjoni fi Brussel għandhom ikunu mixtrija u mikrija f'isem l-UE.

*Artikolu 12*

**Azzjoni tal-Komunità**

1. Il-Kunsill jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza l-azzjoni tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-Azzjoni Konġunta f'kull fażi ta' l-operazzjoni proposta, inklużi bil-ħsieb ya' l-elaborazzjoni mill-Kummissjoni ta' azzjonijiet potenzjali b'segwitu għall-operazzjoni ta' l-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża taħt il-programmi Komunitarji.

2. Il-Kunsill jinnota wkoll li arranġamenti ta' kordinazzjoni huma meħtieġa fi Brussel, kif ukoll, fejn xieraq, f'Bagdad.

*Artikolu 13*

**Rilaxx ta' informazzjoni klassifikata**

Is-SĠ/RGħ huwa awtorizzat li jirrilaxxa lill-Istat ospitanti u lin-Nazzjonijiet Uniti, kif xieraq, u skond il-ħtiġijiet operazzjonali tal-missjoni, informazzjoni u dokumenti klassifikati ta' l-UE sal-livell "RESTREINT UE" maħluqa għall-għanijiet ta' l-operazzjoni, skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill. Arranġamenti lokali għandhom jiġu mfassla għal dan il-għan.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2006.

*Artikolu 15*

**Pubblikazzjoni**

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar is-7 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. KRECKÉ

*ANNESS*

**Lista ta' kumpanniji msemmija fl-Artikolu 11(3)**

— Control Risks Group: sigurtà mobbli
Cottons Centre
Cottons Lane
London SE1 2QG
(Limited company)

— Frontier Medical: servizzi mediċi bażiċi
Mitcheldean
Gloucestershire
GL17 ODD
(diviżjoni ta' l-Exploration Logistics Group plc)

— Crown Agents for Oversea Governments & Administrations Limited: support għall-għejxien inklużi ikel, ilma, ħasil tal-ħwejjeġ u tindif
St Nicholas House
St Nicholas Road
Sutton
Surrey SM1 1EL

— Armorgroup Services Limited: sigurtà tal-perimetru
25 Buckingham Gate
London
SW1E 6LD

32005R0390

10.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 63/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 390/2005

## tas-7 ta' Marzu 2005

## li jtemm r-reviżjoni interim parzjali ta' miżuri ta' anti-dumping applikabbli fuq importazzjonijiet ta' film tat-teraftalat tal-polietilene (PET) li ġej, inter alia, mill-Indja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni, wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### 1. Proċedura preċedenti u miżuri eżistenti

(1) Wara investigazzjoni li nbdiet f'Mejju 2000 ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill f'Awissu 2001 impona dazji definittivi kontra d-*dumping*, skond ir-Regolament (KE) Nru 1676/2001 ([2]) fuq film importat ta' tereftalat tal-polietilene (PET) li ġej, *inter alia*, mill-Indja. Id-dazji varjaw bejn 0 % u 62.6 % fuq importazzjoni ta' film tal-PET li gej mill-Indja.

(2) Id-dazju eżistenti kontra d-*dumping* applikabbli għall-importazzjoni minn Jindal Poly Films Limited, li qabel kienet Jindal Polyester Limited (notifika tal-bdil ta' l-isem ippubblikata f'2 ta' Diċembru 2004 ([3])), hu ta' 0 %. L-importazzjoni ta' film PET mill-kumpannija hi suġġetta wkoll għal dazju protettiv ta' 7 %, li kien impost fl-1999 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/1999 ([4]).

### 2. Talba għal reviżjoni

(3) Talba għal reviżjoni interim limitata għal *dumping* fir-rigward ta' Jindal Poly Films Limited tressqet minn dawn il-produtturi tal-Komunità li ġejjin: Du Pont Teijin Films, Mitsubishi Polyester Film GmbH u Nuroll SpA ("l-applikanti"). L-applikanti jirrappreżentaw proporzjon kbira tal-produzzjoni ta' film PET tal-Komunità. Toray Plastics Europe, indikaw li jappoġġjaw it-talba, għalkemm ma kienux applikanti formali.

(4) L-applikanti allegaw li l-marġini ta' *dumping* ta' Jindal Poly Films Limited kien inbidel u kien ogħla milli kien fl-investigazzjoni oriġinali li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti.

### 3. Investigazzjoni

(5) Wara li ddeterminat, wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie*, il-Kummissjoni fid-19 ta' Frar 2004 ħabbret il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku permezz ta' notifika ta' bidu' ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ([5]).

(6) Ir-reviżjoni kienet limitata fil-firxa għall-eżaminazzjoni tad-*dumping* fir-rigward ta' Jindal Poly Films Limited. Il-perjodu ta' investigazzjoni ("PI") kien mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003.

(7) Il-Kummissjoni informat uffiċjalment lil Jindal Poly Films Limited, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Komunità dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jistqarru l-veduti tagħhom bil-kitba u li jitolbu smigħ fil-limitu ta' żmien iffissat bin-notifika tal-bidu.

(8) Sabiex tikseb l-informazzjoni meqjusa bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-produttur esportatur ikkonċernat, Jindal Poly Films Limited, li kkopera billi wieġeb għall-kwestjonarju. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-kumpannija fi New Delhi sabiex tiżgura l-integrità ta' l-informazzjoni li ġiet sottomessa.

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

([2]) ĠU L 227, 23.8.2001, p. 1.

([3]) ĠU C 297, 2.12.2004, p. 2.

([4]) GU L 316, 10.12.1999, p. 1.

([5]) ĠU C 43, 19.2.2004, p. 14.

## B. PRODOTT IN KWISTJONI U PRODOTT SIMILI

### 1. Il-prodott in kwistjoni

(9) Il-prodott in kwistjoni hu, kif imfisser fl-investigazzjoni oriġinali, film tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li jiġi mill-Indja, normalment iddikjarat taħt il-kodiċi NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

### 2. Prodott simili

(10) Kif jidher fl-investigazzjoni oriġinali, instab li t-film PET prodott u mibjugħ fis-suq domestiku fl-Indja u t-film PET esportat lejn il-Komunità mill-Indja, kif ukoll it-film PET prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità għandhom l-istess użi u karatteristiċi fiżiċi u tekniċi. Għalhekk, huma prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) ta' l-istess Regolament bażiku.

## Ċ. DUMPING

### 1. Valur normali

(11) Sabiex jiġi stabbilit valur normali, ġie qabel xejn ivverifikat li l-bejgħ totali domestiku tal-produttur esportatur kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li dan laħħaq mal-5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ totali tal-prodott in kwistjoni esportat lejn il-Komunità.

(12) Kien imbagħad aċċertat jekk il-bejgħ domestiku totali ta' kull tip ta' prodott ikkostitwixxiex 5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità.

(13) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn il-bejgħ domestiku kkostitwixxa 5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità, ġie mbagħad eżaminat jekk kienx sar biżżejjed bejgħ matul il-kummerċ ordinarju skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Ġie stabbilit valur normali għal kull tip ta' prodott, fejn il-volum ta' bejgħ domestiku li sar 'il fuq mill-prezz tal-produzzjoni rrappreżenta ta' l-anqas 80 % tal-bejgħ, a bażi tal-prezz medju mmoderat li fil-fatt tħallas għall-bejgħ domestiku kollu. Għal kull tip ta' prodott fejn il-volum tat-transazzjonijiet bi qligħ kien ugwali għal 80 % jew anqas, iżda mhux anqas minn 10 % tal-bejgħ, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz medju mmoderat li fil-fatt tħallas biss għall-bejgħ domestiku bi qligħ.

(14) Għat-tipi ta' prodott fejn il-prezzijiet domestiċi tal-produttur esportatur ma jistgħux jiġu użati biex ikun stabbilit valur normali, minħabba rappreżentattività insuffiċjenti jew nuqqas ta' bejgħ matul il-kummerċ ordinarju, il-valur normali nbena a bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura li ntefqu mill-produttur esportatur in kwistjoni flimkien ma' ammont raġjonevoli għall-ispejjeż amministrattivi, ġenerali u tal-bejgħ ("spejjeż AĠ & B") u għall-profitti, skond l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(15) L-ispejjeż AĠ & B ġew ibbażati fuq tali spejjeż li ntefqu mill-produttur esportatur fir-rigward tal-bejgħ domestiku tiegħu tal-prodott in kwistjoni, li nstab li kien rappreżentattiv. Il-marġini ta' qligħ inħadem a bażi tal-marġini ta' qligħ medju mmoderat tal-kumpannija għal dawk it-tipi tal-prodott mibjugħa fis-suq domestiku fi kwantitajiet suffiċjenti matul il-kummerċ ordinarju.

### 2. Prezz ta' l-esportazzjoni

(16) Il-produttur esportatur irrapporta bejgħ (kunsinna waħda) li sar lil kumpannija relatata fil-Komunità. Billi l-kwantità involuta kienet negliġibbli, dan il-bejgħ ma ġiex ikkunsidrat.

(17) Il-bejgħ esportat l-ieħor tal-prodott in kwistjoni lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien sar lil klijenti indipendenti. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni gie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku a bażi tal-prezz ta' l-esportazzjoni li fil-fatt tħallas jew kellu jitħallas.

### 3. Tqabbil

(18) Il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni tqabblu a bażi tal-prezz tal-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat li t-tqabbil ikun ġust, ingħatat konċessjoni xierqa fl-għamla ta' aġġustamenti għad-differenzi li jeffetwaw il-mod kif jitqabblu l-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Skond dan, saru aġġustamenti għal differenzi fi skonti, roħs, trasport, assikurazzjoni, ġarr, tgħabbija u spejjeż anċillari, ippakkjar, kreditu u kummissjonijiet, fejn dawn kienu applikabbli u sostnuti b'evidenza vverifikata.

(a) *Ħlasijiet ta' l-importazzjoni*

(19) Jindal Poly Films Limited talbet aġġustament tal-valur normali għad-dazju fuq l-importazzjoni li ma nġabarx taħt l-Iskema ta' Liċenzja Antiċipata (ALS) fuq l-importazzjoni ta' materja prima użata fil-manifattura ta' oġġetti għall-esportazzjoni. L-ALS tippermetti l-importazzjoni ta' materja prima bla dazju, sakemm il-kumpannija tesporta kwantità u valur korrispondenti ta' prodott manifatturat iddeterminati skond normi standard ta' riżorsi-produzzjoni ffissati uffiċjalment. L-importazzjoni taħt l-ALS tista' tintuża għall-produzzjoni ta' oġġetti għall-esportazzjoni jew inkella għar-riforniment ta' riżorsi domestiċi użati sabiex jiġu prodotti t-tali oġġetti. Il-kumpannija saħqet li l-esportazzjoni tal-prodott in kwistjoni lejn il-KE ntużat sabiex tissodisfa r-rekwiżiti taħt l-ALS fir-rigward ta' materja prima importata.

(20) Ma kienx hemm konklużjoni dwar jekk aġġustament għal din it-talba kienx ġustifikat jew le, billi dan ma kien se jkollu l-ebda impatt fuq ir-riżultat aħħari ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni.

(b) *Aġġustamenti oħrajn*

(21) Il-produttur esportatur talab, għal għadd limitat ta' oġġetti esportati, għal aġġustament tal-prezz ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku, ibbażat fuq l-ammont ta' benefiċċji li jiġu ma' l-esportazzjoni taħt l-Iskema ta' Krediti ta' Dazji ta' l-Importazzjoni ("DEPB") a bażi ta' wara l-esportazzjoni. Taħt din l-iskema, il-krediti riċevuti meta jiġi esportat il-prodott in kwistjoni jistgħu jiġu użati biex ipattu għad-dazji tad-dwana li jintalbu fuq l-importazzjoni ta' kwalunkwe oġġett jew jistgħu jinbiegħu b'mod liberu lil kumpanniji oħra. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda rbit li l-oġġetti importati għandhom jintużaw biss fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Il-produttur ma weriex li l-benefiċċju taħt l-iskema DEPB a bażi ta' wara l-esportazzjoni effetwa t-tqabbil tal-prezzijiet, u b'mod partikolari li l-klijenti konsistement ħallsu prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba l-benefiċċji tad-DEPB. Għalhekk, it-talba ġiet respinta.

4. **Marġini ta' dumping**

(22) Il-marġini ta' *dumping* ġie stabbilit a bażi ta' tqabbil ta' valur normali medju mmoderat ma' prezz ta' esportazzjoni medju mmoderat, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(23) Dan it-tqabbil wera marġini ta' *dumping* ta' 0 %.

D. **KONKLUŻJONI**

(24) A bażi tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet li jidhru hawn fuq, u fid-dawl ta' l-informazzjoni disponibbli, ġie konkluż li, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni evalwattiva attwali għandha tintemm u d-dazju kontra d- *dumping* ta' 0 % impost bir-Regolament (KE) Nru 1676/2001 dwar l-importazzjoni ta' film tal-PET prodott u esportat lejn il-KE minn Jindal Poly Films Limited għandu jinżamm.

(25) Il-partijiet ikkonċernati kollha ġew informati dwar il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni li jinżamm id-dazju attwali *anti-dumping* u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(26) L-applikanti argumenta li l-kalkolazzjoni tad-*dumping* kellha ssir abbażi ta' tqabbil tal-valur normali medju mmoderat ma' transazzjonijiet individwali ta' esportazzjoni, peress illi huma allegaw li kien jeżisti *dumping* immirat għal kategorija speċjali ta' xerrej. Huma argumentaw li, jekk il-bejgħ ta' tip partikolari ta' film sar biss lill-konsumaturi f'qatgħa speċifika ta' l-użu aħħari, din ser tammonta għall-mira skond il-konsumatur. Huma kkunsidraw ukoll li l-attitudni tagħhom kienet ġustifikat minħabba żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni Indjana, li huma emmnu li kienet relatata prinċipalment għal dak it-tip ta' film partikolari. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi rrimarkat li t-tip ta' film ikkonċernat kien mibjugħ mhux biss lill-konsumaturi li qed jixtru biss dak it-tip ta' film, imma wkoll lil konsumaturi li qed jixtru tipi oħra ta' film. Tqabbil ta' prezzijiet għall-istess tipi ta' film mibjugħa lil konsumaturi differenti ma weriex mudell ta' diskriminazzjoni ta' prezzijiet skond il-konsumatur. Fin-nuqqas ta' tali mudell, l-eżistenza ta' allegat mudell ta' *dumping* skond il-mudell hija irrelevanti għall-għan ta' l-għażla tal-metodoloġija għall-kalkolazzjoni tad-*dumping*, kif indikat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament prinċipali. Minbarra dan, għandu jiġi rrimarkat ukoll li tibdiliet fil-kapaċità produttiva mhumiex fattur rilevanti biex tiġi ddeterminata l-metodoloġija li għandha tiġi segwita għad-determinazzjoni tal-marġini tad-*dumping*. Peress illi l-ebda mira skond il-konsumatur, ir-reġjun jew il-perijodu ta' żmien ma kienet identifikat, it-talba ta' l-applikanti ġiet miċħuda u t-tqabbil ta' valur normali ma' prezz ta' esportazzjoni abbażi ta' medja mmoderat ma' attitudni medja mmoderata nżamm bħala l-metodoloġija xierqa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri ta' *dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' film tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li jiġi, *inter alia*, mill-Indja, normalment iddikjarat taħt il-kodiċi NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90, sakemm dawn il-miżuri jikkonċernaw il-produttur esportatur Indjan Jindal Poly Films Limited, hija permezz ta' dan mitmuma.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-7 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. KRECKÉ

32005D0196

11.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 65/25

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Frar 2005

## dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar l-estensjoni u l-emendar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti

(2005/196/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar l-estensjoni u l-emendar tal-Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti ma' l-Ukrajna.

(2) Soġġett għall-konklużjoni possibli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità.

(3) Huwa xieraq li dan il-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja sa mill-1 ta' Jannar 2005 sakemm jintemmu l-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni tiegħu, soġġett għar-reċiproċità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Soġġett għall-konklużjoni possibli f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna/i li għandha/għandhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti.

*Artikolu 2*

Soġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri msemmi fl-Artikolu 1 għandu japplika fuq bażi proviżorja sa mill-1 ta' Jannar 2005 sakemm jintemmu l-proċeduri biex jiġi konkluż.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni tista', b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Art 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi ([1]), tadotta l-miżuri previsti fil-punt 6 ta' l-Iskambju ta' Ittri ffirmat fid-19 ta' Diċembru 2000 ([2]), li jikkonsistu fir-ristabbiliment tar-reġim ta' kwoti applikabbli matul is-sena 2000 fil-każ li l-Ukrajna ma tapplikax ir-rati ta' tariffa deskritti fil-paragrafu 1.5 ta' l-Iskambju ta' Ittri msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
J. ASSELBORN
*Il-President*

([1]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/2004 (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).
([2]) ĠU L 16, 18.1.2001, p. 3.

# FTEHIM TAĦT FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI BEJN

## il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukrajna, irrappreżentat mill-Gvern ta' l-Ukrajna, li jirrigwarda l-estensjoni u l-emendar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti ta' L-1993

A. *Ittra mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim ta' l-1993 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti, kif emendat l-aħħar mill-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri ffirmat fid-19 ta' Diċembru 2000 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").

1. Skond l-Artikolu 20(1) tiegħu, il-Ftehim japplika sal-31 ta' Diċembru 2004 biss. Il-Komunità Ewropea tipproponi li jkun estiż it-tul ta' żmien tal-Ftehim, soġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1.1. L-Anness I tal-Ftehim li jagħti lista tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tal-Ftehim u li fih id-deskrizzjonijiet ta' kategoriji u merkanzija għall-prodotti tat-tessuti, għandu jiġi sostitwit bl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 ([1]). Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali ta' l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, id-deskrizzjoni tal-merkanzija hija biss indikattiva, peress li l-prodotti koperti minn kull kategorija huma ddeterminati fl-imsemmi Anness bil-kodiċi NM. Fejn hemm is-simbolu "ex" quddiem xi kodiċi NM, il-prodotti koperti f'kull kategorija huma ddeterminati bil-firxa ta' applikazzjoni tal-kodiċi NM u b'dik tad-deskrizzjoni korrispondenti.

1.2. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2(1) u t-Titolu III tal-Protokoll A tal-Ftehim għandhom ikunu revokati.

1.3. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 20(1) tal-Ftehim għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005."

1.4. Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied ma' l-Artikolu 20(1):

"Minn dak iż-żmien 'il quddiem, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim għandha tkun estiża b'mod awtomatiku għal perijodu ta' aktar minn sena sal-31 ta' Diċembru 2006, sakemm xi Parti tinnotifika lill-oħra mill-anqas sitt xhur qabel il-31 ta' Diċembru 2005 li ma taqbilx ma' din l-estensjoni."

1.5. Ir-rati tat-tariffi applikati mill-Ukrajna għall-esportazzjoni li toriġina mill-KE ta' prodotti tal-kapitoli 50-63 ta' l-HS ma għandomx jiskorru r-rati miftiehma fl-Iskambju ta' Ittri ffirmat fid-19 ta' Diċembru 2000.

2. Jekk l-Ukrajna ssir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel id-data ta' l-iskadenza tal-Ftehim, il-Ftehim u r-regoli tal-WTO għandhom ikunu applikati mid-data ta' l-adeżjoni ta' l-Ukrajna fil-WTO.

3. Inkun obbligat jekk tista' tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal hawn qabel. F'każ affermattiv, din l-ittra, flimkien ma' l-ittra ta' aċċettazzjoni tiegħek, iservu bħala Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri li għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-jum li fih l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2005 bil-kondizzjonijiet ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

([1]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1627/2004 (ĠU L 295, 18.9.2004, p. 1). L-Anness I kien emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 260/2004 (ĠU L 51, 20.2.2004, p. 1).

Hecho En Bruselas, El
V Bruselu dne
Udfærdiget i Bruxelles, den
Geschehen zu Brüssel am
Brüssel,
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις
Done at Brussels,
Fait à Bruxelles, le
Fatto a Bruxelles, addì

0 9 -03- 2005

Briselÿ,
Priimta Briuselyje,
Kelt Brüsszelben,
Magÿmula fi Brussel,
Gedaan te Brussel,
Sporzÿdzono w Brukseli, dnia
Feito em Bruxelas,
V Bruseli
V Bruslju,
Tehty Brysselissä
Utfärdat i Bryssel den
Вчинено в м.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar
За Зврoпейське Співтовариство



B. *Ittra mill-Gvern ta' l-Ukrajna*

Sinjur,

Għandi l-unur nikkonferna li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data ta' llum, li tinqara kif ġej:

"Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim ta' l-1993 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ukrajna dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti, kif emendat l-aħħar mill-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri ffirmat fid-19 ta' Diċembru 2000 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim').

1. Skond l-Artikolu 20(1) tiegħu, il-Ftehim japplika sal-31 ta' Diċembru 2004 biss. Il-Komunità Ewropea tipproponi li jkun estiż it-tul ta' żmien tal-Ftehim, soġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1.1. L-Anness I tal-Ftehim li jagħti lista tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tal-Ftehim u li fih id-deskrizzjonijiet ta' kategoriji u merkanzija għall-prodotti tat-tessuti, għandu jiġi sostitwit bl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 ([1]). Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali ta' l-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, id-deskrizzjoni tal-merkanzija hija biss indikattiva, peress li l-prodotti koperti minn kull kategorija huma ddeterminati fl-imsemmi Anness bil-kodiċi NM. Fejn hemm is-simbolu 'ex' quddiem xi kodiċi NM, il-prodotti koperti f'kull kategorija huma ddeterminati bil-firxa ta' applikazzjoni tal-kodiċi NM u b'dik tad-deskrizzjoni korrispondenti.

1.2. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 2(1) u t-Titolu III tal-Protokoll A tal-Ftehim għandhom ikunu revokati.

1.3. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 20(1) tal-Ftehim għandu jinbidel b'dan li ġej:

'Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005.'

1.4. Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied ma' l-Artikolu 20(1):

'Minn dak iż-żmien 'il quddiem, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim għandha tkun estiża b'mod awtomatiku għal perijodu ta' aktar minn sena sal-31 ta' Diċembru 2006, sakemm xi Parti tinnotifika lill-oħra mill-anqas sitt xhur qabel il-31 ta' Diċembru 2005 li ma taqbilx ma' din l-estensjoni.'

1.5. Ir-rati tat-tariffi applikati mill-Ukrajna għall-esportazzjoni li toriġina mill-KE ta' prodotti tal-kapitoli 50-63 ta' l-HS ma għandomx jiskorru r-rati miftiehma fl-Iskambju ta' Ittri ffirmat fid-19 ta' Diċembru 2000.

2. Jekk l-Ukrajna ssir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel id-data ta' l-iskadenza tal-Ftehim, il-Ftehim u r-regoli tal-WTO għandhom ikunu applikati mid-data ta' l-adeżjoni ta' l-Ukrajna fil-WTO.3.Inkun obbligat jekk tista' tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal hawn qabel. F'każ affermattiv, din l-ittra, flimkien ma' l-ittra ta' aċċettazzjoni tiegħek, iservu bħala Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri li għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-jum li fih l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2005 bil-kondizzjonijiet ta' reċiproċità."

Għandi l-unur li nikkonferma li dak li ntqal hawn qabel huwa aċċettabbli għall-Gvern ta' l-Ukrajna u li l-ittra tiegħek u din l-ittra jikkostitwixxu Ftehim skond il-proposta tiegħek

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

([1]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1627/2004 (ĠU L 295, 18.9.2004, p. 1). L-Anness I kien emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 260/2004 (ĠU L 51, 20.2.2004, p. 1).

Вчинено в м.
Hecho en Bruselas, el
V Bruselu dne
Udfærdiget i Bruxelles, den
Geschehen zu Brüssel am
Brüssel,
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις
Done at Brussels,
Fait à Bruxelles, le
Fatto a Bruxelles, addì
Briselÿ,
Priimta Briuselyje,
Kelt Brüsszelben,
Magÿmula fi Brussel,
Gedaan te Brussel,
Sporzÿdzono w Brukseli, dnia
Feito em Bruxelas,
V Bruseli
V Bruslju,
Tehty Brysselissä
Utfärdat i Bryssel den

0 9 -03- 2005

За Уряд Украни
Por el Gobierno de Ucrania
Za vládu Ukrajiny
For regeringen for Ukraine
Für die Regierung der Ukraine
Ukraina valitsuse nimel
Για την Κυβέρνηση της Ουκρανίας
For the Government of Ukraine
Pour le gouvernement ukrainien
Per il governo dell'Ucraina
Ukrainas valdības vārdā
Ukrainos Vyriausybės vardu
Ukrajna kormánya részéről
Għall-Gvern ta' l-Ukrajna
Voor de Regering van Oekraïne
W imieniu Rządu Ukrainy
Pelo Governo da Ucrânia
Za vládu Ukrajiny
Za Vlado Ukrajine
Ukrainan hallituksen puolesta
För Ukrainas regering



32005D0199

L 65/34 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 11.3.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/199/PESK

## tal-31 ta' Jannar 2005

## li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]).

(2) L-Artikolu 11 (3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jistipula li arranġamenti dettaljati dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi jridu jkunu s-suġġett ta' ftehim skond l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2004, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA).

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA) hu b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat li jagħżel il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex torbot/jorbtu lill-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

## FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-immaniġġjar ta' kriżi fil-Bosnja u Ħerzegovina (operazzjoni althea)

L-UNJONI EWROPEA (UE),

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW:

— l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]),

— l-istedina lir-Repubblika ta' l-Albanija biex tipparteċipa fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,

— it-twettiq b'suċċess tal-proċess ta' Ġenerazzjoni ta' Forza u r-rakkomandazzjoni mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE u l-Kumitat Militari ta' l-UE biex jiftiehmu dwar il-parteċipazzjoni tal-forzi tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni mmexxija mill-UE,

— id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BIH/3/2004 tad-29 ta' Settembru 2004 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ([2]),

— id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/5/2004 tat-3 ta' Novembru 2004li temenda d-Deċiżjoni BiH/1/2004 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina u d-Deċiżjoni BiH/3/2004 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina,

QABLU KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

### Parteċipazzjoni fl-operazzjoni

1. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tassoċja ruħha ma' l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina u ma' kwalunkwe Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe arranġament implimentattiv meħtieġ.

2. Il-kontribut tar-Repubblika ta' l-Albanija għall-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi hu mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tiżgura li l-forzi u l-persunal tagħha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jidħlu għall-missjoni tagħhom b'mod konformi ma':

— l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK u l-emendi sussegwenti possibbli;

— il-Pjan ta' Operazzjoni;

— il-miżuri implimentattivi.

4. Il-forzi u l-persunal issekondati għall-operazzjoni mir-Repubblika ta' l-Albanija għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jġibu ruħhom biss bl-interess ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi f'moħħhom.

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10

([2]) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 64. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni BiH/5/2004 (ĠU L 357, 2.12.2004, p. 39).

5. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tinforma lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE fi żmien debitu bi kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni.

*Artikolu 2*

**Status tal-forzi**

1. L-istatus tal-forzi u tal-persunal ikkonbtribwiti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi mir-Repubblika ta' l-Albanija għandu jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, jekk disponibbli, miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż ospitanti.

2. L-istatus tal-forzi u tal-persunal ikkontribwiti lill-kwartieri ġenerali jew lill-elementi ta' kmand li jinsabu barra mill-Bosnja u Ħerzegovina għandu jiġi rregolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand ikkonċernati u r-Repubblika ta' l-Albanija.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi msemmija fil-paragrafu 1, ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-forzi u l-persunal tagħha li jkunu qed jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

4. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tkun responsabbli li twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, minn jew dwar kwalunkwe mill-forzi u l-persunal tagħha. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tkun responsabbli li ġġib kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dixxiplinarja, kontra kwalunkwe mill-forzi u l-persunal tagħha, f'konformità mal-liġijiet u regolamenti tagħha.

5. Ir-Repubblika ta' l-Albanija timpenja ruħha li tagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u li tagħmel dan meta tkun qed tiffirma dan il-Ftehim.

6. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet, għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika ta' l-Albanija fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, u li dan isir meta jkunu qed jiffirmaw dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Informazzjoni klassifikata**

1. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li l-informazzjoni klassifikata ta' l-UE tkun protetta skond ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 ([1]), u skond gwida oħra maħruġa minn awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Kmandant ta' l-Operazzjonijiet ta' l-UE.

2. Fejn l-UE u r-Repubblika ta' l-Albanija jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi.

*Artikolu 4*

**Linja ta' kmand**

1. Il-forzi u l-persunal kollha li jipparteċipaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għandhom jibqgħu taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

2. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand Operazzjonali u Tattiku u/jew il-kontroll tal-forzi u l-persunal tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE huwa intitolat li jiddelega l-awtorità tiegħu.

3. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini ta' tmexxija ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħal Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea parteċipanti.

4. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE jista', wara konsultazzjonijiet mar-Repubblika ta' l-Albanija, fi kwalunkwe ħin jitlob l-irtirar tal-kontribut tar-Repubblika ta' l-Albanija.

5. Rappreżentant Militari Superjuri (SMR) għandu jiġi maħtur mir-Repubblika ta' l-Albanija biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent.

*Artikolu 5*

**Aspetti finanzjarji**

1. Ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż m'humiex soġġetti għal finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmija fl-Artikolu 1(1), kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' operazzjonijiet ta' l-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ([2]).

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/194/KE (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 48.)

([2]) ĠU L 63, 28.2.2004, p. 68.

2. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew dannu lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) li fih/fihom titwettaq l-operazzjoni, ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha, meta r-responsabbiltá tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus ta' forzi, jekk disponibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 6*

**Arranġamenti biex jiġi implimentat il-Ftehim**

Kwalunkwe arranġament tekniku u amministrattiv meħtieġ waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-awtoritajiet xierqa tar-Repubblika ta' l-Albanija.

*Artikolu 7*

**Non-konformità**

Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha stabbiliti fl-Artikoli preċedenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż ta' xahar.

*Artikolu 8*

**Riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet**

Kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżolti b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu notifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-firma.

3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm idum il-kontribut tar-Repubblika ta' l-Albanija għall-operazzjoni.

Magħmul fi Brussel, nhar is-7 ta' Marzu 2005 fil-lingwa Ingliża f'erba' kopji.

*Għall-Unjoni Ewropea*



*Għar-Repubblika ta' l-Albanija*



## DIKJARAZZJONIJIET

### imsemmija fl-Artikolu 2(5) u (6) tal-Ftehim

**Dikjarazzjoni mill-Istati Membri ta' l-UE:**

"L-Istati Membri ta' l-UE li japplikaw l-Azzjoni Konġunta ta' l-UE 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina għandhom jagħmlu sforz sabiex, safejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu dan, jirrinunzjaw kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra r-Repubblika ta' l-Albanija għal korriment, mewt tal-persunal tagħhom, jew dannu għal, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tagħhom u li jkunu qed jintużaw fl-operazzjoni militari ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal mir-Repubblika ta' l-Albanija fit-twettiq tad-doveri tiegħu marbuta ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief fil-każ ta' negligenza serja jew mġiba skorretta volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi fil-pussess tar-Repubblika ta' l-Albanija, sakemm l-assi ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta volontarja ta' persunal ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi mir-Repubblika ta' l-Albanija li kien qed juża dawk l-assi."

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' l-Albanija:**

"Ir-Repubblika ta' l-Albanija fl-applikazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta ta' l-UE 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina għandha tagħmel sforz sabiex, safejn is-sistema legali interna tagħha tippermetti dan, tirrinunzja kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat ieħor li jipparteċipa fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi għal korriment, mewt tal-persunal tagħha, jew dannu għal jew telf ta' kwalunkwe assi li jkunu proprjetà tagħha u li jkunu użati mill-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat mill-persunal fit-twettiq tad-doveri tiegħu b'konnessjoni ma' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġieba skorretta volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi ta' l-Istati li qed jipparteċipaw fl-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi, sakemm l-assi jkunu ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief f'każ ta' negliġenza serja jew imġiba skorretta volontarja tal-persunal ta' l-operazzjoni ta' l-UE għall-immaniġġjar ta' kriżi li kien qed juża dawk l-assi."

22005D0201

12.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 66/15

# ID-DEĊIŻJONI Nru 5/2004 TAL-KUNSILL KONĠUNT UE-MESSIKU

## tal-15 ta' Diċembru 2004

## li tadotta, skond l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000, Anness għad-Deċiżjoni msemmija dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali

(2005/201/KE)

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Kordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Messikani Uniti, min-naħa l-oħra ([1]) (minn issa 'l quddiem "il-Ftehim"),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku Nru 2/2000 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tagħha,

Billi l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 jipprevedi li l-amministrazzjonijiet taż-żewġ Partijiet għandhom jipprovdu assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali skond id-dispożizzjonijiet ta' Anness dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali li għandu jiġi adottat mill-Kunsill Konġunt mhux iktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 2/2000,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali għad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2/2000 stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni huwa adottat.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih tiġi adottata mill-Kunsill Konġunt.

Magħmula fi Brussell, nhar il-15 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill Konġunt*

*Il-President*

L. E. DERBEZ

---

([1]) ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 45.

([2]) ĠU L 157, tat-30.6.2000, p. 10.

*ANNESS*

*"ANNESS*

**DWAR ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA F'MATERJI DOGANALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) 'leġislazzjoni doganali' għandha tfisser kwalunke dispożizzjoni legali jew regolamentari adottata mill-Komunità Ewropea u mill-Messiku li tirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu ta' merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kwalunke reġim jew proċedura doganali, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(b) 'awtorità applikanti' għandha tfisser awtorità doganali kompetenti maħtura minn Parti għal dan il-għan u li tagħmel talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan l-Anness;

(ċ) 'awtorità interpellata' għandha tfisser awtorità doganali kompetenti maħtura minn Parti għal dan il-għan u li tirċievi talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan l-Anness;

(d) Għall-Komunità Ewropea, 'awtorità doganali' għandha tfisser is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri tagħha; u għall-Messiku, is-Secretaria de Hacienda y Crédito Público jew is-suċċessur tagħha;

(e) '*data* personali' għandha tfisser kwalunkwe informazzjoni dwar persuna identifikata jew identifikabbli;

(f) 'operazzjoni bi ksur tal-leġislazzjoni doganali' għandha tfisser kull ksur jew attentat ta' ksur tal-leġislazzjoni doganali;

(g) 'informazzjoni' għandha tfisser *data*, dokumenti, rapporti, kopji ċertifikati jew awtentikati tagħhom jew komunikazzjonijiet oħra, inkluża informazzjoni li ġiet proċessata u/jew analiżżata biex tipprovdi indikazzjoni rilevanti għal operazzjoni bi ksur tal- leġislazzjoni doganali.

*Artikolu 2*

**Firxa**

1. Dan l-Anness huwa intiż esklussivament għall-assistenza amministrattiva reċiproka bejn il-Partijiet; id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness m'għandhomx jagħtu lok għal dritt fuq il-parti ta' kwalunkwe persuna privata biex tikseb, trażżan jew teskludi kwalunkwe evidenza jew timpedixxi l-eżekuzzjoni ta' xi talba.

2. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, bil-mod u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni doganali, partikolarment b'operazzjonijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni u ġlieda kontra l-ksur ta' dik il-leġislazzjoni.

3. L-assistenza fil-qasam doganali, hekk kif prevista f'dan l-Anness, għandha tapplika għal kwalunkwe awtorità amministrattiva tal-Partijiet li hija kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan l-Anness. Din m'għandhiex tippreġudika r-regoli dwar l-assistenza reċiproka f'materji kriminali. Lanqas għandha tkopri informazzjoni miksuba taħt poteri eżerċitati fuq talba ta' awtorità ġudizzjarja, ħlief fejn il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni hi awtorizzata minn tali awtorità.

4. L-assistenza biex jiġu rkuprati dazji, taxxi u multi mhix koperta b'dan l-Anness.

*Artikolu 3*

**Assistenza fuq talba**

1. Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità interpellata għandha tipprovdiha bl-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilha tiżgura li l-leġislazzjoni doganali hi applikata korrettament, inkluża informazzjoni dwar attivitajiet aċċertati jew programmati li huma jew jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġislazzjoni doganali.

2. Fuq it-talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità interpellata għandha tinfurmaha:

(a) jekk il-merkanzija esportata mit-territorju ta' waħda mill-Partijiet ġietx impurtata korrettament fit-territorju tal-Parti l-oħra, waqt li tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għal din il-merkanzija;

(b) jekk il-merkanzija importata fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet ġietx esportata korrettament mit-territorju tal-Parti l-oħra, waqt li tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għal din il-merkanzija.

3. Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità interpellata għandha tieħu l-miżuri neċessarji, fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari, biex tiżgura li tiġi eżerċitata sorveljanza speċjali:

(a) fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fil-konfront tagħhom hemm raġunijiet sodi biex jitqies li huma, jew kienu, involuti f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(b) fuq postijiet fejn ħażniet ta' merkanzija ġew, jew setgħu ġew, immontati jew soġġetti għal operazzjonijiet b'tali mod li hemm raġunijiet sodi biex jitqies li dik il-merkanzija hija ntiża għall-użu f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(ċ) fuq merkanzija f'fażi ta' trasport jew maħżuna b'tali mod li hemm raġunijiet sodi biex jitqies li hija ntiża għall-użu f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(d) fuq mezzi ta' trasport li huma, kienu, jew jistgħu jkunu użati b'tali mod li hemm raġunijiet sodi biex jitqies li huma ntiżi għall-użu f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali.

*Artikolu 4*

**Assistenza spontanja**

1. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin fuq l-inizjattiva tagħhom stess u skond id-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari tagħhom, jekk jikkunsidraw li dan neċessarju huwa għall-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni doganali, partikolarment billi jipprovdu informazzjoni miksuba dwar:

(a) attivitajiet li huma, jew jidhru li huma, operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali u li jistgħu jinteressaw lill-Parti l-oħra;

(b) mezzi jew metodi ġodda utilizzati biex jitwettqu operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(ċ) merkanzija magħrufa li hija soġġetta għal operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(d) fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fil-konfront tagħhom hemm raġunijiet sodi biex jitqies li huma, jew kienu, involuti f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

(e) mezzi ta' trasport li fil-konfront tagħhom hemm raġunijiet sodi biex jitqies li ġew, huma, jew jistgħu jiġu użati f'operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali;

*Artikolu 5*

**Kunsinna, notifika**

Fuq talba ta' l-awtorità applikanti, l-awtorità interpellata għandha, b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari applikabbli għal ta' l-aħħar, tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex:

(a) tikkunsinnja kwalunkwe dokumenti, jew

(b) tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni,

provenjenti mill-awtorità applikanti u li taqa' fl-ambitu ta' dan l-Anness, lil destinatarju residenti jew stabbilit fit-territorju ta' l-awtorità interpellata.

It-talbiet għat-tqassim ta' dokumenti jew notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub f'lingwa uffiċjali ta' l-awtorità interpellata jew f'lingwa aċċettabbli għal din l-awtorità.

*Artikolu 6*

**Forma u kontenut tat-talba għal assistenza**

1. It-talbiet magħmula skond dan l-Anness għandhom isiru bil-miktub. Għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti neċessarji biex ikunu konformi mat-talba. Meta l-urġenza tas-sitwazzjoni titlob hekk, jistgħu jiġu aċċettati talbiet bil-fomm, imma dawn iridu jiġu kkonfermati bil-miktub immedjatament.

2. It-talbiet magħmula skond paragrafu 1 għandhom jinkludu din l-informazzjoni:

(a) l-awtorità applikanti;

(b) il-miżura mitluba;

(ċ) l-oġġett ta' u r-raġuni għat-talba;

(d) id-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari u elementi legali oħra involuti;

(e) indikazzjonijiet kemm jista' jkun eżatti u komprensivi fuq il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma l-mira ta' l-investigazzjonijiet;

(f) sommarju tal-fatti rilevanti u ta' l-istħarriġ li diġà sar.

3. It-talbiet għandhom isiru f'lingwa uffiċjali ta' l-awtorità interpellata jew f'lingwa aċċettabbli għal din ta' l-aħħar. Dan ir-rekwiżit m'għandux japplika għal kwalunkwe dokumenti li jakkumpanjaw it-talba taħt il-paragrafu 1.

4. Jekk it-talba ma tkunx konformi mar-rekwiżiti formali t'hawn fuq, tista' tintalab il-korrezzjoni jew it-tkomplija tagħha; fil-frattemp jistgħu jiġu ordnati miżuri ta' prekawzjoni.

*Artikolu 7*

**Eżekuzzjoni tat-talbiet**

1. Sabiex tikkonforma mat-talba għal assistenza, l-awtorità interpellata għandha tipproċedi, fl-ambitu tal-kompetenzi u riżorsi disponibbli tagħha, bħallikieku qed taġixxi fuq l-akkont tagħha stess jew fuq talba ta' awtoritajiet oħra ta' dik l-istess Parti, billi tissupplixxi informazzjoni li diġà għandha, billi tagħmel l-istħarriġ xieraq, inkluż il-verifikazzjonijiet, l-ispezzjonijiet u l-eżaminazzjoni ta' reġistri, jew billi tagħmel l-arranġament biex dawn jitwettqu. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull awtorità oħra li lilha l-awtorità interpellanti indirizzat talba meta din ta' l-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħidha.

2. Talbiet għal assistenza għandhom jiġu eżegwiti b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari tal-Parti interpellata.

3. Uffiċjali ta' Parti, debitament awtorizzati, jistgħu, bi qbil mal-Parti l-oħra u soġġett għal-liġi domestika ta' l-awtorità interpellata u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti biex jakkwistaw mill-uffiċċji ta' l-awtorità interpellata jew ta' kwalunke awtorità oħra kif stabbilit f'paragrafu 1, il-kotba, ir-reġistri u dokumenti oħra jew *data media* rilevanti miżmuma f'dawk l-uffiċċji, jagħmlu kopji tagħhom jew joħorġu kull informazzjoni jew dettalji relatati ma' operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali li l-awtorità applikanti għandha bżonn għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Soġġett għal-liġi domestika ta' l-awtorità interpellata u għall-kondizzjonijiet stabbiliti minn din ta' l-aħħar, uffiċjali ta' Parti, debitament awtorizzati, jistgħu, bil-qbil tal-Parti l-oħra u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti minn din ta' l-aħħar, ikunu preżenti fi stħarriġ imwettaq fit-territorju ta' din ta' l-aħħar.

5. Talba ppreżentata minn kwalunkwe awtorità doganali sabiex tiġi segwita ċerta proċedura determinata għandha tiġi milqugħa, soġġett għad-dispożizzjonijiet ġuridiċi u amministrattivi nazzjonali ta' l-awtorità interpellata.

*Artikolu 8*

**Il-forma ta' kif għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni**

1. L-awtorità interpellata għandha tikkomunika r-riżultati ta' l-inkjesti u tipprovdi bil-miktub kull informazzjoni mitluba, soġġett għall-Artikolu 9, lill-awtorità applikanti, flimkien ma' dokumenti rilevanti, kopji ċertifikati jew materjal ieħor u tista', fejn meħtieġ, tinkludi kull informazzjoni rilevanti għall-interpretazzjoni jew l-użu tagħha.

2. Tali informazzjoni tista' tkun f'forma kompjuterizzata.

3. L-oriġinali ta' l-inkartamenti, dokumenti u materjal ieħor, jew il-kopji ċertifikati jew awtentikati tagħhom, għandhom jiġu trasmessi biss f'każi fejn il-kopji ma jkunux suffiċjenti.

4. L-oriġinali ta' l-inkartamenti, dokumenti u materjal ieħor trasmessi, għandhom jingħataw lura mill-aktar fis, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet relatati tal-Partijiet jew ta' partijiet terzi.

*Artikolu 9*

**Eċċezzjonijiet għall-obbligu li tiġi pprovduta assistenza**

1. L-assistenza tista' tiġi rifjutata jew tista' tiġi soġġetta għas-sodisfazzjon ta' ċerti kondizzjonijiet jew rekwiżiti, f'każi fejn Parti tkun ta' l-opinjoni li l-assistenza taħt dan l-Anness x'aktarx:

(a) tippreġudika s-sovranità tal-Parti kontraenti, mitluba tipprovdi assistenza taħt dan l-Anness; jew

(b) X'aktarx tkun tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà u interessi oħra essenzjali, partikolament fil-każi li għalihom hemm refereneza taħt l-Artikolu 10 (2); jew

(ċ) timplika ksur ta' sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-awtorità interpellata tista' tipposponi l-assistenza abbażi li din tkun se tfixkel investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment li jkun għadu għaddej. F'każ bħal dan, l-awtorità interpellata għandha tikkonsulta ma' l-awtorità applikanti biex tistabbilixxi jekk l-assistenza tistax tingħata soġġetta għall-modalitajiet jew l-kondizzjonijiet li l-awtorità interpellata tista' teżiġi.

3. Fejn l-awtorità applikanti titlob assistenza li hi stess ma tkunx tista' tipprovdi li kieku tiġi mitluba, għandha tiġbed l-attenzjoni għal dak il-fatt fit-talba tagħha. Ghandu għalhekk ikun għall-awtorità interpellata li tiddeċiedi kif tirrispondi għal tali talba.

4. F'każ li t-talba ma tistax tiġi milqugħa, l-awtorità applikanti għandha tiġi mgħarrfa b'dan immedjatament b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet u ċirkostanzi, li jistgħu jkunu ta' importanza għat-tkomplija tal-każ.

5. Għall-każijiet li għalihom hemm referenza f'paragrafi 1 u 2, id-deċiżjoni ta' l-awtorità interpellata u r-raġunijiet għalihom għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

*Artikolu 10*

**Skambju ta' informazzjoni u konfidenzjalità**

1. Kull informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skond dan l-Anness għandha tkun ta' natura konfidenzjali jew riservata, skond ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet. Din għandha tkun koperta bl-obbligu tas-sigriet uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża fuq informazzjoni simili taħt il-liġijiet rilevanti tal-Parti li rċevietha u d-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-awtoritajiet tal-Komunità.

2. *Data* personali tista' tiġi skambjata biss fejn il-Parti, li tista' tirċeviha, timpenja ruħha biex tipproteġi dik id-*data* almenu b'mod ekwivalenti għal dak applikabbli għal dak il-każ partikolari fil-Parti li tista' tfornihom. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni oħra dwar ir-regoli applikabbli tagħhom, inkluż, fejn meħtieġ, dispsos-izzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istati Membri tal-Komunità, inklużi kwalunkwe tibdiliet fihom li jseħħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness.

3. L-użu, fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi stabbiliti fil-konfront ta' operazzjonijiet li jiksru l-leġislazzjoni doganali, ta' informazzjoni miksuba taħt dan l-Anness, hija kkunsidrata li hi għall-finijiet ta' dan l-Anness. Għalhekk, il-Partijiet jistgħu, fid-dokumenti ta' evidenza, rapporti u testimonjanzi tagħhom u fil-proċedimenti, u akkuzi miġjuba quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness. L-awtorità kompetenti, li forniet dik l-informazzjoni jew tat aċċess għal dawk id-dokumenti, għandha tiġi notifikata b'tali użu.

4. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan l-Anness. Fejn waħda mill-Partijiet tixtieq tuża tali informazzjoni għal finijiet oħra, għandha tikseb kunsens bil-miktub u minn qabel ta' l-awtorità li pprovdiet dik l-informazzjoni. Tali użu għandu imbagħad ikun soġġett għal kwalunkwe restrizzjonijiet stabbiliti minn dik l-awtorità.

*Artikolu 11*

**Esperti u xhieda**

Uffiċjal ta' l-awtorità interpellata jista' jiġi awtorizzat jidher, fil-limitazzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija lilu, bħala espert jew xhud fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi mibdija fit-territorju tal-Parti l-oħra u li jirrigwardaw materji koperti minn dan l-Anness, u jipproduċi tali oġġetti, dokumenti u kopji ċertifikati tagħhom, li jistgħu jkunu utli għall-proċedimenti. It-talba għall-apparenza għandha tindika speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jkollu jidher l-uffiċjal, għal liema kawża u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika se jiġi interrogat.

*Artikolu 12*

**Spejjeż ta' assistenza**

1. Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw reċiprokament għal kull talba għar-rimborż ta' spejjeż magħmula skond dan l-Anness, ħlief, kif xieraq, għall-ispejjeż ta' l-esperti u tax-xhieda, u dawk ta' l-interpreti u t-tradutturi li mhumiex ħaddiema taċ-ċivil.

2. Jekk biex tiġi eżegwita t-talba hemm bżonn ta' spejjeż ta' natura konsiderevoli u straordinarja, il-Partijiet jistgħu jikkonsultaw bejniethom biex jistabbilixxu l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet li taħthom it-talba tiġi eżegwita kif ukoll il-mod kif l-ispejjeż se jiġu sostnuti.

*Artikolu 13*

**Implimentazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-modalitajiet ta' l-Artikolu 14(3), il-Partijiet jaqblu li kull kwistjoni li toħroġ mill-implimentazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi fdata min-naħa l-waħda, lill-awtorità doganali tal-Messiku, u min-naħa l-oħra lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri kif xieraq. Huma għandhom jiddeċiedu fuq il-miżuri prattiċi kollha u l-arranġamenti neċessarji għall-applikazzjoni tiegħu, waqt li jieħdu in kunsiderazzjoni r-regolamenti fis-seħħ, partikolarment fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. Huma jistgħu jirrakkomandaw lill-organi kompetenti l-emendi li huma jikkunsidraw li għandhom isiru għal dan l-Anness.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati dwar il-modalitajiet dettaljati ta' l-implimentazzjoni li huma adottati bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. Partikolarment, qabel ma' dan l-Anness jidħol fis-seħħ, il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-awtoritajiet doganali kompetenti maħtura għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness. Kwalunkwe bidliet suċċessivi għandhom jiġu notifikati.

*Artikolu 14*

**Ftehim oħra**

1. Waqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-kompetenzi rispettivi tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness:

(a) m'għandhomx jaffettwaw l-obbligi tal-Partijiet taħt kwalunke ftehim jew konvenzjoni oħra internazzjonali;

(b) għandhom jitqiesu komplimentari għall-ftehim ta' assistenza reċiproka li kienu, jew jistgħu jkunu, konklużi bejn l-Istati Membri individwali u l-Messiku; u

(ċ) m'għandhomx jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri ta' kwalunke informazzjoni miksuba taħt dan l-Anness u li tista' tkun ta' interess għall-Komunità.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunke ftehim bilaterali dwar assistenza reċiproka li ġie, jew jista' jiġi, konkluż bejn l-Istati Membri individwali u l-Messiku, safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar jirriżultaw inkompatibbli ma' dawk ta' dan l-Anness.

3. Għal dak li jirrigwarda l-mistoqsijiet relatati ma' l-applikabbiltà ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jirriżolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat Speċjali dwar il-Koperazzjoni Doganali stabbilit taħt l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku."

32005D0202

L 66/22 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 12.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-31 ta' Jannar 2005

## dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Messikani Uniti, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/202/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 57(2), 71, 80(2), 133(1), 133(5) u 181 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza, u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) ([1]) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Messiku, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea ([2]) ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fid-29 ta' April 2004.

(2) Il-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku Uniti, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

It-test tal-Protokoll Addizzjonali hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 34.

([2]) Ara paġna 24 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista bl-Artikolu 5 tal-Protokoll Addizzjonali.

Magħmula fi Brussel, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

# PROTOKOLL ADDIZZJONALI

**għall-ftehim ta' sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea",

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn issa 'l quddiem imsejjħa "Il-Komunità",

L-ISTATI UNITI TAL-MESSIKU,

minn issa 'l quddiem imsejjħa "il-Messiku",

u

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-Istati Membri l-Ġodda",

BILLI l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Messiku, min-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", kien iffirmat fi Brussel fit-8 ta' Diċembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000;

BILLI t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' l-Adeżjoni") kien iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003;

BILLI, skond l-Artikolu 6(2) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni l-inkorporazzjoni ta' l-Istati Membri Ġodda fil-Ftehim għandu jiġi formalizzat bil-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim;

BILLI l-Artikolu 55 tal-Ftehim jiddikjara li: "Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'il-partijiet' għandha tfisser, min-naħa l-waħda, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, kif derivat mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, min-naħa l-oħra, il-Messiku";

BILLI l-Artikolu 56 tal-Ftehim jiddikjara li: "Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih huwa applikat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea taħt il-kondizzjonijiet imniżżla f'dak it-Trattat, min-naħa l-waħda, u għat-territorju ta' l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra";

BILLI l-Artikolu 59 tal-Ftehim jiddikjara li: "Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan, bil-Portugiż, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku";

BILLI l-Komunità Ewropea, bil-ħsieb tad-data ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-Ġodda ma' l-Unjoni Ewropea, jista' jkollha bżonn tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll qabel ma tkun temmet il-proċeduri interni kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu;

BILLI l-Artikolu 5(3) tal-Protokoll preżenti jippermetti għall-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha qabel ma jkunu temmew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu;

QABLU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka huma hawnhekk inkorporati bħala Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra.

*Artikolu 2*

Fi żmien sitt xhur minn meta dan il-Protokoll ikun inizjalat, il-Komunità Ewropea għandha tikkomunika lill-Istati Membri u lill-Messiku, il-verżjonijiet ta' dan il-Ftehim biċ-Ċek, bl-Estonjan, bl-Ungeriż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollak, bis-Slovakk u bis-Sloven. Suġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll il-verżjonijiet fil-lingwi l-ġodda għandhom isiru awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-verżjonijiet imfassla fil-lingwi preżenti tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika u ta' Kordinazzjoni u Koperazzjoni Politika.

*Artikolu 4*

Dan il-Protokoll huwa mfassal f'żewġ kopji biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bis-Slovakk, bl-Ispanjol u bl-Isvediż, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

*Artikolu 5*

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Komunità Ewropea, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mill-Istati Uniti tal-Messiku skond il-proċeduri tagħhom stess.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-Partijiet jaqblu li, sakemm jiġu mtemma l-proċeduri interni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għal perijodu massimu ta' 12-il xahar mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jagħtu notifika bit-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan u l-Messiku jagħti notifika bit-tmiem tal-proċeduri tiegħu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

4. In-notifika għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li għandu jkun id-depożitarju għall-Ftehim.

32005R0203

12.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 66/27

# ID-DEĊIŻJONI Nru 1/2005 TAL-KUNSILL KONĠUNT UNJONI EWROPEA-MESSIKU

## tal-21 ta' Frar 2005

## li tintroduċi corrigendum fid-Deċiżjoni Nru 3/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku

(2005/203/KE)

IL-KUNSILL KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra ([1]), iffirmat fi Brussel fit-8 ta' Diċembru 1997, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 3/2004 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) u (2) tiegħu,

Billi:

Huwa neċessarju li jiġi introdott corrigendum fir-rigward tad-dħul fis-seħħ taż-żewġ kwoti tariffarji Komunitarji inklużi fid-Deċiżjoni Nru 3/2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-kliem li ġej għandu jiddaħħal taħt il-kwoti tariffarji inklużi fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni Nru 3/2004:

"Din il-kwota ser tkun miftuħa mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem, sa kemm il-kwota tibqa' applikabbli".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ wara skambju ta' notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw it-tlestija tal-proċeduri legali neċessarji. Id-data tad-dħul fis-seħħ għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Istati Uniti Messikani.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill Konġunt*

*Il-President*

L. E. DERBEZ

([1]) ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 45.
([2]) ĠU L 293, tas-16.9.2004, p. 15.

22005X0312

L 66/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 12.3.2005

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Kordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istati Membri l-ġodda**

Billi l-partijiet kontraenti innotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni, adottat mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea waqt il-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Jannar 2005, il-Protokoll Addizzjonali għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2005, b'konformità ma' l-Artikolu 5(2) tiegħu.

---

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku dwar rettifika għad-Deċiżjoni 3/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tad-29 ta' Lulju 2004**

Billi l-partijiet kontraenti innotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku dwar rettifika għad-Deċiżjoni 3/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tad-29 ta' Lulju 2004, adottata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea waqt il-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Jannar 2005, id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-21 ta' Frar 2005, b'konformità ma' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

22005X0312

L 68/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Frar 2005

## dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

(2005/205/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u partikolarment l-Artikolu 6 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill bis-saħħa ta' l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha fil-21 ta' Diċembru 2004 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru… tat-13 ta' Diċembru 2004 ([2]).

(2) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

IDDECIDEW KIF GEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

([1]) Kunsens naghti fis-27 ta' Jannar 2005 (Għada mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 26, 28.1.2005, p. 221.

It-test tal-Protokoll qed jiġi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni (1).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, jiddepożita l-istrumenti ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 13 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess ħin jiddepożita dawn l-istrumenti f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, 21 ta' Frar 2005.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. ASSELBORN | J. M. BARROSO |

(1) ĠU L 26, 28.1.2005, p. 222.

32005D0205

L 68/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.3.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Frar 2005

## dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Cipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/206/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod speċjali l-Artikolu 310, flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), it-tieni sentenza, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-26 ta' April 2004 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tinnegozja mar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra ([1]), biex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea,

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi għas-sodisfazzjoni tal-Kummissjoni.

(3) Il-Protokoll Addizzjonali nnegozjat mar-Repubblika ta' Afrika t'Isfel jipprovdi, fl-Artikolu 10(2), għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Addizzjonali qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Suġġett għall-konklużjoni tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u japplika fuq bażi provviżorja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna/i li jkollha/jkollhom il-poter li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll addizzjonali hu Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Protokoll Addizzjonali għandu japplika b'mod provviżorju suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussel, nhar it-28 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

([1]) ĠU L 127, 29.4.2004, p. 109.

## PROTOKOLL ADDIZZJONALI

**għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Cipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN-DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU-UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri", irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

u

L-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità",

u

R-REPUBBLIKA TA' L-AFRIKA T'ISFEL

minn hawn 'il quddiem imsejħin b'mod konġunt "il-Partijiet Kontraenti Attwali",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TDCA"), kien iffirmat fi Pretoria fil-11 ta' Ottubru 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

WARA LI KKUNSIDRAW it-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' l-Adeżjoni"), kien iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

WARA LI KKUNSIDRAW li skond l-Artikolu 6(2) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-adeżjoni tal-Partijiet Kontraenti l-ġodda mat-TDCA għandha tiġi approvata bil-konklużjoni ta' Protokoll għat-TDCA;

FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri l-ġodda") isiru Partijiet Kontraenti għat-TDCA, u għandhom jadottaw u jirrikonoxxu legalment rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, it-testi tal-Ftehim kif ukoll l-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu.

KAPITOLU I

**EMENDI GĦAT-TEST TAT-TDCA, INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU**

*Artikolu 2*

**Lingwi u numru ta' testi oriġinali**

L-Artikolu 108 tat-TDCA hu sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 108*

Dan il-Ftehim hu mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża u fil-lingwi uffiċjali tar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, minbarra l-Ingliż, jiġifieri bis-Sepedi, is-Sesotho, is-Setswana, is-siSwati, it-Tshivenda, ix-Xitsonga, l-Afrikaans, l-isiNdebele, l-isiXhosa u l-isiZulu, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.".

*Artikolu 3*

**Kwota tariffarja**

Il-kwoti tariffarji għall-*global prepared fruit* u l- *global mixed prepared fruit*, li jidhru fil-lista 6 ta' l-Anness IV tat-TDCA għandhom jiżdiedu b'1 225 tunnellata u 340 tunnellata rispettivament.

*Artikolu 4*

**Regoli ta' l-oriġini**

Il-Protokoll Nru 1 tat-TDCA għandu jinbidel kif ġej:

1) L-Artikolu 16(4) għandu jinbidel bit-test li ġej:

"4. Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġin retrospettivament għandu jkollhom fuqhom waħda mill-frażijiet li ġejjin:

*ES* 'EXPEDIDO A POSTERIORI'

*CS* 'VYSTAVENO DODATEČNĚ'

*DA* 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE'

*DE* 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT'

*ET* 'TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD'

*EL* 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ'

*EN* 'ISSUED RETROSPECTIVELY'

*FR* 'DÉLIVRÉ A POSTERIORI'

*IT* 'RILASCIATO A POSTERIORI'

*LV* 'IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI'

*LT* 'RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS'

*HU* 'KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL'

*MT* 'MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT'

*NL* 'AFGEGEVEN A POSTERIORI'

*PL* 'WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE'

*PT* 'EMITIDO A POSTERIORI'

*SL* 'IZDANO NAKNADNO'

*SK* 'VYDANÉ DODATOČNE'

*FI* 'ANNETTU JÄLKIKÄTEEN'

*SV* 'UTFÄRDAT I EFTERHAND'";

2) Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 17 għandu jinbidel bit-test li ġej:

"2. Id-duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jkollu fuqu waħda mill-kliem li ġejjin:

*ES* 'DUPLICADO'

*CS* 'DUPLIKÁT'

*DA* 'DUPLIKAT'

*DE* 'DUPLIKAT'

*ET* 'DUPLIKAAT'

*EL* 'ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ'

*EN* 'DUPLICATE'

*FR* 'DUPLICATA'

*IT* 'DUPLICATO'

*LV* 'DUBLIKĀTS'

*LT* 'DUBLIKATAS'

*HU* 'MÁSODLAT'

*MT* 'DUPLIKAT'

*NL* 'DUPLICAAT'

*PL* 'DUPLIKAT'

*PT* 'SEGUNDA VIA'

*SL* 'DVOJNIK'

*SK* 'DUPLIKÁT'

*FI* 'KAKSOISKAPPALE'

*SV* 'DUPLIKAT'";

3) L-Anness IV għandu jinbidel bit-test li ġej:

*"ANNESS IV*

**DIKJARAZZJONI TAR-RIĊEVUTA**

Id-dikjarazzjoni tar-riċevuta, li t-test tagħha jidher hawnhekk, għandha tkun stabbilita b'mod konformi man-noti li jidhru f'qiegħ il-paġna. Madankollu, m'hemmx bżonn li dawn in-noti f'qiegħ il-paġna jiġu inklużi.

*Verżjoni Spanjola*

El exportador de los productos incluidos en el presente documento [autorización aduanera nº … (1).] declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial … (2).

*Verżjoni Ċeka*

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení … (1)) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v … (2).

*Verżjoni Daniża*

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. … (1)), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i … (2).

*Verżjoni Ġermaniża*

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. … (1)) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anders angegeben, präferenzbegünstigte … (2) Ursprungswaren sind.

*Verżjoni Estonjana*

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. … (1)) deklareerib, et need tooted on … (2) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

*Verżjoni Griega*

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο [άδεια τελωνείου υπ'αριθ … (1)] δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής … (2).

*Verżjoni Ingliża*

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No … (1)) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … (2) preferential origin.

*Verżjoni Franċiża*

L'exportateur des produits couverts par le présent document [autorisation douanière nº … (1)] déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle … (2).

*Verżjoni Taljana*

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento [autorizzazione doganale n. … (1)] dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale … (2).

*Verżjoni Latvjana*

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. … (1)), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme no … (2).

*Verżjoni Litwana*

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr … (1)) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra … (2) preferencinės kilmės prekės.

*Verżjoni Ungeriża*

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … (1)) kijelentem, hogy eltérő jelzés hiányában az áruk kedvezményes … (2) származásúak.

*Verżjoni Maltija*

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. … ([1])) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … ([2]).

*Verżjoni Olandiża*

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. … ([1])), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn ([2]).

*Verżjoni Pollakka*

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr … ([1])) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … ([2]) preferencyjne pochodzenie.

*Verżjoni Portugiża*

O abaixo-assinado, exportador dos produtos abrangidos pelo presente documento [autorização aduaneira n.º … ([1])], declara que, salvo indicação expressa em contrário, estes produtos são de origem preferencial … ([2]).

*Verżjoni Slovena)*

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št … ([1])) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno … ([2]) poreklo.

*Verżjoni Slovakka*

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia … ([1])) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … ([2]).

*Verżjoni Finlandiża*

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o … ([1])) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita ([2]).

*Verżjoni Svediża*

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr … ([1])) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung ([2]).

*Verżjonijiet ta' l-Afrika t'Isfel*

Bagwebi ba go romela ntle ditöweletöwa töeo di akaretöwago ke tokumente ye (Nomoro ya ditöwantle ya tumelelo … ([1])) ba ipolela gore ntle le moo go laeditöwego, ditöweletöwa töe ke töa go töwa ([2]) ka tlhago.

Moromelli wa sehlahiswa ya sireleditsweng ke tokomane ena (tumello ya thepa naheng No … ([1])) e hlalosa hore, ka ntle ha eba ho hlalositswe ka tsela e nngwe ka nepo, dihlahiswa tsena ke tsa … tshimoloho e kgethilweng ([2]).

Moromelantle wa dikuno tse di tlhagelelang mo lokwalong le (lokwalo lwa tumelelo ya kgethiso No … ([1])) o tlhomamisa gore, ntle le fa go tlhagisitsweng ka mokgwa mongwe, dikuno tse ke tsa … dinaga tse di thokegang ([2]).

Umtfumeli ngaphandle walemikhicito lebalwe kulomculu (ngeligunya lalokutfunyelwa ngaphandle Nombolo … ([1])) lophakamisa kutsi, ngaphandle kwalapho lekuboniswe khona ngalokucacile, lemikhicito … ngeyendzabuko lebonelelwako ([2]).

Muvhambadzi wa zwibveledzwa mashangoni a nnda, (zwibveledzwa) zwine zwa vha zwo ambiwaho kha ili linwalo (linwalo la u nea maanda la mithelo ya zwitundwannda kana zwirumelwannda la vhu … ([1])), li khou buletshedza uri, nga nnda ha musi zwo ambiwa nga inwe ndila-vho, zwibveledzwa hezwi ndi zwa … vhubwo hune ha khou funeseswa kana u takaleleswa ([2]).

Muxavisela-vambe wa swikumiwa leswi nga eka tsalwa leri (Xibalo xa switundziwa xa Nomboro … ([1])) u boxa leswaku, handle ka laha swi kombisiweke, swikumiwa leswi i swa ntiyiso swa xilaveko xa le henhla swinene ([2]).

Die uitvoerder van die produkte gedek deur hierdie dokument (doeanemagtiging No … ([1])) verklaar dat, uitgesonderd waar andersins duidelik aangedui, hierdie produkte van … voorkeuroorsprong ([2]) is.

Umthumelli-phandle wemikhiqizo ebalwe kilencwadi (inomboro … ([1]) egunyaza imikhiqizo ephumako) ubeka uthi, ngaphandle kobana kutjengiswe ngendlela ethileko butjhatjhalazi, lemikhiqizo ine… mwelaphi enconyiswako ([2]).

Umthumeli weempahla ngaphandle kwelizwe wemveliso equkwa lolu xwebhu (iirhafu zempahla zesigunyaziso Nombolo … ([1])) ubhengeza ukuthi, ngaphandle kwalapho kuboniswe ngokucacileyo, ezi mveliso … zezemvelaphi eyamkelekileyo kunezinye ([2]).

Umthumeli wempahla ebhaliwe kulo mqulu iNombolo… yokugunyaza yentela yempahla … ([1]) uyamemezela ukuthi, ngaphandle kokuthi kukhonjisiwe ngokusobala, le mikhiqizo iqhamuka … endaweni ekhethekileyo ([2]).

…………………………………………………………………. ([3]).
(Post u data)

…………………………………………………………………. ([4]).
(Firma ta' l-esportatur; minbarra dan, l-isem tal-firmatarju tad-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

---

([1]) Jekk id-dikjarazzjoni tar-riċevuta ssir minn esportatur approvat fis-sens ta' l-Artikolu 20 tal-Protokoll, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' dan l-esportatur għandu jissemma hawn. Jekk id-dikjarazzjoni tar-riċevuta ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem li jidher fil-parentesi għandhom jitħassru jew l-ispazju jitħalla vojt.

([2]) L-oriġini tal-prodotti għandha tkun indikata. Fil-każ fejn id-dikjarazzjoni tar-riċevuta hija, totalment jew parzjalment, dwar prodotti li ġejjin minn Ceuta u Melilla fis-sens ta' l-Artikolu 36 tal-Protokoll, l-esportatur hu mitlub li jidentifikahom b'mod ċar permezz tas-simbolu 'CM' fid-dokument li fuqu ssir id-dikjarazzjoni.

([3]) Dawn l-indikazzjonijiet huma fakultattivi jekk l-informazzjoni tidher fid-dokument innifsu.

([4]) Ara l-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 19 tal-Protokoll. Fil-każijiet fejn l-esportatur mhux mitlub jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma teħles ukoll mill-obbligu li jiġi indikat l-isem tal-firmatarju."

## KAPITOLU II

## DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

### *Artikolu 5*

### Konsultazzjonijiet

Ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel tintrabat li ma tippreżenta l-ebda pretensjoni, talba jew referenza u li ma temenda jew tirtira l-ebda konċessjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT, b'konnessjoni mat-tkabbir tal-Komunità. Madankollu, sa tmiem Lulju 2004, il-Komunità hi disposta li tikkunsidra l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet supplimentari b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22.2 tat-TDCA.

### *Artikolu 6*

### Merkanzija in transitu jew f'maħżen temporanju

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom japplikaw għal merkanzija esportata jew mill-Afrika t'Isfel lejn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda lejn l-Afrika t'Isfel, li tħares id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 1 tat-TDCA u li, fid-data ta' l-adeżjoni, jkunu jinsabu in transitu jew f'maħżen temporanju, f'maħżen doganali jew f'żona franka fl-Afrika t'Isfel jew fl-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat.

2. Trattament preferenzjali għandu jingħata f'każi bħal dawn, suġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni, ta' prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jesporta.

*Artikolu 7*

**Kwoti fl-2004**

Għas-sena 2004, iż-żidiet fil-volum tal-kwoti tariffarji eżistenti għandhom ikunu kkalkulati permezz ta' prorata tal-volum bażiku, b'konsiderazzjoni tal-perjodu li jkun għadda qabel l-1 ta' Mejju 2004.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 8*

Dan il-Protokoll se jkun parti integrali tat-TDCA.

*Artikolu 9*

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Komunità, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, skond il-proċeduri tagħhom.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu 1. L-istrumenti ta' l-approvazzjoni għandhom ikunu depożitati fi ħdan is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 10*

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

2. Dan il-Protokoll għandu japplikaw b'mod proviżorju mill-1 ta' Mejju 2004.

*Artikolu 11*

Dan il-Ftehim hu mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża u fil-lingwi uffiċjali tar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, minbarra l-Ingliż, jiġifieri bis-Sepedi, is-Sesotho, is-Setswana, is-siSwati, it-Tshivenda, ix-Xitsonga, l-Afrikaans, l-isiNdebele, l-isiXhosa u l-isiZulu, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

| | | |
|---|---|---|
| *Għall-Istati Membri* | *Għall-Komunità Ewropea* | *Għar-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel* |

32005H0207

L 68/40 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 15.3.2005

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2005/207/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 112(2)(b) u 122(4) tiegħu, u l-Artikoli 11.2 u 43.3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

Il-perijodu tal-kariga tas-Sur Tommaso PADOA-SCHIOPPA jiskadi fil-31 ta' Mejju 2005. Għandu jiġi maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

B'HEKK JIRRAKKOMANDA LI:

Is-Sur Lorenzo BINI SMAGHI jiġi maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal perijodu ta' kariga ta' tmin snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2005.

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi ppreżentata għal deċiżjoni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li l-munita tagħhom hija l-euro, wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

22005D0208

15.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 68/41

# DEĊIŻJONI Nru. 1/2004 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-BULGARIJA

## tat-28 ta' Settembru 2004

## li temenda l-Artikoli 2 u 3 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' estensjoni tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewropew

(2005/208/KE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra ([1]) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Ewropew"),

Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew ġie ffirmat bejn il-Partijiet fil-21 ta' Novembru 2002.

(2) Skond l-Artikolu 5 tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali japplika provviżorjament mid-data tal-firma.

(3) Bidliet reċenti fil-leġiżlazzjoni Bulgara mmodifikaw id-distribuzzjoni ta' funzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet implimentattivi.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-konformità bejn il-Protokoll Addizzjonali u l-bidliet istituzzjonali Bulgari, hu xieraq li jiġu emendati l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali billi jiġu adattati r-referenzi għall-istituzzjonijiet Bulgari rilevanti. Dan hu meħtieġ biex jippermetti l-implimentazzjoni fil-Bulgarija tal-Protokoll Addizzjonali.

(5) Skond l-Artikolu 4 tiegħu, il-Protokoll Addizzjonali jista' jiġi emendat b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikoli 2 u 3 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' estensjoni tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewropew, għandhom jiġu sostitwiti b'li ġej:

> "*Artikolu 2*
>
> Ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha tissottometti lill-Kummissjoni Ewropea programm ta' ristrutturar u pjanijiet ta' ħidma li jissodisfaw il-ħtiġiet elenkati fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2, u li ġew stmati u miftehma mill-Kummissjoni tagħha dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni.
>
> *Artikolu 3*
>
> Il-Kummissjoni għandha tipprovdi stima finali ta' jekk il-programm ta' ristrutturar u l-pjanijiet ta' ħidma jissodisfawx il-ħtiġiet elenkati fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiddeċiedi jekk il-programm u l-pjanijiet jikkonformawx mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu hawn fuq imsemmi.
>
> Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ regolari ta' l-implimentazzjoni tal-pjanijiet f'isem il-Komunità, u l-Ministeru tal-Finanzi għandu jagħmel dan għar-Repubblika tal-Bulgarija."

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Magħmula fi Brussell, nhar it-28 ta' Settembru 2004.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*
*Il-President*
S. PASSY

([1]) ĠU L 358, tal-31.12.1994, p. 3.

32005D0211

L 68/44 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/211/ĠAI

## ta' l-24 ta' Frar 2005

## dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inklużi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(a) u (b), l-Artikolu 31(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju ta' Spanja ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, minn issa 'l quddiem imsejjħa "SIS", stabbilita skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' l-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni ([3]), minn issa 'l quddiem imsejjħa "'il-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990", tikkostitwixxi strument essenzjali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kif integrati fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ġdida, tat-tieni ġenerazzjoni, minn issa 'l quddiem imsejjħa "SIS II", bil-ħsieb għat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u għall-introduzzjoni ta' funzjonijiet ġodda, filwaqt li jittieħed benefiċċju mill-aħħar żviluppi fil-qasam ta' l-informatika, ġiet rikonoxxuta u ttieħdu l-ewwel passi biex tiġi żviluppata din is-sistema ġdida.

(3) Jistgħu diġà jiġu mwettqa ċerti adattamenti ta' dispożizzjonijiet eżistenti u l-introduzzjoni ta' ċerti funzjonijiet ġodda f'dak li għandu x'jaqsam mal-verżjoni kurrenti tas-SIS, b'mod partikolari safejn għandu x'jaqsam mal-forniment ta' aċċess għal ċertu tip ta' *data* mdaħħla fis-SIS għall-awtoritajiet, li t-twettiq tad-dmirijiet tagħhom ikunu mħaffa kieku jkunu jistgħu jagħmlu tfittxija f'din id-data; dawn jinkludu l-Europol u l-membri nazzjonali ta' l-Eurojust, l-estensjoni tal-kategoriji ta' oġġetti nieqsa li dwarhom jistgħu jiddaħħlu sejħiet ta' allarmi u d-dħul fir-reġistru ta' trasmissjoni ta' *data* personali. Jeħtieġ li l-ewwel jiġu stabbiliti f' kull Stat Membru l-faċilitajiet tekniċi meħtieġa biex jintlaħaq l-għan.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Laeken ta' l-14 u 15 ta' Diċembru 2001 u b'mod partikolari l-Konklużjonjiet 17 (kooperazzjoni bejn servizzi speċjalizzati kontra t-terroriżmu), 43 (l-Eurojust u l-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward ta' l-Europol) u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-21 ta' Settembru 2001 kontra t-terroriżmu jirreferu għall-ħtieġa li tittejjeb is-SIS u l-kapaċitajiet tagħha.

(5) Barra minn hekk, jkun utli li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet rigward l-iskambju ta' kull informazzjoni supplimentari permezz ta' l-awtoritajiet maħtura għal dak il-għan fl-Istati Membri kollha (Talba għal Informazzjoni Supplementari mad-Dħul fit-Territorju) (*SIRENE*), li jagħtu lil dawn l-awtoritajiet bażi legali komuni fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 u li jistabbilixxu regoli dwar it-tħassir ta' *data* miżmuma minn dawn l-awtoritajiet.

(6) Id-dispożizzjonijiet f'din id-Deċiżjoni dwar il-Europol jistabbilixxu biss qafas legali għall-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u huma bla preġudizzju għall-adozzjoni fil-ġejjien tal-miżuri meħtieġa li jistabbilixxu s-soluzzjoni teknika u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha.

(7) Id-dispożizzjonijiet f'din id-Deċiżjoni dwar il-membri nazzjonali ta' l-Eurojust u l-assistenti tagħhom jistabbilixxu biss kwadru legali għall-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u huma bla preġudizzju għall-adozzjoni fil-ġejjieni tal-miżuri meħtieġa li jistabbilixxu s-soluzzjoni teknika u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha.

([1]) ĠU C 160, 4.7.2002, p. 7.
([2]) ĠU C 31 E, 5.2.2004, p. 122.
([3]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.

(8) Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għad-*data* tas-SIS mill-Europol u l-membri nazzjonali ta' l-Eurojust u l-assistenti tagħhom jikkostituwixxu biss l-ewwel fażi u huma bla preġudizzju għal diskussjonijiet oħra dwar l-estensjoni ta' din il-faċilità lil dispożizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990.

(9) L-emendi għal dan l-għan għad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li jittrattaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandhom isiru jikkonsistu f'żewġ partijiet: din id-Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill ibbażat fuq l-Artikolu 66 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Ir-raġuni għal dan, kif stabbilit fl-Artikolu 93 tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990, hija li l-għan tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen hu li jżomm il-politika u s-sigurtà pubblika, inkluża s-sigurtà nazzjonali, fit-territorji ta' l-Istati Membri u li japplika d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni msemmija dwar il-moviment ta' persuni f'dawk it-territorji, billi tintuża l-informazzjoni komunikata permezz tas-SIS skond id-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni. Minħabba li wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 għandhom jiġu applikati għaż-żewġ għanijiet fl-istess waqt, huwa xieraq li tali dispożizzjonijiet jiġu emendati bl-istess mod permezz ta' atti paralleli bbażati fuq kull Trattat.

(10) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-adozzjoni fil-ġejjieni tal-liġijiet meħtieġa li jfissru fid-dettall l-arkitettura legali, l-għanijiet, l-operat u l-użu tas-SIS II, bħal per eżempju, iżda mhux limitati għal, regoli li jfissru aktar il-kategoriji ta' *data* li għandha tiddaħħal fis-sistema, l-għanijiet għaliex għandha tiddaħħal u l-kriterji għad-dħul tagħha, regoli dwar il-kontenut tar-reġistri tas-SIS, l-interkonnessjoni ta' sejħiet ta' allarmi u l-kompatibbiltà ta' bejniethom u regoli oħra dwar l-aċċess għad-*data* tas-SIS u l-protezzjoni u l-kontroll tad-*data* personali.

(11) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([1]), li jaqgħu taħt il-qasam msemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(12) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([2]).

(13) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tad-28 ta' Frar 2002, dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([3]).

(14) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-arranġamenti għall-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda fl-*acquis* ta' Schengen kif imfisser fid-Deċiżjoni 2000/365/KE u fid-Deċiżjoni 2002/192/KE rispettivament.

(15) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew inkella rrelatat miegħu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 huma hawnhekk emendati kif ġej:

1) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 92:

"4. L-Istati Membri għandhom, skond il-liġijiet nazzjonali, ipartu permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali maħtura għal dak il-għan (SIRENE) kull informazzjoni supplementari meħtieġa konnessa mad-dħul ta' allarmi u sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni xierqa f'każijiet fejn persuni u oġġetti li dwarhom iddaħħlet *data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, jinsabu bħala riżultat ta' tfittxijiet magħmula b'din is-Sistema. Tali informazzjoni għandha tintuża biss għall-għan li għalih ġiet trasmessa.";

2) L-Artikolu 94(2)(b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) oġġetti msemmija fl-Artikoli 99 u 100.";

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

([2]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

([3]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

3) L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 94(3) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Għall-persuni, l-informazzjoni m'għandiex tkun aktar minn dan li ġej:

(a) kunjom u ismijiet, kwalunkwe psewdonimi possibilment mdaħħla separatament;

(b) kwalunkwe karatteristika fiżika speċifika u oġġettiva li ma tinbidilx;

(ċ) (…);

(d) post u data tat-twelid;

(e) sess;

(f) nazzjonalità;

(g) jekk il-persuni involuti humiex armati, vjolenti jew ikunux ħarbu;

(h) raġuni għall-allarm;

(i) azzjoni li għandha tittieħed;

(j) f'każijiet ta' allarm skond l-Artikolu 95: it-tip ta' offiża(i)";

4) L-Artikolu 99(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. *Data* dwar persuni jew vetturi, inġenji tal-baħar u ta' l-ajru u kontejners għandha tiddaħħal skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li jagħmel is-sejħa ta' allarm, għall-għanijiet ta' sorveljanza diskreta jew ta' kontrolli speċifiċi skond il-paragrafu 5.";

5) l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 99(3) għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

"Skond dan il-paragrafu, l-Istat Membru li jagħmel is-sejħa ta' allarm hu obbligat jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwarha.";

6) l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 99(5) għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

"5. Waqt il-kontrolli speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, tista' ssir tfittxija fuq persuni, ġewwa vetturi u inġenji tal-baħar u ta' l-ajru, kontejners u oġġetti li jinġarru, skond il-liġi nazzjonali għall-għanijiet msemmija fil-paragrafi 2 u 3.";

7) L-Artikolu 100(3) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"3. Għandhom jiddaħħlu l-kategoriji li ġejjin ta' oġġetti li jintgħarfu malajr:

(a) vetturi bil-mutur b'ċilindrata 'l fuq minn 50cc, inġenji tal-baħar u ta' l-ajru li ġew misruqa, misapproprjati jew mitlufa;

(b) trejlers li meta vojta ma jiżnux aktar minn 750 kg, karavani, tagħmir industrijali, magni awtbord u kontejners li ġew misruqa, misapproprjati jew mitlufa;

(ċ) armi tan-nar li ġew misruqa, misapproprjati jew mitlufa;

(d) formoli vojta ta' dokumenti uffiċjali li ġew misruqa, misapproprjati jew mitlufa;

(e) dokumenti ta' l-identità maħruġa uffiċjalment bħal passaporti, karti ta' l-identità, liċenzji tas-sewqan, permessi ta' residenza u dokumenti ta' l-ivvjaġġar li ġew misruqa, misapproprjati, mitlufa jew invalidati;

(f) ċertifikati ta' reġistrazzjoni u pjanċi tan-numru ta' vettura li ġew misruqa, misapproprjati, mitlufa jew invalidati;

(g) karti tal-flus (karti tal-flus irreġistrati);

(h) titoli u mezz ta' ħlas bħal ċekkijiet, karti tal-kreditu, *bonds, stocks* u ishma li ġew misruqa, misapproprjati jew mitlufa.";

8) is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' tmiem l-Artikolu 101(1):

"Madankollu, l-aċċess għad-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u d-dritt li ssir tfittxija diretta f'din id-*data* jistgħu jiġu eżerċitati minn awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali fit-twettiq ta' dmirijiethom, kif stabbilit fil-liġi nazzjonali, *inter alia* minn dawk responsabbli għall-bidu ta' prosekuzzjonijiet pubbliċi f'proċeduri kriminali u inkjesti ġuridiċi qabel l-akkuża.";

9) l-Artikoli li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"*Artikolu 101A*

1. L-Uffiċju tal-Pulizija Ewropew (Europol) għandu skond il-mandat u bi spejjeż tiegħu jkollu dritt għall-aċċess għal u li jfittex direttament, id-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skond l-Artikoli 95, 99 u 100.

2. L-Europol tista' tfittex biss *data* li teħtieġ għat-twettiq ta' dmirijietha.

3. F'każ li tfittxija tal-Europol tiżvela l-eżistenza ta' allarm fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-Europol għandha tinforma, permezz tal-mezzi mfissra mill-Konvenzjoni tal-Europol, lill-Istat Membru li jkun ħareġ dan l-allarm.

4. L-użu ta' informazzjoni miksuba minn tfittxija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen huwa suġġett għall-kunsens ta' l-Istat Membru kkonċernat. Jekk l-Istat Membru jagħti l-permess għall-użu ta' tali informazzjoni, l-immaniġġjar tagħha għandha tkun irregolata mill-Konvenzjoni tal-Europol. L-Europol tista' tikkomunika biss tali informazzjoni lil Stati terzi u korpi terzi biss bil-kunsens ta' l-Istat Membru kkonċernat.

5. Il-Europol tista' titlob informazzjoni supplimentari mill-Istat Membru kkonċernat skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Europol.

6. Il-Europol shall:

(a) għandha żżomm reġistru ta' kull tfittxija magħmula minnha, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 103;

(b) bla preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5, ma għandiex tikkonnettja partijiet mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u lanqas titrasferixxi id-*data* li hemm fihom, li għalihom għandha aċċess, għal kwalunkwe sistema oħra ta' kompjuter għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* mħaddma mill-Europol jew fil-Europol u lanqas tagħmel *downloading* jew tikkopja b'mod ieħor kwalunkwe partijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;

(ċ) għandha tillimita l-aċċess għad-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-impjegati tal-Europol li huma speċifikament awtorizzati;

(d) għandha tadotta u timplimenta l-miżuri previsti fl-Artikolu 118;

(e) għandha tagħti l-permess lill-Korp Konġunt ta' Sorveljanza, stabbilit skond l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tal-Europol, sabiex jirrevedi l-attivitajiet tal-Europol fit-twettiq tad-drittijiet tagħha li taċċedi għal u tfittex *data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 101B*

1. Il-membri nazzjonali ta' l-Eurojust u l-assistenti tagħhom għandhom ikollhom id-dritt għall-aċċess u li jfittxu d-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skond l-Artikoli 95, 98.

2. Il-membri nazzjonali ta' l-Eurojust u l-assistenti tagħhom jistgħu jfittxu biss *data* li jeħtieġu għall-qadi ta' dmirijiethom.

3. F'każ li tfittxija minn membru nazzjonali ta' l-Eurojust tiżvela l-eżistenza ta' allarm fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, hu jew hi għandu/ha j/tinforma lill-Istat Membru li għamel l-allarm. Kwalunkwe komunikazzjoni ta' informazzjoni miksuba permezz ta' tali tfittxija tista' tiġi komunikata lil Stati u korpi terzi biss bil-kunsens ta' l-Istat Membru konċernat.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandha tiġi interpretata bħala li għandha effett fuq id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Eurojust dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-responsabbiltà għal kwalunkwe ipproċessar mhux awtorizzat jew skorrett ta' tali data min-naħa tal-membri nazzjonali ta' l-Eurojust jew l-assistenti tagħhom, jew li għandha effett fuq is-setgħat tal-Korp Konġunt ta' Sorveljanza stabbilit skond l-Artikolu 23 ta' dik id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

5. Għandu jinżamm reġistru ta' kull tfittxija mwettqa minn membru nazzjonali ta' l-Eurojust jew minn assistent skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 103 u ta' kull użu magħmul minnhom tad-*data* li għaliha aċċedew.

6. Ma għandha issir ebda konnessjoni ta' xi parti mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u lanqas isir trasferiment tad-*data* li hemm fiha, li għaliha għandhom aċċess il-membri nazzjonali jew l-assistenti tagħhom, għal kwalunkwe sistema oħra ta' kompjuter għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* mħaddma mill-Eurojust jew fil-Eurojust u lanqas ma għandu jsir *downloading* ta' kwalunkwe partijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

7. L-aċċess għad-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandu jkun limitat għall-membri nazzjonali u l-assistenti tagħhom u ma għandux jiġi estiż għall-impjegati ta' l-Eurojust.

8. Il-miżuri kif previsti fl-Artikolu 118 għandhom jiġu adottati u implimentati.";

10) L-Artikolu 103 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 103*

Kull Stat Membru għandu jiżgura li jinżamm reġistru ta' kull trasmissjoni ta' *data* personali fis-sezzjoni nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità għall-amministrazzjoni tad-*data file* għal għan ta' verifika ta' l-ammissibilità jew le tat-tfittxija. Ir-reġistru jista' jintuża biss għal dan il-għan u għandu jiġi mħassar mhux qabel perijodu ta' sena iżda mhux aktar tard minn perijodu ta' tlett snin.";

11) l-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 112A*

1. *Data* personali miżmuma fi skedarji mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 92(4) bħala riżultat ta' skambju ta' informazzjoni skond dak il-paragrafu, għandha tinżamm biss għal dak iż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom ngħatat. Fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu mħassra mhux aktar tard minn sena wara li s-sejħa ta' allarm jew allarmi dwar il-persuna jew l-oġġett ikkonċernati tkun tħassret mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

2. Il-paragrafu 1 huwa bla preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jżomm fl-iskedarji nazzjonali *data* relatata ma' sejħa ta' allarm partikolari li dak l-Istat Membru ikun ħareġ jew ma' sejħa ta' allarm konnessa ma' azzjoni li tkun ittieħdet fuq it-territorju tiegħu. It-tul ta' żmien li għalih tali *data* tista' tinżamm f'tali skedarji għandu jkun irregolat mill-liġi nazzjonali.";

12) L-Artikolu 113(1) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"1. *Data* minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 112 għandha tinżamm għal tul massimu ta' 10 snin u *data* dwar oġġetti msemmija fl-Artikolu 99(1) għal tul massimu ta' ħames snin.";

13) l-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 113A*

1. *Data* minbarra dik personali miżmuma fi skedarji mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 92(4) bħala riżultat ta' skambju ta' informazzjoni skond dak il-paragrafu, għandha tinżamm biss għal dak iż-żmien meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet li għalihom ngħatat. Fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu mħassra mhux aktar tard minn sena wara li s-sejħa ta' allarm jew allarmi dwar il-persuna jew l-oġġett ikkonċernati tkun tħassret mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

2. Il-paragrafu 1 huwa bla preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jżomm fl-iskedarji nazzjonali *data* relatata ma' sejħa ta' allarm partikolari li dak l-Istat Membru ikun ħareġ jew ma' sejħa ta' allarm konnessa ma' azzjoni li tkun ittieħdet fuq it-territorju tiegħu. It-tul ta' żmien li għalih tali *data* tista' tinżamm f'tali skedarji għandu jkun irregolat mill-liġi nazzjonali.".

*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1(1), (5) u (8) ta' din id-Deċiżjoni għandu jidħol fis-seħħ 90 jum wara d-data ta' pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-Artikolu 1(11) u (13) ta' din id-Deċiżjoni għandu jidħol fis-seħħ 180 jum wara d-data ta' pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-Artkolu 1(1), (5), (8), (11) u (13) ta' din id-Deċiżjoni għandu jidħol fis-seħħ għall-Islanda u n-Norveġja 270 jum wara d-data ta' pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

4. L-Artikolu 1(2), (3), (4), (6), (7), (9), (10) u (12) għandu jidħol fis-seħħ minn data li għad trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu, hekk kif il-prekondizzjonijiet meħtieġa ikunu ġew imwettqa.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jiffissa dati differenti dwar id-dħul fis-seħħ ta':

— L-Artikolu 1(2), (4) u (6),

— L-Artikolu 1(3),

— L-Artikolu 1(7),

— L-Artikolu 1(9), L-Artikolu ġdid 101A,

— L-Artikolu 1(9), L-Artikolu ġdid 101B,

— L-Artikolu 1(12).

5. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Kunsill skond il-paragrafu 4 għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. SCHMIT

32005F0212

15.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 68/49

# DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2005/212/ĠAI

## ta' l-24 ta' Frar 2005

## dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u partikolarment l-Artikoli 29, 31(1)(ċ) u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tad-Danimarka ([1]),

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-għan ewlieni tal-kriminalità organizzata transkonfinali huwa l-gwadann finanzjarju. Għalhekk, sabiex ikun effikaċi, kwalunkwe tentattiv sabiex tali kriminalità tiġi prevenuta u miġġielda għandu jiffoka fuq it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità. Madankollu, dan ikun diffiċli, *inter alia*, minħabba differenzi bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam.

(2) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Vjenna ta' Diċembru 1998, il-Kunsill Ewropew għamel sejħa għal tisħiħ ta' l-isforzi ta' l-UE sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata skond pjan ta' azzjoni dwar l-aħjar mod ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam dwar spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ([2]).

(3) Skond il-paragrafu 50(b) tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna, fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiggvernaw il-qbid u l-konfiska tar-rikavati tal-kriminalità għandhom jiġu mtejba u approssimati fejn meħtieġ, b'kont meħud tad-drittijiet tat-terzi *in bona fide*.

(4) Il-paragrafu 51 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 jisħaq li l-*money laundering* jinsab fil-qalba proprja tal-kriminalità organizzata, u li għandu jinqered kull fejn iseħħ u li l-Kunsill Ewropew huwa determinat jiżgura li jittieħdu passi konkreti sabiex jiġu traċċati, iffriżati, maqbuda u konfiskati r-rikavati tal-kriminalità. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ ukoll, fil-paragrafu 55, għall-approssimazzjoni tal-liġi u l-proċedura kriminali fir-rigward tal-*money laundering* (per eżempju, dwar it-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska ta' fondi).

(5) Skond ir-Rakkomandazzjoni 19 fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-2000 intitolat "Il-prevenzjoni u l-kontroll tal-kriminalità organizzata: strateġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-bidu tal-millennju l-ġdid", li ġie approvat mill-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2000 ([3]), għandu jsir eżami tal-possibbiltà tal-ħtieġa ta' strument li, b' kont meħud ta' l-aqwa prattika fl-Istati Membri u bir-rispett dovut għall-prinċipji legali fundamentali, jintroduċi l-possibbiltà li tiġi mitigata, skond il-liġi kriminali, ċivili jew fiskali, skond il-każ, l-*onus* tal-prova dwar id-derivazzjoni ta' l-assi fil-pussess ta' persuna kundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata.

(6) Skond l-Artikolu 12, dwar il-konfiska u l-qbid, tal-Konvenzjoni tan-NU tat-12 ta' Diċembru 2000 kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà tar-rekwiżit li l-awtur tar-reat juri l-oriġini legali ta' rikavati preżunti tal-kriminalità jew ta' proprjetà oħra soġġetta għal konfiska, safejn tali rekwiżit huwa konsistenti mal-prinċipji tal-liġi domestika tagħhom u man-natura tal-proċedimenti ġudizzjarji.

(7) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-8 ta' Novembru 1990 dwar il-*Laundering*, Tfittxija, Qbid u Konfiska tar-Rikavati tal-Kriminalità. Xi Stati Membri preżentaw dikjarazzjonijiet fir-rigward ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar il-konfiska sabiex ikunu obbligati jikkonfiskaw rikavati biss minn numru ta' reati speċifikati.

(8) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA ([4]) tas-26 ta' Ġunju 2001 tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-*money laundering*, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska ta' mezzi strumentali u rikavati tal-kriminalità. Taħt dik id-Deċiżjoni Kwadru, l-Istati Membri huma obbligati wkoll li la jagħmlu u lanqas jappoġġaw riżervi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-konfiska, sakemm ir-reat ikun wieħed punibbli bi priġunerija jew b'ordni ta' detenzjoni għal żmien massimu ta' iżjed minn sena.

(9) L-istrumenti eżistenti f'dan il-qasam ma kisbux suffiċentement koperazzjoni transkonfinali effikaċi fir-rigward tal-konfiska minħabba li għad hemm numru ta' Stati Membru li ma jistgħux jikkonfiskaw ir-rikavati tar-reati kollha punibbli bi priġunerija għal iżjed minn sena.

([1]) ĠU C 184, 2.8.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 19, 23.1.1999, p. 1.
([3]) ĠU C 124, 3.5.2000, p. 1.
([4]) ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.

(10) L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli effikaċi li jiggvernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità, inter alia fir-rigward ta' l-*onus* tal-prova dwar id-derivazzjoni ta' l-assi fil-pussess tal-persuna kkundannata għal reat konness mal-kriminalità organizzata. Din id-Deċiżjoni Kwadru hija marbuta ma' abbozz Daniż ta' Deċiżjoni Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-konfiska ta' rikavati tal-kriminalità u l-kondiviżjoni ta' assi, li qed jiġi preżentat fl-istess waqt.

(11) Din id-Deċiżjoni Kwadru ma timpedix Stat Membru milli japplika l-prinċipji fundamentali tiegħu konnessi mad-dritt ta' proċess ġust, b'mod partikolari l-preżunzjoni ta' l-innoċenza, id-drittijiet ta' proprjetà, il-libertà ta' assoċazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

— "rikavati" tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku minn reati kriminali. Dawn jistgħu jikkonsistu minn kwalunkwe forma ta' proprjetà kif definita fl-inċiż li ġej,

— "proprjetà" tinkludi proprjetà ta' kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk korporali jew mhux korporali, kemm mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li juru t-titolu għal tali proprjetà jew l-interess fiha,

— "mezzi strumentali" tfisser kwalunkwe proprjetà wżata jew intiża li tiġi wżata, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, sabiex jiġi mwettaq reat kriminali jew jiġu mwettqa reati kriminali,

— "konfiska" tfisser penali jew miżura, ordnata minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali jew reati kriminali, li jirriżultaw fil-privazzjoni finali ta' proprjetà,

— "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità li għandha tali status skond il-liġi nazzjonali applikabbli, għajr għal Stati jew korpi pubbliċi oħra fl-eżerċizzju ta' l-awtorità ta' l-Istat u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

*Artikolu 2*

**Konfiska**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta' reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta' proprjetà ta' valur korrispondenti għal tali rikavati.

2. Fir-rigward ta' reati fiskali, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur tar-reat mir-rikavati tar-reat.

*Artikolu 3*

**Setgħat estiżi ta' konfiska**

1. Kull Stat Membru għandu bħala minimu jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex ikun jista', skond iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2, jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, proprjetà li tappartjeni lil persuna kundannata għal reat

(a) li sar fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjoni kriminali kif definita fl-Azzjoni Konġunta 98/733/JHI tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar il-punibbiltà, bħala reat kriminali, tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), meta r-reat ikun kopert:

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/JHA tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni permezz ta' pieni kriminali u sanzjonijiet oħra kontra l-falsifikazzjoni in konnessjoni ma' l-introduzzjoni tal-euro ([2]),

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-*money laundering*, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi strumentali u l-qligħ tal-kriminalità ([3]),

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin ([4]),

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/946/JHA tad-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali sabiex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, tat-transitu u tar-residenza mhux awtorizzati ([5]),

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal ([6]),

([1]) ĠU L 351, 29.12.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 140, 14.6.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 203, 1.8.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1.
([6]) ĠU L 13, 20.1.2004, p. 44.

— mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/JHA tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti tar-reat u l-pieni kriminali fil-qasam tat-traffikar illegali tad-droga ([11]),

(b) li hu kopert mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([12]),

sakemm ir-reati skond id-Deċiżjonijiet Kwadru msemmija hawn fuq

— fir-rigward ta' reati minbarra l-*money laundering*, huma punibbli b'pieni massimi kriminali ta' priġunerija mill-inqas bejn ħames u għaxar snin,

— fir-rigward tal-*money laundering*, huma punibbli b'pieni massimi kriminali ta' priġunerija ta' mill-inqas erba' snin,

u r-reat huwa ta' tali natura li jista' jiġġenera qligħ finanzjarju.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jippermetti l-konfiska skond dan l-Artikolu mill-inqas:

(a) fejn qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà in kwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali tal-persuna kundannata matul perjodu qabel il-kundanna għar-reat imsemmi fil-paragrafu 1 li huwa meqjus raġonevoli mill-qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jew,

(b) fejn qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà in kwistjoni ġiet minn attivitajiet kriminali simili tal-persuna kkundannata matul perjodu qabel il-kundanna għar-reat imsemmi fil-paragrafu 1 li huwa meqjus raġonevoli mill-qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jew,

(ċ) fejn jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà huwa sproporzjonat għad-dħul legali tal-persuna kundannata u qorti nazzjonali, abbażi ta' fatti speċifiċi, hija konvinta bis-sħiħ li l-proprjetà in kwistjoni ġiet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna kundannata.

3. Kull Stat Membru jista' wkoll jikkunsidra jadotta l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, kompletament jew parzjalment, proprjetà akkwistata mill-qraba l-aktar qrib il-persuna konċernata u proprjetà trasferita lil xi persuna ġuridika li fir-rigward tagħha l-persuna konċernata – li taġixxi waħedha jew flimkien mal-qraba l-aktar viċini – għandha influwenza ta' kontroll. L-istess għandu japplika jekk il-persuna konċernata tirċievi parti sinifikanti tad-dħul tal-persuna ġuridika.

4. L-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri oħra barra l-proċeduri kriminali sabiex jipprivaw lill-awtur mill-proprjetà in kwistjoni.

*Artikolu 4*

**Rimedji legali**

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-partijiet interessati milquta mill-miżuri taħt l-Artikoli 2 u 3 jkollhom rimedji legali effikaċi sabiex jippreżervaw id-drittijiet tagħhom.

*Artikolu 5*

**Protezzjoni**

Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li tbiddel l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji fundamentali, inkluża partikolarment il-preżunzjoni ta' l-innoċenza kif affermata fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru sa 15 ta' Marzu 2007.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni, sa 15 ta' Marzu 2007, it-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom b'din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-Kunsill għandu jivvaluta, skond rapport magħmul abbażi ta' din l-informazzjoni u ta' rapport bil-miktub mill-Kummissjoni, sa 15 ta' Ġunju 2007, safejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għanda tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi publikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
N. SCHMIT

([1]) ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8.
([2]) ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.

32005D0215

16.3.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 69/37

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Frar 2005

## li taħtar għaxar membri Franċiżi u sitt membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/215/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Franċiż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni,

(2) Seba' postijiet ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti b'segwitu għall-iskadenza tal-mandat tas-Sur Jean-Pierre BAZIN (FR), is-Sur Marc BELLET (FR), is-Sur Yannick BODIN (FR), is-Sinjura Mireille KERBAOL (FR), is-Sur Robert SAVY (FR) u s-Sur Jacques VALADE (FR) innotifikati lill-Kunsill fid-9 ta' April 2004 u tas-Sur Valéry GISCARD d'ESTAING (FR), innotifikata lill-Kunsill fis-7 ta' Awissu 2004.

Post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti b'segwitu għall-mewt tas-Sur Claude GIRARD (FR), innotifikat lill-Kunsill fid-9 ta' April 2004.

Żewġ postijiet ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti b'segwitu għar-riżenja tas-Sur Philippe RICHERT (FR), innotifikata lill-Kunsill fil-11 ta' Novembru 2004 u tas-Sur Augustin BONREPAUX (FR), innotifikata lill-Kunsill fit-22 ta' Diċembru 2004.

Tliet postijiet ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti b'segwitu għall-iskadenza tal-mandat tas-Sinjura Nicole GUILHAUDIN (FR), is-Sur Alain PERELLE (FR) u tas-Sinjura Marie-Françoise JACQ (FR), innotifikati lill-Kunsill fid-9 ta' April 2004.

Tliet postijiet ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti b'segwitu għar-riżenja tas-Sur Claudy LEBRETON (FR), innotifikata lill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2004, is-Sinjura Mireille LACOMBE (FR), innotifikata lill-Kunsill fit-22 ta' Diċembru 2004 u tas-Sur Ambriose GUELLEC (FR), innotifikata lill-Kunsill fid-19 ta' Jannar 2005.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-persuni li ġejjin huma maħtura fuq il-Kumitat tar-Reġjuni:

a) bħala membri:

Is-Sur Camille de ROCCA SERRA

Président de l'assemblée territoriale Corse

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38

Is-Sur Raymond FORNI
Président du conseil régional de Franche-Comté

Is-Sinjura Mireille LACOMBE
Conseillère générale du Puy-de-Dôme

Is-Sur Jean-Yves LE DRIAN
Président du conseil régional de Bretagne

Is-Sur Martin MALVY
Président du conseil régional Midi-Pyrénées

Is-Sur Raymond MARIGNE
Vice-président du conseil général des Hautes-Alpes

Is-Sur Daniel PERCHERON
Président du conseil régional du Nord-pas-de-Calais

Is-Sur Alain ROUSSET
Président du conseil régional d'Aquitaine

Is-Sur Michel THIERS
Vice-président du conseil général du Rhone

Is-Sur Adrien ZELLER
Président du conseil régional d'Alsace

b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Jacques AUXIETTE
Président du conseil régional des Pays-de-la-Loire

Is-Sur Pierre BERTRAND
Vice-président du conseil général du Bas-Rhin

Is-Sur Charles JOSSELIN
Vice-président du conseil général des Côtes d'Armor

Is-Sur Jean-Jacques LOZACH
Président du conseil général de la Creuse

Is-Sinjura Nathalie MANET
Conseillère régionale d'Aquitaine

Is-Sur Jean-Vincent PLACE
Conseiller régional de l'Ile-de-France

għall-bqija tal-mandat, li jibqa' jgħodd sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

32005E0220

16.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 69/59

# IL-POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/220/PESK

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2004/500/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 34 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]).

(2) Fis-17 ta' Mejju 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/500/PESK ([2]) li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tipprovdi għal reviżjoni f'intervalli regolari.

(4) Huwa meħtieġ li jiġi aġġornat l-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK u li tiġi mħassra l-Pożizzjoni Komuni 2004/500/PESK.

(5) Ġiet imfassla lista skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1, paragrafu 4, tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK tinsab fl-Anness.

*Artikolu 2*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/500/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar mill-Pożizzjoni Komuni 2004/500/PESK (ĠU L 196, 3.6.2004, p. 12).
([2]) ĠU L 196, 3.6.2004, p. 12.

*ANNESS*

**Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1** ([1])

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (psewdonimu Naami Hamza; psewdonimu Mihoubi Faycal; psewdonimu Fellah Ahmed; psewdonimu Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-01.02.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

2. ABOUD, Maisi (psewdonimu "l-Abderrahmane Svizzeru") imwieled fis-17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

3. *ALBERDI URANGA, Itziar (Attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fis-7.10.1963 f'Durango (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 78.865.693

4. *ALBISU IRIARTE, Miguel (Attivist ta' l-E.T.A.; Membru tal-Gestoras Pro-amnistía) imwieled fis-7.6.1961 f'San Sebastián (Guipúzcoa), karta ta' l-identità Nru15.954.596

5. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (psewdonimu ABU OMRAN; psewdonimu AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

6. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

7. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

8. *APAOLAZA SANCHO, Iván (attivist ta' l-E.T.A.; membru tal-K. Madrid), imwieled fl-10.11.1971 f'Beasain (Guipúzcoa); karta ta' l-identità Nru 44.129.178

9. ARIOUA, Azzedine, imwieled fl-20.11.1960 f'Kostantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

10. ARIOUA, Kamel (psewdonimu Lamine Kamel) imwieled fit-18.08.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

11. ASLI, Mohamed (psewdonimu Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

12. ASLI, Rabah, imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

13. *ARZALLUS TAPIA, Eusebio (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fit-8.11.1957 f'Regil (Guipúzcoa); karta ta' l-identità Nru 15.927.207

14. ATWA, Ali (psewdonimu BOUSLIM, Ammar Mansour; psewdonimu SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

15. DARIB, Noureddine (psewdonimu Carreto; psewdonimu Zitoun Mourad) imwieled fl-01.02.1972 fl-Alġerija (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

16. DJABALI, Abderrahmane (psewdonimu Touil) imwieled fl-01.06.1970 fl-Alġerija (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

17. *ECHEBERRIA SIMARRO, Leire (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fl-20.12.1977 f'Basauri (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 45.625.646

18. *ECHEGARAY ACHIRICA, Alfonso (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fl-10.1.1958 fi Plencia (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 16.027.051

19. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (psewdonimu AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; psewdonimu EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il-11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

20. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.09.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

([1]) Il-persuni, il-gruppi jew l-entitajiet immarkati bi stilla jikkonċernaw biss l-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

21. *GOGEASCOECHEA ARRONATEGUI, Eneko (attivist ta' l-E.T.A.), imwieled fid-29.4.1967 fi Guernica (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 44.556.097

22. *IPARRAGUIRRE GUENECHEA, Mª Soledad (attivista ta' l-E.T.A.) imwielda fil-25.4.1961 f'Escoriaza (Navarra), karta ta' l-identità Nru 16.255.819

23. *IZTUETA BARANDICA, Enrique (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fit-30.7.1955 f'Santurce (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 14.929.950

24. IZZ-AL-DIN, Hasan (psewdonimu GARBAYA, AHMED; psewdonimu SA-ID; psewdonimu SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu

25. LASSASSI, Saber (psewdonimu Mimiche) imwieled fit-30.11.1970 f'Konstantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

26. MOHAMMED, Khalid Shaikh (psewdonimu ALI, Salem; psewdonimu BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; psewdonimu HENIN, Ashraf Refaat Nabith; psewdonimu WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

27. MOKTARI, Fateh (psewdonimu Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

28. *MORCILLO TORRES, Gracia (attivista ta' l-E.T.A.; membru ta' Kas/Ekin) imwielda fil- 15.3.1967 f'San Sebastián (Guipúzcoa), karta ta' l-identità Nru 72.439.052

29. MUGHNIYAH, Imad Fa'iz (psewdonimu MUGHNIYAH, Imad Fayiz), Uffiċjal Anzjan tas-Servizzi Sigrieti tal-HEZBOLLAH, imwieled fis-7.12.1962 f'Tayr Dibba, (il-Libanu), passaport Nru. 432298 (il-Libanu)

30. *NARVÁEZ GOÑI, Juan Jesús (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fit-23.2.1961 f'Pamplona (Navarra), karta ta' l-identità Nru 15.841.101

31. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

32. *ORBE SEVILLANO, Zigor (attivist ta' l-E.T.A.; membru ta' Jarrai/Haika/Segi) imwieled fit-22.9.1975 f'Basauri (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 45.622.851

33. *PALACIOS ALDAY, Gorka (attivist ta' l-E.T.A.; membru tal-K. Madrid imwieled fis-17.10.1974 f'Baracaldo (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 30.654.356

34. *PEREZ ARAMBURU, Jon Iñaki (attivist ta' l-E.T.A.; membru ta' Jarrai/Haika/Segi) imwieled fit-18.9.1964 f'San Sebastián (Guipúzcoa), karta ta' l-identità Nru 15.976.521

35. *QUINTANA ZORROZUA, Asier (attivist ta' l-E.T.A.; membru tal-K. Madrid) imwieled fis-27.2.1968 f'Bilbao (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 30.609.430

36. RESSOUS, Hoari (psewdonimu Hallasa Farid) imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

37. *RUBENACH ROIG, Juan Luis (attivist ta' l-E.T.A.; membru tal-K. Madrid) imwieled fit-18.9.1963 f'Bilbao (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 18.197.545

38. SEDKAOUI, Noureddine (psewdonimu Nounou) imwieled fit-23.06.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

39. SELMANI, Abdelghani (psewdonimu Gano) imwieled fl-14.06.1974 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

40. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.04.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

41. SISON, Jose Maria (psewdonimu Armando Liwanag, psewdonimu Joma, responsabbli mill-NPA) imwielda fit-8.2.1939 f'Cabugao, il-Filippini

42. TINGUALI, Mohammed (psewdonimu Mouh di Kouba) imwieled fil-21.04.1964 fi Blida (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

43. *URANGA ARTOLA, Kemen (attivist ta' l-E.T.A.; membru ta' Herri Batasuna/E. H/Batasuna) imwieled fil-25.5.1969 f'Ondarroa (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru. 30.627.290

44. *VALLEJO FRANCO, Iñigo (attivist ta' l-E.T.A.) imwieled fil-21.05.1976 f'Bilbao (Vizcaya), karta ta' l-identità Nru 29.036.694

45. *VILA MICHELENA, Fermín (attivist ta' l-E.T.A.; membru ta' Kas/Ekin) imwieled fit-12.3.1970 f'Irún (Guipúzcoa), karta ta' l-identità Nru 15.254.214

2. GRUPPI U ENTITAJIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal (il-Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah, il-Brigati Rivoluzzjonarji Gharab, Settembru l-Iswed, u l-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja ta' Musulmani Soċjalisti)

2. Il-Brigata tal-Martri Al-Aqsa

3. Al-Aqsa e.V.

4. Al-Takfir u al-Hijra

5. *Nuclei Territoriali Antimperialisti (L-Unitajiet Territorjali Anti-Imperjalisti)

6. *Cooperativa Artigiana Fuoco ed Affini – Occasionalmente Spettacolare

7. *Nuclei Armati per il Comunismo (L-Unitajiet Armati għall-Komunismu)

8. Aum Shinrikyo (AUM, Aum Verità Suprema, Aleph)

9. Babbar Khalsa

10. *Iċ-Ċellula Kontra l-Kapital, il-Ħabs, il-Gwardjani tal-Ħabs u ċ-Ċelel tal-Ħabs (CCCCC – Cellula Contro Capitale, Carcere i suoi Carcerieri e le sue Celle)

11. *Continuity Irish Republican Army (CIRA)

12. *Euskadi Ta Askatasuna/Tierra Vasca y Libertad/Patrija Baska u Libertà (ETA) (l-organizzazzjonijiet li ġejjin huma parti mill-grupp terroristiku ta' l-ETA: K.a.s., Xaki; Ekin, Jarrai-Haika-Segi, Gestoras pro-amnistía, Askatasuna, Batasuna (magħruf ukoll bħala Herri Batasuna, magħruf ukoll bħala Euskal Herritarrok)

13. Gama'a al-Islamiyya (Grupp Islamiku), (magħruf ukoll bħala Al-Gama'a al-Islamiyya, IG)

14. Il-Front Kbir Islamiku tal-ġellieda tal-Lvant (IBDA-C)

15. *Grupos de Resistencia Antifascista Primero de Octubre/Il-Gruppi ta' Resistenza Antifaxxista ta' l-Ewwel ta' Ottubru (GRAPO)

16. Hamas (inkluż Hamas-Izz al-Din al-Qassem)

17. Holy Land Foundation for Relief and Development (Il-Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-soljev u l-iżvilupp)

18. International Sikh Youth Federation (ISYF)

19. *Solidarietà Internazionale (Solidarjetà Internazzjonali)

20. Kahane Chai (Kach)

21. Il-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), (magħruf ukoll bħala KADEK, magħruf ukoll bħala KONGRA-GEL)

22. Lashkar e Tayyaba (LET)/Pashan-e-Ahle Hadis

23. *Loyalist Volunteer Force (LVF)

24. Mujahedin-e Khalq Organisation (MEK jew MKO) [minbarra l-"Kunsill Nazzjonali tar-Reżistenza ta' l-Iran" (NCRI)] (L-Armata Nazzjonali ta' Liberazzjoni ta' l-Iran (il-fergħa militanti tal-MEK), il-Mujahedin tal-Poplu ta' l-Iran, is-Soċjetà ta' l-Istudenti Musulmani ta' l-Iran)

25. L-Armata Nazzjonali ta' Liberazzjoni (Ejército de Liberación Nacional)

26. New People's Army (NPA), il-Filippini, konnessa ma' Sison Jose Maria C. (psewdonimu Armando Liwanag, psewdonimu Joma, responsabbli mill-NPA)

27. *Orange Volunteers (OV)

28. Il-Front ta' Liberazzjoni tal-Palestina (PLF)

29. Il-Jihad Islamika tal-Palestina

30. Il-Front Popolari għall-Liberazzjoni tal-Palestina (PFLP)

31. Il-Front Popolari għall-Liberazzjoni tal-Palestina - Kmand Ġenerali, (PFLP - Kmand Ġenerali)

32. *Real IRA

33. *Brigate Rosse per la Costruzione del Partito Comunista Combattente (Il-Brigati Ħomor għall-Kostruzzjoni tal-Partit Komunista Kombattenti)

34. * Red Hand Defenders (RHD)

35. Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja (FARC)

36. * In-Nuklej Rivoluzzjonarji/Epanastatiki Pirines

37. * L-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tas-17 ta' Novembru/Dekati Evdomi Noemvri

38. L-Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu (DHKP/C), (Devrimci Sol (Xellug Rivoluzzjonarju), Dev Sol)

39. *Il-Ġlieda Rivoluzzjonarja Popolari/Epanastatikos Laikos Agonas (ELA)

40. It-Triq li Tiddi (SL) (Sendero Luminoso)

41. Stichting Al Aqsa (magħruf ukoll bħala Stichting Al aqsa Nederland, magħruf ukoll bħala Al Aqsa Nederland)

42. *Brigata XX Luglio (Brigata ta' l-20 ta' Lulju)

43. *Ulster Defence Association/Ulster Freedom Fighters (UDA/UFF)

44. Forzi Uniti ta' Difiża Leġittima tal-Kolombja (Autodefensas Unidas de Colombia - AUC)

45. *Nucleo di Iniziativa Proletaria Rivoluzionaria (Unità ta' Inizjattiva Proletarja Rivoluzzjonarja)

46. *Nuclei di Iniziativa Proletaria (Unitajiet ta' Inizjattiva Proletarja)

47. *F.A.I. – Federazione Anarchica Informale (Il-Federazzjoni Anarkika Informali)

32005D0221

L 69/64 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 16.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/221/PESK

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru. 2580/2001 dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward ta' xi persuni u entitajiet fil-qafas tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/306/KE

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru. 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward ta' xi persuni u entitajiet fil-qafas tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' April 2004 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2004/306/KE li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru. 2580/2001 dwar l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi restrittivi fir-rigward ta' xi persuni u entitajiet fil-qafas tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/902/KE ([2])

(2) Huwa xieraq li tiġi adottata lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru. 2580/2001,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Il-lista prevista mill-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru. 2580/2001 hija din li ġejja:

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (psewdonimu Naami Hamza; psewdonimu Mihoubi Faycal; psewdonimu Fellah Ahmed; psewdonimu Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-01.02.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

2. ABOUD, Maisi (psewdonimu "l-Abderrahmane Svizzeru") imwieled fis-17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (psewdonimu ABU OMRAN; psewdonimu AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

6. ARIOUA, Azzedine, imwieled fl-20.11.1960 f'Kostantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

7. ARIOUA, Kamel (psewdonimu Lamine Kamel) imwieled fit-18.08.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

8. ASLI, Mohamed (psewdonimu Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

9. ASLI, Rabah, imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

10. ATWA, Ali (psewdonimu BOUSLIM, Ammar Mansour; psewdonimu SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

11. DARIB, Noureddine (psewdonimu Carreto; psewdonimu Zitoun Mourad) imwieled fl-01.02.1972 fl-Alġerija (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

12. DJABALI, Abderrahmane (psewdonimu Touil) imwieled fl-01.06.1970 fl-Alġerija (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

13. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (psewdonimu AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; psewdonimu EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il-11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Għarabja Sawdija); ċittadin ta' l-Għarabja Sawdija

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 745/2003 (ĠU L 106, 29.4.2003, p. 22).

([2]) ĠU L 99, 3.4.2004, p. 28.

14. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.09.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

15. IZZ-AL-DIN, Hasan (psewdonimu GARBAYA, AHMED; psewdonimu SA-ID; psewdonimu SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu

16. LASSASSI, Saber (psewdonimu Mimiche) imwieled fit-30.11.1970 f'Konstantin (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (psewdonimu ALI, Salem; psewdonimu BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; psewdonimu HENIN, Ashraf Refaat Nabith; psewdonimu WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

18. MOKTARI, Fateh (psewdonimu Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

19. MUGHNIYAH, Imad Fa'iz (psewdonimu MUGHNIYAH, Imad Fayiz), Uffiċjal Anzjan tas-Servizzi Sigrieti tal-HEZBOLLAH, imwieled fis-7.12.1962 f'Tayr Dibba, (il-Libanu), passaport Nru. 432298 (il-Libanu)

20. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

21. RESSOUS, Hoari (psewdonimu Hallasa Farid) imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

22. SEDKAOUI, Noureddine (psewdonimu Nounou) imwieled fit-23.06.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

23. SELMANI, Abdelghani (psewdonimu Gano) imwieled fl-14.06.1974 f'Alġeri (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

24. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.04.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

25. SISON, Jose Maria (psewdonimu Armando Liwanag, psewdonimu Joma, responsabbli mill-NPA) imwielda fit-8.2.1939 f'Cabugao, il-Filippini

26. TINGUALI, Mohammed (psewdonimu Mouh di Kouba) imwieled fil-21.04.1964 fi Blida (l-Alġerija) (membru ta' al-Takfir u al-Hijra)

2. GRUPPI U ENTITAJIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal (il-Kunsill Rivoluzzjonarju tal-Fatah, il-Brigati Rivoluzzjonarji Għarab, Settembru l-Iswed, u l-Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja ta' Musulmani Soċjalisti)

2. Il-Brigata tal-Martri Al-Aqsa

3. Al-Aqsa e.V.

4. Al-Takfir u al-Hijra

5. Aum Shinrikyo (AUM, Aum Verità Suprema, Aleph)

6. Babbar Khalsa

7. Gama'a al-Islamiyya (Grupp Islamiku), (magħruf ukoll bħala Al-Gama'a al-Islamiyya, IG)

8. Il-Front Kbir Islamiku tal-ġellieda tal-Lvant (IBDA-C)

9. Hamas (inkluż Hamas-Izz al-Din al-Qassem)

10. Holy Land Foundation for Relief and Development (Il-Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-soljev u l-iżvilupp)

11. International Sikh Youth Federation (ISYF)

12. Kahane Chai (Kach)

13. Il-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), (magħruf ukoll bħala KADEK, magħruf ukoll bħala KONGRA-GEL)

14. Lashkar e Tayyaba (LET)/Pashan-e-Ahle Hadis

15. Mujahedin-e Khalq Organisation (MEK jew MKO) [minbarra l-"Kunsill Nazzjonali tar-Reżistenza ta' l-Iran" (NCRI)] (L-Armata Nazzjonali ta' Liberazzjoni ta' l-Iran (il-fergħa militanti tal-MEK), il-Mujahedin tal-Poplu ta' l-Iran, is-Socjetà ta' l-Istudenti Musulmani ta' l-Iran)

16. L-Armata Nazzjonali ta' Liberazzjoni (Ejército de Liberación Nacional)

17. New People's Army (NPA), il-Filippini, konnessa ma' Sison Jose Maria C. (psewdonimu Armando Liwanag, psewdonimu Joma, responsabbli mill-NPA)

18. Il-Front ta' Liberazzjoni tal-Palestina (PLF)

19. Il-Jihad Islamika tal-Palestina

20. Il-Front Popolari għall-Liberazzjoni tal-Palestina (PFLP)

21. Il-Front Popolari għall-Liberazzjoni tal-Palestina - Kmand Ġenerali, (PFLP - Kmand Ġenerali)

22. Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja (FARC)

23. Armata/Front/Partit Rivoluzzjonarju għall-Ħelsien tal-Poplu (DHKP/C), (Devrimci Sol (Xellug Rivoluzzjonarju), Dev Sol)

24. It-Triq li Tiddi (SL) (Sendero Luminoso)

25. Stichting Al Aqsa (magħruf ukoll bħala Stichting Al aqsa Nederland, magħruf ukoll bħala Al Aqsa Nederland)

26. Forzi Uniti ta' Difiża Leġittima tal-Kolombja (Autodefensas Unidas de Colombia - AUC)

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2004/306/KE hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkollha effett mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

32005E0227

L 71/74 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 17.3.2205

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/227/PESK

## tas-16 ta' Marzu 2005

## dwar it-tiġdid ta' miżuri għas-sostenn ta' l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Penali Internazzjonali ta' l-*ex* Jugoslavja (TPIY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Marzu 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK għas-sostenn ta' l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Penali Internazzjonali ta' l-*ex* Jugoslavja (TPIY) ([1]).

(2) Fil-31 ta' Jannar 2005, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2005/83/PESK ([2]) li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK billi tissostitwixxi l-lista ta' persuni li tinsab fl-anness għall-Pożizzjoni Komuni bl-aħħar lista li tinsab fl-anness għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK tiskadi fit-30 ta' Marzu 2005.

(4) Il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li hu neċessarju li l-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK tiġġedded għal perijodu ġdid ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2005/83/PESK, hija mġedda għal perijodu ta' tnax-il xhar.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar is-16 ta' Marzu 2005.

*Mill-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 65
([2]) ĠU L 29, 2.2.2005, p. 50.

32005D0228

L 72/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 18.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Frar 2005

## dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżjorja ta' ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti

(2005/228/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 flimkien ma' l-Artikolu 300, paragrafu 2, l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità ftehim li jestendi għal sena l-Ftehim u l-protokolli eżistenti dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus, bil-limiti kwantitattivi aġġustati biex jieħdu in konsiderazzjoni r-rati annwali ta' żvilupp u d-domanda tal-Belarus għal xi kategoriji; dan il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2005, sakemm jiġu kompletati l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, suġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka mir-Repubblika tal-Belarus.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità, il-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 2*

Suġġett għar-reċiproċità ([1]), il-Ftehim għandu japplika fuq bażi provviżorja, sakemm jiġu kompletati l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni formali tiegħu, mill-1 ta' Jannar 2005.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. Fil-każ li l-Belarus ma tissodisfax l-obbligazzjonijiet tagħha skond il-paragrafu 2.5 tal-Ftehim ta' l-1999 ([2]), il-kwota għall-2005 għandha titnaqqas għall-livelli applikabbli fl-2004.

2. Id-deċiżjoni li jiġi implimentat il-paragrafu 1 għandha tittieħed skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi ([3]).

*Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) Id-data minn meta l-applikazzjoni provviżorja tibda tkun effettiva tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, serje Ċ.

([2]) ĠU L 336, 29.12.1999, p. 27.

([3]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1627/2004 (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).

## FTEHIM F'FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

## Bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti

A. *Ittra mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, kif emendat l-aħħar u estiż bil-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fit-23 ta' Diċembru 2003 (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-"Ftehim").

2. Minħabba l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2004 u skond l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu ż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. It-test ta' l-Artikolu 19, paragrafu 1, it-tieni u t-tielet sentenzi, tal-Ftehim jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005."

2.2. L-Anness II li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lejn il-Komunità Ewropea jiġi sostitwit bl-Appendiċi 1 ma' din l-ittra.

2.3. L-Anness mal-Protokoll Ċ li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lejn il-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet *OPT* fir-Repubblika tal-Belarus jiġi sostitwit għall-perjodu li jestendi mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005 bl-Appendiċi 2 ma' din l-ittra.

2.4. L-importazzjonijiet lejn il-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ tal-lbies li joriġinaw mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti fl-2005 għal dazji doganali li ma jeċċedux dawk previsti għall-2004 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalat fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jiġux applikati dawn ir-rati, il-Komunità jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu li jibqa' tal-validità tal-ftehim fuq bażi pro rata l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2004 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalat fit-23 ta' Diċembru 2003.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel id-data ta' skadenza tal-Ftehim, għandhom jiġu applikati l-Ftehim u r-regoli tad-WTO mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus mal-WTO.

4. Nistiednek ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek ta' dak iddikjarat hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-jum li fih l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, għandu jiġi applikat provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2005 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

*Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

*Appendiċi 1*

*"ANNESS II*

| Belarus | Kategorija | Unità | Kwota mill-1 ta' Jannar 2005 |
|---|---|---|---|
| Grupp IA | 1 | tunnellati metriċi | 1 585 |
| | 2 | tunnellati metriċi | 5 100 |
| | 3 | tunnellati metriċi | 233 |
| Grupp IB | 4 | biċċiet T (1) | 1 600 |
| | 5 | biċċiet T | 1 058 |
| | 6 | biċċiet T | 1 400 |
| | 7 | biċċiet T | 1 200 |
| | 8 | biċċiet T | 1 110 |
| Grupp IIA | 9 | tunnellati metriċi | 363 |
| | 20 | tunnellati metriċi | 318 |
| | 22 | tunnellati metriċi | 498 |
| | 23 | tunnellati metriċi | 255 |
| | 39 | tunnellati metriċi | 230 |
| Grupp IIB | 12 | parijiet T | 5 958 |
| | 13 | biċċiet T | 2 651 |
| | 15 | biċċiet T | 1 500 |
| | 16 | biċċiet T | 186 |
| | 21 | biċċiet T | 889 |
| | 24 | biċċiet T | 803 |
| | 26/27 | biċċiet T | 1 069 |
| | 29 | biċċiet T | 450 |
| | 73 | biċċiet T | 315 |
| | 83 | tunnellati metriċi | 178 |
| Grupp IIIA | 33 | tunnellati metriċi | 387 |
| | 36 | tunnellati metriċi | 1 242 |
| | 37 | tunnellati metriċi | 463 |
| | 50 | tunnellati metriċi | 196 |
| Grupp IIIB | 67 | tunnellati metriċi | 339 |
| | 74 | biċċiet T | 361 |
| | 90 | tunnellati metriċi | 199 |
| Grupp IV | 115 | tunnellati metriċi | 87 |
| | 117 | tunnellati metriċi | 1 800 |
| | 118 | tunnellati metriċi | 448" |

(1) biċċiet T: eluf ta' biċċiet

*Appendiċi 2*

*"ANNESS MAL-PROTOKOLL Ċ*

| Kategorija | Unità | Mill-01.01.2005 |
|---|---|---|
| 4 | 1 000 biċċa | 4 733 |
| 5 | 1 000 biċċa | 6 599 |
| 6 | 1 000 biċċa | 8 800 |
| 7 | 1 000 biċċa | 6 605 |
| 8 | 1 000 biċċa | 2 249 |
| 12 | 1 000 biċċa | 4 446 |
| 13 | 1 000 biċċa | 697 |
| 15 | 1 000 biċċa | 3 858 |
| 16 | 1 000 biċċa | 786 |
| 21 | 1 000 biċċa | 2 567 |
| 24 | 1 000 biċċa | 661 |
| 26/27 | 1 000 biċċa | 3 215 |
| 29 | 1 000 biċċa | 1 304 |
| 73 | 1 000 biċċa | 4 998 |
| 83 | tunnellati metriċi | 664 |
| 74 | 1 000 biċċa | 872" |

B. *Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus*

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek tal-….. li taqra kif ġej:

"1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, kif emendat l-aħħar u estiż bil-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fit-23 ta' Diċembru 2003 (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-'Ftehim').

2. Minħabba l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2004 u skond l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu ż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. It-test ta' l-Artikolu 19, paragrafu 1, it-tieni u t-tielet sentenzi, tal-Ftehim jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

'Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2005.'

2.2. L-Anness II li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lejn il-Komunità Ewropea jiġi sostitwit bl-Appendiċi 1 ma' din l-ittra.

2.3. L-Anness mal-Protokoll Ċ li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lejn il-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet *OPT* fir-Repubblika tal-Belarus jiġi sostitwit għall-perjodu li jestendi mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005 bl-Appendiċi 2 ma' din l-ittra.

2.4. L-importazzjonijiet lejn il-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ tal-lbies li joriġinaw mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti fl-2005 għal dazji doganali li ma jeċċedux dawk previsti għall-2004 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalat fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jiġux applikati dawn ir-rati, il-Komunità jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu li jibqa' tal-validità tal-ftehim fuq bażi pro rata l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2004 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalat fit-23 ta' Diċembru 2003.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel id-data ta' skadenza tal-Ftehim, għandhom jiġu applikati l-Ftehim u r-regoli tad-WTO mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus mal-WTO.

4. Nistiednek ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek ta' dak iddikjarat hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-jum li fih l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, għandu jiġi applikat provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2005 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità."

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

*Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus*

32005D0229

18.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 72/23

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPM/1/2005

## ta' l-4 ta' Marzu 2005

## dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina

(2005/229/KE)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 25, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/210/PESK tal-11 ta' Marzu 2002 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8, paragrafu 4 tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 8 (4) ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15-16 ta' Ġunju 2001 stabbilew prinċipji ta' gwida u modalitajiet għall-kontributi ta' stati terzi lil Missjonijiet tal-Pulizija. Il-Kunsill approva "Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' stati mhux fl-UE lill- operazzjonijiet ċivili ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet" fl-10 ta' Diċembru 2002 [2] li żviluppaw aktar l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri.

(3) Il-Kumitat ta' Kontributuri ser ikollu rwol ċentrali fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni; il-Kumitat ser ikun il-forum prinċipali biex jiġu diskussi l-problemi kollha relatati ma' l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni; il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni, ser jieħu kont ta' l-opinjonijiet espressi mill-Kumitat ta' Kontributuri.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerżegovina (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-CoC") huwa b'dan stabbilit.

*Artikolu 2*

**Funzjonijiet**

1. Is-CoC jista' jesprimi opinjonijiet, li ser jiġu meqjusa mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni.

2. It-termini ta' riferenza tal-CoC huma stabbiliti fil-"Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' stati mhux fl-UE lill-operazzjonijiet ċivili ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet".

*Artikolu 3*

**Kompożizzjoni**

1. L-Istati Membri kollha ta' l-UE huma intitolati li jkunu preżenti waqt id-diskussjonijiet tas-CoC iżda l-istati kontribwenti biss ser jieħdu sehem fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni. Rappreżentanti ta' l-Istati terzi parteċipanti fil-missjoni jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-CoC. Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jista' wkoll jattendi għal-laqgħat tal-CoC.

2. Is-CoC ser jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari mill-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija.

*Artikolu 4*

**Presidenza**

Għal din il-missjoni, b'konformità mad-dokument imsemmi hawn fuq dwar Konsultazzjonijiet u Modalitajiet, il-CoC ser jiġi presjedut minn rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Presidenza.

*Artikolu 5*

**Laqgħat**

1. Il-CoC għandu jitlaqqa' mill-President fuq bażi regolari. Fejn iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, laqgħat ta' emerġenza jistgħu jitlaqqgħu fuq l-inizjattiva tal-President, jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' stat parteċipanti.

[1] ĠU L 70, 13.3.2002, p. 1. Azzjoni Konġunta kif l-aħħar emendata bl-Azzjoni Konġunta 2005/143/PESK (ĠU L 48, 19.2.2005, p. 46).

[2] Dokument 15203/1/02 REV 1 tat-13 ta' Diċembru 2002.

2. Il-President għandu jiċċirkola minn qabel aġenda provviżorja u dokumenti relatati mal-laqgħa. Il-President għandu jkun responsabbli biex iwassal l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-Kumitat lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà.

*Artikolu 6*

**Kunfidenzjalità**

1. Ir-Regolamenti tal-Kunsill tas-Sigurtà għandhom japplikaw għal-laqgħat u l-proċedimenti tal-CoC. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti fil-CoC għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà adegwati.

2. Id-deliberazzjonijiet tal-CoC għandhom ikunu koperti bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar il-4 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

P. DUHR

32005D0230



# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ PROXIMA/3/2005

## ta' l-4 ta' Marzu 2005

## dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL Proxima) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Jugoslavja (FYROM)

(2005/230/KE)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTà,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 25, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/789/PESK tat-22 ta' Novembru 2004dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL PROXIMA) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Jugoslavja (FYROM) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9, paragrafu 7 tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 9(7) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL PROXIMA) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Jugoslavja (FYROM).

(2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15-16 ta' Ġunju 2001 stabbilew prinċipji ta' gwida u modalitajiet għall-kontributi ta' stati terzi lil Missjonijiet tal-Pulizija. Il-Kunsill adotta "Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' stati mhux fl-UE lill-operazzjonijiet ċivili ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet" fl-10 ta' Diċembru 2002 ([2]) li żviluppaw ulterjorment l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri.

(3) Il-Kumitat ta' Kontributuri ser ikollu rwol ċentrali fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni; il-Kumitat ser ikun il-forum prinċipali biex jiġu diskussi l-problemi kollha relatati ma' l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni; il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni, ser jieħu kont ta' l-opinjonijiet espressi mill-Kumitat ta' Kontributuri.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

Kumitat ta' Kontributuri għall-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPOL PROXIMA) f'dik li qabel kienet ir-Repubblika tal-Jugoslavja (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-CoC") huwa b'dan stabbilit.

*Artikolu 2*

**Funzjonijiet**

1. Is-CoC jista' jesprimi opinjonijiet, li jiġu meqjusa mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni.

2. It-termini ta' riferenza tal-CoC huma stabbiliti fil-"Konsultazzjonijiet u Modalitajiet għall-Kontribut ta' stati mhux fl-UE lill-operazzjonijiet ċivili ta' l-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet".

*Artikolu 3*

**Kompożizzjoni**

1. L-Istati Membri ta' l-UE huma intitolati li jkunu preżenti waqt id-diskussjonijiet tas-CoC iżda l-istati kontribwenti biss ser jieħdu sehem fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-missjoni. Rappreżentanti ta' l-Istati terzi parteċipanti fil-missjoni jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-CoC. Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jista' wkoll jattendi għal-laqgħat tal-CoC.

2. Is-CoC ser jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari mill-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija.

*Artikolu 4*

**Presidenza**

Għal din il-missjoni, b'konformità mad-dokument imsemmi hawn fuq dwar Konsultazzjonijiet u Modalitajiet, il-CoC ser jiġi presjedut minn rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Presidenza.

*Artikolu 5*

**Laqgħat**

1. Il-CoC għandu jitlaqqa' mill-President fuq bażi regolari. Fejn iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, laqgħat ta' emerġenza jistgħu jitlaqqgħu fuq l-inizjattiva tal-President, jew fuq it-talba ta rappreżentant ta' stat parteċipanti.

([1]) ĠU L 348, 24.11.2004, p. 40-44. Azzjoni Konġunta kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2005/142/PESK (ĠU L 48, 19.2.2005, p. 45).
([2]) 15203/1/02 REV 1 minn 13 ta' Diċembru 2002.

2. Il-President għandu jiċċirkola minn qabel aġenda provviżorja u dokumenti relatati mal-laqgħa. Il-President għandu jkun responsabbli biex iwassal l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-Kumitat lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà.

*Artikolu 6*

**Kunfidenzjalità**

1. Ir-Regolamenti tal-Kunsill tas-Sigurtà għandhom japplikaw għal-laqgħat u l-proċedimenti tal-CoC. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti fil-CoC għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà adegwati.

2. Id-deliberazzjonijiet tal-CoC għandhom ikunu koperti bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, nhar il-4 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

P. DUHR

32005D0231



# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Marzu 2005

## li tawtorizza lill-Iżvezja biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku użat minn djar u kumpanniji fis-settur tas-servizzi li jinsabu f'ċerti żoni fit-Tramuntana ta' l-Iżvezja skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

(2005/231/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra lid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 t'Ottubru 2003 li tirristruttura l-kwadru tal-Komunità għat-tassazzjoni ta' prodotti ta' enerġija u elettriku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) B'ittra ta' l-20 t'Awwissu 2004, l-awtoritajiet Svediżi ssottomettew lill-Kummissjoni applikazzjoni għal deroga li tħallihom jimplimentaw rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku użat minn ċerti djar u kumpanniji fis-settur tas-servizzi fit-tramuntana ta' l-Isvezja skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

(2) Minn Ġunju ta' l-1981 rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-enerġija qed tkun applikata fl-Isvezja għal elettriku użat fit-tramuntana tal-pajjiż, fejn il-konsum ta' l-elettriku għal skopijiet ta' tisħin hu bejn wieħed u ieħor 25 % ogħla minn postijiet oħra fil-pajjiż.

(3) Bit-tnaqqis ta' l-ispejjeż ta' l-elettriku għad-djar u kumpaniji fis-settur tas-servizzi fit-tramuntana ta' l-Isvezja dawk il-konsumaturi jkunu f'qagħda ugwali ma' konsumaturi fin-nofsinhar tal-pajjiż. Għalhekk il-miżura għandha objettivi politiċi reġjonali u ta' koeżjoni.

(4) Il-livell imnaqqas ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għall-konsum fit-tramuntana ta' l-Isvezja li huma intiż li jammonta għal EUR 20 għal kull MWh, jibqa' ferm ogħla mir-rata minima tal-Komunità stipulata fid-Direttiva 2003/96/KE. Barra minn hekk, it-tnaqqis fit-taxxa hu proporzjonat ma' l-ispejjeż akbar għat-tisħin li jridu jħallsu d-djar u l-kumpanniji fis-settur tas-servizzi fit-tramuntana ta' l-Isvezja. Konsegwentement, dak il-livell ta' tassazzjoni għandu jiżgura li jinżamm l-effett tat-tassazzjoni bħala inċentiv biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija.

(5) It-tnaqqis li ġie mitlub ġie eżaminat mill-Kummissjoni u nstab li ma jgħawwiġx il-kompetizzjoni u lanqas l-operat tas-suq intern u mhux meqjus inkompatibbli mal-politika tal-Komunità dwar l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

(6) Dan l-approċċ hu skond il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fil-każ C 42/2003 [2] dwar għajnuna mill-Istat, fejn l-ebda oġġezzjonijiet ma tqajmu kontra l-element ta' għajnuna mill-Istat għat-tnaqqis tat-taxxa għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2005.

(7) Hu għalhekk xieraq li l-Isvezja tiġi awtorizzata biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għall-konsum fit-tramuntana ta' l-Isvezja sal-31 ta' Diċembru 2005.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Isvezja hi awtorizzata biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku użat minn djar u kumpaniji fis-settur tas-servizzi li qegħdin fil-muniċipalitajiet imniżżla fl-Anness.

It-tnaqqis għandu jkun proporzjonat ma' l-ispejjeż żejda għat-tisħin minħabba li qegħdin fit-tramuntana meta kkumparati mal-bqija ta' l-Isvezja.

Ir-rata mnaqqsa għandha tkun skond il-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari r-rati minimi stipulati fl-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva.

(1) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/75/KE (ĠU L 157, 30. 4.2004, p. 100).

(2) ĠU C 189, 9.8.2003, p. 6.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru ta' l-2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Isvezja.

Magħmula fi Brussel, nhar is-7 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. KRECKÉ

---

*ANNESS*

| Reġjuni | Muniċipalitajiet |
|---|---|
| Norrbottens län | Il-muniċipalitajiet kollha |
| Västerbottens län | Il-muniċipalitajiet kollha |
| Jämtlands län | Il-muniċipalitajiet kollha |
| Västernorrlands län | Sollefteå, Ånge, Örnsköldsvik |
| Gävleborgs län | Ljusdal |
| Dalarnas län | Malung, Mora, Orsa, Älvdalen |
| Värmlands län | Torsby |

32005D0232

18.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 72/29

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUJUST LEX/1/2005

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni Integrata ta' l-UE ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX

(2005/232/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/190/PESK tas-7 ta' Marzu 2005 dwar il-Missjoni Integrata ta' l-UE ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluż id-deċiżjoni li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Gholi, Kap tal-Missjoni.

(2) Is-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra ta' Stephen WHITE,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Stephen WHITE huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Missjoni ta' l-UE ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX, mill-jum li fih tiġi mnedija l-missjoni. Sa dik id-data, huwa għandu jaġixxi bħala l-kap tat-tim ta' l-ippjanar.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
P. DUHR

([1]) ĠU L 62, 9.3.2005, p 37.

32005D0244

22.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 75/35

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-3 ta' Marzu 2005

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-aċċess għas-suq

(2005/244/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim bilaterali dwar l-implimentazzjoni antiċipata ta' l-impenji fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq marbuta ma' l-adeżjoni tal-Vjetnam mal-World Trade Organisation (WTO).

(2) Il-Ftehim ġie inizjalat fit-3 ta' Diċembru 2004.

(3) Huwa meħtieġ li l-Ftehim, li sejjer ikun ta' natura temporanja u ta' għamla *sui generis*, jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun sabiex ikun effettiv. Il-konklużjoni tal-Ftehim ma tolqot bl-ebda mod id-diviżjoni ta' kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond il-liġi Komunitarja kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-aċċess għas-suq huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna mogħtija s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot il-Komunità.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni għandha, konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi ([1]), tadotta l-miżura prevista fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim, li tikkonsisti fl-applikazzjoni mill-ġdid tal-kwoti fuq it-tessuti u l-ilbies fil-każ li l-Vjetnam jonqos milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Ftehim u l-paragrafu 9 tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri, inizjalat fil-15 ta' Frar 2003.

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li japprovaw il-Ftehim għandhom jipprevalixxu fuq ir-Regolament (KEE) Nru. 3030/93 sa fejn tkun konċernata l-istess materja.

Magħmula fi Brussell, nhar it-3 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BILTGEN

([1]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1627/2004 (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).

# FTEHIM

## bejn il-komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-aċċess għas-suq

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

u

L-GVERN TAR-REPUBBLIKA SOĊJALISTA TAL-VJETNAM

(minn hawn 'il quddiem imsemmija kollettivament bħala l-"Partijiet" u individwalment bħala l-"Parti"),

JIRRIKONOXXU l-importanza tal-kordinazzjoni u t-tisħiħ tal-ħbiberija, koperazzjoni u interazzjoni bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea; u

JIXTIEQU jiżviluppaw u jwessgħu r-relazzjonijiet ta' kummerċ u ta' investiment bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Komunità Ewropea;

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Jannar 2005, il-Komunità Ewropea għandha tissospendi, bil-għan li jiġu eliminati, l-kwoti fuq it-tessuti u l-ilbies imposti fuq ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

*Artikolu 2*

Mill-1 ta' Jannar 2005, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

— Tapplika t-tariffi għall-ilbies, drappijiet u oġġetti manifatturati, u għall-fibri fil-livelli li l-Vjetnam huwa mpenjat li japplika skond il-Ftehim dwar il-kummerċ fit-tessuti u l-ilbies u miżuri oħrajn ta' ftuħ tas-suq inizjalat f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003 ([1]),

— Tapplika rata tariffarja ta' 5 % għal *yarns*,

— Tapplika rata tariffarja ta' 65 % għal inbejjed u spirti,

— Tagħti lil investituri u fornituri ta' servizzi mill-Komunità Ewropea trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-investituri u fornituri ta' servizzi mill-Istati Uniti kif previst fil-Kapitoli dwar l-Investiment u l-Kummerċ fis-Servizzi tal-Ftehim Kummerċjali Bilaterali bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Annessi pertinenti tiegħu,

— Tippermetti operaturi mill-Komunità Ewropea jinvestu fil-produzzjoni tas-siment u tal-*clinker*, soġġett għar-regolamenti applikati f'dan is-settur fil-Vjetnam. Dawn ir-regolamenti mhumiex diskriminatorji,

— Tippermetti investituri mill-Komunità Ewropea fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, li bħalissa joperaw taħt Kuntratti ta' Koperazzjoni Kummerċjali ma' operaturi Vjetnamiti, li jkollhom il-possibbiltà li jġeddu l-arranġamenti attwali jew li jikkonvertuhom f'forma oħra ta' stabbiliment b'kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li jgawdu bħalissa, b'mod konformi ma' l-arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Telimina r-restrizzjonijiet fuq il-klijenti li lilhom fornituri mill-Komunità Ewropea, li bħalissa qed joperaw fil-Vjetnam, qegħdin jipprovdu servizzi informatiċi, servizzi ta' kostruzzjoni, servizzi ta' inġinerija, ta' inġinerija integrata, ta' arkitettura u servizzi urbanistiċi,

— Tikkunsidra li tagħti liċenzji, fuq bażi ta' każ b'każ u taħt kondizzjonijiet stabbiliti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u l-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004, lil operaturi mill-Komunità Ewropea sabiex jistabbilixxu impriżi b'sidien 100 % Komunitarji fil-Vjetnam li jipprovdu servizzi informatiċi, servizzi ta' kostruzzjoni, servizzi ta' inġinerija, ta' inġinerija integrata, ta' arkitettura u servizzi urbanistiċi mingħajr restrizzjonijiet fuq il-klijenti li lilhom dawn is-servizzi jkunu pprovduti,

— Tippermetti 04 (erbgħa) impriżi farmaċewtiċi mill-Komunità Ewropea li jwettqu l-manifattura bi ħlas fil-Vjetnam mingħajr trasferiment ta' liċenzji u fl-istess waqt iżommu l-awtorizzazzjoni tagħhom sabiex jikkummerċjalizzaw il-prodotti importati,

([1]) Pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* L 152/42 datat 26.6.2003 bħala "Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar il-kummerċ fit-tessuti u fil-prodotti ta' l-ilbies u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq, kif l-aħħar emendat bil-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fil-31 ta' Marzu 2000".

— Tippermetti kumpanniji mill-Komunità Ewropea li jistabbilixxu impriżi bi sħab ma' soċji Vjetnamiti, mingħajr limitazzjoni fuq il-kontribuzzjoni tal-kapital mill-Unjoni Ewropea, sabiex jinvestu fil-kostruzzjoni ta' binjiet ta' uffiċċji u appartamenti għall-bejgħ u għall-kiri, soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Vjetnam dwar il-bejgħ u l-kiri ta' proprjetà.

*Artikolu 3*

Mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2005, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

— Tagħti lil distributur 01 (wieħed) mill-Komunità Ewropea liċenzja sabiex jistabbilixxi impriża b'sidien 100 % Komunitarji fil-Vjetnam, soġġett għall-kondizzjonijiet previsti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Tagħti lil assiguratur 01 (wieħed) mill-Komunità Ewropea liċenzja sabiex jopera fis-settur ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-Vjetnam,

— Tippermetti impriżi bi sħab b'kontribuzzjoni ta' kapital ta' 51 % minn kumpanniji marittimi mill-Komunità Ewropea, u tippermetti kumpannija marittima 01 (waħda) mill-Komunità Ewropea sabiex tistabbilixxi impriża b'investiment 100 % Komunitarju fil-Vjetnam sabiex twettaq l-attivitajiet marittimi tagħha, taħt il-kondizzjonjiet previsti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Tagħti lil fornitur 01 (wieħed) ta' servizzi mill-Komunità Ewropea liċenzja sabiex jipprovdi servizzi ta' sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni fil-Vjetnam, taħt il-kondizzjonjiet previsti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Tagħti kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' 3 500 unità ta' *Completely Built Units* (CBU) ta' muturi jew *scooters* ta' oriġini mill-Komunità Ewropea ta' 70 % tar-rata tariffarja attwali. Għall-inqas 50 % ta' dawn il-kwoti għandhom ikunu allokati lil aġenti u distributuri Vjetnamiti debitament awtorizzati minn manifatturi mill-Komunità Ewropea.

*Artikolu 4*

Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam għandha:

— Tagħti lill-investituri mill-Komunità Ewropea trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil investituri Ġappuniżi kif previst fil-Ftehim ta' Investiment Bilaterali (BIT) bejn ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetanm u l-Ġappun, maddħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Ftehim,

— Fl-2005 u fl-2006, tagħti 03 (tliet) liċenzji lil fornituri mill-Komunità Ewropea ta' servizzi ambjentali sabiex joperaw fil-Vjetnam bħala impriżi b'sidien 100 % Komunitarji, għall-forniment ta' serivizzi ambjentali, barra servizzi ta' stimi ta' impatt ambjentali, soġġett għall-ambitu ta' l-attivitajiet u għall-kondizzjonijiet previsti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Tippermetti distributuri mill-Komunità Ewropea, li joperaw legalment fil-Vjetnam, jiftħu 04 (erba') azjendi kummerċjali oħra fl-2005 u 02 (żewġ) azjendi kummerċjali addizzjonali fl-2006,

— Tagħti lil distributur 01 (wieħed) mill-Komunità Ewropea liċenzja sabiex jopera fil-Vjetnam bħala impriża b'sidien 100 % Komunitarji fil-Vjetnam fl-2006, bla ħsara għall-kondizzjonijiet previsti fl-Arranġament tal-WTO inizjalat mill-Vjetnam u mill-Komunità Ewropea fid-9 ta' Ottubru 2004,

— Tnaqqas il-lista ta' molekuli pprojbiti għal 5–7 molekuli sa mhux iktar tard minn Diċembru 2004, u tabolixxi din il-lista fir-rigward tal-Komunità Ewropea sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 5*

Il-Komunità Ewropea tista' tapplika mill-ġdid il-kwoti fuq tessuti u lbies fil-livell tal-kwantita totali ta' kwoti fuq tessuti u lbies konċessi mill-Komunità Ewropea lill-Vjetnam fl-2004, miżjuda birrati ta' l-inkrement annwali previsti fl-Arranġament dwar il-kummerċ fit-tessuti u l-ilbies u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq inizjalat f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003, fil-każ li l-Vjetnam jonqos milli jwettaq xi obbligazzjoni minn dawk kontenuti fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan il-Ftehim jew fil-paragrafu 9 tal-Ftehim ta' l-2003 ċitat hawn fuq.

Fil-każ li l-Komunità Ewropea tonqos milli twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim jew fil-paragrafu 9 tal-Ftehim dwar il-kummerċ fit-tessuti u l-ilbies u miżuri oħra ta' ftuħ tas-suq inizjalat f'Hanoi fil-15 ta' Frar 2003, il-Vjetnam jista' jissospendi l-applikazzjoni ta' l-impenji tiegħu taħt l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 6*

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ ma' l-iskambju ta' notifiki bil-miktub mill-Partijiet tal-kompletament tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom għal dak l-għan.

Kull Parti tista' fi kwalunkwe żmien tipproponi modifiki għal dan il-Ftehim jew tħassru, bil-kondizzjoni li jingħata avviż ta' almenu sitt xhur. Fil-każ ta' tħassir, il-Ftehim għandu jiġi fi tmiemu ma' l-iskadenza tal-perjodu ta' l-avviż.

Dan il-Ftehim għandu jiskadi fid-data ta' l-adeżjoni tal-Vjetnam mal-WTO.

Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkompletaw il-proċeduri interni rispettivi tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw dan il-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2004.

*Artikolu 7*

Dan il-Ftehim għandu jiġi mfassal b'mod duplikat biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u bil-Vjetnamit, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

| | |
|---|---|
| *Magħmul, f'.* | *Għall-Gvern tar-Repubblika* |
| *Għall-Komunità Ewropea* | *Soċjalista tal-Vjetnam* |

32005D0213

22.3.2205 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 76/1

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-24 ta' Jannar 2005

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2007, il-possibbilitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previst mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta ta' l-Avorju dwar is-sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju

(2005/213/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bi qbil mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta ta' l-Avorju dwar is-sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju ([1]), qabel l-iskadenza ta' l-perjodu ta' validità tal-Protokoll anness mal-Ftehim, il-Partijiet involuti fil-kuntratt għandhom jinegozjaw sabiex jiddeterminaw bi qbil komuni l-kontenut tal-Protokoll għall-perjodu li jmiss u, l-emendi jew iż-żidiet li għandhom isiru għall-Anness.

(2) Iż-żewġ Partijiet innegozjaw Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-possibbilitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju, bejn id-9 u t-13 ta' Novembru 2003 f'Abidjan. Dan il-Protokoll għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2007 ġie ffirmat fit-3 ta' Marzu 2004 fi Brussel.

(3) Skond il-Protokoll, is-sajjieda tal-Komunità għandhom possibbilitajiet ta' sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Kosta ta' l-Avorju għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2007.

(4) Sabiex ikun evitat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Komunità jkunu interrotti, hu meħtieġ li l-Protokoll il-ġdid ikun applikat fl-iqsar żmien possibbli. Għal dan il-għan, iż-żewġ Partijiet inizjalaw Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll inizjalat mill-għada tad-data ta' l-iskadenza tal-Protokoll fis-seħħ.

(5) Il-metodu tat-tqassim tal-possibbilitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri għandu jkun definit fuq il-bażi tat-tqassim tradizzjonali tal-possibbilitajiet ta' sajd skond il-Ftehim dwar is-Sajd.

(6) Il-Ftehim għandu jkun approvat fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, taħt riserva tal-konklużjoni definittiva tiegħu mill-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri fir-rigward ta' l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2007, il-possibbilitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previst mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta ta' l-Avorju dwar is-sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju, hu b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri u tal-Protokoll huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 379 l-31.12.1990, p. 3. Ftehim kif emendat l-aħħar mill-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2000 sat-30 ta' Ġunju 2003, il-possibbilitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previst mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta ta' l-Avorju dwar is-sajd 'il barra mill-Kosta ta' l-Avorju (ĠU L 102, 12.4.2001, p. 3).

*Artikolu 2*

1. Il-possibbilitajiet ta' sajd stabbiliti fil-Protokoll għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri skond l-iskema li ġejja:

a) sajd ta' ħut f'qiegħ il-baħar:

Spanja: 1 300 GT (gross tonnage - tunnellati gross) fix-xahar, b'medja annwali;

b) sajd għat-tonn:

i) tunnara li jistadu bit-tartarun

— Franza: 17-il bastiment

— Spanja: 17-il bastiment

ii) skejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ

— Spanja: 6 bastimenti

— Portugall: 5 bastimenti

iii) tunnara li jistadu bil-konz

— Franza: 3 bastimenti

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jeħdux il-possibbilitajiet kollha ta' sajd stabbiliti bil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra applikazzjonijiet għal-liċenzji minn kull Stat Membru ieħor.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fil-qafas ta' dan il-Ftehim għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' kull qabda li jkunu għamlu fiż-żona tas-sajd tal-Kosta ta' l-Avorju, skond ir-Regolament (KE) Nru 500/2001 tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Marzu 2001 dwar l-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 2347/93 tal-Kummissjoni dwar il-kontrolli tal-qabdiet ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ibħra ta' pajjiżi terzi 'il barra mill-Kosta ([1]).

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat jaħtar il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, nhar il-24 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

([1]) ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

32005F0214

L 76/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 22.3.2005

# ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2005/214/ĠAI

## ta' l-24 ta' Frar 2005

## dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(a) u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju Unit, tar-Repubblika Franċiża u tar-Renju ta' l-Iżvezja [1],

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 1999 approva l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li għandu jsir il-pedament ta' koperazzjoni ġudizzjarja kemm f'materji ċivili kif ukoll f'materji kriminali fl-Unjoni.

(2) Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu japplika għal penali finanzjarji mposti minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi sabiex jiġi faċilitat l-infurzar ta' tali penali fi Stat Membru li ma jkunx dak l-Istat li fih ġew imposti l-penali.

(3) Fid-29 ta' Novembru 2000 il-Kunsill, skond il-konklużjonijiet ta' Tampere, adotta programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet kriminali [3], u ta prijorità lill-adozzjoni ta' strument li japplika l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (miżura 18).

(4) Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkopri wkoll penali finanzjarji mposti għal reati tat-traffiku tat-triq.

(5) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea [4], b'mod partikolari fil-Kapitolu VI tagħha. Xejn f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma tista' tiġi nterpretata fis-sens li tipprojbixxi r-rifjut ta' l-esekuzzjoni ta' deċiżjoni fejn ikun hemm raġunijiet sabiex wieħed jaħseb, abbażi ta' elementi objettivi, li l-penali finanzjarja għandha l-għan li tikkastiga persuna minħabba is-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tiegħu jew tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

(6) Din id-Deċiżjoni Kwadru ma twaqqafx Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu dwar il-proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'medja oħra,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

(a) "deċiżjoni" tfisser deċiżjoni finali li teħtieġ il-ħlas ta' penali finanzjarja minn persuna fiżika jew ġuridika fejn id-deċiżjoni ttieħdet minn:

(i) qorti ta' l-Istat emittenti fir-rigward ta' reat kriminali skond il-liġi ta' l-Istat emittenti;

(ii) awtorità ta' l-Istat emittenti li ma tkunx qorti, fir-rigward ta' reat kriminali skond il-liġi ta' l-Istat emittenti, sakemm il-persuna konċernata kellha l-opportunità li jkollha l-każ deċiż minn qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali;

(iii) awtorità ta' l-Istat emittenti li ma tkunx qorti, fir-rigward ta' atti li huma kastigabbli skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat emittenti billi jikkostitwixxu ksur tal-liġi, sakemm il-persuna konċernata kellha l-opportunità li jkollha l-każ deċiż minn qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali;

(iv) qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali, fejn id-deċiżjoni ttieħdet dwar deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (iii);

[1] ĠU C 278, 2.10.2001, p. 4.
[2] ĠU C 271E, 7.11.2002, p. 423.
[3] ĠU C 12, 15.1.2001, p. 10.
[4] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

(b) "penali finanzjarja" tfisser l-obbligu ta' ħlas ta':

(i) somma ta' flus imposta b'deċiżjoni wara kundanna fuq reat;

(ii) kumpens impost fl-istess deċiżjoni għall-benefiċċju ta' vittmi, fejn il-vittma tista' ma tkunx parti ċivili fil-proċedimenti u fejn il-qorti tkun qed taġixxi fl-eżerċizzju tal-kompetenza kriminali tagħha;

(iii) somma ta' flus fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-qorti jew amministrattivi li wasslu għad-deċiżjoni;

(iv) somma ta' flus għal xi fond pubbliku jew organizzazzjoni ta' sostenn għall-vittmi, imposta fl-istess deċiżjoni.

Penali finanzjarja ma għandhiex tinkludi:

— ordnijiet għall-konfiska ta' mezzi jew ta' qligħ tal-kriminalità,

— ordnijiet ta' natura ċivili li ġejjin minn talba għal danni u restituzzjoni u li huma infurzabbli skond ir- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([1]);

(ċ) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih ġiet mogħtija deċiżjoni fis-sens ta' din id-Deċiżjoni Kwadru;

(d) "Stat ta' esekuzzjoni" tfisser l-Istat Membru li lilu ġiet trasmessa deċiżjoni għall-iskop ta' infurzar;

*Artikolu 2*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet, skond il-liġi nazzjonali tiegħu, huma kompetenti skond din id-Deċiżjoni Kwadru, meta dak l-Istat ikun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 4, kull Stat Membru jista' jinnomina, jekk ikun neċessarju minħabba l-organizzazzjoni tas-sistema interna tiegħu, awtorità waħda jew aktar responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċeviment amministrattivi tad-deċiżjonijiet u biex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti.

3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Drittijiet fondamentali**

Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li temenda l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fondamentali u tal-prinċipji legali fondamentali kif professati fl-Artikolu 6 tat-Trattat.

*Artikolu 4*

**Trasmissjoni ta' deċiżjonijiet u rikors għall-awtorità ċentrali**

1. Deċiżjoni, flimkien ma' ċertifikat kif previst f'dan l-Artikolu, jista' jiġi trasmess lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li fih għandha l-proprjetà jew id-dħul il-persuna fiżika jew ġuridika, li kontriha ttieħdet deċiżjoni, hija normalment residenti jew, fil-każ ta' persuna ġuridika, għandha l-uffiċċju reġistrata tagħha.

2. Iċ-ċertifikat, li l-formola standard għalih tinsab fl-Anness, għandu jiġi ffirmat, u l-kontenut tiegħu għandu jiġi ċertifikat bħala preċiż, mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti.

3. Id-deċiżjoni jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jiġu trasmessi mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħha. L-oriġinal tad-deċiżjoni, jew kopja ċertifikata tagħha, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni jekk dan hekk jitlob. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

4. L-Istat emittenti għandu jittrasmetti deċiżjoni lill-Stat ta' esekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument speċifiku.

5. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni mhijiex magħrufa mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, din ta' l-aħħar għandha tfittex b'kull mezz ta' tiftix meħtieġ, anke permezz tal-punti ta' kuntatt tan-*Network* Ġudizzjarju Ewropew ([2]) sabiex tikseb l-informazzjoni mill-Istat ta' esekuzzjoni.

6. Meta xi awtorità, fl-Istat ta' esekuzzjoni, li tirċievi deċiżjoni ma jkollhiex il-kompetenza sabiex tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri meħtieġa għall-esekuzzjoni tagħha, għandha, ex officio, titrasmetti d-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti b'dan

([1]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/2004 (ĠU L 381, 28.12.2004, p. 10).

([2]) Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar l-istabbiliment ta' *Network* Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4).

7. Ir-Renju Unit u l-Irlanda, rispettivament, jistgħu jistqarru f'dikjarazzjoni li d-deċiżjoni flimkien maċ-ċertifikat għandhom jintbagħtu permezz ta' l-awtorità ċentrali tagħhom jew l-awtoritajiet speċifikati minnhom fid-dikjarazzjoni. Dawn l-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw li jillimitaw l-ambitu ta' tali dikjarazzjoni fi kwalunkwe ħin sabiex jagħtu aktar effett lill-paragrafu 3. Għandhom jagħmlu hekk meta jiddaħħlu fis-seħħ, firrigward tagħhom, id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna reċiproka tal-Konvenzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Schengen. Kwalunkwe dikjarazzjoni għandha tiġi depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u notifikata lill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

**L-ambitu ta' applikazzjoni**

1. Ir-reati li ġejjin, jekk huma kastigabbli fl-Istat emittenti u kif inhuma definiti mill-liġi ta' l-Istat emittenti, għandhom, skond l-istipulazzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru u mingħajr verifikazzjoni tal-kriminalità doppja ta' l-att, jagħtu lok għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet:

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

— terroriżmu,

— traffikar tal-bnedmin,

— sfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal,

— traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi,

— traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,

— korruzzjoni,

— frodi, inkluża dik li jolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,

— *laundering* ta' qligħ mill-kriminalità,

— falsifikazzjoni ta' flus, inkluża l-falsifikazzjoni ta' l-ewro,

— reati relatati ma' l-informatika,

— reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi minaċċjati ta' annimali u ta' speċi minaċċjati ta' pjanti u varjetajiet,

— faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,

— qtil, offiżi gravi fuq il-persuna,

— kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,

— ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,

— razziżmu u xenofobja,

— serq kwalifikat bil-vjolenza, organizzat jew bl-użu ta' armi,

— traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti,

— frodi b'egħmil qarrieqi,

— *racketeering* u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,

— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,

— traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u *growth promoters* oħra,

— traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,

— traffikar ta' vetturi misruqa,

— stupru,

— ħruq volontarju ta' proprjetà,

— delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— teħid illegali ta' inġenji ta' l-ajru/bastimenti,

— sabotaġġ,

— kondotta li tikser ir-regolamenti tat-traffiku tat-triq, inklużi l-ksur tar-regolamenti dwar il-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ u tar-regolamenti dwar merkanzija perikoluża,

— kontrabandu ta' merkanziji,

— ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali,

— theddid u atti ta' vjolenza kontra persuni, inkluża vjolenza matul attivitajiet sportivi,

— ħsara volontarja kriminali,

— serq,

— reati stabbiliti mill-Istat emittenti u ntiżi sabiex jimplimentaw l-obbligi assunti permezz ta' strumenti adottati taħt it-Trattat tal-KE jew taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE.

2. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jżid kategoriji oħra ta' reati mal-lista fil-paragrafu 1 fi kwalunkwe żmien, billi jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE.

Fid-dawl tar-rapport sottomess lilu skond l-Artikolu 20(5), il-Kunsill għandu jikkonsidra jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata. Il-Kunsill għandu jikkonsidra l-kwistjoni aktar 'il quddiem fi stadju sussegwenti abbażi ta' rapport, dwar l-applikazzjoni prattika tad-Deċiżjoni Kwadru, stabbilit mill-Kummissjoni fi żmien 5 snin mid-data msemmija fl-Artikolu 20(1).

3. Fir-rigward ta' reati oħra mhux koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' esekuzzjoni jista' jagħmel li r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' deċiżjoni tkun soġġetta għall-kondizzjoni li d-deċiżjoni tkun relatata ma' kondotta li tikkostitwixxi reat skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostitwenti jew mil-mod kif inhi deskritta.

*Artikolu 6*

**Rikonoxximent u esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet**

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandhom jirrikonoxxu deċiżjoni li ġiet trasmessa skond l-Artikolu 4 mingħajr ma tkun neċessarja kwalunkwe formalità oħra u għandhom minnufih jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-esekuzzjoni tagħha, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' esekuzzjoni previsti fl-Artikolu 7.

*Artikolu 7*

**Raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u nuqqas ta' esekuzzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu u li jesegwixxu d-deċiżjoni jekk iċ-ċertifikat stipulat fl-Artikolu 4 mhuwiex prodott, mhuwiex komplet jew ma jikkorrispondix b'mod evidenti mad-deċiżjoni.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' wkoll tirrifjuta li tirrikonoxxi u li tesegwixxi d-deċiżjoni jekk jiġi stabbilit li:

(a) ġiet mogħtija deċiżjoni kontra l-persuna ikkundannata fir-rigward ta' l-istess atti fl-Istat ta' esekuzzjoni jew fi kwalunkwe Stat għajr l-Istat emittenti jew ta' esekuzzjoni, u, fil-każ ta' l-aħħar, id-deċiżjoni ġiet esegwita;

(b) f'wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5(3), id-deċiżjoni tikkonċerna atti li ma jikkostitwixxux reat skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

(ċ) l-esekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni hija preskritta skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u d-deċiżjoni tikkonċerna atti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat skond il-liġi tiegħu;

(d) id-deċiżjoni tikkonċerna atti li:

(i) huma kkunsidrati mil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni bħala atti li ġew imwettqa kompletament jew parzjalment fit-territorju ta' l-Istat ta' esekuzzjoni jew f'post li hu ttrattat hekk; jew

(ii) ġew imwettqa barra mit-territorju ta' l-Istat emittenti u l-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ma tippermettix il-prosekuzzjoni għall-istess reati meta mwettqa barra t-territorju tiegħu;

(e) il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tipprevedi l-immunità, li tagħmel l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni impossibbli;

(f) id-deċiżjoni ġiet imposta fuq persuna fiżika li, skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, ma setgħetx, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli ta' l-atti li fuqhom ittieħdet id-deċiżoni;

(g) skond iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 4, il-persuna konċernata

(i) fil-każ ta' proċedura bil-miktub, ma kinetx, skond il-liġi ta' l-Istat emittenti, informata personalment jew permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali, dwar id-dritt tagħha li tikkuntesta l-każ u dwar il-limiti ta' żmien ta' tali rimedju legali, jew

(ii) ma dehritx personalment, sakemm iċ-ċertifikat ma jiddikjarax:

— li l-persuna kienet informata personalment jew permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali, dwar il-proċedimenti skond il-liġi ta' l-Istat emittenti, jew

— li l-persuna indikat li hija ma tikkontestax il-każ;

(h) il-penali finanzjarja hija taħt EUR 70 jew l-ekwivalent għal dik is-somma.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2(ċ) u (g), qabel ma tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew li ma tesegwix deċiżjoni, kompletament jew parzjalment, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tikkonsulta ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezzi xierqa, u għandha, fejn xieraq, titlobha biex tforni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

*Artikolu 8*

**Determinazzjoni ta' l-ammont li għandu jitħallas**

1. Fejn jiġi stabbilit li d-deċiżoni tikkonċerna atti li ma twettqux fit-territorju ta' l-Istat emittenti, l-Istat ta' esekuzzjoni jista' jiddeċiedi li jnaqqas l-ammont tal-penali infurzata għall-ammont massimu previst, għal atti ta' l-istess xorta, mil-liġi nazzjonali ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, meta l-atti jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat.

2. Fejn ikun meħtieġ, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha taqleb il-penali għall-munita ta' l-Istat ta' esekuzzjoni bir-rata tal-kambju applikabbli fiż-żmien meta l-penali ġiet imposta.

*Artikolu 9*

**Il-liġi li tirregola l-infurzar**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għall-Artikolu 10, l-infurzar tad-deċiżjoni għandu jkun regolat mill-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni bl-istess mod ta' penali finanzjarja ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. L-awtoritajiet ta' l-Istat ta' esekuzzjoni biss għandhom ikunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati miegħu, inklużi r-raġunijiet għat-terminazzjoni ta' l-infurzar.

2. Fil-każ fejn il-persuna kundannata tista' tforni prova ta' ħlas, totali jew f'parti, fi kwalunkwe Stat, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tikkonsulta ma' l-awtorità ta' l-Istat emittenti kif previst fl-Artikolu 7(3). Kwalunkwe parti tal-penali rkuprata bi kwalunkwe mod fi kwalunkwe Stat għandha tiġi mnaqqsa kompletament mill-ammont li għandu jiġi nfurzat fl-Istat ta' esekuzzjoni.

3. Penali finanzjarja mposta fuq persuna ġuridika għandha tiġi nfurzata anki jekk l-Istat ta' esekuzzjoni ma jirrikonoxxix il-prinċipju tar-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi.

*Artikolu 10*

**Priġunerija jew sanzjoni alternattiva oħra bħala sostitut għal nuqqas ta' rkupru tal-penali finanzjarja**

Fejn mhuwiex possibbli li deċiżjoni tiġi nfurzata, totalment jew f'parti, jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet alternattivi, inkluż sanzjonijiet ta' priġunerija, mill-Istat ta' esekuzzjoni jekk il-liġijiet tiegħu jipprovdu għal dan f'tali każijiet u l-Istat emittenti ippermetta l-applikazzjoni ta' tali sanzjonijiet alternattivi fiċ-ċertifikat msemmi fl-Artikolu 4. Is-severità tas-sanzjoni alternattiva għandha tiġi determinata skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, iżda ma għandhiex teċċedi kwalunkwe livell massimu stipulat fiċ-ċertifikat trasmess mill-Istat emittenti.

*Artikolu 11*

**Amnestija, maħfra, reviżjoni ta' sentenza**

1. L-amnestija u l-maħfra jistgħu jingħataw mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' esekuzzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, l-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar applikazzjoni għar-reviżjoni tad-deċiżjoni.

*Artikolu 12*

**It-terminazzjoni ta' l-infurzar**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għanda tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha d-deċiżjoni ma tibqax infurzabbli jew tiġi rtirata mill-Istat ta' esekuzzjoni għal kwalunkwe raġuni oħra.

2. L-Istat ta' esekuzzjoni għandu jtemm l-infurzar tad-deċiżjoni malli jiġi nformat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti dwar dik id-deċiżjoni jew miżura.

*Artikolu 13*

**L-attribuzzjoni ta' flejjes li ġejjin mill-infurzar ta' deċiżjonijiet**

Flejjes li jinkisbu mill-infurzar ta' deċiżjonijiet għandhom imorru għand l-Istat ta' esekuzzjoni sakemm l-Istat emittenti u dak ta' esekuzzjoni ma jkunux ftiehmu mod ieħor, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1(b)(ii).

*Artikolu 14*

**Informazzjoni mill-Istat ta' esekuzzjoni**

L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) dwar it-trasmissjoni tad-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti, skond l-Artikolu 4(6);

(b) dwar kwalunkwe deċiżjoni sabiex ma tiġix rikonoxxuta jew eżegwita deċiżjoni, skond l-Artikoli 7 jew 20(3), flimkien mar-raġunijiet għal tali deċiżjoni;

(ċ) dwar in-nuqqas totali jew parzjali ta' esekuzzjoni tad-deċiżjoni għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 8, l-Artikolu 9(1) u (2), u l-Artikolu 11(1);

(d) dwar l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni hekk kif l-esekuzzjoni ġiet kompletata;

(e) dwar l-applikazzjoni ta' sanzjoni alternattiva, skond l-Artikolu 10.

*Artikolu 15*

**Konsegwenzi ta' trasmissjoni ta' deċiżjoni**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, l-Istat emittenti ma jistax ikompli bl-esekuzzjoni ta' deċiżjoni trasmessa skond l-Artikolu 4.

2. Id-dritt ta' esekuzzjoni tad-deċiżjoni għandu jerġa' jsir ta' l-Istat emittenti:

(a) malli jiġi notifikat mill-Istat ta' esekuzzjoni dwar in-nuqqas totali jew parzjali ta' esekuzzjoni jew in-nuqqas ta' rikonoxximent jew in-nuqqas ta' infurzar tad-deċiżjoni fil-każ ta' l-Artikolu 7, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 7(2)(a), fil-każ ta' l-Artikolu 11(1), u fil-każ ta' l-Artikolu 20(3), jew

(b) meta l-Istat ta' esekuzzjoni ġie nformat mill-Istat emittenti li l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni ġiet irtirata mill-Istat ta' esekuzzjoni skond l-Artikolu 12.

3. Jekk, wara t-trasmissjoni ta' deċiżjoni skond l-Artikolu 4, xi awtorità ta' l-Istat emittenti tirċievi kwalunkwe somma ta' flus li tħallset volontarjament mill-persuna kundannata fir-rigward tad-deċiżjoni, dik l-awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni mingħajr dewmien. L-Artikolu 9(2) għandu japplika.

*Artikolu 16*

**Lingwi**

1. Iċ-ċertifikat, li l-formola standard għalih tinsab fl-Anness, għandu jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista', meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata jew f'data aktar tard, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew iżjed mill-lingwi uffiċjali l-oħra ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

2. L-esekuzzjoni tad-deċiżjoni tista' tiġi sospiża għaż-żmien meħtieġ biex tinkiseb it-traduzzjoni tagħha, li għandha titħallas mill-Istat ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 17*

**Spejjeż**

L-Istati Membri ma għandhomx jitolbu minn għand xulxin ir-rimborż ta' spejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

*Artikolu 18*

**Relazzjoni ma' ftehim u arranġamenti oħra**

Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni ta' ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali bejn Stati Membri sakemm tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-applikazzjoni tmur lil hinn minn dak dispost f'din id-Deċiżjoni Kwadru u jgħinu fis-simplifikazzjoni jew fil-faċilitazzjoni ulterjuri tal-proċeduri għall-infurzar ta' penali finanzjarji.

*Artikolu 19*

**Applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika għal Ġibilterra.

*Artikolu 20*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din ir-Deċiżjoni Kwadru sat-22 ta' Marzu 2007.

2. Kull Stat Membru jista', għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jillimita l-applikazzjoni tagħha għal:

(a) deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 (a)(i) u (iv); u/jew

(b) fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, deċiżjonijiet relatati ma kondotta li għaliha strument Ewropew jipprovdi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi.

Kwalunkwe Stat Membru li jrid jagħmel użu minn dan il-paragrafu għandu jinnotifika dikjarazzjoni f'dak is-sens lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Kull Stat Membru jista' jopponi r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fejn iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 4 jagħti lok għal kwistjoni dwar il-possibbiltà ta' ksur tad-drittijiet fondamentali jew tal-prinċipji legali fondamentali kif professati fl-Artikolu 6 tat-Trattat. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(3) għandha tapplika.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista' japplika l-prinċipju ta' reċiproċità fir-rigward ta' kwalunkwe Stat Membru li jkun qed jagħmel użu mill-paragrafu 2.

5. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obligazzjonijiet imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru. Abbażi ta' rapport stabbilit mill-Kummissjoni abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kunsill għandu, sa mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2008, jistma l-miżura li fiha l-Istat Membri kkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

6. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bid-dikjarazzjonijiet magħmula skond l-Artikoli 4(7) u 16.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35(7) tat-Trattat, Stat Membru li ltaqa' ma' diffikultajiet ripetuti jew ma' nuqqas ta' attività minn Stat Membru ieħor fir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni reċiproċi ta' deċiżjonijiet, li ma ġewx riżolti permezz ta' konsultazzjonijiet bilaterali, jista' jinforma lill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru fuq il-livell ta' Stat Membru.

8. Kwalunkwe Stat Membru li applika l-paragrafu 3 f'sena kalendarja, għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fil-bidu tas-sena kalendarja sussegwenti, bil-każijiet li fihom ġew applikati r-raġunijiet msemmija f'dik id-dispożizzjoni għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' esekuzzjoni.

9. Fi żmien 7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport abbażi ta' l-informazzjoni riċevuta, akkumpanjat minn kwalunkwe inizjattivi li tikkonsidra xierqa. Abbażi tar-rapport il-Kunsill għandu jirrevedi dan l-Artikolu bil-ħsieb li jikkonsidra jekk il-paragrafu 3 għandux jinżamm jew għandux jiġi sostitwit minn dispożizzjoni iżjed speċifika.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għanda tidħol fis-seħħ fil-jum li tkun ġiet ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar l-24 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
N. SCHMIT

*ANNESS*

**ĊERTIFIKAT**

**imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji**

(a)

* Stat emittenti: ........................................................................................................

* Stat ta' esekuzzjoni: ...................................................................................................

(b) L-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni li timponi penali finanzjarja:

Isem uffiċjali: ........................................................................................................

Indirizz: ................................................................................................................

.........................................................................................................................

Riferiment fil-*file* (…) ................................................................................................

Nru. tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) .................................................................

Nru. tal-*fax* (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ...............................................................

*E-mail* (fejn disponibbli) ..............................................................................................

.........................................................................................................................

Lingwi li bihom hija possibbli l-komunikazzjoni ma' l-awtorità tal-ħruġ

.........................................................................................................................

Dettalji ta' persuna/i għal kuntatt għal iżjed informazzjoni għall-finijiet ta' l-infurzar tad-deċiżjoni jew, fejn applikabbli, għall-finijiet tat-trasferiment lejn l-Istat emittenti ta' flejjes miksuba mill-infurzar (isem, titolu/grad, Nru. tel., Nru. tal- *fax*, u, fejn disponibbli, *E-mail*):

.........................................................................................................................

.........................................................................................................................

(ċ) L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għall-infurzar tad-deċiżjoni li timponi l-penali finanzjarja (jekk l-awtorità hija differenti mill-awtorità fil-punt (b)):

Isem uffiċjali: ……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

Indirizz: ……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

Nru. tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ……………………………………………

Nru. tal-*fax* (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ……………………………………………

*E-mail* (fejn disponibbli) ……………………………………………………………………………

Lingwi li bihom hija possibbli l-komunikazzjoni ma' l-awtorità kompetenti għall-infurzar ………………

……………………………………………………………………………………

Dettalji ta' persuna/i għal kuntatt għal iżjed informazzjoni għall-finijiet ta' l-infurzar tad-deċiżjoni jew, fejn applikabbli, għall-finijiet tat-trasferiment lejn l-Istat emittenti ta' flejjes miksuba mill-infurzar (isem, titolu/grad, Nru. tel., Nru. tal-*fax*, u, fejn disponibbli, *E-mail*): ……………………………………………

……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

(d) Fejn awtorità ċentrali ingħatat ir-responsabbiltà għat-trasmissjoni amminstrattiva ta' deċiżjonijiet li jimponu penali finanzjarji fl-Istat emittenti:

Isem ta' l-awtorità ċentrali: ……………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

Persuna ta' kuntatt, jekk applikabbli (titolu/grad u isem): ……………………………………………

……………………………………………………………………………………

Indirizz: ……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

Riferiment fil-*file* (…)

Nru. tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ……………………………………………

Nru. tal-*fax*: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ……………………………………………

*E-mail* (fejn disponibbli) ……………………………………………………………………………

(e) L-awtorità jew awtoritajiet li jistgħu jiġu kkuntattjati (fil-każ fejn il-punt (ċ) u/jew (d) ġew kompletati):

☐ Awtorità msemmija fil-punt (b)

Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar: ..........

☐ Awtorità msemmija fil-punt (ċ)

Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar: ..........

☐ Awtorità msemmija fil-punt (d)

Tista' tiġi kkuntattjata għal mistoqsijiet dwar: ..........

(f) Informazzjoni dwar il-persuna fiżika jew ġuridika li fuqha ġiet imposta l-penali finanzjarja:

1. Fil-każ ta' persuna fiżika

Kunjom: ..........

Isem/Ismijiet: ..........

Isem ta' xebba, fejn applikabbli: ..........

Psewdonimi, fejn applikabbli: ..........

Sess: ..........

Ċittadinanza: ..........

Numru ta' identità jew numru ta' sigurtà soċjali (fejn disponibbli): ..........

Data tat-Twelid: ..........

Post tat-Twelid: ..........

L-aħħar indirizz magħruf: ..........

..........

Lingwa/i li l-persuna tifhem (jekk magħruf): ..........

..........

(a) Jekk id-deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna kontra min id-deċiżjoni ttieħdet hija normalment residenti fl-Istat ta' esekuzzjoni, żid l-informazzjoni li ġejja:

Residenza normali fl-Istat ta' esekuzzjoni: ..........

..........

..........

(b) Jekk id-deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna kontra min id-deċiżjoni ttieħdet għandha l-proprjetà fl-Istat ta' esekuzzjoni, żid l-informazzjoni li ġejja:

Deskrizzjoni tal-proprjetà tal-persuna: ..........

Lok tal-proprjetà tal-persuna: ..........

(ċ) Jekk id-deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna kontra min id-deċiżjoni ttieħdet għandha d-dħul fl-Istat ta' esekuzzjoni, żid l-informazzjoni li ġejja:

Deskrizzjoni tas-sors/i tad-dħul tal-persuna: ……………………………………………………………………

Lok tas-sors/i tad-dħul tal-persuna: ……………………………………………………………………

2. Fil-każ ta' persuna ġuridika:

Isem: ……………………………………………………………………………………………………………

Tip ta' persuna ġuridika: ……………………………………………………………………………………

Numru ta' reġistrazzjoni (jekk disponibbli) [1]: ……………………………………………………………

Sede ta' reġistrazzjoni (jekk disponibbli) [1]: ………………………………………………………………

Indirizz tal-persuna ġuridika: …………………………………………………………………………………

(a) Jekk id-deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna ġuridika li kontriha ttieħdet id-deċiżjoni għandha l-proprjetà fl-Istat ta' esekuzzjoni, żid l-informazzjoni li ġejja:

Deskrizzjoni tal-proprjetà tal-persuna ġuridika: ……………………………………………………………

Lok tal-proprjetà tal-persuna ġuridika: ………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

(b) Jekk id-deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna ġuridika li kontriha ttieħdet id-deċiżjoni għandha d-dħul fl-Istat ta' esekuzzjoni, żid l-informazzjoni li ġejja:

Deskrizzjoni tas-sors/i tad-dħul tal-persuna ġuridika: …

Lok tas-sors/i tad-dħul tal-persuna ġuridika: ……………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

(g) Id-deċiżjoni li timponi penali finanzjarja:

1. In-natura tad-deċiżjoni li timponi penali finanzjarja (immarka l-kaxxa rilevanti):

☐ (i) Deċiżjoni ta' qorti ta' l-Istat emittenti fir-rigward ta' reat kriminali taħt il-liġi ta' l-Istat emittenti.

☐ (ii) Deċiżjoni ta' awtorità ta' l-Istat emittenti li ma tkunx qorti, fir-rigward ta' reat kriminali taħt il-liġi ta' l-Istat emittenti. Huwa konfermat li l-persuna konċernata kellha l-opportunità li jkollha l-każ deċiż minn qorti li għandha l-kompetenza b'mod partikolari f'materji kriminali.

☐ (iii) Deċiżjoni ta' awtorità ta' l-Istat emittenti li ma tkunx qorti fir-rigward ta' atti li huma kastigabbli taħt il-liġi nazzjonali ta' l-Istat emittenti billi jikkostitwixxu ksur tal-liġi. Huwa konfermat li l-persuna konċernata kellha l-opportunità li jkollha l-każ deċiż minn qorti li għandha l-kompetenza b'mod partikolari f'materji kriminali.

☐ (iv) Deċiżjoni ta' qorti li għandha l-kompetenza b'mod partikolari f'materji kriminali dwar deċiżjoni kif imsemmija fil-punt (iii).

Id-deċiżjoni ttieħdet fi (data) ……………………………………………………………………………

[1] Fejn deċiżjoni hija trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni għaliex il-persuna ġuridika li kontriha ttieħdet id-deċiżjoni għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'dak l-Istat, in-Numru ta' reġistrazzjoni u s-Sede jew l-Indirizz ta' l-uffiċċju reġistrat għandhom jiġu kompletati.

Id-deċiżjoni saret finali fi (data) ………………………………………………………………………………

Numru ta' riferenza tad-deċiżjoni (jekk disponibbli): ……………………………………………………………

Il-penali finanzjarja tikkostitwixxi obbligu ta' ħlas (immarka l-kaxxa/i rilevanti u indika l-ammont/i b'indikazzjoni tal-munita):

☐ (i) Somma ta' flus imposta b'deċiżjoni wara kundanna ta' reat.

Ammont: ………………………………………………………………………………………………

☐ (ii) Kumpens impost fl-istess deċiżjoni għall-benefiċċju ta' vittmi, fejn il-vittma tista' ma tkunx parti ċivili fil-proċedimenti u fejn il-qorti tkun qed taġixxi fl-eżerċizzju tal-kompetenza kriminali tagħha.

Ammont: ………………………………………………………………………………………………

☐ (iii) Somma ta' flus fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-qorti jew proċedimenti amministrattivi li wasslu għad-deċiżjoni.

Ammont: ………………………………………………………………………………………………

☐ (iv) Somma ta' flus għal fond pubbliku jew organizzazzjoni ta' sostenn għall-vittmi, imposta fl-istess deċiżjoni.

Ammont: ………………………………………………………………………………………………

L-ammont totali tal-penali finanzjarja b'indikazzjoni tal-munita: ……………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

2. Taqsira ta' fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom seħħ(ew) ir-reat(i), inkluż il-ħin u l-post: …………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

Natura u klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjoni jew kodiċi statutorja/u applikabbli li abbażi tagħha/tiegħu ttieħdet id-deċiżjoni: ……………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………

3. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) taħt il-punt 2 hawn fuq jikkostitwixxi/u wieħed jew iżjed mir-reati li ġejjin, ikkonferma dan billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti:

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;

☐ terroriżmu;

☐ traffikar tal-bnedmin;

☐ sfruttament sesswali tat-tfal u pornografija bit-tfal;

☐ traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi;

☐ traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi;

☐ korruzzjoni;

☐ frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

☐ *laundering* ta' qligħ mill-kriminalità;

☐ falsifikazzjoni ta' flus, inkluża l-falsifikazzjoni ta' l-ewro;

☐ reati relatati ma' l-informatika;

☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi minnaċċjati ta' annimali u ta' speċi minnaċċjati ta' pjanti u varjetajiet;

☐ faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati;

☐ qtil, offiżi gravi fuq il-persuna;

☐ kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani;

☐ ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi;

☐ razziżmu u xenofobja;

☐ serq kwalifikat bi vjolenza, organizzat jew bl-użu ta' armi;

☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti;

☐ frodi b'egħmil qarrieqi;

☐ *racketeering* u estorsjoni;

☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;

☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;

☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas;

☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u ta' *growth promoters* oħra;

☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi;

☐ traffikar ta' vetturi misruqa;

☐ stupru;

☐ ħruq volontarju ta' proprjetà;

☐ reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

☐ teħid illegali ta' inġenji ta' l-ajru/bastimenti;

☐ sabotaġġ;

☐ kondotta li tikser ir-regolamenti tat-traffiku tat-triq, inklużi l-ksur tar-regolamenti dwar il-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ u r-regolamenti dwar merkanzija perikoluża;

☐ kontrabandu ta' merkanziji;

☐ ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

☐ theddid u atti ta' vjolenza kontra persuni, inkluża vjolenza matul attivitajiet sportivi;

☐ ħsara volontarja kriminali;

☐ serq;

☐ reati stabbiliti mill-Istat emittenti u ntiżi sabiex jimplimentaw l-obbligi assunti permezz ta' istrumenti adottati taħt it-Trattat tal-KE jew taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE.

Jekk din il-kaxxa tiġi mmarkata, indika d-dispożizzjonijiet eżatti ta' l-istrument adottat abbażi tat-Trattat tal-KE jew it-Trattat ta' l-UE li għalihom japplika r-reat: …

…

…

4. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) fil-punt 2 hawn fuq mhuwiex/mhumiex kopert(i) mill-punt 3, agħti deskrizzjoni sħiħa tar-reat(i) ikkonċernat(i): …

…

…

…

(h) Status tad-deċiżjoni li timponi l-penali finanzjarja

1. Ikkonferma li (immarka l-kaxxi):

☐ (a) id-deċiżjoni hija deċiżjoni finali

☐ (b) sa fejn taf l-awtorità li qiegħda toħroġ iċ-ċertifikat, ma ġietx mogħtija deċiżjoni kontra l-istess persuna dwar l-istess atti fl-Istat ta' esekuzzjoni u ma ġiet esegwita l-ebda tali deċiżjoni mogħtija fi kwalunkwe Stat ieħor, li mhuwiex l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni

2. Indika jekk il-każ kienx suġġett għal proċedura bil-miktub:

☐ (a) Le, ma kienx.

☐ (b) Iva, kien. Huwa konfermat li l-persuna konċernata kienet, skond il-liġi ta' l-Istat emittenti, informata personalment jew permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali, dwar id-drittijiet tagħha li tikkuntesta l-każ u dwar il-limiti ta' żmien għal tali rimedju legali

3. Indika jekk il-persuna konċernata dehret personalment fil-proċedimenti:

☐ (a) Iva, dehret.

☐ (b) Le, ma dehritx. Huwa konfermat:

☐ li l-persuna kienet informata personalment jew permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali, bil-proċedimenti skond il-liġi ta' l-Istat emittenti,

jew

☐ li l-persuna indikat li ma tikkontestax il-każ

4. Ħlas parzjali tal-penali

Jekk kwalunkwe parti tal-penali diġa tħallset lill-Istat emittenti, jew, sa fejn taf l-awtorità li qiegħda toħroġ iċ-ċertifikat, tħallset lil kwalunkwe Stat ieħor, indika l-ammont li tħallas: …

…

(i) Sanzjonijiet alternattivi, inklużi sanzjonijiet ta' priġunerija

1. Indika jekk l-Istat emittenti jippermetti lill-Istat ta' esekuzzjoni japplika sanzjonijiet alternattivi fil-każ li ma jkunx possibbli l-infurzar tad-deċiżjoni li timponi penali, totalment jew f'parti:

☐ iva

☐ le

2. Jekk iva, indika liema sanzjonijiet jistgħu jiġu applikati (natura tas-sanzjoniojiet, livell massimu tas-sanzjonijiet):

☐ Priġunerija. Perjodu massimu: ……………………………………………………………………

☐ Servizz komunitarju (jew ekwivalenti). Perjodu massimu: ……………………………………………

☐ Sanzjonijiet oħra. Deskrizzjoni: ……………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

(j) Ċirkostanzi oħra pertinenti għall-każ (informazzjoni mhux obbligatorja): ……………………………………

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

(k) It-test tad-deċiżjoni li timponi l-penali finanzjarja huwa mehmuż maċ-ċertifikat.

Firma ta' l-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikat u/jew ir-rappreżentant li tiċċertifika li l-kontenut taċ-ċertifikat huwa preċiż: ……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

Isem: ……………………………………………………………………………………………

Pożizzjoni (titolu/grad): ……………………………………………………………………………

Data: ……………………………………………………………………………………………

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli)

32005D0252

23.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 77/9

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' Frar 2005

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja, min-naħa l-oħra, sabiex jitteħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/252/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari il-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ta' Adeżjoni 2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni 2003, u b'mod partikulari l-Artikolu 6 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja, min-naħa l-oħra ([2]), sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea kien iffirmat f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fit-30 ta' April 2004.

(2) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Armenja, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, il-Komunità ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([3]).

([1]) Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2004 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 239, 9.9.1999, p. 3.

([3]) Ara ĠU L 300, 25.9.2004, p. 44.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti tali notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussel, nhar il-21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

*Għall-Kummissjoni*
J. M. BARROSO
*Il-President*

32005H0253

23.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 77/11

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Marzu 2005

## li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (Id-Disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2005

(2005/253/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' l-ACP-KE, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (1)

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna tal-Komunità taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija ta' l-ACP-KE (2) li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, id-Disa' Fond Ewropew ta' Żvilupp (Id-Disa' EDF), u partikolarment l-Artikolu 32(3) ta' dak il-Ftehim,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-9 Fond Ewropew ta' Żvilupp (3), u partikolarment l-Artikoli 96 sa 103 tiegħu,

Wara li eżamina il-kont tad-dħul u ta' l-infiq u l-*balance sheet* relatati ma' l-operazzjonijiet tad-Disa' EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2003 u r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni (4),

(1) Billi skond l-Artikolu 32(3) ta' l-imsemmi Ftehim Intern, il-kwittanza għall-immaniġġjar finanzjarju tad-Disa' EDF irid jingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) Billi l-implimentazzjoni totali mill-Kummissjoni ta' l-operazzjonijiet tad-Disa' EDF matul is-sena finanzjarja 2003 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tad-Disa' EDF għas-sena finanzjarja 2003.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

(1) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
(2) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.
(3) ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.
(4) ĠU C 293, 30.11.2004, p. 315.

32005H0254

L 77/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.3.2005

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Marzu 2005

## li tikkonċerna l-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (It-Tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2003

(2005/254/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989, kif emendata bil-Ftehim iffirmat fil-Mawrizju fl-4 ta' Novembru 1995,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE ([1]) li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, it-Tmien Fond Ewropew ta' Żvilupp (It-Tmien EDF), u partikolarment l-Artikolu 33(3) ta' dak il-Ftehim,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE ([2]), u partikolarment l-Artikoli 66 sa 74 tiegħu,

Wara li eżamina il-kont tad-dħul u ta' l-infiq u l-*balance sheet* relatati ma' l-operazzjonijiet tat-Tmien EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2003 u r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ([3]),

(1) Billi skond l-Artikolu 33(3) ta' l-imsemmi Ftehim Intern, il-kwittanza għall-immaniġġar finanzjarju tat-Tmien EDF irid jingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) Billi l-implimentazzjoni totali mill-Kummissjoni ta' l-operazzjonijiet tat-Tmien EDF matul is-sena finanzjarja 2003 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tat-Tmien EDF għas-sena finanzjarja 2003.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.
([2]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.
([3]) ĠU C 293, 30.11.2004, p. 315.

32005H0255

23.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 77/13

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Seba' EDF) għas-sena finanzjarja 2003

(2005/255/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989, kif emendata bil-Ftehim iffirmat f'Mauritius fl-4 ta' Novembru 1995,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern 91/401/KEE dwar l-għajnuna finanzjarja u amministrattiva tal-Komunità taħt ir-raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE ([1]), li jistabbilixxi, fost l-oħrajn, is-Seba' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Seba' EDF) u partikolarment l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tad-29 ta' Lulju 1991 applikabbli għall-koperazzjoni ta' żvilupp finanzjarju taħt ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE ([2]), u partikolarment l-Artikoli 69 sa 77 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u ta' l-infiq u l-*balance sheet* relatati ma' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2003 u r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ([3]),

(1) Billi skond l-Artikolu 33(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għat-tmexxija finanzjarja tas-Seba' EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) Billi l-implimentazzjoni totali mill-Kummissjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF matul is-sena finanzjarja 2003 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF għas-sena finanzjarja 2003.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 229, 17.8.1991, p. 288.

([2]) ĠU L 266, 21.9.1991, p. 1.

([3]) ĠU C 293, 30.11.2004, p. 315.

32005H0256

L 77/14 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.3.2005

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Sitt EDF) għas-sena finanzjarja 2003

(2005/256/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Tielet Konvenzjoni ta' l-ACP-KEE, iffirmata f'Lomé fit-8 ta' Diċembru 1984,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern 86/126/KEE dwar l-għajnuna finanzjarja u amministrattiva tal-Komunità ([1]), u partikolarment l-Artikolu 29(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-11 ta' Novembru 1986 applikabbli għas-Sitt Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Sitt EDF) ([2]), u partikolarment l-Artikoli 66 sa 73 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u ta' l-infiq u l-*balance sheet* relatati mas-Sitt EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2003 u r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ([3]),

(1) Billi skond l-Artikolu 29(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għat-tmexxija finanzjarja tas-Sitt EDF trid jingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) Billi l-implimentazzjoni totali mill-Kummissjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Sitt EDF matul is-sena finanzjarja 2003 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Sitt EDF għas-sena finanzjarja 2003.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

---

([1]) ĠU L 86, 31.3.1986, p. 210. Ftehim kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 86/281/KEE (ĠU L 178, 2.7.1986, p. 13).

([2]) ĠU L 325, 20.11.1986, p. 42.

([3]) ĠU C 293, 30.11.2004, p. 315.

32005L0024

24.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 78/43

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/24/KE
## ta' l-14 ta' Marzu 2005
## li temenda d-Direttiva 87/328/KEE fir-rigward taċ-ċentri ta' ħażna tas-semen u l-użu ta' ovuli u embrijoni mill-bhejjem ta' l-ifrat tar-refgħa ta' razza pura

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2),

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem ta' l-ifrat tar-refgħa ta' razza pura (3) jistipula li s-semen għall-kummerċ intra-Komunitarju għandu jinġabar, jiġi ttrattat u jinħażen f'ċentru ta' l-inseminazzjoni artifiċjali uffiċjalment approvat.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' *deep frozen semen* ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini (4), tippermetti li s-semen jinħażen mhux biss f'ċentri ta' ġbir tas-semen iżda wkoll f'ċentri ta' ħażna tas-semen.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-leġislazzjoni Komunitarja, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/328/KEE għandu jiġi adattat għall-ambitu ta' applikazzjoni estiż u għad-definizzjonijiet ġodda introdotti fid-Direttiva 88/407/KEE. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-Direttiva 87/328/KEE tiġi allinjata mal-bqija tal-leġislazzjoni dwar bhejjem ta' l-ifrat tar-refgħa ta' razza pura fir-rigward ta' l-ovuli u l-embrijoni,

(1) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2004 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) Opinjoni tal-15 ta' Diċembru 2004 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(3) ĠU L 167, 26.6.1987, p. 54.

(4) ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/101/KE (ĠU L 30, 4.2.2004, p. 15).

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 87/328/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 1 jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali, ma jiġux ipprojbiti, ristretti jew ostakolati:

— l-aċċettazzjoni għal skopijiet ta' tgħammir ta' bhejjem bovini femminili ta' razza pura;

— l-aċċettazzjoni għall-fekondazzjoni naturali ta' barrin ta' razza pura, u

— l-użu ta' l-ovuli jew l-embrijoni provenjenti minn bhejjem bovini femminili ta' razza pura."

2) L-Artikolu 4 jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-kummerċ intra-Komunitarju, is-semen imsemmi fl-Artikolu 2 jiġi miġbur, proċessat, u maħżun f'ċentru ta' ġbir jew, jekk ikun hemm bżonn, maħżun f'ċentru tal-ħażna, approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini (*).

(*) ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/101/KE (ĠU L 30, 4.2.2004, p.15)."

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa 24 ta' Marzu 2007, filwaqt li għandhom mingħajr dewmien jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jikkontienu riferiment għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn tali riferiment fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-modalitajiet ta' dan ir-riferiment għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet essenzjali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lejn l-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

32005D0257

24.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 78/45

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 2000/256/KE li tawtorizza lir-Renju ta' l-Olanda biex japplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 11 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa fuq il-fatturat

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill (77/388/KEE) tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxa fuq il-il-fatturat – Sistema Komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT): bażi uniformi ta' valutazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/256/KE ([2]) awtorizzat lir-Renju ta' l-Olanda, permezz ta' deroga mill-Artikolu 11(A)(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE, sabiex tinkludi fl-ammont taxxabbli ta' provvista ta' merkanzija jew ta' servizzi, il-valur ta' kwalunkwe deheb użat mill-fornitur u pprovdut minn min ser jirċevieh fil-każ fejn il-provvista tad-deheb lil min ser jirċevieh kienet eżenti skond l-Artikolu 26b tad-Direttiva 77/388/KE.

(2) L-għan ta' dik id-deroga kien li jiġi evitat abbuż mill-eżenzjoni tad-deheb ta' l-investiment u għalhekk jilqa' għal ċerti tipi ta' evażjoni ta' taxxa.

(3) B' ittra reġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kumissjoni fit-8 ta' Settembru 2004, il-Gvern Olandiż talab estensjoni tad-Deċiżjoni 2000/256/KE li skadiet nhar il-31 ta' Diċembru 2004.

(4) Skond l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kummissjoni infurmat l-Istati Membri l-oħra b' ittra fit-22 ta' Novembru 2004 bit-talba magħmula mir-Renju ta' l-Olanda. B'ittra datata l-24 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju ta' l-Olanda li kellha l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għal stima tat-talba.

(5) Skond l-awtoritajiet Olandiżi, id-deroga awtorizzata mid-Deċiżjoni 2000/256/KE kienet effettiva biex tilħaq l-għanijiet imsemmija hawn fuq.

(6) Id-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li jilqgħu għall-evażjoni tal-VAT marbuta ma' l-eżenzjoni tad-deheb ta' l-investiment jistgħu jkunu inklużi fi proposta fil-ġejjieni għal direttiva li tirrazzjonalizza xi wħud mid-derogi skond dak l-artikolu.

(7) Huwa għalhekk meħtieġ li l-validità tad-deroga mogħtija taħt id-Deċiżjoni 2000/256/KE tittawwal sakemm tidħol fis-seħħ direttiva li tirrazzjonalizza d-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li tkopri l-evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbuta ma' l-eżenzjoni tad-deheb ta' l-investiment jew sal-31 ta' Diċembru 2009, skond liema tkun l-aktar kmieni.

(8) Din id-deroga mhux ser ikollha impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ġejjin mit-taxxa fuq il-valur miżjud.

([1]) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

([2]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 36.

ADOTTA DIN ID-DECIZJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2000/256/KE għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

L-awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 1 għandha tagħlaq fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li tirrazzjonalizza d-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li jilqgħu għall-evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud marbuta ma' l-eżenzjoni tad-deheb ta' l-investiment jew nhar il-31 ta' Diċembru 2009, skond liema jkun l-aktar kmieni."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

32005D0258

24.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 78/47

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## li tawtorizza lid-Danimarka biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 14(1)(d) tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ

(2005/258/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) F'ittra rreġistrata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fis-17 ta' Mejju 2004 l-awtoritajiet Daniżi talbu awtorizzazzjoni biex jintroduċu miżuri speċjali għal deroga mid-Direttiva sabiex jevitaw ċertu tipi ta' evitar u skartar tat-taxxa. L-Istati Membri l-oħra kienu infurmati b'din it-talba fil-15.10.2004.

(2) Il-miżura derogatorja hija intenzjonata biex teskludi ċertu magazins u perjodiċi importati fid-Danimarka mill-eżenzjoni taħt l-Artikolu 14(1)(d) tad-Direttiva u biex tapplika il-VAT fuqhom. Dak l-Artikolu ġie implimentat bid-Direttiva 83/181/KEE ([2]), li tistipula li oġġetti b'valur totali li ma jaqbiżx EUR 10 għandhom ikunu eżentati fil-VAT fuq id-dħul. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjoni għal oġġetti importati b'valur totali ta' aktar minn EUR 10 imma li ma jaqbiżx EUR 22. Id-Danimarka bħalissa teżenta mill-VAT importazzjonijiet ta' konsenji żgħar ta' natura kummerċjali minn pajjiżi terzi. Il-limitu Daniż għall-eżenzjoni tal-VAT hu ta' DKK 80 (EUR 10).

(3) L-awtoritajiet Daniżi skoprew li xi kumpaniji ta' pubblikazzjoni jibdlu r-rotta tad-distribuzzjoni tal-pubblikazzjonijiet tagħhom lill-abbonati tagħhom fid-Danimarka u jgħaddu-hom minn territorji li mhumiex koperti bis-Sitt Direttiva, b'telf ta' dħul għad-Danimarka u konsegwentament b'impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunità.

(4) It-talba għad-deroga tolqot biss lill-konsenji u lis-sitwazzjonijiet konnessi ma' l-iskema ta' skartar ta' taxxa u m'hijiex intiża li teskludi mill-eżenzjoni l-konsenju bil-posta kollha fuq il-bażi ta' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 83/181/KEE. Jidher għalhekk li d-deroga proposta mill-Artikolu 14(1)(d) hi fil-fatt l-aktar soluzzjoni adatta f'dan il-każ speċifiku.

(5) Id-deroga tevita telf tal-VAT u għalhekk ma taffettwax b'mod negattiv ir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(1)(d) tad-Direttiva 77/388/KE, id-Danimarka hi awtorizzata biex tapplika l-VAT fuq l-importazzjoni fid-Danimarka ta' magazins, perjodiċi jew pubblikazzjonijiet oħra simili, stampati fit-territorju tal-Komunità, kif definit fl-Artikolu 3 ta' l-imsemmija Direttiva u mibgħuta lil individwi fi-Danimarka.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lid-Danimarka.

Magħmula fi Brussel, nhar il-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BODEN

([1]) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 190/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

([2]) ĠU L 105, 23.4.1983, p. 38. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

22005D0260



# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/265/PESK

## tat-23 ta' Marzu 2005

## li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Moldova

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi

(1) Fl-14 ta' Ġunju 2004 il-Kunsill stqarr ir-rieda ta' l-Unjoni Ewropea li jkollha rwol politiku aktar attiv fil-Moldova.

(2) Fit-22 ta' Frar 2005 l-UE u l-Moldova affermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jaħdmu flimkien b'mod sħiħ sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet ġodda preżentati mill-Politika Ewropea tal-Ġirien (ENP) bażati fuq il-valuri komuni li jsejsu din il-politika.

(3) Hemm bżonn li tiġi żgurata l-kordinazzjoni u l-konsistenza ta' l-azzjonijiet esterni ta' l-UE fil-Moldova.

(4) Huwa għalhekk xieraq li jinħatar Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għall-Moldova.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Adriaan JACOBOVITS de SZEGED qiegħed hawn jiġi maħtur Rappreżentant Speċjali ta' l-UE (EUSR) għall-Moldova.

*Artikolu 2*

1. Il-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ibbażat fuq l-għanijiet tal-politika ta' l-UE fil-Moldova. Dawn l-għanijiet jinkludu:

(a) li jikkontribwixxi għal soluzzjoni paċifika tal-kunflitt tat-Transnistrja u għall-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni abbażi ta' soluzzjoni vijabbli, waqt li tirrispetta is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment;

(b) li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għaċ-ċittadini kollha tar-Repubblika tal-Moldova;

(ċ) li jippromwovi relazzjonijiet tajba u mill-qrib bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE abbażi ta' valuri u interessi komuni kif stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP;

(d) li jgħin fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u ta' l-armi u oġġetti oħra ġejjin minn jew li jgħaddu mill-Moldova;

(e) li jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' l-istabbiltà u l-koperazzjoni fir-reġjun;

(f) li jkabbar l-effikaċja u l-viżibbiltà ta' l-UE fir-Repubblika tal-Moldova u fir-reġjun.

2. L-EUSR għandu jappoġġja l-ħidma tar-Rappreżentant Għoli fir-Repubblika tal-Moldova u fir-reġjun, u jaħdem f'koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza, il-Kapijiet tal-Missjonijiet ta' l-UE, u l-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

1. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika, il-mandat ta' l-EUSR għandu jkun li:

(a) Jsaħħaħ il-kontribut ta' l-UE lejn ir-risoluzzjoni tal-kunflitt tat-Transnistrja skond l-għanijiet miftehma tal-politika ta' l-UE u f'kordinazzjoni mill-qrib ma' l-OSCE, billi jirrappreżenta lill-UE permezz tal-kanali xierqa u f'*fora* miftehma u billi jiżviluppa u jżomm kuntatti mill-qrib ma' l-atturi kollha rilevanti;

(b) jgħin fit-tħejjija, kif xieraq, tal-kontributi ta' l-UE għall-implimentazzjoni ta' soluzzjoni eventwali tal-kunflitt;

(ċ) jsegwi mill-qrib żviluppi politiċi fir-Repubblika tal-Moldova, inkluż fir-reġjun Transnistrjan, billi jiżviluppa u jżomm kuntatti mill-qrib mal-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova u atturi oħra domestiċi, u joffri kif xieraq il-parir u l-faċilitazzjoni ta' l-UE;

(d) jassisti fl-iżvilupp ulterjuri tal-politika ta' l-UE fir-rigward tar-Repubblika tal-Moldova u r-reġjun, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni ta' kunflitti u s-soluzzjoni ta' kunflitti.

2. Għall-finijiet tat-twettiq tal-mandat tiegħu, l-EUSR għandu jżomm idea ġenerali ta' l-attivitajiet kollha ta' l-UE, partikolarment fl-aspetti rilevanti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP.

*Artikolu 4*

1. L-EUSR għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità u d-direzzjoni operazzjonali tar-Rappreżentant Għoli. L-EUSR għandu jagħti rendikont ta' kull infiq lill-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) għandu jżomm kuntatt privileġġat ma' l-EUSR u għandu jkun il-punt ta' kuntatt primarju mal-Kunsill. Il-PSC għandu jipprovdi gwida strateġika u kontribut politiku lill-EUSR fil-qafas tal-mandat.

*Artikolu 5*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-infiq relatat mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 278 000.

2. In-nefqa finanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-*budget*, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m' għandux jibqa' proprjetà tal-Komunità.

3. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn l-EUSR u l-Kummissjoni. In-nefqa għandha tkun eleġibbli mid-data li fiha din l-Azzjoni Konġunta tidħol fis-seħħ.

4. Il-Presidenza, il-Kummissjoni, u/jew l-Istati Membri, kif xieraq, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

*Artikolu 6*

1. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti li jsiru disponibbli, l-EUSR għandu jkun responsabbli għall-formazzjoni tat-tim tiegħu b'konsultazzjoni mal-Presidenza, megħjun mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, u f'assoċjazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE jistgħu jipproponu li persunal jiġi sekondat sabiex jaħdem ma' l-EUSR. Il-ħlas tal-persunal li jista' jiġi sekondat minn Stat Membru jew minn istituzzjoni ta' l-UE għall-EUSR għandu jiġi kopert mill-Istat Membru jew mill-istituzzjoni ta' l-UE kkonċernata rispettivament.

3. Il-karigi kollha tat-tip A li ma jimtlewx permezz ta' sekondament għandhom jiġu pubbliċizzati kif xieraq mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u jiġu notifikati lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet sabiex jiġu mpjegati l-applikanti l-aktar kwalifikati.

4. Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-garanziji ulterjuri meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel tal-missjoni ta' l-EUSR u l-membri tal-persunal tiegħu għandhom jiġu definiti mal-partijiet. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan l-iskop.

*Artikolu 7*

Bħala regola, l-EUSR għandu jirrapporta personalment lir-Rappreżentant Għoli u lill-PSC u jista' jirrapporta wkoll lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti. Rapporti regolari bil-miktub ser jiġu ċirkolati lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Fuq rakkomandazzjoni tar-Rappreżentant Għoli u tal-PSC, l-EUSR jista' jirrapporta lill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni.

*Artikolu 8*

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-azzjoni esterna ta' l-UE, l-attivitajiet ta' l-EUSR għandhom ikunu kordinati ma' dawk tar-Rappreżentant Għoli, tal-Presidenza u tal-Kummissjoni. L-EUSRs għandhom jipprovdu aġġornamenti regolari lill-missjonijiet ta' l-Istati Membri u lid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. F'dan il-qasam, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Presidenza, il-Kummissjoni u l-Kapijiet tal-Missjoni li għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jgħinu lill-EUSR fl-implimentazzjoni tal-mandat. L-EUSR għandu wkoll jikkopera ma' atturi internazzjonali u reġjonali oħra f'dan il-qasam.

*Artikolu 9*

L-implimentazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-UE lir-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. L-EUSR għandu jippreżenta rapport komprensiv bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tal-mandat lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni xahrejn qabel jiskadi l-mandat. Ir-rapport għandu jservi ta' bażi għall-evalwazzjoni ta' din l-Azzjoni Konġunta fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti u mill-PSC. Fil-kuntest tal-prioritajiet globali għall-insedjament, ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-PSC fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid, l-emendar jew it-tmiem tal-mandat.

*Artikolu 10*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Awwissu 2005.

*Artikolu 11*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar it-23 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

32005R0493

21.3.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 82/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru. 493/2005

## tas-16 ta' Marzu 2005

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fin-Nomenklatura Magħquda, stabbilit fl-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), il-kodiċi NM għal *monitors* huma 8471 u 8528.

(2) Għall-klassifikazzjoni ta' *monitors* 'il barra mit-titolu 8528 jeħtieġ li ċerti kondizzjonijiet jiġu sodisfatti. Il-konverġenza tat-teknoloġija ta' l-informatika, l-industriji ta' l-elettronika tal-konsumatur u teknoloġiji ġodda ħolqot sitwazzjoni fejn qed isir impossibbli, meta wieħed jikklassifika l-*video monitors*, li jkun determinat, b'referenza għall karatteristiċi tekniċi sempliċi, l-iskop prinċipali ta' *monitor* speċifiku Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jirriżulta li l-klassifikazzjoni ma tistax tkun ibbażata fuq l-użu li jsir minnu. Il-klassifikazzjoni korretta ta' kull prodott hija bbażata fuq *data* oġġettiva u kwantifikabbli. Bħalissa mhux possibbli li jkunu stabbiliti kriterji li jissodisfaw din il-ħtieġa mingħajr ambigwitajiet.

(3) Id-*data* kummerċjali qed turi li bħalissa l-*video monitors* li jużaw it-teknoloġija ta' l-*iscreen* bi kristalli likwidi, bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4, qed jintużaw l-aktar bħala unitajiet ta' *output* ta' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data. Iżda, dawn il-*monitor*s ta' sikwiet huma kapaċi jirriproduċu stampi video minn għejun oħra differenti mill-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-*data* u għalhekk ma jissodisfawx il-kondizzjoni li jkunu biss jew prinċipalment użati ma' magni bħal dawn. Għalhekk dawn il-*monitor*s mhumiex koperti mill-Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika ([2]), jew mill-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu, li ġew it-tnejn li huma approvati f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/359/KE ta' l-24 ta' Marzu 1997 li tirrigwarda t-tneħħija ta' dazji minn fuq prodotti tekonoloġiċi ta' l-informatika ([3]).

(4) Huwa fl-interess tal-Komunità li tissospendi għal kollox, għal perijodu limitat, it-tariffi awtonomi tad-Dazji Doganali Komuni għall-*monitors* li jużaw it-teknoloġija ta' l-*iscreen* bi kristalli likwidi, bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4 u li huma klassifikabbli taħt il-kodiċi NM 8528 21 90. Għalhekk din il-miżura għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li jestendiha.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekkjiġi emendat.

(6) Minħabba li l-emenda introdotta permezz ta' dan ir-Regolament għandha tiġi applikata mill-istess data tan-Nomenklatura Magħquda għas-sena 2005 stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004 ([4]), dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament u japplika mill-1 ta' Jannar 2005,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Fil-Kapitolu 85, is-Sezzjoni XVI tat-Tieni Parti, l-Iskeda tad-Dazji Doganali, ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it test fil-kolonna 3 għall-kodiċi NM 8528 21 90 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"14 (*)

(*) Dazju doganali sospiż awtonomament, sal-31 ta' Diċembru 2006, għal *monitors* bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4 (kodiċi TARIC 8528 21 90 30)."

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1989/2004 (ĠU L 344, 20.11.2004, p. 5).

([2]) ĠU L 155 tat 12.6.1997, p. 3.

([3]) ĠU L 155 tat 12.6.1997, p. 1.

([4]) ĠU L 327, 30.10.2004, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-16 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

32005D0266

L 82/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.3.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Marzu 2005

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal

(2005/266/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni ECB/2005/3 tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"BĊE") tal-11 ta' Frar 2005 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal ([1]),

Billi:

(1) L-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosystem għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Skond bidla riċenti fil-liġi Portugiża, il-verifika tal-kontijiet issa jeħtieġ li tiġi mwettqa esklussivament minn *revisores oficiais de contas* (awdituri ċċertifikati). Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għalhekk irrakkomanda li l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea japprova s-sostituzzjoni ta' PricewaterhouseCoopers — Auditores e Consultores, Lda. bħala awditur extern tal-Banco de Portugal minn PricewaterhouseCoopers & Associados — Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda., ladarba dak ta' l-ewwel m'għandux l-istatus ta' awditur ċċertifikat.

(3) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ma rrakkomanda l-ebda bidla fit-tul ta' żmien tal-mandat ta' l-awdituri esterni.

(4) Jixraq għaldaqstant li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali ([2]).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1(10) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"10. PricewaterhouseCoopers & Associados – Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda. huwa b'dan approvat bħala l-awditur estern tal-Banco de Portugal mis-sena finanzjarja 2004 għal perijodu li jista' jerġa' jiġi mġedded għal sena."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-BĊE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar is-16 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) ĠU C 50, 26.2.2005, p. 6.

([2]) ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/651/KE (ĠU L 298, 23.9.2004, p. 23).

32005D0267

L 83/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 1.4.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-16 ta' Marzu 2005

## li tistabbilixxi *Network* sigur bbażat fuq il-*web* dwar l-Informazzjoni u l-Kordinazzjoni għas-Servizzi ta' Amministrazzjoni tal-Migrazzjoni ta' l-Istati Membri

(2005/267/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-pjan komprensiv tal-Kunsill biex jiġu miġġielda l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin tat-28 ta' Frar 2002, li hu bbażat fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2001 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar politika komuni dwar l-immigrazzjoni illegali, sejjaħ għall-iżvilupp ta' sit sigur ta' l-*intranet* ibbażat fuq il-*web* li jistabbilixxi skambju ta' informazzjoni sigur u mgħaġġel bejn l-Istati Membri dwar flussi u fenomeni ta' migrazzjoni irregolari jew illegali.

(2) Jeħtieġ li l-iżvilupp u l-immaniġġjar tan-*network* jiġi fdat lill-Kummissjoni.

(3) Aċċess għas-sit ta' l-*intranet* ibbażat fuq il-*web* għandu jkun limitat għal utenti awtorizzati skond it-termini, proċeduri u miżuri ta' sigurtà stabbiliti.

(4) Billi l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-iskambju ta' informazzjoni sigur u mgħaġġel bejn l-Istati Membri ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jistgħu għaldaqstant, minħabba l-effetti ta' l-azzjoni prevista, jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(5) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja.

(6) Għandu jittieħed kont tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([2]) u tar-Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([3]) fil-kuntest ta' sit ta' l-*intranet* ibbażat fuq il-*web*.

(7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([4]).

([1]) Opinjoni mogħtija fl-20 ta' April 2004 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(8) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ħlief fejn tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni dwar il-problemi assoċjati mar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex dawk li ma jissodisfawx jew m' għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal waqfa qasira applikabbli fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll imsemmi qabel, għandha tiddeċiedi fi żmien perijodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill jkun adotta din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(9) Fir-rigward tar-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, ħlief fejn tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni dwar il-problemi assoċjati mar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex dawk li ma jissodisfawx jew ma baqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal waqfa qasira applikabbli fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim konkluż fit-18 ta' Mejju 1999 mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([1]), li jaqgħu fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, punti A, B, Ċ u E tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim ([2]).

(10) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, ħlief fejn tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni dwar il-problemi assoċjati mar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex dawk li ma jissodisfawx jew ma baqgħux jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal waqfa qasira applikabbli fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru permezz tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera, dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ([3]), li jaqgħu fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, punti A, B, Ċ u E tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/li jinqraw flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849 tal-25 ta' Ottubru 2004 ([4]) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsil tal-25 ta' Ottubru 2004 ([5]) dwar l-iffirmar ta' dak il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea u l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tiegħu.

(11) Għandu jsir arranġament biex rappreżentanti ta' l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Isvizzera jitħallew jassoċjaw ruħhom mal-ħidma tal-kumitat li qed jassisti l-Kummissjoni fl-eżerċizju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha skond din id-Deċiżjoni fir-rispett tad-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

(12) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'ċerti dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([6]), safejn il-miżuri tagħha jiżviluppaw dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kontra l-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali li fihom jipparteċipa r-Renju Unit, u l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, wara li jinnotifika taħt l-Artikolu 3 tiegħu x-xewqa tiegħu li jieħu parti fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(13) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'ċerti dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([7]), safejn il-miżuri tagħha jiżviluppaw dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kontra l-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali li fihom tieħu sehem l-Irlanda.

(14) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha, safejn il-miżuri tagħha ma jiżviluppawx id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kontra l-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali li fihom tieħu sehem l-Irlanda.

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([3]) 13054/04 aċċessibbli fuq http://register.consilium.eu.int
([4]) ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26.
([5]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.
([6]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([7]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi *Network* ta' Informazzjoni u Kordinazzjoni sigur ibbażat fuq il-*web* għall-iskambji ta' informazzjoni dwar il-migrazzjoni irregolari, dħul u immigrazzjoni illegali u r-ritorn ta' residenti illegali.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-immaniġġjar tan-*network*, inkluż l-istruttura u l-kontenut tiegħu u l-elementi għall-iskambju ta' informazzjoni.

2. L-elementi għall-iskambju ta' informazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) sistema ta' twissija minn kmieni dwar l-immigrazzjoni illegali u n-*network*s ta' faċilitazzjoni;

(b) *network* ta' uffiċjali ta' kuntatt ta' l-immigrazzjoni;

(ċ) Informazzjoni dwar l-użu ta' viża, il-fruntieri u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar relatati ma' l- immigrazzjoni illegali;

(d) kwistjonijiet relatati mar-ritorn.

3. In-*network* għandu jinkludi l-għodda kollha xierqa, li l-kunfidenzjalità tagħhom għandha tkun determinata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-pjattaforma teknika eżistenti fil-qafas tal-Komunità ta' *network* telematiku trans-Ewropew għall-l-iskambju ta' *data* bejn l-amministrazzjonijiet.

*Artikolu 3*

Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi t-termini u l-proċeduri għall-għoti ta' aċċess sħiħ jew selettiv għan-*network*;

(b) tistabbilixxi regoli u linji gwida dwar it-termini ta' l-użu tas-sistema, inkluż ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità, it-trasmissjoni, il-ħażna, il-*filing* u t-tħassir ta' informazzjoni u dwar formoli standardizzati.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għan-*network* bi qbil mal-miżuri adottati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti ta' kuntatt nazzjonali u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bihom.

*Artikolu 5*

1. L-*uploading* ta' *data* fuq in-*network* ma għandux jaffetwax il-proprjetà ta' l-informazzjoni konċernata. Utenti awtorizzati għandhom jibqgħu responsabbli waħedhom għall-informazzjoni li jipprovdu u għandhom jiżguraw li l-kontenuti tagħhom jikkonformaw b'mod sħiħ mal-liġi tal-Komunità u nazzjonali eżistenti.

2. Sakemm mhijiex immarkata bħala pubblika, l-informazzjoni provduta għandha tkun strettament limitata għal utenti awtorizzati tan-*network* u m'għandhiex tiġi mikxufa lill-partijiet terzi mingħajr permess minn qabel tal-proprjetarju ta' l-informazzjoni in kwistjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex:

(a) iżommu lil kwalunkwe persuna mhux awtorizzata milli jkollha aċċess għan-*network*;

(b) jiggarantixxu li, fl-użu tan-*network*, persuni awtorizzati biss ikollhom aċċess għad-*data* li hi fl-isfera tal-kompetenza tagħhom;

(ċ) iżommu informazzjoni fin-*network* milli tinqara, tiġi kkuppjata, modifikata jew imħassra minn persuni li m'humiex awtorizzati.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, miżuri ta' sigurtà oħra għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2).

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat stabbilit taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/463/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li tadotta programm ta' azzjoni għall-koperazzjoni amministrattiva fl-oqsma tal-fruntieri esterni, viżi, ażil u immigrazzjoni (Programm ARGO) ([1]).

([1]) ĠU L 161, 19.6.2002, p. 11.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 7*

1. Fejn meħtieġ għall-iżvilupp tan-*network*, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ma' korpi rregolati mil-liġi pubblika stabbiliti taħt it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej jew stabbiliti fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill bil-progress magħmul fin-negozjati ta' kwalunkwe tali ftehim.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar is-16 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

22005X0402

2.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 84/21

**Informazzjoni fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika taċ-Ċili**

Il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika taċ-Ċili ([1]) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005, fejn il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 198 tal-Ftehim ġew mitmuma fit-28 ta' Frar 2005.

---

([1]) ĠU L 352, tat-30.12.2002, p. 3 u ĠU L 332, tad-19.12.2003, p. 64.

32005L0025

8.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 90/1

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/25/KE

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## li temenda l-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE li tikkonċerna prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom mikro-organiżmi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jkunux awtorizzati jekk dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti provduti f'din id-Direttiva.

(2) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi għall-istabbiliment ta' Prinċipji Uniformi li bi qbil magħhom l-Istati Membri għandhom iwettqu il-valutazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bil-ħsieb li jkunu awtorizzati

(3) Prinċipji Uniformi ġew stabbiliti mill-Istati Membri sabiex jiġu wżati fil-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti biss. Madanakollu, m'hemmx prinċipji ekwivalenti li l-Istati Membri japplikaw fil-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti li fihom mikro-organiżmi. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti Prinċipji Uniformi addizzjonali għal dan it-tip ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

(4) Billi rekwiżiti għall-inkartamenti li għandhom jiġu ppreżentati mill-applikanti għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom mikro-organiżmi ġew inklużi fid-Direttiva 91/414/KEE mid-Direttiva 2001/36/KE ([2]), huwa neċessarju għalhekk li jiġu stabbiliti Prinċipji Uniformi għalil-valutazzjoni ta' inkartament dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom mikro-organiżmi bbażat fuq dawn ir-rekwiżiti ta' data.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward il-protezzjoni ta' l-ilma, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-sorveljanza, huma bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri taħt id-Direttivi konċernati, u b'mod partikolari d-Direttivi 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilma tal-wiċċ intiż għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb fl-Istati Membri ([3]), 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-protezzjoni ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi ([4]), 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma għall-konsum mill-bniedem ([5]) u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ([6]).

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/99/KE (ĠU L 309, 16.10.2004, p. 6).

([2]) ĠU L 164, 20.6.2001, p. 1.

([3]) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 26. Direttiva li se tithassar mit-22 ta' Diċembru 2007 mid-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([4]) ĠU L 20, 21.1.1980, p. 43. Direttiva li se tithassar mit-22 ta' Diċembru 2013 mid-Direttiva 2000/60/KE.

([5]) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1.

([6]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru. 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati huma bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri taħt id-Direttiva 2001/18/KE dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament ([7]).

(7) Il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti ta opinjoni fuq din id-Direttiva tal-Kunsill, u din l-opinjoni ġiet meħuda in kunsiderazzjoni,

(8) Id-Direttiva 91/414/KEE għandha tkun emendata f'dan is-sens.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness VI tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet ammistrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-28 ta' Mejju 2006. Dawn għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif din ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, nhar l-14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

([1]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).

*ANNESS*

L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu "Prinċipji Uniformi għall-Valutazzjoni u l-Awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti" għandu jinbidel bi:

"PARTI I

**PRINĊIPJI UNIFORMI GĦALL-VALUTAZZJONI U L-AWTORIZZAZZJONI TA' PRODOTTI KIMIĊI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANTI"**

(2) Il-Parti li ġejja għandha tiżdied:

"PARTI II

**PRINĊIPJI UNIFORMI GĦALL-VALUTAZZJONI U L-AWTORIZZAZZJONI TA' PRODOTTI GĦALL-PROTEZZJONI TA' PJANTI LI FIHOM IL-MIKRO-ORGANIŻMI"**

WERREJ

A. **INTRODUZZJONI**

B. **VALUTAZZJONI**

1. **Prinċipji ġenerali**

2. **Prinċipji speċifiċi**

2.1. *Identità*

2.1.1. Identità tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.1.2. Identità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.2. *Proprjetajiet bijoloġiċi, fiżiċi, kimiċi u tekniċi*

2.2.1. Proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.2.2. Proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tekniċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.3. *Aktar tagħrif*

2.3.1. Kontroll tal-kwalità tal-produzzjoni tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.3.2. Kontroll tal-kwalità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.4. *Effikaċja*

2.5. *Metodi ta' identifikazzjoni/kxif u ta' kwantifikazzjoni*

2.5.1. Metodi analitiċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.5.2. Metodi analitiċi għad-determinazzjoni ta' residwi

2.6. *Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali*

2.6.1. Effetti fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali li jirriżultaw mill prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.6.2. Effetti fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali li jirriżultaw minn residwi

2.7. *Destin u mġieba fl-ambjent*

2.8. *Effetti fuq organiżmi li mhumiex fil-mira u espożizzjoni tagħhom*

2.9. *Konklużjonijiet u proposti*

## Ċ. IT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

1. **Prinċipji ġenerali**

2. **Prinċipji speċifiċi**

2.1. *Identità*

2.2. *Proprjetajiet bijoloġiċi u tekniċi*

2.3. *Aktar tagħrif*

2.4. *Effikaċja*

2.5. *Metodi ta' identifikazzjoni/kxif u ta' kwantifikazzjoni*

2.6. *Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali*

2.6.1. Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali li jirriżultaw mill-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.6.2. Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali li jirriżultaw minn residwi

2.7. *Destin u mġieba fl-ambjent*

2.8. *Effetti fuq organiżmi mhux fil-mira*

## A. DAĦLA

1. Il-prinċipji żviluppati fil-Parti II ta' dan l-Anness jimmiraw li jiġi żgurat illi l-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kemm-il darba jkunu prodotti mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti, iwasslu għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 4 (1) (b), (ċ), (d) u (e) ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri kollha f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-ambjent.

2. Fil-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet l-Istati Membri għandhom:

(a) — jiżguraw illi l-inkartamenti fornuti dwar il-protezzjoni ta' pjanti mikrobijali jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' l-Anness IIIB, l-iktar tard saż-żmien meta tiġi mitmuma l-valutazzjoni għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni, bla ħsara, fejn huwa rilevanti, għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 (1) (a), (4) u (6) ta' din id-Direttiva,

— jiżguraw illi d-data sottomessa hija aċċettabbli f'termini ta' kwantità, kwalità u konsistenza, u li wieħed jista' joqgħod fuqha, u suffiċjenti sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni kif suppost tal-inkartament,

— jivvalutaw, fejn rilevanti, il-ġustifikazzjonijiet sottomessi mill-applikant għan-nuqqas ta' forniment ta' ċerta data;

(b) iqisu d-data fl-Anness IIB dwar is-sustanza attiva li tikkonsisti f'mikro-organiżmi (inklużi *viruses*) fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, sottomessi għall-finijiet tad-dħul tas-sustanza attiva in kwistjoni fl-Anness I, u r-riżultati tal-valutazzjoni ta' dik id-data, mingħajr preġudizzju, fejn rilevanti, għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 (1) (b), (2), (3) u (6) ta' din id-Direttiva;

(ċ) iqisu kull informazzjoni oħra rilevanti ta'natura teknika jew xjentifika illi jistgħu raġonevolment jippossjedu dwar il-prestazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew l-effetti negattiv potenzjali tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, il-komponenti jew il-metaboliti/it-tossini tiegħu.

3. Meta, fil-prinċipji speċifiċi dwar il-valutazzjoni, ssir riferenza għad-data fl-Anness IIB, din għandha tiftiehem bħala li hija d-data li għaliha ssir referenza fil-punt 2(b).

4. Meta d-data u l-informazzjoni mogħtija jkunu biżżejjed sabiex jippermettu li l-valutazzjoni għal wieħed mill-użi proposti tintemm, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu valutati u għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-użu propost.

Wara li jqisu l-ġustifikazzjonijiet mogħtija u bil-benefiċċju ta' kull kjarifika sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet li fihom in-nuqqasijiet fid-data huma tali illi ma jkunx possibbli li tiġi finalizzata l-valutazzjoni u li tittieħed deċiżjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha dwar mill-inqas wieħed mill-użi proposti.

5. Matul il-proċess ta' valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' l-applikanti sabiex isolvu bil-ħeffa l-kwistjonijiet kollha fil-inkartament jidentifikaw fi stadju bikri kwalunkwe studju addizzjonali li jkun meħtieġ għal valutazzjoni kif suppost tal-inkartament, jew li jemendaw xi kondizzjonijiet proposti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew li jimmodifikaw in-natura jew il-kompożizzjoni tiegħu sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' dan l-Anness jew ta' din id-Direttiva jiġu sodisfatti bis-sħiħ.

L-Istati Membri għandhom normalment jaslu għal deċiżjoni raġonata fi żmien 12-il xahar minn meta jirċievu inkartament teknikament komplet. Inkartament teknikament komplet huwa dak li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' l-Anness IIIB.

6. Jeħtieġ li l-ġudizzji magħmula mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-proċess tal-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet jkunu msejsa fuq prinċipji xjentifiċi, preferabbilment rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, u li jkunu magħmula bil-benefiċċju tal-parir ta' esperti.

7. Prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jkun fih mikro-organiżmi li huma vijabbli jew mhux vijabbli (inklużi *viruses*) u sustanzi ta' formulazzjoni. Jista' jkun fih ukoll metaboliti/tossini rilevanti prodotti matul it-tkabbir, residwi minn medju tat-tkabbir, u kontaminanti mikrobijali. Il-mikro-organiżmu, il-metaboliti/tossini rilevanti u l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'medju ta' tkabbir residwu, ta' tkabbir u kontaminanti mikrobijali għandhom jiġu valutati kollha.

8. L-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni dawk id-dokumenti ta' gwida li jkun ittieħed kont tagħhom fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali (SCFCAH).

9. Għall-mikro-organiżmi ġenetikament modifikati, id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat ta' mikro-organiżmi ġenetikament modifikati ([1]), għandha tittieħed in kunsiderazzjoni. Il-valutazzjoni kompletata fil-qafas ta' dik id-Direttiva għandha tiġi pprovduta u meħuda in kunsiderazzjoni.

10. Definizzjonijiet u spjegazzjonijiet ta' termini mikrobijoloġiċi

Antibijożi: Relazzjoni bejn żewġ speċi jew aktar li fiha speċje waħda hija attivament danneġġjata (bħal mill-produzzjoni ta' tossini mill-ispeċje li tiddanneġġja).

([1]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).

Antiġenika: Kull sustanza li, bħala riżultat ta' kuntatt ma' ċelloli approprjati, twassal għal stat ta' sensittività u/jew rispons ta' immunizzazzjoni wara perijodu passiv (ġranet jew ġimgħat) u li tirreaġixxi b'mod li jidher ma' *antibodies* u/jew ċelloli immuni tas-suġġett sensitizzat *in vivo* jew *in vitro*.

Antimikrobijali: Aġenti mikrobijali jew antimikrobijali jirreferi għal sustanzi naturali, semi-sintetiċi jew sintetiċi li juru attività antimikrobijali (joqtlu jew iwaqqfu t-tkabbir ta' mikro-organiżmi.).

It-terminu "antimikrobijali" jinkludi:

— antibijotiċi, li jirreferu għal sustanzi prodotti jew derivati minn mikro-organiżmi, u

— *anticoccidials*, li jirreferu għal sustanzi li huma attivi kontra l-*coccidia*, parassiti protożoa ta' ċellola waħda.

CFU: unità li tifforma kolonja; ċellola waħda jew aktar li tikber/jikbru sabiex tifforma/jifformaw kolonja waħda viżibbli.

Kolonizzazzjoni: Proliferazzjoni u persistenza ta' mikro-organiżmu f'ambjent, bħalma huwa fuq superfiċji tal-ġisem esterni (ġilda) jew interni (msaren, pulmuni). Għall-kolonizzazzjoni, il-mikro-organiżmu għandu jippersisti mill-anqas għal perijodu itwal minn dak mistenni f'organu speċifiku. Il-popolazzjoni ta' mikro-organiżmi tista' tinżel imma b'rata aktar bil-mod minn dik ta' tneħħija normali; tista' tkun popolazzjoni fissa jew tista' tkun popolazzjoni li qed tikber. Il-kolonizzazzjoni tista' tirrigwarda organiżmi li ma jagħmlux ħsara u li huma funzjonali kif ukoll għal mikro-organiżmi patoġeniċi. Il-possibbiltà li jseħħu xi effett mhuwiex indikat.

*Niche* ekoloġika Pożizzjoni ambjentalii unika okkupata minn speċje partikolari, ipperċepita f'termini ta' spazju fiżiku fil-fatt okkupat u l-funzjoni mwettqa fi ħdan il-komunità jew l-ekosistema.

Korp ospitanti: Annimal (inkluż bnedmin) jew pjanta li żżomm jew tmantni organiżmu ieħor (parassita).

Speċifiċità tal-korp ospitanti: Il-firxa tad-diversi speċji ospitanti li jistgħu jiġu kolonizzati minn speċje mikrobijali jew ġeneru. Mikro-organiżmu li huwa speċifiku dwar il-korp ospitanti jikkolonizza jew ikollu effetti negattivi fuq speċje ospitanti differenti waħda jew numru żgħir biss. Mikro-organiżmu li mhuwiex speċifiku dwar il-korp ospitanti jista' jikkolonizza jew jista' jkollu effetti negattivi fuq firxa wiesa' ta' speċje ospitanti differenti.

Infezzjoni: L-introduzzjoni jew id-dħul ta' mikro-organiżmu patoġeniku f'korp ospitanti suxxettibbli, kemm jekk jikkawża effetti patoloġiċi jew marda u kemm jekk le. L-organiżmu għandu jidħol fil-ġisem tal-korp ospitanti, normalment iċ-ċelloli, u jkun kapaċi jirriproduċi sabiex jifforma unitajiet infettivi ġodda. Is-sempliċi inġestjoni ta' patoġena ma timplikax infezzjoni.

Infettiv: Kapaċi li jittrasmetti infezzjoni.

Infettività: Il-karatteristiċi ta' mikro-organiżmu li jippermettulu jinfetta korp ospitanti suxxettibbli.

Invażjoni: id-dħul ta' mikro-organiżmu fil-ġisem tal-korp ospitanti (bħala hija l-penetrazzjoni effettiva fl-qoxra ta' barra, fiċ-ċelloli epiteljali ta' l-imsaren, eċċ.). Il-"proliferazzjoni primarja" hija karatteristika ta' mikro-organiżmi patoġeniċi.

Multiplikazzjoni: Il-kapaċità ta' mikro-organiżmu li jirriproduċi u jżid fin-numru matul infezzjoni.

Mikrotossin: Tossina fungali.

Mikro-organiżmu mhux vijabbli: Mikro-organiżmu li mhuwiex kapaċi jirreplika jew jittrasferixxi materjal ġenetiku.

Residwu mhux vijabbli: Residwu li mhuwiex kapaċi jirreplika jew jittrasferixxi materjal ġenetiku.

Patoġeniċità: Il-kapaċità ta' mikro-organiżmu li jikkawża marda u/jew jagħmel dannu fuq il-korp ospitanti. Bosta patoġeni jikkawżaw marda permezz ta' taħlita ta' (i) tossiċità u proliferazzjoni jew (ii) tossiċità u l-kapaċità li jikkolonizzaw. Madanakollu, ċerti patoġeni invażivi jikkawżaw mard li jirriżulta minn reazzjoni annormali tas-sistema difensiva tal-korp ospitanti.

Simbjożi: Tip ta' interazzjoni bejn organiżmi fejn organiżmu jgħix f'assoċjazzjoni intima ma' ieħor, li hija favorevoli għaż-żewġ organiżmi.

Mikro-organiżmu vijabbli: Mikro-organiżmu li huwa kapaċi jirreplika jew jittrasferixxi materjal ġenetiku.

Residwu vijabbli: Residwu li huwa kapaċi jirreplika jew jittrasferixxi materjal ġenetiku.

Virojde: Kull kategorija ta' aġenti infettivi li tikkonsisti f'troffa żgħira ta' RNA mhux assoċjata ma' xi proteina. L-RNA ma tikkodifikax għall-proteini u ma tinbidilx; hija replikata minn enżimi ta' ċelloli ospitanti. Il-virojdi huma magħrufa li jikkawżaw diversi mard tal-pjanti.

Virulenza: Kejl tal-grad tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' mard ta' mikro-organiżmu kif indikat mill-gravità tal-mard prodotta. Kejl tad-doża (daqs *inoculum*) meħtieġa sabiex tikkawża grad speċifiku ta' patoġeniċità. Hija mkejjla b'mod esperimentali mid-doża *median* li tikkaġuna mewt ($LD_{50}$) jew mid-doża *median* infettiva ($ID_{50}$).

## B. **VALUTAZZJONI**

L-għan ta' valutazzjoni huwa li jiġi identifikat u eżaminat, fuq bażi xjentifika u sakemm tinkiseb aktar esperjenza f'kull każ individwali, effetti negattivi potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u fuq l-ambjent permezz ta' l-użu ta' prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-valutazzjoni għandha ssir sabiex tiġi stabbilita l-ħtieġa ta' miżuri ta' *l-immaniġġjar tar-riskju* u sabiex jiġu identifikati u rakkommandati miżuri xierqa.

Minħabba l-kapaċità ta' riproduzzjoni tal-mikro-organiżmi, hemm differenza ċara bejn kimiċi u mikro-organiżmi użati bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Perikli li jinqalgħu mhumiex neċessarjament ta' l-istess natura bħal dawk mill-kimiċi, speċjalment meta mqabbla mal-kapaċità tal-mikro-organiżmi li jippersistu u jimmultiplikaw f'ambjenti differenti. Barra minn hekk, il-mikro-organiżmi jikkonsistu f'firxa wiesgħa ta' organiżmi differenti, kollha bil-karatteristiċi uniċi tagħhom. Dawn id-differenzi bejn il-mikro-organiżmu għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-valutazzjoni.

Il-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu idealment jiffunzjona bħala fabbrika ta' ċelloli li taħdem direttament fil-post fejn l-organiżmu ta' mira huwa ta' periklu. Għalhekk li jiġi mifhum il-mod ta' azzjoni huwa pass kruċjali fil-proċess ta' valutazzjoni.

Il-mikro-organiżmi jistgħu jipproduċu firxa ta' metaboliti differenti (bħalma huma t-tossini batterjali jew il-mikotossini) li bosta minnhom jista' jkollhom sinifikat tossikoloġiku, u liwaħda jew aktar jistgħu jkunu nvolvuti fil-mod ta' azzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-karatterizzazzjoni u l-identifikazzjoni ta' metaboliti rilevanti għandha tkun eżaminata u t-tossiċità ta' dawn il-metaboliti għandha tiġi indirizzata. Informazzjoni dwar il-produzzjoni u/jew ir-rilevanza ta' metaboliti tista' tiġi dedotta minn:

(a) studji dwar it-tossiċità,

(b) il-proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu,

(ċ) ir-relazzjoni ma' patoġeni magħrufa ta' pjanti, annimali jew bnedmin,

(d) mod ta' azzjoni,

(e) metodi analitiċi.

Abbażi ta' dan it-tagħrif, il-metaboliti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala possibilment rilevanti. Għalhekk espożizzjoni potenzjali għal dawn il-metaboliti għandha tiġi eżaminata, sabiex tiġi deċiża r-rilevanza tagħhom.

## 1. Prinċipji ġenerali

1.1. Wara li jikkunsidraw it-tagħrif xjentifiku u tekniku kurrenti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw it-tagħrif bi qbil mal-ta' l-Anness IIB u IIIB u b'mod partikolari:

(a) jidentifikaw il-perikli, jistmaw is-sinifikat tagħhom u jagħmlu ġudizzju dwar kemm jistgħu jkunu ta' periklu għall-bniedem, għall-annimali jew għall-ambjent; u

(b) jivvalutaw il-prestazzjoni f'termini ta' effikaċja u fitotossiċità/patoġeniċità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu li għalih tkun ġiet mitluba awtorizzazzjoni.

1.2. Il-kwalità/metodoloġija ta' testijiet, fejn m'hemmx metodi standardizzati ta' ittestjar, għandha tkun valutata u l-karattersitiċi li ġejjin, fejn ikunu disponibbli, tal-metodi deskritti għandhom jiġu stmati:

rilevanza; rappreżentanza; sensittività; speċifiċità; reproduċibilità; validazzjonijiet inter-laboratorjali; tbassir.

1.3. Fl-interpretazzjoni tar-riżultati ta' valutazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni elementi possibbli ta' inċertezza fit-tagħrif miksub matul il-valutazzjoni, sabiex jiġi assigurat li l-possibiltajiet li wieħed jonqos milli jiksef effetti negattivi jew li tiġi sotto-valutata l-importanza tagħhom jiġu mnaqqsa għal minimu. Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jiġi eżaminat sabiex jiġu identifikati punti kritiċi ta' deċiżjoni jew partijiet ta' data li għalihom l-inċertezzi jistgħu jwasslu għal klassifikazzjoni falza tar-riskju.

L-ewwel valutazzjoni li ssir għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar data jew stimi disponibbli li jirriflettu l-kondizzjonijiet realistiċi ta' użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Dan għandu jiġi segwit minn repetizzjoni tal-valutazzjoni, li tieħu in kunsiderazzjoni l-inċertezzi potenzjali fid-data kritika u l-firxa tal-kondizzjonijiet ta' l-użu li jistgħu jseħħu u li tirriżulta f'approċċ realistiku tal-każ l-iktar sfavorevoli, sabiex jiġi stabbilit jekk il-valutazzjoni inizjali setgħetx kienet differenti b'mod sinifikanti.

1.4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw kull prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti li għalih tkun saret applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni f'dak l-Istat Membru – it-tagħrif valutat għall-mikro-organiżmu jista' jittieħed in kunsiderazzjoni. L-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni li kull formulanti miżjuda jista' jkollhom impatt fuq il-karatteristiċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti meta paragunat mal-mikro-organiżmu.

1.5. Fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet u l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kondizzjonijiet prattiċi ta' użu proposti u b'mod partikolari l-fini ta' l-użu, id-doża, il-mod, il-frekwenza u l-żmien ta' l-applikazzjonijiet, u n-natura u l-kompożizzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Fejn huwa possibbli l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni wkoll il-prinċipji ta' kontroll integrat ta' l-organiżmi li jikkawżaw dannu.

1.6. Fil-valutazzjoni l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kondizzjonijiet agrikoli, ta' saħħa tal-pjanti jew ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) fiż-żoni ta' użu.

1.7. Fejn prinċipji speċifiċi fis-Sezzjoni 2 jipprovdu għall-użu ta' mudelli ta' kalkolu fil-valutazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, dawk il-mudelli għandhom:

(a) jagħmlu l-aħjar stima possibbli tal-proċessi relevanti kollha involuti fil-waqt li jitqiesu parametri u suppożizzjonijiet realistiċi,

(b) jiġu sottomessi għall-analiżi kif imsemmi fil-punt 1.3,

(ċ) jiġu validati b'mod ta' min joqgħod fuqu b'kejl imwettaq skond iċ-ċirkostanzi relevanti għall-użu tal-mudell,

(d) ikunu relevanti għall-kondizzjonijiet fiż-żona wżata,

(e) jkunu sostnuti b'dettalji li jindikaw kif il-mudell jikkalkola stimi provduti, u spjegazzjonijiet tad-dħul kollu fil-mudell u dettalji ta' kif dawn ġew derivati.

1.8. Ir-rekwiżiti tad-data, speċifikati fl-Anness IIB and IIIB, fihom gwida rigward meta u kif ċertu tagħrif għandu jiġi sottomess u rigward il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta jkun qed jiġi preparat u valutat inkartament. Jeħtieġ li dik il-gwida tkun rispettata.

## 2. **Prinċipji speċifiċi**

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-prinċipji li ġejjin fil-valutazzjoni tad- data u t-tagħrif sottomessi bħala sostenn għall-applikazzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji ġenerali preskritti fis-Sezzjoni 1:

2.1. *Identità*

2.1.1. Identità tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

L-identità tal-mikro-organiżmu għandha tiġi stabbilita b'mod ċar. Għandu jiġi assigurat li hija provduta data xierqa sabiex wieħed ikun jista' jikkontrolla l-identità tal-mikro-organiżmu f'livell ta' ġeneru fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

L-identità tal-mikro-organiżmu għandha tiġi valutata f'livell ta' ġeneru. Fejn il-mikro-organiżmu huwa jew mutanti jew organiżmu ġenetikament modifkat ([1]), id-differenzi speċifiċi minn ġeneri oħra fl-istess speċje għandhom jiġu mniżżla. Stadji ta' mistrieħ tal-mikro-organiżmu għandhom jiġu mniżżla.

Għandha tiġi eżaminata d-depożizzjoni tal-ġeneru f'kollezzjoni kulturali rikonoxxuta internazzjonalment.

2.1.2. Identità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw it-tagħrif kwantitattiv u kwalitattiv dettaljat ipprovdut dwar il-kompożizzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, bħalma huwa dak li jikkonċerna l-mikro-organiżmu (ara hawn fuq), metaboliti/tossini rilevanti, medju ta' tkabbir residwu, ko-formulanti u kontaminanti mikrobijali preżenti.

2.2. *Proprjetajiet bijoloġiċi, fiżiċi, kimiċi u tekniċi*

2.2.1. Proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.2.1.1. L-oriġini tal-ġeneru, fejn rilevanti, l-abitat naturali tiegħu inkluż indikazzjonijiet dwar il-livell naturali fl-isfond, iċ-ċiklu tal-ħajja u l-possibiltajiet ta' sopravivenza, kolonizzazzjoni, riproduzzjoni u tifrix għandhom jiġu valutati. Il-proliferazzjoni ta' mikro-organiżmu indiġeni għandha tistabilizza wara perijodu ta' tkabbir qasir u tkompli bħal fil-każ ta' mikro-organiżmu ta' l-isfond.

2.2.1.2. Il-kapaċità tal-mikro-organiżmi li jaddattaw fl-ambjent għandha tiġi valutata. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-prinċipji li ġejjin:

(a) skond il-kondizzjonijiet (eż. id-disponibbilità ta' sottostrati għat-tkabbir u l-metaboliżmu) il-mikro-organiżmu jista' jixgħel jew jitfi l-espressjoni ta' karatteristiċi fenotipiċi;

(b) il-ġeneri mikrobijali l-aktar addatti għall-ambjent jistgħu jgħixu u jimmultiplikaw aħjar mill-ġeneri li ma jaddattawx. ġeneri li addattaw għandhom vantaġġ selettiv u jistgħu jkunu l-maġġoranza f'popolazzjoni wara numru ta' ġenerazzjonijiet;

([1]) Ara d-definizzjoni ta' "ġenetikament modifikat" fid-Direttiva 2001/18/KE.

(ċ) il-multiplikazzjoni relattivament mgħaġġla ta' mikro-organiżmi twassal għal frekwenza ogħla ta' mutazzjonijiet. Jekk mutazzjoni tippromwovi s-sopravivenza fl-ambjent, il-ġeneru mutanti jista' jsir dominanti;

(d) il-proprjetajiet ta' *viruses*, b'mod partikolari, jistgħu jinbidlu malajr, inkluża l-virulenza tagħhom.

Għalhekk, fejn huwa xieraq, tagħrif dwar l-istabbilità ġenetika tal-mikro-organiżmu taħt il-kondizzjonijiet ambjentali ta' l-użu propost għandhom jiġu valutati, kif ukoll tagħrif dwar il-kapaċità tal-mikro-organiżmu li jittrasferixxi materjal ġenetiku lil organiżmi oħra u tagħrif dwar l-istabbilità ta' karatteristiċi kodifikati.

2.2.1.3. Il-mod ta' azzjoni tal-mikro-organiżmu għandha tkun valutata fid-dettal li jkun xieraq. Ir-rwol possibbli ta' metaboliti/tossini għall-mod ta' azzjoni għandu jiġi valutat u meta jiġi identifikat, il-konċentrazzjoni effettiva minima għal kull metabolita/tossina attiva għandha tiġi stabbilita. Tagħrif dwar il-mod ta' azzjoni jista' jkun għodda prezzjuża ħafna fl-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali. L-aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni, huma:

(a) l-antibijożi,

(b) l-induzzjoni ta' reżistenza fil-pjanti,

(ċ) l-interferenza fil-virulenza ta' organiżmu tal-mira patoġeniku,

(d) tkabbir endofitiku,

(e) kolonizzazzjoni ta' l-għerq,

(f) kompetizzjoni tan-niche ekoloġika (eż. nutrijenti, *habitats*),

(g) parasitizzazzjoni,

(h) patoġeniċità invertebrata.

2.2.1.4. Sabiex jiġu valutati l-effetti possibbli fuq organiżmi li mhumiex tal-mira, tagħrif dwar l-ispeċifiċità tal-mikro-organiżmu ospitanti għandu jiġi valutat, filwaqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-karatteristiċi u l-proprjetajiet deskritti f'(a) u (b).

(a) Il-kapaċita ta' mikro-organiżmu li jkun patoġeniku għall-organiżmu li mhuwiex tal-mira (bnedmin, annimali, u organiżmi oħra li mhumiex tal-mira) għandha tiġi eżaminata. Kull relazzjoni ma' pjanta, annimal jew patoġeni umani magħrufin, li huma speċje tal-*genus* tal-mikro-organiżmi attivi u/jew kontaminanti għandha tiġi eżaminata.

(b) Il-patoġeniċità kif ukoll il-virulenza hija marbuta strettament ma' l-ispeċje ospitanti (eż. determinata mit-temperatura tal-ġisem, l-ambjent fiżjoloġiku) u l-kondizzjonijiet tal-korp ospitanti (eż. il-kondizzjoni tas-saħħa, l-istat ta' immunizzazzjoni). Per eżempju, il-multiplikazzjoni fil-bnedmin tiddependi fuq il-kapaċità tal-mikro-organiżmu li jikber fit-temperatura tal-ġisem tal-korp ospitanti. Xi mikro-organiżmui jistgħu jikbru biss u jkunu attivi b'mod metaboliku f'temperaturi ħafna inqas jew aktar mit-temperatura korporja tal-bniedem, u għalhekk ma jistgħux ikunu patoġeniċi għall-bnedmin. Minkejja dan, ir-rotta tad-dħul tal-mikro-organiżmu f'dak il-korp ospitanti (mill-ħalq, mal-ġbid 'il ġewwa tan-nifs u mil-ġidla/ferita) tista' tkun wkoll il-fattur kritiku. Per eżempju, speċje mikrobijali tista' tikkawża marda wara dħul minn ferita fil-ġilda, imma mhux mill-ħalq.

2.2.1.5. Ħafna mikro-organiżmi jipproduċu sustanzi antibijożi li jikkawżaw interferenzi fil-komunità mikrobijali. Għandha tiġi eżaminata r-reżistenza ta' aġenti mikrobijali ta' importanza għall-mediċina umana u veterinarja. Il-possibiltà tat-trasferiment ta' ġeni li jikkodifikaw għar-reżistenza għal aġenti antimikrobijali għandha tiġi valutata.

2.2.2. Proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tekniċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.2.2.1. Skond in-natura tal-mikro-organiżmu u t-tip ta' formulazzjoni, il-proprjetajiet tekniċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jiġu valutati.

2.2.2.2. Iż-żmien ta' konservazzjoni -u l-istabbilità tal-preparazzjoni għandhom jiġu valutati, tenut kont ta' tibdil pos-sibbli fil-kompożizzjoni bħalma huwa t-tkabbir tal-mikro-organiżmu jew ta' mikro-organiżmi kontaminanti, produzzjoni ta' metaboliti/tossini, eċċ.

2.2.2.3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u ż-żamma ta' dawn il-karatteristiċi wara l-ħażna u jieħdu in kunsiderazzjoni:

(a) fejn teżisti speċifikazzjoni xierqa ta' l-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agrikultura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti, il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi indirizzati f'dik l-ispeċifikazzjoni,

(b) fejn ma teżisti ebda speċifikazzjoni tal-FAO, il-proprjetajiet kollha fiżiċi u kimiċi rilevanti għall-formulazzjoni msemmija fil-Manwal dwar l-iżvilupp u l-użu ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-FAO u tal-WHO għal pestiċidi.

2.2.2.4. Fejn it-tikketta proposta tinkludi rekwiżiti jew rakkommandazzjonijiet għall-użu tal-preparazzjoni ma' prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti jew awżiljarji bħala taħlita f'tank, u/jew fejn it-tikketta proposta tink-ludi indikazzjonijiet li jikkonċernaw il-kompatibilità tal-preparazzjoni ma' prodott ieħor għall-protezzjoni tal-pjanti bħala taħlita f'tank, dawk il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew awżiljarji għandhom ikunu kompatibbli fiżikament u kimikament fit-taħlitiet fit-tank. Il-kompatibilità bijoloġika għandha tkun murija wkoll għal taħlitiet f'tank, jiġifieri għandu jiġi muri li kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fit-taħlita għandu l-prestazzjoni mistennija u li ma jseħħ l-ebda antagoniżmu.

2.3. *Aktar tagħrif*

2.3.1. Il-kontroll tal-kwalità tal-produzzjoni tal-mikro-organiżmu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

Il-kriterji proposti ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-mikro-organiżmu għandhom jiġu valutati. Fil-valutazzjoni kriterji dwar il-kontroll tal-proċess, prattika ta' fabbrikazzjoni tajba, prattiċi ta' l-operat, *process flows*, prattiċi ta' tindif, sorveljanza mikrobijali u kondizzjonijiet ta' l-iġjene għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex tiġi assigurata l-kwalità tajba tal-mikro-organiżmu. Il-kwalità, l-istabbilità, il-purità eċċ., tal-mikro-organiżmu għandhom jiġu ndirizzati fis-sistema ta' kontroll tal-kwalità.

2.3.2. Kontroll tal-kwalità tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

Il-kriterji proposti ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-mikro-organiżmu għandhom jiġu valutati. Jekk il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun fih metaboliti/tossini prodotti matul it-tkabbir u residwi mill-medju tat-tkabbir dawn għandhom jiġu valutati. Il-possibiltà ta' l-okkorrenza ta' mikro-organiżmi kontaminanti għandha tiġi valutata.

2.4. *Effikaċja*

2.4.1. Fejn l-użu propost jikkonċerna l-kontroll ta' jew il-protezzjoni kontra organiżmu, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà li dan l-organiżmu jista' jkun perikoluż taħt il-kondizzjonijiet agrikoli, ta' saħħa tal-pjanti u ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) fil-qasam ta' l-użu propost.

2.4.2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk dannu sinifikanti, telf jew inkonvenjenza jistgħux iseħħu taħt il-kondizzjonijiet agrikoli, ta' saħħa tal-pjanti jew ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) fil-qasam ta' l-użu proposot jekk il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma jintużax.

2.4.3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw id-data ta' effikaċja provduta fl- Anness IIIB dwar il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti meħuda in kunsiderazzjoni l-grad ta' kontroll jew il-qies ta' l-effect mixtieq u meħuda in kunsiderazzjoni l-kondizzjonijiet esperimentali rilevanti bħalma huma:

(a) l-għażla ta' l-ispeċi jew il-varjetà kolturali,

(b) il-kondizzjonijiet agrikoli u ambjentali (inklużi dawk klimatiċi) (jekk neċessarju għal effikaċja aċċettabbli tali data/tagħrif għandhom jingħataw qabel u wara l-applikazzjoni),

(ċ) il-preżenza u d-densità ta' l-organiżmu dannuż,

(d) l-istadju ta' l-iżvilupp tal-wiċċ tar-raba u ta' l-organiżmu,

(e) l-ammont użat tal-prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti,

(f) jekk ikun meħtieġ fuq it-tikketta, l-ammont ta' awżiljarju miżjud,

(g) il-frekwenza u t-tempestività ta' l-applikazzjonijiet,

(h) it-tip ta' tagħmir użat fl-applikazzjoni,

(i) il-ħtieġa ta' miżuri speċjali għat-tindif tat-tagħmir ta' applikazzjoni.

2.4.4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-prestazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-firxa tal-kondizzjonijiet agrikoli, ta' saħħa tal-pjanti jew ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) li jistgħu jinsabu fil-prattika fiż-żona ta' l-użu propost. L-effett tal-kontroll integrat għandu jiġi inkluż fil-valutazzjoni. B'mod partikolari għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni:

(a) il-livell, il-konsistenza u t-tul ta' żmien ta' l-effett imfittex b'relazzjoni mad-doża a paragun ma' prodott jew prodotti xierqa ta' referenza, fejn jeżistu, u ma' kontroll mhux trattat;

(b) fejn huwa rilevanti, l-effett fuq il-produzzjoni jew it-tnaqqis tat-telf fil-ħażna, f'termini ta' kwantità u/jew kwalità, a paragun ma' prodott jew prodotti xierqa ta' referenza, fejn jeżistu, u ma' kontroll mhux trattat.

Fejn l-ebda prodott xieraq ta' referenza ma jeżisti, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-prestazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx benefiċċju konsistenti u definit taħt il-kondizzjonijiet agrikoli, ta' saħħa tal-pjanti jew ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) fil-qasam ta' l-użu propost.

2.4.5. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-grad ta' l-effetti negattivi fuq il-wiċċ tar-raba' trattat wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu a paragun, fejn rilevanti, ma' prodott jew prodotti xierqa ta' referenza, fejn jeżistu, u/jew ma' kontroll mhux trattat.

(a) Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej:

(i) data ta' effikaċja;

(ii) tagħrif ieħor rilevanti fuq il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma hija n-natura tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, id-doża, il-metodu ta' applikazzjoni, in-numru u t-tempestività ta' l-applikazzjonijiet, l-inkompatibiltà ma' trattamenti ta' uċuħ tar-raba' oħra;

(iii) kull tagħrif rilevanti fuq il-mikro-organiżmu, inkluża l-proprjetajiet bijoloġiċi eż. il-mod ta' azzjoni, is-sopravivenza, l-speċifiċità tal-korp ospitanti.

(b) Din il-valutazzjoni tinkludi:

(i) ix-xorta, il-frekwenza, il-livell u t-tul taż-żmien ta' l-effetti fitotossiċi/fitopatoġeniċi osservati u l-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali (inklużi dawk klimatiċi) illi jaffettwawhom;

(ii) id-differenzi bejn il-varjanti prinċipali kolturali rigward is-sensittività tagħhom għall-effetti fitotossiċi/fitopatoġeniċi;

(iii) il-parti tal-wiċċ tar-raba trattat jew il-prodotti mill-pjanti fejn kienu osservati l-effetti fitotossiċi/fitopatoġeniċi;

(iv) l-impatt negattiv fuq il-produzzjoni tal-wiċċ tar-raba trattat jew il-prodotti mill-pjanti f'termini ta' kwantità u/jew kwalità;

(v) l-impatt negattiv fuq il-pjanti trattati jew il-prodotti mill-pjanti li jkunu sejrin jintużaw għat-tkattir, f'termini ta' vijabbiltà, ġerminazzjoni, nibta, trobbija ta' l-għeruq u l-istabbiliment tal-pjanti;

(vi) fejn xi mikro-organiżmi huma disseminati, l-impatt negattiv fuq l-uċuħ tar-raba ġirien.

2.4.6. Fejn it-tikketta tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi rekwiżiti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma' prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti u/jew ma' awżiljarji bħala taħlita fit-tank, l-Istati Membri għandhom jagħmlu il-valutazzjonijiet imsemmija fil-punti 2.4.3 sa 2.4.5 rigward it-tagħrif mogħti għat-taħlita fit-tank.

Fejn it-tikketta tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti tinkludi rakkommandazzjonijiet għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma' prodott ieħor għall-protezzjoni tal-pjanti u/jew ma' awżiljarji bħala taħlita fit-tank, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk it-taħlita u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħha humiex approprjati.

2.4.7. Fejn id-data disponibbli tindika li l-mikro-organiżmu jew metaboliti/tossini rilevanti sinifikanti, prodotti ta' degradazzjoni u reazzjoni tal-formulanti jippersistu fil-ħamrija u/jew f'sustanzi jew fuq sustanzi tal-pjanti fi kwantitajiet sinifikanti wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' l-użu, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-grad ta' l-effetti negattivi fuq l-uċuħ tar-raba' susseġwenti.

2.4.8. Fejn l-użu propost tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti huwa intenzjonat li jkollu effett fuq il-vertebrati, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-mekkaniżmu b'liema dan l-effett jinkiseb u l-effetti osservati dwar il-komportament u s-saħħa ta' l-annimali fil-mira. Meta l-effett mixtieq huwa li l-annimal fil-mira jinqatel għandhom jivvalutaw iż-żmien neċessarju li jwassal għall-mewt ta' l-annimal u l-kondizzjonijiet taħt liema dan il-mewt iseħħ.

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni kollha relevanti kif stabbilit fl-Anness IIB u r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha, inklużi l-istudji tossikoloġiċi;

(b) l-informazzjoni kollha relevanti dwar il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif stabbilit fl-Anness IIB, inklużi l-istudji tossikoloġiċi d-data dwar l-effikaċja.

2.5. *Metodi ta' identifikazzjoni/kxif u kwantifikazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-metodi analitiċi proposti għall-finijiet ta' kontroll ta' post-reġistrazzjoni u ta' sorveljanza tal-komponenti vijabbli u dawk mhux vijabbli kemm fil-formulazzjoni u bħala residwi f'uċuħ jew fuq uċuħ trattati. Validazzjoni suffiċjenti hija meħtieġa għall-metodi ta' awtorizzazzjoni minn qabel u metodi ta' sorveljanza ta' wara l-awtorizzazzjoni. Metodi li huma kkunsidrati bħala xierqa għas-sorveljanza ta' wara l-awtorizzazzjoni għandhom jiġu identifikati b'mod ċar.

2.5.1. Metodi analitiċi għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.5.1.1. Komponenti mhux vijabbli

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-metodi analitiċi proposti sabiex jiġu identifikati u kwantifikati il-komponenti mhux vijabbli li huma tossikoloġikament, ekotossikoloġikament jew ambjentalment sinifikanti li jirriżultaw mill-mikro-organiżmu u/jew li huma preżenti bħala impurità jew koformulanti (inkluża eventwalment l-prodotti ta' degradazzjoni u/jew ta' reazzjoni tagħhom).

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif dwar metodi analitiċi previsti fl-Annessi IIB u IIIB u r-riżultati tal-valutazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) l-ispeċifiċità u l-linearità tal-metodi proposti,

(b) il-preċiżjoni (il-kapaċità ta' repetizzjoni) tal-metodi proposti,

(ċ) l-importanza ta' interferenzi,

(d) il-preċiżjoni tal-metodi proposti f'konċentrazzjonijiet xierqa,

(e) il-limitu ta' kwantifikazzjoni tal-metodi proposti.

2.5.1.2. Komponenti vijabbli

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-metodi proposti sabiex jiġi kwantifikat u identifikat il-ġeneru speċifiku konċernat u speċjalment metodi li jiddiskriminaw bejn dak il-ġeneru u ġeneri li huma relatati mill-qrib. Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif dwar metodi analitiċi previsti fl-Annessi IIB u IIIB u r-riżultati ta' l- valutazzjoni tagħha. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) l-ispeċifiċità tal-metodi proposti,

(b) il-preċiżjoni (il-kapaċità ta' repetizzjoni) tal-metodi proposti,

(ċ) l-importanza ta' interferenzi,

(d) il-kwantifikabbilità tal-metodi proposti.

2.5.2. Metodi analitiċi għad-determinazzjoni ta' residwi

2.5.2.1. Residwi mhux vijabbli

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-metodi analitiċi proposti sabiex jiġu identifikati u kwantifikati r-residwi mhux vijabbli li huma tossikoloġikament, ekotossikoloġikament jew ambjentalment sinifikanti li jirriżultaw mill-mikro-organiżmu (eventwalement inklużi l-prodotti ta' degradazzjoni u/jew ta' reazzjoni tagħhom).

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif dwar il-metodi analitiċi previsti fl-Anness IIB and IIIB u r-riżultati tal-valutazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) l-ispeċifiċità u l-linearità tal-metodi proposti,

(b) il-preċiżjoni (il-kapaċità ta' repetizzjoni) tal-metodi proposti,

(ċ) ir-reproduċibilità (validazzjoni minn laboratorju indipendenti) tal-metodi proposti,

(d) l-importanza ta' interferenzi,

(e) il-preċiżjoni tal-metodi proposti f'konċentrazzjonijiet xierqa,

(f) il-limitu ta' kwantifikaabiltà tal-metodi proposti.

2.5.2.2. Residwi vijabbli

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-metodi proposti sabiex jiġi identifikat il-ġeneru speċifiku konċernat u speċjalment metodi li jiddiskriminaw bejn dak il-ġeneru u l-ġeneri li huma relatati mill-qrib.

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif dwar metodi analitiċi previsti fl-Anness IIB and IIIB u r-riżultati ta' l- valutazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) l-ispeċifiċità tal-metodi proposti,

(b) il-preċiżjoni (il-kapaċità ta' repetizzjoni) tal-metodi proposti,

(ċ) l-importanza ta' interferenzi,

(d) il-kwantifikabbilità tal-metodi proposti.

2.6. *Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali*

L-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimal għandu jiġi valutat. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkunsidra l-prinċipji li ġejjin:

(a) minħabba l-kapaċità tal-mikro-organiżmu biex jirreplikaw, hemm differenza ċara bejn kimiċi u mikro-organiżmi wżati bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-perikli li jirriżultaw mhumiex neċessarjament ta' l-istess natura bħal dawk ippreżentati mill-kimiċi, speċjalment b'relazzjoni mal-kapaċità tal-mikro-organiżmu li jippersisti u jimmultiplika f'ambjenti differenti;

(b) il-patoġeniċità tal-mikro-organiżmu għall-bnedmin u għal annimali mhux fil-mira, l-infettività tal-mikro-organiżmu, il-kapaċità tal-mikro-organiżmu biex jikkolonnizza, it-tossiċità ta' metaboliti/tossini kif ukoll it-tossiċita tal-medju ta' tkabbir residwu, kontaminanti u ko-formulanti, huma parametri importanti fl-istima ta' l-effetti negattivi li jirriżultaw mill-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;

(ċ) il-kolonizzazzjoni, l-infettività u t-tossiċità fihom ġabra komplessa ta' interattività bejn il-mikro-organiżmu u l-korpi ospitanti u dawn il-parametri ma jistgħux jiġu solvuti faċilment b'mod indipendenti;

(d) meta dawn il-parametri jiġu kombinati, l-aspetti l-aktar importanti tal-mikro-organiżmu li għandhom jiġu eżaminati huma:

— l-kapaċità li jippersisti u jimmultiplika f'korp ospitanti (indikattiv ta' kolonizzazzjoni jew infettività),

— l-kapaċità li jipproduċi effetti negattivi jew mhux negattivi f'korp ospitanti, indikattiv ta' l-infettività, il-patoġeniċità, u/jew it-tossiċità;

(e) Barra minn dan, il-komplessità tas-suġġetti bijoloġiċi għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-valutazzjoni tal-perikli u r-riskji ppreżentati mill-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għall-bniedem u għall-annimali. Eżami tal-patoġeniċità u l-infettività huwa neċessarju anke jekk il-potenzjal ta' l-espożizzjoni huwa kkunsidrat bħala baxx;

(f) Għal skopijiet ta' l-assessjar tar-riskju l-istudji użati għat-tossiċità akuta għandhom, fejn disponibbli, jinkludu mill-anqas żewġ dożi (eż. doża waħda qawwija ħafna u oħra li tikkorrispondi ma' l-espożizzjoni mistennija taħt kondizzjonijiet prattiċi).

2.6.1. Effetti fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimal li jirriżultaw mill- prodott għall- protezzjoni tal-pjanti

2.6.1.1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-espożizzjoni ta' l-operatur għall-mikro-organiżmu, u/jew il-komposti rilevanti tossikoloġikalment fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti (eż. il-metaboliti/it-tossini tiegħu, il-medju ta' tkabbir residwu, kontaminanti u koformulanti), li x'aktarx isseħħ taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu (inkluża b'mod partikolari d-doża, il-metodu ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet klimatiċi). Data realistika fuq livelli ta' espożizzjoni għandhom jiġu wżati u, jekk din id-data mhijiex disponibbli, mudell ta' kalkolu validat, u fejn disponibbli, *database* Ewropea armonizzata dwar l-espożizzjoni ġenerika għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, għandhom jintużaw.

(a) Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej:

(i) id-data medika u studji dwar it-tossiċità, l-infettività u l- patoġeniċità kif previst fl-Anness IIB, u r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Testijiet taħt l-Ewwel Fażigħandhom jippermettu li ssir valutazzjoni ta' mikro-organiżmu fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jippersisti jew jikber fil-korp ospitanti u l-kapaċità tiegħu li jikkawża effetti/reazzjonijiet fil-korp ospitanti. Parametri li jindikaw in-nuqqas ta' kapaċità li jippersisti u jimmultiplikaa fil-korp ospitanti, u n-nuqqas tal-kapaċità li jipproduċi effetti mhux negattivi jew negattivi fil-korp ospitanti, jinkludu t-tneħħija malajr u sħiħa mill-ġisem, nuqqas ta' attivazzjoni tas-sistema ta' l-immunizzazzjoni, l-ebda tibdil istopatoloġiku, u għar-replikazzjoni temperaturi ħafna għola jew ħafna aktar baxxi mit-temperaturi korporji tal-mammiferi. Dawn il-parametri jistgħu f'xi każijiet ikunu assessjati permezz ta' l-użu ta' studji ta' każi akuti u data umani eżistenti, u xi drabi jistgħu jiġu assessjati biss permezz ta' l-użu ta' studji repetuti ta' doża.

Valutazzjoni bbażata fuq parametri rilevanti tat-testijiet ta' l-Ewwel Fażi għandhom iwasslu għall-assessjar ta' l-effetti possibbli ta' l- espożizzjoni okkupazzjonali, meħuda in kunsiderazzjoni l-intensità u t-tul ta' l-espożizzjoni inkluża l-espożizzjoni minħabba użu repetut matul l-użu prattiku.

It-tossiċità ta' ċerti metaboliti/tossini tista' tiġi assessjata biss, jekk intwera li l-annimali wżati fit-testijiet huma fil-fatt esposti għal dawn il-metaboliti/it-tossini;

(ii) tagħrif ieħor rilevanti fuq il-mikro-organiżmu, il-metaboliti/tossini, il-medju ta' tkabbir residwu, kontaminanti u koformulanti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, bħalma huma l-proprjetajiet bijoloġiċi, fiżiċi u kimiċi u (eż. s-sopravivenza tal-mikro-organiżmu fit-temperatura korporja tal-bnedmin u l-annimali; in-*niche* ekoloġika; il-komportament tal-mikro-organiżmu u/jew il-metaboliti/it-tossini matul l-applikazzjoni);

(iii) l-istudji tossikoloġiċi previsti fl-Anness IIIB;

(iv) tagħrif ieħor rilevanti previst fl-Anness IIIB bħalma hija:

— il-kompożizzjoni tal-preparazzjoni,

— in-natura tal-preparazzjoni,

— id-daqs, id-disinn u t-tip ta' l-imballaġġ,

— l-għalqa wżata u n-natura tal-wiċċ tar-raba jew tal-pjanti fil- mira,

— il-metodu ta' l-applikazzjoni inklużi t-tqandil bl-idejn, it-tagħbija u t-taħlita tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti,

— il miżuri rakkomandati għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni,

— rakkomandazzjonijiet dwar ilbies protettiv,

— ir-rata massima ta' applikazzjoni,

— il-volum minimu ta' l-applikazzjoni bil-bexx iddikjarat fuq it- tikketta,

— numru u t-tempestività ta' l-applikazzjonijiet.

(b) Abbażi tat-tagħrif imsemmi f'(a) il-parametri ġenerali li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti għall-espożizzjoni waħdanija jew repetuta ta' l-operatur wara l-użu mixtieq:

— persistenza jew tkabbir tal-mikro-organiżmu fil-korp ospitanti,

— effetti negattivi osservati,

— effetti osservati jew mistennija tal-kontaminanti (inkluż il- mikro-organiżmu kontaminanti),

— effetti osservati jew mistennija ta' metaboliti/tossini rilevanti.

Jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' kolonozzazzjoni fil-korp ospitanti u/jew jekk xi effetti negattivi, indikattivi tat-tossiċità/ta' l-infettività huma osservati, meħud in kunsiderazzjoni ix-xenarju ta' l-espożizzjoni (jiġifieri espożizzjoni akuta jew repetuta), aktar ittestjar huwa indikat.

(ċ) Din il-valutazzjoni għandha ssir għal kull wieħed mit-tipi tal-metodi ta' applikazzjoni u t-tagħmir ta' applikazzjoni proposti għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll għat-tipi u d-daqsijiet differenti tal-kontenituri li jintużaw, filwaqt li jitqies it-taħlit, l-operazzjonijiet tat-tagħbija, l-applikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u t-tindif u l-manutenzjoni ta' rutina tat-tagħmir ta' l-applikazzjoni. Fejn rilevanti, użi awtorizzati oħra tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fil-qasam ta' l-użu previst li fihom l-istess sustanza attiva jew li jirriżultaw fl-istess residwi jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni wkoll. Għandha tiġi meħuda in kunsiderazzjoni illi jekk ir-replikazzjoni tal-mikro-organiżmu hija mistennija, eżami ta' l-espożizzjoni jista' jkun spekulattiv ħafna.

(d) In-nuqqas jew il-preżenza tal-potenzjal għall-kolonizzazzjoni jew il-possibiltà ta' effetti f'operaturi fil-livelli ta' doża ttestjata kif previst fl-Anness IIB and IIIB għandhom jkun assessjat fir-rigward tal-livelli mkejla jew stmati ta' espożizzjoni umana. Dan l-assessjar tar-riskju, preferibbilment kwantitattiv, għandu jinkludi kunsiderazzjoni ta' eż. il-mod ta' azzjoni, il-proprjetajiet bijoloġiċi, fiżiċi u kimiċi tal-mikro-organiżmu u sustanzi oħra fil-formulazzjoni.

2.6.1.2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw tagħrif dwar in-natura u l-karatteristiċi ta' l-imballaġġ propost b'referenza partikolari għall-aspetti li ġejjin:

(a) it-tip ta' imballaġġ,

(b) id-dimensjoni tiegħu u kemm jesa',

(ċ) id-daqs tal-fetħa,

(d) it-tip ta' għeluq,

(e) is-saħħa tiegħu, kemm huwa ssiġillat tajjeb u r-reżistenza tiegħu għat-trasport u t-tqandil bl-idejn normali,

(f) ir-reżistenza għall-kontenut u l-kompatibbiltà miegħu.

2.6.1.3. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw in-natura u l-karatteristiċi ta' l- ilbies protettiv u t-tagħmir propost b'referenza partikolari għall-aspetti li ġejjin:

(a) il-possibiltà li dawn jinkisbu u l-adegwatezza tagħhom,

(b) l-effiċjenza,

(ċ) kemm huwa faċli li dan jintlibes tenut kont ta' l-istress fiżiku u l- kondizzjonijiet klimatiċi,

(d) ir-reżistenza tiegħu u l-kompatibilita tiegħu mal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

2.6.1.4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' bnedmin oħra (ħaddiema esposti wara l-applikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, bħad-dħul mill-ġdid tal-ħaddiema, jew osservaturi) jew ta' annimali għall-mikro-organiżmu u/jew għal komposti oħra tossikoloġikalment rilevanti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu. Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni it-tagħrif li ġej:

(a) id-data medika u l-istudji dwar it-tossiċità, l-infettività u l- patoġeniċità previsti fl-Anness IIB, u r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Testijiet ta' l-Ewwel Fażi għandhom jippermettu li ssir valutazzjoni ta' mikro-organiżmu fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jippersisti jew jikber fil-korp ospitanti u l-kapaċità tiegħu li jikkawża effetti/reazzjonijiet fil-korp ospitanti. Parametri li jindikaw in-nuqqas tal-kapaċità li jippersisti u jimmultiplika fil-korp ospitanti, u n-nuqqas ta' kapaċità li jipproduċi effetti mhux negattivi jew negattivi fil-korp ospitanti, jinkludu t-tneħħija malajr u sħiħa mill-ġisem, ebda attivazzjoni tas-sistema ta' l-immunizzazzjoni, ebda tibdil istopatoloġiku, u in-nuqqas ta' kapaċità li jirreplika f'temperaturi korporji ta' mammiferi. Dawn il-parametri jistgħu f'xi każijiet ikunu assessjati permezz ta' l-użu ta' studji akuti u data umani eżistenti, u xi drabi jistgħu jiġu assessjati biss permezz ta' l-użu ta' studji ta' doża ripetuti.

Il-valutazzjoni bbażata fuq parametri rilevanti ta' Testijiet ta' l-Ewwel Fażi għandha twassal għall-assessjar ta' l-effetti possibbli ta' l-espożizzjoni okkupazzjonali, meħuda in kunsiderazzjoni l-intensità u t-tempestività ta' l-espożizzjoni, inkluża l-espożizzjoni minħabba użu repetut matul l-użu prattiku.

It-tossiċità ta' ċerti metaboliti/tossini tista' tiġi eżaminata biss, jekk jintwera li l-annimali użati għat-test huma fil-fatt esposti għal dawn il-metaboliti/it-tossini;

(b) tagħrif ieħor rilevanti fuq il-mikro-organiżmu, il-metaboliti/it-tossini, il-medju ta' tkabbir residwu, kontaminanti u koformulanti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, bħalma huma l-proprjetajiet bijoloġiċi, fiżiċi u kimiċi u (eż. is-sopravivenza tal-mikro-organiżmu f'temperatura korporja tal-bnedmin u l-annimali; in-*niche* ekoloġika; il-komportament tal-mikro-organiżmu u/jew il-metaboliti/it-tossini matul l-applikazzjoni);

(ċ) l-istudji tossikoloġiċi previsti fl-Anness IIIB;

(d) tagħrif ieħor rilevanti fuq il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti previst fl-Anness IIIB bħalma huwa:

— il-perjodi taż-żmien għad-dħul mill-ġdid, il-perjodi taż-żmien meħtieġa bħala stennija jew prekawzjonijiet oħra sabiex jipproteġu l-bniedem u lill-annimali,

— metodi ta' l-applikazzjoni, b'mod partikolari tal-bexx,

— ir-rata massima ta' l-applikazzjoni,

— il-volum massimu ta' l-applikazzjoni bil-bexx,

— il-kompożizzjoni tal-preparazzjoni,

— l-eċċess li jibqa' fuq il-pjanti jew il-prodotti mill-pjanti wara t-trattament, tenut kont ta' l-influwenza ta' fatturi bħat-temperatura, d-dawl UV, il-pH u l-preżenza ta' ċerti sustanzi,

— iktar attivitajiet li bihom il-ħaddiema jisfaw esposti.

2.6.2. Effetti fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimal li jirriżultaw minn residwi

Fil-valutazzjoni, residwi mhux vijabbli u vijabbli għandhom jiġu kkunsidrati separatament. V*iruses* u virojdi għandhom jiġu kkunsidrati bħala residwi vijabbli peress li huma kapaċi jittrasferixxu materjal ġenetiku (għalkemm mhumiex strettament ħajjin).

2.6.2.1. Residwi mhux vijabbli

(a) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni tal-bnedmin jew l-annimali għal residwi mhux vijabbli u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom permezz tal-katina ta' l-ikel minħabba li tali residwi jisgħu jseħħu fi jew fuq partijiet li jistgħu jittieklu ta' uċuħ tar-raba' trattati. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

— l-istadju ta' l-iżvilupp tal-mikro-organiżmu meta residwi mhux vijabbli jiġu prodotti,

— l-istadji ta' l-żvilupp/iċ-ċiklu tal-ħajja tal-mikro-organiżmu taħt kondizzjonijiet ambjentali tipiċi; b'mod partikolari, għandha ssir attenzjoni għall-assessjar tal-possibiltà ta' sopravivenza u moltiplikazzjoni tal-mikro-organiżmu fi jew fuq uċuħ tar-raba', ikel jew ikel għall-annimali, u, konsegwentement, il-probabbiltà tal- produzzjoni ta' residwi mhux vijabbli,

— l-istabbiltà ta' residwi mhux vijabbli rilevanti (inklużi l-effetti ta' fatturi bħalma huma t-temperatura, id-dawl UV, il-pH and l-preżenza ta' ċerti sustanzi),

— kull studju esperimentali li juri jekk residwi vijabbli rilevanti humiex traslokati fi pjanti jew le,

— data dwar il-prattika agrikola tajba proposta (inkluż in-numru u t-tempestività ta' l-applikazzjonijiet, ir-rata massima ta' l-applikazzjoni u l-volum minimu ta' l-applikazzjoni bil-bexx, l-intervalli proposti qabel il-ħsad ta' l-uċuħ għal użi previsti, jew il-perijodi ta' stennija jew il-perijodi ta' ħażna (fil-każ ta' użi ta' wara l-ħsad ta' l-uċuħ) u data ulterjuri dwar l-applikazzjoni previst fl-Anness IIIB,

— fejn rilevanti, użi oħra awtorizzati ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-kuntest ta' użu previst, jiġifieri li fihom l-istess residwi, u

— l-okkorrenza naturali ta' residwi mhux vijabbli fuq partijiet ta' pjanti li jistgħu jittieklu bħala konsegwenza ta' mikro-organiżmu li l-okkorrenza hija naturali.

(b) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw it-tossiċità ta' residwi mhux vijabbli u l-prodotti ta'degradazzjoni tagħhom tenut kont b'mod partikolari it-tagħrif speċifiku provdut skond l-Anness IIB u IIIB.

(ċ) Fejn residwi mhux vijabbli jew il-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom huma kkunsidrati bħala tossikoloġikament rilevanti għall-bnedmin u/jew l-annimali u meta l-espożizzjoni mhijiex ikkunsidrata bħala negliġibbli, il-livelli attwali fi jew fuq il-partijiet ta' l-uċuħ tar-raba' trattati li jistgħu jittieklu għandhom jiġu stabbiliti, tenut kont ta':

— l-metodi analitiċi għar-residwi mhux vijabbli,

— il-kurva tat-tkabbir tal-mikro-organiżmu f'kondizzjonijiet ottimi,

— il-produzzjoni/formazzjoni ta' residwi mhux vijabbli f'mumenti rilevanti (eż. fi żmien tal-ħsad ta' l-uċuħ antiċipat).

2.6.2.2. Residwi vijabbli

(a) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni tal-bnedmin jew annimali għal residwi vijabbli permezz tal-katina ta' l-ikel minħabba li l-okkorrenza possibbli fi jew fuq il-partijiet li jistgħu jittieklu ta' uċuħ tar-raba' trattati. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

— il-possibiltà ta' sopravivenza, il-persistenza u l-multiplikazzjoni tal-mikro-organiżmu fi jew fuq uċuħ tar-raba', ikel jew ikel għall-annimali. L-istadji varji ta' żvilupp/iċ-ċiklu tal-ħajja tal-mikro-organiżmu għandhom jiġu ndirizzati,

— tagħrif dwar in-*niche* ekoloġika tiegħu,

— tagħrif dwar id-destin u l-komportament f'partijiet varji ta' l -ambjent,

— l-okkorrenza naturali tal-mikro-organiżmu (u/jew mikro-organiżmu relatat),

— *data* dwar il-prattika agrikola tajba proposta (inkluż in-numru u t-tempestività ta' l-applikazzjonijiet, ir-rata massima ta' l-applikazzjoni u l-volum minimu ta' l-applikazzjoni bil-bexx, l-intervalli proposti qabel il-ħsad ta' l-uċuħ għal użi previsti, jew il-perijodi ta' stennija jew il-perijodi ta' ħażna (fil-każ ta' użi ta' wara l-ħsad ta' l-uċuħ) u *data* ulterjuri dwar l-applikazzjoni previst fl-Anness IIIB,

— fejn rilevanti, użi oħra awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-qasam ta' l-użu maħsub, jiġifieri li fihom l-istess mikro-organiżmu jew li jirriżulta fl-istess residwi.

(b) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw it-tagħrif speċifiku dwar il- kapaċità ta' residwi vijabbli li jippersistu u jikbru f'il-korp ospitanti u l-kapaċità ta' tali residwi li jikkawżaw effetti/reazzjonijiet fil-korp ospitanti. B'mod partikolari, it-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

— id-data medika u l-istudji dwar it-tossiċità, l-infettività u l- patoġeniċità previsti fl-Anness IIB, u r-riżultati tal- valutazzjoni tagħha,

— l-istadji ta' żvilupp/iċ-ċiklu tal-ħajja mikro-organiżmu taħt kondizzjonijiet ambjentali tipiċi (eż. fi/fuq uċuħ tar-raba' trattati)

— il-mod ta' azzjoni tal-mikro-organiżmu,

— il-proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu (eż. l-ispeċifiċità tal- korp ospitanti).

Il-varji stadji ta' żvilupp/iċ-ċiklu tal-ħajja għandhom jiġu indirizzati.

(ċ) F'każ li r-residwi vijabbli huma kkunsidrati bħala tossikoloġikament rilevanti għall-bniedem u/jew l-annimali u jekk l-espożizzjoni mhijiex ikkunsidrata bħala negliġibbli, il-livelli attwali fi/fuq partijiet ta' uċuħ tar-raba' trattati li jistgħu jittieklu għandhom jiġu determinati, meħuda in kunsiderazzjoni:

— metodi analitiċi għar-residwi vijabbli,

— il-kurva ta' tkabbir tal-mikro-organiżmu f'kondizzjonijiet ottimi,

— il-possibiltajiet ta' estrapolazzjoni ta' *data* minn wiċċ tar-raba' għal ieħor.

2.7. *Id-destin u l-komportament fl-ambjent*

Il-bijokomplessità ta' l-ekosistemi u l-interazzjoni fil-komunitajiet mikrobijali konċernati għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni.

Tagħrif dwar l-oriġini u l-proprjetajiet (eż. speċifiċità) tal-mikro-organiżmu/il- metaboliti/tossini residwali tiegħu, l-użu intenzjonat jifforma l-bażi għall-assessjar tad-destin u l-komportament ambjentali. Il-mod ta' azzjoni tal-mikro-organiżmu għandu jittieħed in kunsiderazzjoni.

Għandu jsir assessjar tad-destin u l-komportament ta' kull metabolita rilevanti magħrufa li hija prodotta mill-mikro-organiżmu. L-eżami għandu jsir għal kull kompartiment ambjentali, u għandu jingħata bidu abbażi tal-kriterji speċifikati fis-Sezzjoni 7 (iv) ta' l-Anness IIB ta' din id-Direttiva.

Fl-assessjar tad-destin u l-komportament ambjentali tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-aspetti kollha ta' l-ambjent, inkluża l-l-flora u l-fawna. Jeħtieġ li l-potenzjal għall-persistenza u l-multiplikazzjoni ta' mikro-organiżmu jiġi assessjat fil-kompartimenti ambjentali kollha sakemm jista' jiġi ġustifkat li l-mikro-organiżmi ma jilħqux kompartiment speċifiku. Il-mobilità tal-mikro-organiżmi u l-metaboliti/it-tossini residwi tagħhom iridu jiġu kkunsidrati.

2.7.1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' kontaminazzjoni ta' ilma taħt l-art, ilma tal-wiċċ u ilma tax-xorb taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

Fl-eżami globali, l-Istati Membri għandu jagħtu attenzjoni partikolari għall-effetti negattivi potenzjali fuq il-bniedem ikkawżati minn kontaminazzjoni ta' ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva hija applikata f'reġjuni b'kondizzjonijiet vulnerabbli, bħalma huma żoni ta' l-ippumpjar ta' ilma tax-xorb.

2.7.2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw ir-riskju għall-kompartiment akkwatiku fejn il-possibiltà ta' l-espożizzjoni ta' organiżmi akkwatiċi jkun ġie stabbilit. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu permezz tar-replikazzjoni sabiex jistabbilixxu ruħu fl-ambjent u jista' għalhekk ikollu impatt fit-tul jew permanenti fuq komunitajiet mikrobijali jew il-predaturi tagħhom.

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni it-tagħrif li ġej:

(a) il-proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu,

(b) is-sopravivenza tal-mikro-organiżmu fl-ambjent,

(ċ) in-*niche* ekoloġika tiegħu,

(d) il-livell naturali fl-isfond tal-mikro-organiżmu, fejn huwa indiġenu,

(e) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-varji partijiet ta' l -ambjent,

(f) fejn rilevanti, tagħrif dwar l-interferenza potenzjali ma' sistemi analitiċi wżati għall-kontroll tal-kwalità ta' l-ilma tax-xorb kif provdut fid-Direttiva 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma għall-konsum mill-bniedem (1),

(g) fejn rilevanti, użi oħra awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-qasam ta' l-użu previst, eż. li fihom l-istess sustanza attiva jew li jwasslu għall-istess residwi.

2.7.3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' organiżmi fl-atmosfera għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu; jekk teżisti din il-possibiltà għandhom jivvalutaw ir-riskju għall-atmosfera. It-trasport, kemm fit-tul kif ukoll għal żmien qasir, tal-mikro-organiżmu fl-atmosfera għandha tiġi meħuda in kunsiderazzjoni.

2.7.4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' organiżmi fil-kompartament ta' l-art għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu; jekk teżisti din il-possibiltà għandhom jivvalutaw ir-riskju li jirriżultaw għall-kompartament ta' l-art. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu permezz tar-riproduzzjoni sabiex jistabbilixxi ruħu fl-ambjent u jista' għalhekk ikollu impatt fit-tul jew permanenti fuq komunitajiet mikrobijali jew il-predaturi tagħhom.

Din il-valutazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni it-tagħrif li ġej:

(a) il-proprjetajiet bijoloġiċi tal-mikro-organiżmu,

(b) is-sopravivenza tal-mikro-organiżmu fl-ambjent,

(ċ) in-*niche* ekoloġika tiegħu,

(d) il-livell naturali fl-isfond tal-mikro-organiżmu, fejn huwa indiġenu,

(e) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l-ambjent,

(1) ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(f) fejn rilevanti, użi oħra awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fil-kuntest ta' l-użu previst, eż. li fihom l-istess sustanza attiva jew li jwasslu għall-istess residwi.

2.8. *Effetti fuq u espożizzjoni ta' organiżmi mhux fil-mira*

Tagħrif dwar l-ekoloġija tal-mikro-organiżmu u l-effetti fuq l-ambjent għandhom jiġu assessjati kif ukoll livelli possibbli ta' espożizzjoni u l-effetti tal-metaboliti/it-tossini rilevanti tiegħu. L-assessjar globali tar-riskji ambjentali li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jikkawża, meħuda in kunsiderazzjoni il-livelli normali ta' espożizzjoni għal mikro-organiżmu kemm fl-ambjent kif ukoll fil-korp ta' organiżmi, huwa neċessarju.

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' organiżmi mhux fil-mira taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu u jekk teżisti din il-possibiltà għandhom jivvalutaw ir-riskju li jirriżulta għall-organiżmi mhux fil-mira konċernati.

Fejn applikabbli, l-assessjar ta' l-infettività u l-patoġeniċità huwa neċessarju, sakemm ma jkunx jista' jiġi ġustifikat li organiżmi mhux fil-mira mhumiex se jkunu esposti.

Sabiex tiġi assessjata l-possibiltà ta' espożizzjoni t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni wkoll:

(a) is-sopravivenza tal-mikro-organiżmu fil-kompartament rispettiv,

(b) in-*niche* ekoloġika tiegħu,

(ċ) il-livell naturali fl-isfond tal-mikro-organiżmu, fejn huwa indiġenu,

(d) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l-ambjent,

(e) fejn rilevanti, użi oħra awtorizzati tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fil-kuntest ta' l-użu previst, eż. li fih l-istess sustanza attiva jew li jwassal għall-istess residwi.

2.8.1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' u l-effetti fuq in-natura selvaġġa ta' l-art (għasafar selvaġġi, mammiferi u vertebrati terrestri oħrajn).

2.8.1.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinfetta u jimmultiplika f'sistemi ospitanti ta' għasafar u mammiferi. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra,

(ċ) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività tal-mammiferi,

(d) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività ta' l-għasafar.

2.8.1.2. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni tat-tossini jew il-koformulanti. Għall-assessjar ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) studji dwar it-tossiċità tal-mammiferi,

(b) studji dwar it-tossiċità ta' l-għasafar,

(ċ) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-varji partijiet ta' l-ambjent.

Jekk huma osservati mewt jew sinjali ta' intossikazzjoni fit-testijiet il-valutazzjoni għandha tinkludi kalkolu tar rati ta' tossiċità/espożizzjoni bbażati fuq il-kwozjent tal-valur $LD_{50}$ u l-espożizzjoni stmata f'mg/kg tal- piż korporju.

2.8.2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' u l-effetti fuq organiżmi akwatiċi.

2.8.2.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinfetta u jimmultiplika f'organiżmi akwatiċi. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra,

(ċ) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività.

2.8.2.2. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni tat-tossini jew il-koformulanti. Għall-eżami ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) studji dwar it-tossiċità għal organiżmi akwatiċi,

(b) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l -ambjent.

Jekk huma osservati mewt jew sinjali ta' intossikazzjoni fit-testijiet il-valutazzjoni għandha tinkludi kalkolu tar-rati ta' tossiċità/espożizzjoni bbażati fuq il-kwozjent tal-valur $EC_{50}$ u/jew il-valur NOEC u l-espożizzjoni stmata.

2.8.3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni u l- effetti fuq in-naħal.

2.8.3.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinfetta u jimmultiplika fin-naħal. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra,

(ċ) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività.

2.8.3.2. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni tat-tossini jew il-koformulanti. Għall-assessjar ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) studji dwar it-tossiċità għan-naħal,

(b) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l-ambjent.

Jekk huma osservati mewt jew sinjali ta' intossikazzjoni fit-testijiet il-valutazzjoni għandha tinkludi kalkolu tal-kwożjent tar-riskju, bbażat fuq il-kwozjent tad-doża f'g/ha u l-$LD_{50}$ f'μg/kull naħla.

2.8.4. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' u l-effetti fuq l-antropodi minbarra minn naħal.

2.8.4.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinfetta u jimmultiplika fl-antropodi differenti minn naħal. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra,

(ċ) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività għan-naħal ta' l-għasel u antropodi oħra.

2.8.4.2. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni tat-tossini jew il-koformulanti. Għall-assessjar ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) studji dwar it-tossiċità għall-antropodi,

(b) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l -ambjent,

(ċ) data disponibbli minn sorveljanza bijoloġiku primarju.

Jekk huma osservati mewt jew sinjali ta' intossikazzjoni fit-testijiet il-valutazzjoni għandha tinkludi kalkolu tar rati ta' tossiċità/espożizzjoni bbażati fuq il-kwozjent tal-valur $ER_{50}$ (rata effettiva) u l-espożizzjoni stmata.

2.8.5. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' u l-effetti fuq il-ħniex.

2.8.5.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinfetta u jimmultiplika fil-ħniex. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra,

(ċ) studji dwar it-tossiċità, il-patoġeniċità u l-infettività fil-ħniex.

2.8.5.2. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni tat-tossini jew il-koformulanti. Għall-assessjar ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) studji dwar it-tossiċità għad-dud ta' l-art,

(b) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l-ambjent.

Jekk huma osservati mewt jew sinjali ta' intossikazzjoni fit-testijiet il-valutazzjoni għandha tinkludi kalkolu tar-rati ta' tossicità/espożizzjoni bbażati fuq il-kwozjent tal-valur $LC_{50}$ u l-espożizzjoni stmata f'mg/kg ta' ħamrija niexfa.

2.8.6. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-possibiltà ta' espożizzjoni ta' u l-effetti fuq mikro-organiżmu tal-ħamrija.

2.8.6.1. Mikro-organiżmu jista' jwassal għal riskji minħabba l-potenzjal tiegħu li jinterferexxi fil-mineralizzazzjoni tan-nitroġeni u l-karboni fil-ħamrija. Għandu jkun assessjat jekk ir-riskji identifikati jistgħux jinbidlu jew le minħabba li l-formulazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħud in kunsiderazzjoni t-tagħrif li ġej fuq il-mikro-organiżmu:

(a) il-mod ta' azzjoni tiegħu,

(b) proprjetajiet bijoloġiċi oħra.

Data esperimentali mhijiex meħtieġa normalment, jiġifieri fejn ikun jista' jiġi ġustifikat li assessjar kif suppost tar-riskju jista' jsir bit-tagħrif disponibbli.

2.8.6.2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-impatt ta' mikro-organiżmi eżotiċi/mhux indiġeni fuq mikro-organiżmi mhux fil-mira u fuq predaturi oħrajn wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu. Data esperimentali mhijiex meħtieġa normalment, jiġifieri fejn ikun jista' jiġi ġustifikat li assessjar kif suppost dwar ir-riskju jista' jsir bit-tagħrif disponibbli.

2.8.6.3. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti tossiċi minħabba l-azzjoni ta' tossini jew koformulanti. Għall-assessjar ta' tali effetti t-tagħrif li ġej għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:

(a) tagħrif dwar id-destin u l-komportament fil-partijiet varji ta' l -ambjent,

(b) kull tagħrif disponibbli minn kontroll primarju bijoloġiku.

2.9. *Konklużjonijiet u proposti*

L-Istati Membri għandhom jaslu għal konklużjonijiet dwar il-bżonn ta' aktar tagħrif u/jew ittestjar u l-bżonn ta' miżuri sabiex jiġu limitati r-riskji li jinħolqu. L-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

## Ċ. TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

### 1. Prinċipji ġenerali

1.1. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jimponu kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjonijiet li huma jagħtu. Ix-xorta u s-severità ta' dawn il-kondizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet jridu jintgħażlu fuq il-bażi tan-natura u l-estensjoni tal-vantaġġi mistennija u r-riskji li x'aktarx jinħolqu, u jkunu approprjati għalihom.

1.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi d-deċiżjonijiet dwar l-għotja ta' l-awtorizzazzjonijiet iqisu l-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u dawk ambjentali (inklużi dawk tal-klima) fl-oqsma previsti għall-użu. Dawn il-kunsiderazzjonjiet jistgħu jirriżultaw f'kondizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu, u f'li tingħata awtorizzazzjoni għal xi oqsma imma mhux għal oħrajn fl-Istat Membr in kwistjoni.

1.3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-ammonti awtorizzati, f'termini tar-rati u n-numru ta' applikazzjonijiet, ikunu l-minimu meħtieġa sabiex jinkiseb l-effett mixtieq anki meta ammonti ogħla ma jirriżultawx f'riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew ta' l-ambjent. L-ammonti awtorizzati jridu jkunu differenzjati skond il-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ta' l-ambjent (inklużi dawk tal-klima), u li huma approprjati għalihom, fl-oqsma differenti li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni. Madankollu, ir-rati u n-numru ta' applikazzjonijiet ma jistgħux joħolqu effetti mhux mixtieqa bħal ma hu l-iżvilupp tar-reżistenza.

1.4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi d-deċiżjonijiet jirrispettaw il-prinċipji ta' kontroll integrat tal-pesti jekk il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jkun intiż li jintuża f'kondizzjonijiet fejn dawn il-prinċipji jkunu ta' min joqgħod fuqhom.

1.5. Billi l-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq data li tinteressa numru limitat ta' speċi rappreżentattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jkollux riperkussjonijiet fit-tul fuq l-abundanza u d-diversità ta' l-ispeċi li mhumiex fil-mira.

1.6. Qabel ma jagħtu awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-tikketta tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti:

(a) tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva,

(b) jkun fiha l-informazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-utenti meħtieġa skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema,

(ċ) tispeċifika b'mod partikolari il-kondizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet illi bihom il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jew ma jistax jintuża kif imsemmi fil-punti 1.1 sa 1.5 iktar 'il fuq,

(d) L-awtorizzazzjoni għandha ssemmi d-dettalji ndikati fl-Artikolu 16(1)(g) u (h) ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 10 (1.2), (2.4), (2.5) u (2.6) tad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar ta' preparazzjonjijiet perikolużi ([1]).

1.7. Qabel ma joħorġu l-awtorizzazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw illi l-imballaġġ propost huwa skond id-dispożizzjonijiet tad- Direttiva 1999/45/KE;

(b) jiżguraw illi:

— il-proċeduri għall-qerda tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti,

— il-proċeduri għan-newtralizzazzjoni ta' l-effetti negattivi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jekk jinxtered aċċidentalment, u

— il-proċeduri għad-dekontaminazzjoni u l-qerda ta' l-imballaġġ,

ikunu skond id-dispożizzjonijiet regolatorji relevanti.

1.8. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha li ssir referenza għalihom fit-Taqsima 2. Madanakollu meta waħda jew iktar mir-rekwiżiti speċifiċi dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet li għalihom issir referenza fil-punt 2.4, ma jkunux sodisfatti għal kollox, l-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss meta l-vantaġġi ta' l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti għall-użu jegħlbu l-effetti negattivi possibbli ta' l-użu tiegħu. Kull restrizzjoni dwar l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li għandha x'taqsam man-nuqqas tal-konformità ma' xi whud mir-rekwiżiti msemmija fis-sezzjoni 2 iridu jissemmew fuq it-tikketta. Dawn il-vantaġġi jistgħu jkunu f'termini ta':

(a) vantaġġi għal u l-kompatibbiltà mal-miżuri ta' kontroll integrat jew tal-biedja organika,

(b) iiffaċilitar ta' l-istrateġiji sabiex inaqqsu r-riskju ta' l-iżvilupp tar-reżistenza,

(ċ) riskju mnaqqas għall-operaturi u għall-konsumaturi,

(d) kontaminazzjoni mnaqqsa ta' l-ambjent u impatt imnaqqas fuq l-ispeċi li mhumiex fil-mira.

1.9. Meta awtorizzazzjoni tkun ingħatat skond ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness, l-Istati Membri jistgħu, bis-saħħa ta' l-Artikolu 4 (6):

(a) jiddefinixxu, fejn possibbli, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-applikant, il-miżuri sabiex itejbu l-prestazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, u/jew

(b) jiddefinixxu, fejn possibbli, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-applikant, miżuri sabiex inaqqsu aktar l-espożizzjoni illi tista' sseħħ matul u wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-applikanti b'kull miżura identifikata skond (a) jew (b) u għandhom jistiednu lill-applikanti sabiex jipprovdu kwalunkwe data u tagħrif supplimentari meħtieġa sabiex juru l-prestazzjoni jew ir-riskji potenzjali fil-kondizzjonijiet mibdula.

([1]) ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

1.10. L-Istati Membri għandhom jassiguraw, safejn huwa possibbli fil-prattika, li għall-mikro-organiżmi kollha li huma kkunsidrati għal awtorizzazzjoni, l-applikant ħa in kunsiderazzjoni l-għarfien rilevanti disponibbli kollu u t-tagħrif fil-kitba fiż-żmien tas-sottomissjoni.

1.11. Fejn il-mikro-organiżmu ikun ġie ġenetikament modifikat, kif stabbilit fid-Direttiva 2001/18/KE, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk il-valutazzjoni magħmula skond id-Direttiva 2001/18/KE tkun ġiet ippreżentata, kif meħtieġ taħt l-Artikolu 1 (3) ta' din id-Direttiva. Id-deċiżjoni rilevanti meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skond id-Direttiva 2001/18/KE għandha tkun provduta.

1.12. Bi qbil ma' l-Artikolu 1(3), l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih organiżmu ġenetikament modifikat għajr jekk awtorizzazzjoni tingħata skond id-dispożizzjonijiet fil-parti Ċ tad-Direttiva 2001/18/KE, li bi qbil magħha l-organiżmu jista' jiġi rilaxxat fl-ambjent.

1.13. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk metaboliti/tossini rilevanti (jiġifieri dawk mistennija li jkunu ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent) magħrufa li jiġu ffurmati mill-mikro-organiżmu, u/jew minn kontaminanti mikrobijali huma preżenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, għajr jekk ikun muri li l-amount preżenti huwa f'livell aċċettabbli qabel u wara l-użu propost tiegħu.

1.14. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li miżuri adegwati ta' kontroll tal-kwalità huma applikati sabiex tkun identifikata l-identità tal-mikro-organiżmu u l-kontenut tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Tali miżuri għandhom jinkludu sistema ta' Analiżi tar-Riskji u tal-Punti Kritiċi ta' Kontroll (HACCP) jew sistema ekwivalenti.

## 2. Prinċipji speċifiċi

Il-prinċipji speċifiċi għandhom japplikaw bla ħsara għall-prinċipji ġenerali msemmija fis-Sezzjoni 1.

2.1. *Identità*

Għal kull awtorizzazzjoni mogħtija l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-mikro-organiżmu huwa ddepositat f'kollezzjoni rrikonoxxuta tal-kultura u mogħti numru ta' l-adeżjoni. Kull mikro-organiżmu għandu jiġi identifikat u msemmi fil-livell ta' l-ispeċje u karatteriżżat fil-livell tal-ġeneru. Jeħtieġ li jkun hemm ukoll informazzjoni dwar jekk il-mikro-organiżmu huwiex jew le ta' tip selvaġġ jew spontanju jew mutant indott, jew organiżmu ġenetikament modifikat.

2.2. *Proprjetajiet bijoloġiċi u tekniċi*

2.2.1. Jeħtieġ li jkun hemm tagħrif suffiċjenti sabiex jippermetti l-assessjar tal- kontenut minimu u massimu tal-mikro-organiżmu fil-materjal użat għall-manufattura tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-kontenut ta' komponenti u formulanti oħra fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti u mikro-organiżmi kontaminanti derivati mill-proċess ta' produzzjoni għandu jiġi definit safejn huwa possibbli. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-livell ta' organiżmi kontaminanti huwa kkontrollat għal livell aċċettabbli. Barra minn hekk: in-natura fiżika u l-istat tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jiġu speċifikati, preferibbilment skond il-"Katalogu tat-tipi tal-formolazzjoni ta' pestiċidi u s-sistema internazzjonali tal-kodifika (CropLife Monografu Tekniku Internazzjonali nr. 2, 5 Edizzjoni, 2002)".

2.2.2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata, fi kwalunkwe stadju fl-iżvilupp ta' prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti, ikun ċar, abbażi ta' akkumulu ta' reżistenza, jew trasferiment ta' reżistenza, jew mekkaniżmu ieħor, li jkun hemm interferenza ma' l-effettività ta' aġent anti-mikrobijalili wżat fil-mediċina għall-użu tal-bniedem jew ta' l-annimal.

2.3. *Aktar tagħrif*

L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr hekk tagħrif sħiħ huwa pprovdut dwar il-kontroll tal-kwalità kontinwu tal-metodu ta' produzzjoni, proċess ta' produzzjoni u l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. B'mod partikolari, is-seħħ ta' tibdil spontanju f'karatteristiċi saljenti tal-mikro-organiżmu u n-nuqqas/il-preżenza ta' organiżmu kontaminanti għandu jkun ikkunsidrat. Il-kriterji ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-produzzjoni u t-tekniċi wżati sabiex ikun assigurat prodott uniformi għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jkun deskritt u speċifikat kemm jista' jkun.

2.4. *Effikaċja*

2.4.1. Eżekuzzjoni

2.4.1.1. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata meta l-użu propost jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-kontroll ta' jew protezzjoni minn organiżmi li mhumiex meqjusa ta' ħsara fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba jew l-evidenza xjentifika skond kondizzjonijiet normali agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali (inkluża l-klima) fl-oqsma ta' l-użu propost jew meta l-effetti l-oħra intiżi mhumiex meqjusa ta' benefiċċju skond dawn il-kondizzjonijiet.

2.4.1.2. Il-livell, il-konsistenza u t-tul taż-żmien tal-kontroll jew tal-protezzjoni jew ta' effetti oħra intiżi jistgħu jkunu jixbħu lil dawk li jirriżultaw mill-użu ta' prodotti xierqa ta' riferenza. Jekk ma jeżisti l-ebda prodott xieraq ta' referenza, il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti irid jintwera illi jagħti benefiċċju xieraq f'termini ta' livell, konsistenza u tul taż-żmien tal-kontroll jew tal-protezzjoni jew ta' effetti oħra intiżi skond il-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali (inkluża l-klima) fil-qasam ta' l-użu propost.

2.4.1.3. Fejn huwa relevanti, ir-riżultat f'termini ta' produzzjoni meta l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jintuża u t-tnaqqis tat-telf fil-ħażna jridu jixbħu kwantitattivament u/jew kwalitattivament lil dawk li joħorġu mill-użu ta' prodotti xierqa ta' referenza. Jekk ma jeżisti l-ebda prodott xieraq ta' riferenza, il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jrid jintwera li jagħti benefiċċju konsistenti u definit kwanyitattivament u/jew kwalitattivament f'termini tar-riżultat mill-produzzjoni u t-tnaqqis tat-telf fil-ħażna skond il-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali (inkluża l-klima) fil-qasam ta' l-użu propost.

2.4.1.4. Il-konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-preparazzjoni jridu jkun validi għaż-żoni kollha ta' l-Istat Membru li fihom il-preparazzjoni tkun sea tiġi awtorizzata, u għall-kondizzjonijiet kollha li għalihom ikun propost l-użu tagħha, għajr meta t-tikketta proposta tispeċifika illi l-preparazzjoni hija maħsuba għall-użu f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi (eż. infestazzjonijiet żgħar, tipi partikolari ta' ħamrija jew kondizzjonijiet partikolari ta' tkabbir).

2.4.1.5. Meta l-pretensjonijiet proposti fuq it-tikketta jinkludu rekwiżiti għall-użu tal-preparazzjoni ma' prodotti oħra speċifiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jew ma' awżiljarji bħala taħlita f'tank, it-taħlita trid tikseb l-effett mixtieq u tikkonforma mal-prinċipji kif previsti fil-punti 2.4.1.1 sa 2.4.1.4.

Meta l-pretensjonijiet proposti fuq it-tikketta jinkludu rakkomandazzjonijiet għall-użu tal-preparazzjoni ma' prodotti speċifiċi għall-protezzjoni tal-pjanti jew ma' awżiljarji għat-taħlita f't-tank, l-Istati Membri m'għandhomx jaċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet jekk kemm il-darba ma jkunux ġustifikati.

2.4.1.6. Jekk ikun hemm evidenza ta' żvilupp ta' reżistenza ta' patoġeni lejn il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi jekk l-istrateġija sottomess għall-immaniġġjar tar-reżistenza jindirizzax dan b'mod adegwat u suffiċjenti.

2.4.1.7. Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom mikro-organiżmi mhux vijabbli biss jistgħu jiġu awtorizzati għall-użu ta' kontroll ta' speċi vertebrati. L-effett intiż fuq vertebrati li għandhom jiġu kontrollati għandu jinkiseb mingħajr ma jikkawża tbatija bla bżonn u uġigħ bla bżonn għal dawn l-annimali.

2.4.2. In-nuqqas ta' xi effetti inaċċettabbli fuq il-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti.

2.4.2.1. M'għandu jkun hemm l-ebda effetti fitotossiċi rilevanti fuq pjanti ittrattati jew prodotti tal-pjanti għajr fejn it-tikketta proposta tindika limiti xierqa ta' użu.

2.4.2.2. M'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-produzzjoni minħabba effetti fitotossiċi taħt dak li jista' jinkiseb mingħajr l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, sakemm dan it-tnaqqis huwa kumpensat minn vantaġġi oħra bħal titjib fil-kwalità tal-pjanti ittrattati jew prodotti tal-pjanti.

2.4.2.3. M'għandu jkun hemm l-ebda effetti negattivi li huma inaċċettabbli fuq il-kwalità tal-pjanti jew prodotti tal-pjanti trattati, għajr fil-każ ta' effetti negattivi fuq l-ipproċessar fejn it-tikketta proposta tispeċifika illi l-preparazzjoni m'għandhiex tkun applikata għal uċuħ tar-raba' li huma mmirati għal finijiet ta' l-ipproċessar.

2.4.2.4. M'għandu jkun hemm l-ebda effetti negattivi li huma inaċċettabbli fuq pjanti jew prodotti tal-pjanti trattati wżati għat-tkattir jew ir-riproduzzjoni, bħalma huma l-effetti fuq il-vijabbiltà, il-ġerminazzjoni, in-nibta, it-trobbija ta' l-għeruq u l-istabbiliment, ħlief fejn huwa il-pretensjonijiet proposti fuq it-tikketta jispeċifikaw illi l-preparazzjoni m'għandhiex tiġi applikata għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti wżati għat-tkattir u r-riproduzzjoni.

2.4.2.5. M'għandu jkun hemm l-ebda impatt inaċċettabbli fuq uċuħ tar-raba' sussegwenti, għajr fejn il-pretensjonijiet proposti fuq it-tikketta jispeċifikaw illi uċuħ tar-raba' partikolari, li jkunu affettwati, m'għandhomx jiġu mkabbra wara l-wiċċ tar-raba' trattat.

2.4.2.6. M'għandu jkun hemm l-ebda impatt inaċċettabbli fuq uċuħ tar-raba' limitrofi, għajr fejn it-tikketta proposta tispeċifika illi l-preparazzjoni m'għandhiex tkun applikata meta ċerta wċuħ tar-raba' sensittivi ikunu preżenti limitrofi.

2.4.2.7. Meta t-tikketta proposta tinkludi rekwiżiti għall-użu tal-preparazzjoni ma' prodott ieħor għall-protezzjoni tal-pjanti jew awżiljarji, bħala taħlita f'tank, it-taħlita għandha tikkonforma mal-prinċipji imsemmija fil-punti 2.4.2.1 sa 2.4.2.6.

2.4.2.8. L-istruzzjonijiet proposti għat-tindif tat-tagħmir ta' l-applikazzjoni għandhom ikunu kemm prattiċi kif ukoll effettivi sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu applikati faċilment sabiex tiġi assigurata t-tneħħija ta' traċċi ta' residwi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li ssegwentement jista' joħloq dannu.

2.5. *Identifikazzjoni/kxif u metodi ta' kwantifikazzjoni*

Il-metodi proposti jridu jirriflettu l-aħħar teknika. Metodi għas-sorveljanza ta' wara l-awtorizzazzjoni għandu jinvolvi l-użu ta' reagents u tagħmir li huwa disponibbli faċilment.

2.5.1. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk ikun hemm metodu adegwat ta' kwalità suffiċjenti li jidentifika u jikkwantifika l-mikro-organiżmu u komponenti mhux vijabbli (eż. tossini, impuritajiet u koformulanti) fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Fil-każ ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih aktar minn mikro-organiżmu wieħed, il-metodi rakkommandati għandhom ikunu kapaċi li jidentifikaw u jistabbilixxu l-kontenut ta' kull wieħed minnhom.

2.5.2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk ikun hemm metodi adegwati għall-kontroll ta' wara r-reġistrazzjoni u s-sorveljanza ta' residwi vijabbli u/jew mhux vijabbli. Metodi għandhom ikunu disponibbli għall-analiżi ta':

(a) pjanti, prodotti tal-pjanti, oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-pjanti u l-annimal u ikel għall-annimali jekk iseħħu residwi tossikoloġikament rilevanti. Residwi huma kkunsidrati bħala rilevanti jekk livell massimu ta' residwi (MRL) jew perijodu ta' stennija jew għad-dħul mill-ġdid b'sigurtà jew prekawzjoni simili huma meħtieġa,

(b) ħamrija, ilma, arja u/jew tessuti tal-ġisem jekk iseħħu residwi li huma tossikoloġikament, ekotossikoloġikament jew ambjentalment rilevanti.

2.6. *Impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali*

2.6.1. Effetti li jirriżultaw mill-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti

2.6.1.1. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata abbażi tat-tagħrif ipprovdut fil-inkartament jekk jidher li l-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għall-bnedmin jew għall-annimali li mhumiex fil-mira taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu.

2.6.1.2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-mikro-organiżmu u/jew il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-mikro-organiżmu jista', taħt il-kondizzjonijiet ta' użu rakkommandati, inkluż f'perspettiva realistika ta' l-agħar każ, jikkolonnizza jew jikkawża effetti negattivi fil-bnedmin jew fl-annimali.

Fit-teħid ta' deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodott mikrobijali għall-protezzjoni tal-pjanti, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw effetti possibbli fuq il-popolazzjonijiet umani, jiġifieri, utenti professjonali, utenti mhux professjonali u persuni esposti direttament jew indirettament minħabba l-ambjent u fuq ix-xogħol, u annimali.

2.6.1.3. Kull mikro-organiżmu għandu jkun ikkunsidrat bħala *sensitiser* potenzjali, sakemm ikun stabbilit permezz ta' informazzjoni rilevanti li ma hemm l-ebda riskju ta' sensitizzazzjoni, meħuda in kunsiderazzjoni individwi immuno-kompromessi u individwi sensittivi oħra. Awtorizzazzjoniiet mogħtija għandhom għalhekk jispeċifikaw li għandu jintlibes ilbies protettiv u ingwanti xierqa u li l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-mikro-organiżmu m'għandux jinġibed man-nifs. Barra minn dan, il-kondizzjonijiet proposti ta' użu jistgħu jeħtieġu l-użu ta' oġġetti oħra ta' lbies protettiv u tagħmir.

Fejn il-kondizzjonijiet proposti ta' użu jirrikjedu l-użu ta' oġġetti ta' lbies protettiv, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk dawk l-oġġetti huma effettivi u bi qbil mad-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti, u jistgħu jiġu miksuba faċilment mill-utenti u sakemm ikun possibbli li jintużaw fiċ-ċirkostanzi ta' użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meħuda in kunsiderazzjoni b'mod partikolari il-kondizzjonijiet klimatiċi.

2.6.1.4. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk ikun magħruf li t-trasferiment ta' materjal ġenetiku mill-mikro-organiżmu għal organiżmi oħra, jista' jwassal għal effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimal, inkluż reżistenza għal sustanzi terapewtiċi magħrufa.

2.6.1.5. Prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li, minħabba proprjetajiet partikolari, jew li, jekk jiġi wżat b'mod ħażin jew żbaljat jista' jwassal għal riskju għoli għandu jiġi soġġett għal restrizzjonijiet partikolari bħalma huma restrizzjonijiet fuq id-daqs ta' l-imballaġġ, it-tip ta' formulazzjoni, id-distribuzzjoni, l-użu jew il-mod ta' użu. Barra minn dan, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma klassifikati bħala tossiċi ħafna ma jistgħux jiġu awtorizzati għall-użu minn utenti mhux professjonali.

2.6.1.6. Il-perjodi ta' stennija u d-dħul mill-ġdid b'sigurtà jew prekawzjonijiet oħrajn iridu jiġu stabbiliti b'tali manjiera illi ma jkunu mistennija li jseħħu l-ebda kolonizzazzjoni ta', jew effetti negattivi fuq, osservaturi jew ħaddiema esposti wara l-applikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.

2.6.1.7. Il-perjodi ta' stennija u d-dħul mill-ġdid b'sigurtà jew prekawzjonijiet oħrajn iridu jiġu stabbiliti f'tali manjiera illi ma jkunu mistennija li jseħħu l-ebda kolonizzazzjoni ta' jew effetti negattivi fuq annimali.

2.6.1.8. Il-perjodi ta' stennija u ta' d-dħul mill-ġdid jew prekawzjonijiet oħrajn biex ikun żgurat li ma jknu mistennija l-ebda kolonizzazzjoni jew effetti negattivi jridu jkunu realistiċi; jekk hemm bżonn miżuri ta' prekawzjoni speċjali għandhom jiġu preskritti.

2.6.1.9. Il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni għandhom ikunu bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u -sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol ([1]), u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol ([2]). Id-data esperimentali u t-tagħrif rilevanti għall-għarfien tas-sintomi ta' l-infezzjoni jew tal-patoġeneċità u dwar l-effettività tal-miżuri ta' l-ewwel għajnuna u miżuri terapewtiċi mogħtija għandhom jiġu kkunsidrati. Il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu wkoll bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol ([3]). Il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni għandhom ikunu wkoll bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u ta' sigurtà għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([4]).

2.6.2. Effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimal li jirriżultaw minn residwi

2.6.2.1. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk ikun hemm tagħrif suffiċjenti għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-mikro-organiżmu, sabiex jiġi deċiż illi ma kien hemm l-ebda effett dannuż fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali li jirriżulta mill-espożizzjoni għall-mikro-organiżmu, it-traċċi tar-residwi tiegħu u l-metaboliti/it-tossini tiegħu li jibqgħu jew fuq il-pjanti jew prodotti tal-pjanti.

2.6.2.2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk residwi vijabbli u/jew residwi mhux vijabbli li jseħħu jirriflettu l-kwantitajiet minimi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti neċessarji sabiex jinkiseb kontroll adegwat għal prattika agrikola tajba, applikata b'tali mod (inklużi l-intervalli qabel l-ħsad ta' l-uċuħ, jew perijodi ta' stennija jew perijodi ta' ħażna) li r-residwi vijabbli u/jew tossini matul il-ħsad ta' l-uċuħ, il-qatla jew wara l-ħażna huma mnaqqsa għal minimu.

2.7. *Id-destin u l-komportament fl-ambjent*

2.7.1. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk it-tagħrif disponibbli jindika li jistgħu jinħolqu effetti ambjentali negattivi inaċċettabbli minħabba d-destin u l-komportament tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fl-ambjent.

2.7.2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-kontaminazzjoni ta' ilma taħt l-art, ilma fil-wiċċ u ilma tax-xorb hija mistennija bħala riżultat ta' l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu, jista' jikkawża interferenza mas-sistemi analitiċi għall-kontroll tal-kwalità ta' ilma tax-xorb stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE.

2.7.3. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-kontaminazzjoni ta' ilma taħt l-art mistennija bħala riżultat ta' l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu tikser jew teċċedi dak li huwa l-anqas mis-segwenti:

(a) il-parametri jew il-konċentrazzjonijiet permissibbli massimi stabbiliti mid-Direttiva 98/83/KE, jew

(b) il-parametri jew il-konċentrazzjonijiet permissibbli massimi stabbiliti għall-komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti bi qbil mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([5]), jew

---

([1]) ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.
([2]) ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.
([3]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.
([4]) ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.
([5]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru. 2455/2001/KE.

(ċ) il-parametri għall-mikro-organiżmu jew il-konċentrazzjoni massima stabbilita mill-Kummissjoni għall-komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma l-metaboliti/it-tossini rilevanti meta jkun inkluż il-mikro-organiżmu fl-Anness I, abbażi ta' data xierqa, b'mod partikolari, data tossikoloġika, jew, fejn il-konċentrazzjoni ma ġietx stabbilita, il-konċentrazzjoni li tikkorrispondi għal 1/10 ta' l-"*acceptable daily intake*"(ADI) stabbilit meta l-mikro-organiżmu kien inkluż fl-Anness I,

għajr jekk ikun ippruvat xjentifikament li taħt kondizzjonijiet rilevanti f'dan il-qasam il-parametru jew il-konċentrazzjonijiet l-aktar baxxa minnhom mhumiex miksura jew maqbuża.

2.7.4. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-kontaminazzjoni ta' ilma tal-wiċċ mistenniji bħala riżultat ta' l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti taħt il-kondizzjonijiet proposti ta' użu li:

(a) teċċedi, fejn l-ilma tal-wiċċ miż-żona jew fiż-żona ta' l-użu intiż huwa intenzjonat għall-estrazzjoni ta' ilma tax-xorb, il-parametri jew valuri stabbiliti bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilma tal-wiċċ illi huwa maħsub għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb fl-Istati Membri ([1]), jew

(b) teċċedi l-parametri jew il-valuri għall-komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma l-metaboliti/it-tossini rilevanti stabbiliti bi qbil mad-Direttiva 2000/60/KE, jew

(c) għandha impatt li huwa kkunsidrat bħala inaċċettabbli fuq speċi li mhumiex fil-mira, inklużi annimali, skond ir-rekwiżiti rilevanti previsti fil-punt 2.8.

L-istruzzjoni proposta għall-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi proċeduri għall-applikazzjoni ta' tagħmir tat-tindif, għandha tkun tali li l-possibiltà ta' kontaminazzjoni aċċidentali ta' l-ilma tal-wiċċ tiġi mnaqqsa għall-minimu.

2.7.5. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk ikun magħruf li t-trasferiment ta' materjal ġenetiku mill-mikro-organiżmu għal organiżmi oħra, jista' jwassal għal effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent.

2.7.6. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għajr jekk ikun hemm tagħrif suffiċjenti dwar il-persistenza/il-kompetittività possibbli tal-mikro-organiżmu u metaboliti/tossini sekondarji rilevanti fi jew fuq wiċċ ir-raba' taħt il-kondizzjonijiet ambjentali li jeżistu fl-użu intiż u wara l-użu intiż.

2.7.7. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk ikun mistenni li l-mikro-organiżmu u/jew il-metaboliti/it-tossini rilevanti possibbli jippersistu fl-ambjent f'konċentrazzjonijiet konsiderevolment ogħla mil-livelli naturali fl-isfond, meħuda in kunsiderazzjoni applikazzjonijiet repetuti matul is-snin, sakemm assessjar fil-fond tar-riskju jindika li r-riskji minn kumulu ta' konċentrazzjonijiet ta' plateau huma aċċettabbli.

2.8. *Effetti fuq organiżmi li mhumiex fil-mira*

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-tagħrif disponibbli huwa suffiċjenti sabiex jippermetti li tittieħed deċiżjoni dwar jekk hemmx jew le effetti li huma inaċċettabbli fuq speċi li huma fil-mira (flora u fawna), minħabba espożizzjoni għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-mikro-organiżmu wara l-użu intiż tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal effetti possibbli fuq organiżmi benefiċċjali wżati għall-kontroll bijoloġiku u organiżmi li għandhom rwol importanti f'kontroll integrat.

([1]) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 26. Direttiva li se titħassar mit-22.12.2007 bid-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

2.8.1. Fejn ikun hemm possibiltà li għasafar u vertebrati terrestri oħra li mhumiex fil-mira jiġu esposti, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata:

(a) il-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għall-għasafar u vertebrati terrestri oħra li mhumiex fil-mira,

(b) f'każ ta' effetti tossiċi minħabba komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti, ir-*ratio* ta'tossiċità/espożizzjoni hija anqas minn 10 abbażi tal-valur ta' l-*acute* $LD_{50}$ jew ir-*ratio* ta'tossiċita/espożizzjoni fuq żmien twil hija anqas minn 5, għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam ma jseħħu l-ebda effetti li huma inaċċettabbli — direttament jew indirettament — wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu.

2.8.2. Fejn ikun hemm possibiltà li organiżmi akwatiċi jiġu esposti, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata:

(a) il-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għall-organiżmi akwatiċi,

(b) f'każ ta' effetti tossiċi minħabba komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti, ir-*ratio* ta' tossiċità/espożizzjoni hija anqas minn 100 f'każ ta' tossiċità akuta ($EC_{50}$) għal daphnia u ħut u 10 għal tossiċità fuq żmien twil/kronika fuq algae ($EC_{50}$), daphnia (NOEC) u ħut (NOEC), għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam ma jseħħ l-ebda impatt li huwa inaċċettabbli fuq il-vijabilità ta' speċi esposti — direttament jew indirettament — wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu.

2.8.3. Fejn ikun ikun hemm possibiltà li naħal jiġi espost, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata:

(a) jekk il-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għan-naħal,

(b) f'każ ta' effetti tossiċi minħabba komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti, il-kwozjenti ta' perikolu għal espożizzjoni orali jew ta' kuntatt ta' naħal ta' l-għasel huma akbar minn 50, għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam ma jseħħu ebda effetti li huma inaċċettabbli fuq larvae ta' naħal ta' l-għasel, il-komportament tan-naħal, jew is-sopravivenza tal-kolonja u l-iżvilupp wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu.

2.8.4. Fejn ikun hemm possibiltà li antropodi minbarra naħal jkunu esposti, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk:

(a) il-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għal antropodi minbarra naħal,

(b) f'każ ta' effetti tossiċi minħabba komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti, għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam ma jseħħ l-ebda impatt li huwa inaċċettabbli fuq dawk l-organiżmi wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu. Kull pretensjonijiet ta' selettività u proposti għall-użu f'sistemi ta' mmaniġġjar integrati ta' pesti għandhom jiġu sustanzjati b'data xierqa.

2.8.5. Fejn ikun ikun hemm possibiltà li ħxien ikun esposti, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-mikro-organiżmu huwa patoġeniku għall-ħxien f'każ ta' effetti tossiċi minħabba komponenti fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bħalma huma metaboliti/tossini rilevanti, ir-rata tat-tossiċità/espożizzjoni akuta hija anqas minn 10, jew ir-rata tat- tossiċità/espożizzjoni għal żmien twil hija anqas minn 5, għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam il-popolazzjonijiet tal- ħniex mhumiex f'risku wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu.

2.8.6. Fejn ikun ikun hemm possibiltà li mikro-organiżmu tal-ħamrija li mhuwiex fil-mira jkun espost, l-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata jekk il-proċess ta' mineralizzazzjoni tan-nitroġeni u l-karboni fl-istudji tal-laboratorju huma affettwati b'aktar minn 25 % wara 100 jum, għajr jekk ikun stabbilit b'mod ċar permezz ta' assessjar approprjat tar-riskju li taħt il-kondizzjonijiet tal-qasam ma jkun hemm l-ebda impatt inaċċettabbli fuq il-komunità mikrobijali wara l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skond il-kondizzjonijiet proposti ta' użu, meħuda in kunsiderazzjoni l-kapaċità tal-mikro-organiżmi li jimmultiplikaw.

32005D0272

8.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 90/35

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-14 ta' Marzu 2005

## dwar il-konklużjoni ta' ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti

(2005/272/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat għan-nom tal-Komunità ftehim bilaterali dwar il-kummerċ dwar il-prodotti tat-tesssuti mar-Repubblika tas-Serbja.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat għan-nom tal-Komunità;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-tessuti huwa b'dan approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw, għan-nom tal-Komunità, il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, nhar 14 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsilll*
*Il-President*
F. BODEN

32005R0555

13.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 94/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 555/2005

## tas-17 ta' Frar 2005

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għat-tonn u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Madagaskar dwar is-sajd barra x-xtut tal-Madagaskar għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Filwaqt li:

(1) Taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Madagaskar fuq is-sajd barra x-xtut tal-Madagaskar [2], iż-żewġ partijiet innegozjaw sabiex jistabbilixxu l-emendi jew l-addizzjonijiet li għandhom isiru għall-Ftehim fl-aħħar tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

(2) B' ta' dawn in-negozjati, Protokoll ġdid li jispeċifika l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Janar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 previsti fil-Ftehim ġie inizjalat fit-8 ta' Settembru 2003.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li dan il-Protokoll jiġi appruvat.

(4) Il-metodu ta' l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi speċifikat abbażi ta' l-allokazzjoni tradizzjonali ta' l-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Ftehim tas-Sajd,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għat-tonn u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Madagaskar dwar is-sajd barra x-xtut tal-Madagaskar għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll qed jiġi mehmuż ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

Spanja: 22 bastiment

Franza: 16–il-bastiment

l-Italja: 2 bastimenti

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2004 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 73, tat-18.3.1986, p. 26.

b) bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ:

Spanja: 24 bastiment

Franza: 10 bastimenti

Il-Portugall: 6 bastimenti

Jekk l-applikazzjonijiet għal liċenzi minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tieħu in konsiderazzjoni applikazzjonijiet għal liċenzi minn kull Stat Membru ieħor.

*Artikolu 3*

Stati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu taħt dan il-Protokoll huma obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' kull stokk meħud fiż-żona tas-sajd Malagaska skond il-ftehim stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħuda mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa ([1]).

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat sabiex jaħtar il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll sabiex jorbtu lill-Komunità.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

([1]) ĠU L 73, tal-15.3.2001, p. 8.

## AGREEMENT IN THE FORM OF AN EXCHANGE OF LETTERS

## concerning the provisional application of the Protocol defining for the period 1 January 2004 to 31 December 2006 the Tuna fishing opportunities and the financial contribution provided for in the agreement between the European Economic Community and the Democratic Republic of Madagascar on fishing off Madagascar

A. *Letter from the Government of Madagascar*

Sir,

With reference to the Protocol initialled on 8 September 2003 in Antananarivo defining the tuna fishing opportunities and the financial contribution for the period 1 January 2004 to 31 December 2006, I have the honour to inform you that the Government of the Republic of Madagascar is prepared to apply this Protocol on a provisional basis with effect from 1 January 2004, pending its entry into force in accordance with Article 7 of the said Protocol, provided the Community is prepared to do likewise.

It is understood that, this being the case, the financial compensation provided for in Article 2 of the Protocol is to be paid before 30 September 2004.

I should be obliged if you would confirm the Community's agreement to such provisional application.

Please accept, Sir, the assurance of my highest consideration.

*For the Government of the Republic of Madagascar*

B. *Letter from the Community*

Sir,

I have the honour to acknowledge receipt of your letter of today's date which reads as follows:

> 'With reference to the Protocol initialled on 8 September 2003 in Antananarivo defining the tuna fishing opportunities and the financial contribution for the period 1 January 2004 to 31 December 2006, I have the honour to inform you that the Government of the Republic of Madagascar is prepared to apply this Protocol on a provisional basis with effect from 1 January 2004, pending its entry into force in accordance with Article 7 of the said Protocol, provided the Community is prepared to do likewise.
>
> It is understood that, this being the case, the financial compensation provided for in Article 2 of the Protocol is to be paid before 30 September 2004.
>
> I should be obliged if you would confirm the Community's agreement to such provisional application.'

I have the honour to confirm the Community's agreement to such provisional application.

Please accept, Sir, the assurance of my highest consideration.

*On behalf of the Council of the European Union*

# PROTOCOL

## defining for the period 1 January 2004 to 31 December 2006 the Tuna fishing opportunities and the financial contribution provided for in the agreement between the European Economic Community and the Democratic Republic of Madagascar on fishing off Madagascar

*Article 1*

1. Under Article 2 of the Agreement, licences authorising fishing in the Malagasy fishing zone shall be granted to 40 freezer tuna seiners and 40 surface longliners for a period of three years beginning on 1 January 2004.

In addition, at the request of the Community, certain permits may be granted to other categories of fishing vessel under conditions to be defined within the Joint Committee referred to in Article 9 of the Agreement.

2. Vessels flying the flag of a Member State of the European Community may fish for tuna in Madagascar's fishing zone only if they are in possession of a fishing licence issued under this Protocol in accordance with the arrangements described in the Annex.

*Article 2*

1. The financial contribution referred to in Article 7 of the Agreement shall be fixed at EUR 825 000 per year, comprising EUR 320 000 in financial compensation, to be paid not later than 30 September for the first year and 30 April for the second and third years, and EUR 505 000 for the measures referred to in Article 3 of this Protocol.

However, the financial compensation to be paid for the first year of application of the Protocol (1 January 2004 to 31 December 2004) shall be EUR 196 385 following deduction of the amount already paid under the preceding Protocol in respect of the period 1 January 2004 to 20 May 2004.

2. The financial contribution shall cover an annual catch of 11 000 tonnes of tuna in Malagasy waters; if the tuna caught by Community vessels in the Malagasy fishing zone exceeds this weight, the amount referred to above shall be proportionately increased. However, the total amount of the financial contribution paid by the Community shall not be more than twice the amount indicated in paragraph 1.

3. The financial compensation shall be paid into an account opened with the Public Treasury, to be specified by the Malagasy authorities.

*Article 3*

1. In order to guarantee the development of sustainable, responsible fisheries, the two parties shall in their mutual interest encourage a partnership aimed at promoting in particular: enhanced knowledge of fisheries resources and biological resources, fisheries inspection, development of non-industrial fishing, fishing communities and training.

2. From the financial contribution provided for in Article 2(1), the measures set out below shall be funded to the tune of EUR 505 000 per year, broken down as follows:

(a) EUR 90 000 for Malagasy scientific programmes to improve knowledge of fisheries resources and ensure sustainable management thereof. At the request of the Government of Madagascar, this contribution may take the form of assistance with expenses associated with international meetings to improve such knowledge, as well as management of fisheries resources.

(b) EUR 267 000 towards a system of fisheries monitoring, inspection and surveillance.

(c) EUR 60 000 for the financing of study grants and training courses and for the training of seamen.

(d) EUR 68 000 for assistance with the development of traditional fisheries.

(e) EUR 20 000 towards the management of observers.

3. The amounts referred to in points (a), (b), (d) and (e) shall be paid to the Ministry responsible for fisheries after a detailed annual programme, including a schedule and the objectives set for each of these targeted measures, has been presented to the Commission and no later than 30 September 2004 for the first year and 30 April for the second and third years; they shall be paid into the bank accounts of the relevant Malagasy authorities. The annual programme must reach the Commission by 31 July 2004 for the first year and by 28 February for the following years. However, for the first year, the programme must cover only the period 21 May 2004 to 31 December 2004.

The Commission reserves the right to request the Ministry responsible for fisheries for any additional information which may be considered necessary.

4. The amounts referred to at (c) shall be disbursed to the Ministry responsible for fisheries and paid, as the funds are used, into the bank accounts indicated by it.

5. The relevant Malagasy authorities shall send the Commission an annual report on the use of the funds allocated to the measures provided for in paragraph 2, and on the implementation of those measures and the results achieved, not later than 31 March of the following year. The Commission reserves the right to request the Ministry responsible for fisheries for any additional information. In the light of the actual implementation of those measures and after consulting the relevant Malagasy authorities in the context of a meeting of the Joint Committee provided for in Article 9 of the Agreement, the Commission may review the payments concerned.

*Article 4*

Should the European Community fail to make the payments provided for in Articles 2 and 3, Madagascar may suspend application of this Protocol.

*Article 5*

If serious circumstances, with the exception of natural phenomena, prevent the exercise of fishing activities in Madagascar's fishing zone, payment of the financial contribution may be suspended by the European Community following prior consultations between the two parties.

Payment of the financial contribution shall be resumed as soon as normality is restored and after consultations between the two parties confirm that the situation is likely to permit a return to fishing activities.

The validity of the licences granted to Community vessels under Article 4 of the Agreement shall be extended by a period equal to the period during which fishing activities were suspended.

*Article 6*

The Annex to the Agreement between the European Economic Community and the Democratic Republic of Madagascar on fishing off Madagascar is hereby repealed and replaced by the Annex to this Protocol.

*Article 7*

This Protocol shall enter into force on the date of its signing.

It shall apply from 1 January 2004.

*ANNEX*

**CONDITIONS GOVERNING TUNA-FISHING ACTIVITIES BY EUROPEAN COMMUNITY VESSELS IN THE MALAGASY FISHING ZONE**

1. *LICENCE APPLICATION AND ISSUING FORMALITIES*

The procedure for applying for and issuing licences authorising Community vessels to fish in Malagasy waters shall be as follows:

(a) Through its representative in Madagascar, the Commission shall present simultaneously to the Malagasy authorities:

— A licence application for each vessel, completed by owners wishing to fish under this Agreement, no later than 1 December preceding the year of validity of the licence.

By way of derogation from the above provision, vessel-owners who have not submitted a licence application prior to 1 December may do so during the calendar year under way no later than 30 days before the start of the fishing activities. In such cases, vessel owners shall pay the entire fees due for the full year in accordance with point 2(b).

— An annual application for prior authorisation to enter Malagasy territorial waters; such authorisation shall be valid for the duration of the licence.

Licence applications shall be made on the form provided by Madagascar for this purpose, in accordance with the specimen given in Appendix 1; they shall be accompanied by proof of payment of the advance chargeable to the vessel-owner.

(b) Licences shall be issued for a specific vessel and shall not be transferable.

However, at the request of the Commission and in cases of *force majeure*, a vessel's licence shall be replaced by a new licence for another vessel whose features are similar to those of the vessel to be replaced. The owner of the vessel being replaced shall return the cancelled licence to the Malagasy Ministry responsible for sea fisheries via the Commission Delegation in Madagascar.

Γενική Δ/νση Σχεδιασμού και Διαχείρισης Πολιτικής
Κορνάρου 1
GR-101 80 Αθήνα
Τηλ.: + 30 210 3286401-3
Φαξ: + 30 210 3286404

**SPANJA**

Dirección General del Tesoro y Política Financiera
Subdirección General de Inspección y control de Movimiento y Capitales
Ministerio de Economía
Paseo del Prado, 6
E-28014 Madrid
Tel. (34) 912 09 95 11

Subdirección General de Inversiones Exteriores
Ministerio de Industria Comercio y Turismo
Paseo de la Castellana, 162
E-28046 Madrid
Tel. (34) 913 49 39 83

**FRANZA**

Ministère de l'économie, des finances et de l'industrie
Direction générale du Trésor et de la politique économique
Service des affaires multilatérales et du développement
Sous-direction Politique commerciale et investissements
Service Investissements et propriété intellectuelle
139, rue du Bercy
75572 Paris Cedex 12
Tél.: (33) 1 44 87 72 85
Fax: (33) 1 53 18 96 55

Ministère des affaires étrangères
Direction générale des affaires politiques et de sécurité
Direction des Nations Unies et des organisations internationales
Sous-direction des affaires politiques
Tél.: (33) 1 43 17 59 68
Télécopie (33) 1 43 17 46 91
Service de la politique étrangère et de sécurité commune
Tél.: (33) 1 43 17 45 16
Fax: (33) 1 43 17 45 84

**L-IRLANDA**

United Nations Section
Department of Foreign Affairs,
Iveagh House
79-80 Saint Stephen's Green
Dublin 2.
Telephone + 353 1 478 0822
Fax + 353 1 408 2165

Central Bank and Financial Services Authority of Ireland
Financial Markets Department
Dame Street
Dublin 2.
Telephone + 353 1 671 6666
Fax + 353 1 679 8882

**L-ITALJA**

Ministero degli Affari Esteri
Piazzale della Farnesina, 1 - 00194 Roma
D.G.A.S. - Ufficio I
Tel. (39) 06 3691 7334
Fax. (39) 06 3691 5446

Ministero dell'Economia e delle Finanze
Dipartimento del Tesoro
Comitato di Sicurezza Finanziaria
Via XX Settembre, 97 - 00187 Roma
Tel. (39) 06 4761 3942
Fax. (39) 06 4761 3032

**ĊIPRU**

Ministry of Commerce, Industry and Tourism
6 Andrea Araouzou
1421 Nicosia
Tel: +357 22 86 71 00
Fax: +357 22 31 60 71

Central Bank of Cyprus
80 Kennedy Avenue
1076 Nicosia
Tel: +357 22 71 41 00
Fax: +357 22 37 81 53

Ministry of Finance (Department of Customs)
M. Karaoli
1096 Nicosia
Tel: +357 22 60 11 06
Fax: +357 22 60 27 41/47

**IL-LATVJA**

Latvijas Republikas Ārlietu ministrija
Brīvības iela 36
Rīga LV 1395
Tālr. nr.: (371) 7016 201
Fakss: (371) 7828 121

**IL-LITWANJA**

Financial Crime Investigation Service under the Ministry of Interior of the Republic of Lithuania
Šermukšnių g. 3
01106
Vilnius
Tel.: +370 5 271 74 47
Fax: +370 5 262 18 26

**IL-LUSSEMBURGU**

Ministère des Affaires étrangères et de l'Immigration
Direction des Relations économiques internationales
5, rue Notre-Dame
L- 2240 Luxembourg
Tél: (352) 478 2346
Fax: (352) 22 20 48

Ministère des Finances
3, rue de la Congrégation
L-1352 Luxembourg
Tél: (352) 478 2712
Fax: (352) 47 52 41

**L-UNGERIJA**

Országos Rendõrfõkapitányság
1139 Budapest, Teve u. 4-6.
Magyarország
Tel./fax: +36-1-443-5554

Pénzügyminisztérium
1051 Budapest, József nádor tér 2-4
Magyarország
Postafiók: 1369 Pf.:481
Tel.: +36-1-318-2066, +36-1-327-2100
Fax: +36-1-318-2570, +36-1-327-2749

**MALTA**

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet
Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Palazzo Parisio
Triq il-Merkanti
Valletta CMR 02
Tel: +356 21 24 28 53
Fax: +356 21 25 15 20

**L-OLANDA**

De Minister van Financiën
De Directie Financiële Markten/Afdeling Integriteit
Postbus 20201
2500 EE DEN HAAG
Fax: 070 - 342 7984
Tel: 070 - 342 8997

**L-AWSTRIJA**

Oesterreichische Nationalbank
Otto Wagner Platz 3
A-1090 Wien
Tel (+43-1) 404 20 – 0
Fax (+43-1) 404 20 - 7399

**IL-POLONJA**

L-awtorità prinċipali
Ministry of Finance
General Inspector of Financial Information (GIFF)
ul. Świętokrzyska 12
00-916 Warsaw
Poland
Tel. (+48 22) 694 59 70
Fax. (+48 22) 694 54 50

L-Awtorità ta' kordinazzjoni
Ministry of Foreign Affairs
Department of Law and Treaties
Al. J. Ch. Szucha 23
00-580 Warsaw
Poland
Tel. (+48 22) 523 9427 or 9348
Fax. (+48 22) 523 8329

**IL-PORTUGALL**

Ministério dos Negócios Estrangeiros
Direcção Geral dos Assuntos Multilaterais
Largo do Rilvas
P-1350-179 Lisboa
Tel (351) 21 3946702
Fax (351) 21 3946073

Ministério das Finanças
Direcção-Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais
Avenida Infante D. Henrique nº 1, C, 2º
P 1100 Lisboa
Tel (351) 218823390/8
Fax (351) 218823399

**IS-SLOVENJA**

Ministry of Foreign Affairs
Prešernova 25
SI- 1000 Ljubljana
Phone: 00386 1 4782000
Fax: 00386 1 4782341

Ministry of the Economy
Kotnikova 5
SI - 1000 Ljubljana
Phone: 00386 1 4783311
Fax: 00386 1 4331031

Ministry of Defence
Kardeljeva pl. 25
SI - 1000 Ljubljana
Phone 00386 1 4712211
Fax: 00386 1 4318164

**IS-SLOVAKKJA**

Ministerstvo zahraničných vecí Slovenskej republiky
Hlboká cesta 2
83336 Bratislava
Tel: 00421/2/5978 1111
Fax: 00421/2/5978 3649

Ministerstvo financií Slovenskej republiky
Štefanovičova 5
P. O. BOX 82
817 82 BRATISLAVA
Tel.: 00421/2/5958 1111
Fax: 00421/2/5249 8042

**IL-FINLANDJA**

Ulkoasiainministeriö/Utrikesministeriet
PL/PB 176
FIN-00161 Helsinki/Helsingfors
P./Tfn (358-9) 16 00 5
Faksi/Fax (358-9) 16 05 57 07

**L-ISVEZJA**

Artikoli 3, 4 u 5

Försäkringskassan
103 51 Stockholm
Tel. (46-8) 786 90 00
Fax (46-8) 411 27 89

Artikoli 7 u 8
Finansinspektionen
Box 6750
113 85 Stockholm
Tel. (46-8) 787 80 00
Fax (46-8) 24 13 35

**IR-RENJU UNIT**

HM Treasury
Financial Systems and International Standards
1, Horse Guards Road
London SW1A 2HQ
United Kingdom
Tel. +44 (0) 20 7270 5977
Fax. +44 (0) 20 7270 5430

Bank of England
Financial Sanctions Unit
Threadneedle Street
London EC2R 8AH
United Kingdom
Tel. +44 (0) 20 7601 4607
Fax. +44 (0) 20 7601 4309

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

European Commission
DG External Relations
Directorate A: Common Foreign and Security Policy (CFSP) and European Security and Defence Policy (ESDP): Commission Coordination and contribution
Unit A 2: Legal and institutional matters, CFSP Joint Actions, Sanctions, Kimberley Process
Tel. (32 2) 295 55 85
Fax (32 2) 296 75 63

22005D0297

L 95/44 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.4.2005

# DEĊIŻJONI Nru 1/2005 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE

(2005/297/KE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Shubija AKP-KE ffirmat f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000, u b'mod partikolari, l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi

(1) bid-Deċiżjoni Nru 1/2001 tat-30 ta' Jannar 2001 il-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE adotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE b'delega ta' poter;

(2) Billi ċerti emendi huma neċessarji biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda ma' l-Unjoni Ewropea;

(3) Billi fid-29 sessjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE, li nżamm f'Gaborone, Botswana fis-6 ta' Mejju 2004, ittieħdet id-deċiżjoni biex jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura għaldaqstant;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Dati u postijiet tal-laqgħat**

1. Kif previst fl-Artikolu 15(1) tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim AKP-KE", il-Kunsill tal-Ministri AKP-KE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill", għandu normalment jiltaqa' darba fis-sena, u kull meta meħtieġ fuq talba ta' wieħed mill-partijiet.

2. Il-Kunsill għandu jitlaqqa' mill-President. Id-dati tal-laqgħat tiegħu għandhom ikunu stabbiliti bi qbil komuni bejn il-partijiet.

3. Il-Kunsill għandu jiltaqa' jew fejn is-soltu jinżammu l-laqgħat tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jew fis-sede tas-Segretarjat tal-Grupp ta' Stati AKP jew f'belt ta' wieħed mill-Istati AKP, skond id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill.

*Artikolu 2*

**Aġenda tal-laqgħat**

1. L-aġenda proviżorja għal kull laqgħa għandha titfassal mill-President. Din għandha tiġi kkomunikata lill-membri l-oħra tal-Kunsill mill-inqas 30 ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda provviżorja għandha tikkonsisti f'dawk il-punti li l-President ikun irċieva talba għall-inklużjoni tagħhom mill-inqas 30 ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa.

Il-punti li jidhru fuq l-aġenda provviżorja għandhom ikunu dawk li dwarhom tkun ġiet trasmessa dokumentazzjoni lis-Segretarjat tal-Kunsill fil-ħin biex tilħaq tintbagħat lill-membri tal-Kunsill u lill-membri tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", mill-inqas 21 ġurnata qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kunsill fil-bidu ta' kull laqgħa. F'każijiet urġenti l-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq it-talba ta' l-Istati AKP jew tal-Komunità, li jinkludi fuq l-aġenda punti li għalihom ma jkunux ġew osservati l-limiti taż-żmien stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. L-aġenda provviżorja tista' tinqasam f'Parti A, Parti B u Parti Ċ.

Il-punti mdaħħla f'Parti A għandhom ikunu dawk li jistgħu jiġu approvati mill-Kunsill mingħajr diskussjoni.

Il-punti mdaħħla f'Parti B huma dawk il-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu diskussi mill-Kunsill qabel jiġu approvati.

Il-punti mdaħħla f'Parti Ċ għandhom jiġu diskussi fi skambju informali ta' fehmiet.

*Artikolu 3*

**Proċedimenti**

1. Skond l-Artikolu 15(3) tal-Ftehim AKP-KE, il-Kunsill tal-Ministri għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim komuni tal-Partijiet.

2. Il-proċedimenti tal-Kunsill għandhom ikunu validi biss jekk mill-inqas nofs il-membri tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") u żewġ terzi tal-membri li jirrappreżentaw il-Gvernijiet ta' l-Istati AKP ikunu preżenti.

3. Il-membri kollha tal-Kunsill li ma jkunux jistgħu jattendu jistgħu jkunu rappreżentati. F'dan il-każ dawn għandhom jinfurmaw lill-President u għandhom jindikaw il-persuna jew id-delegazzjoni awtorizzata biex tirrapreżentahom. Ir-rappreżentant għandu jeżerċita d-drittijiet kollha tal-membru li ma jistax jattendi.

4. Il-membri tal-Kunsill jistgħu jkunu akkumpanjati minn konsulenti biex jassistuhom.

5. Il-kompożizzjoni ta' kull delegazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-President qabel il-bidu ta' kull sessjoni.

6. Rappreżentant tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bank", għandu jkun preżenti għassessjonijiet tal-Kunsill meta kwistjonijiet mill-oqsma li jikkonċernaw il-Bank ikunu fuq l-aġenda.

*Artikolu 4*

**Proċeduri bil-Miktub**

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jieħu deċiżjonijiet b'korrispondenza fuq kwistjonijiet urġenti. Approvazzjoni għal din il-proċedura tista' tinkiseb waqt laqgħa tal-Kunsill jew fi ħdan il-Kumitat.

Fl-istess ħin li tiġi deċiża din il-proċedura, jista' jiġi stipulat limitu ta' żmien li fih jeħtieġ li jingħataw ir-risposti. Meta jiskadi dan il-limitu ta' żmien, il-President tal-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq bażi ta' rapport miż-żewġ Segretarji tal-Kunsill, jekk, fid-dawl tar-risposti rċevuti, jistax jiġi kkunsidrat li ntlaħaq qbil komuni.

*Artikolu 5*

**Kumitati u Gruppi ta' Ħidma**

Il-Kunsill jista' jwaqqaf kumitati jew gruppi ta' ħidma biex iwettqu xogħol li hu jikkunsidra bħala meħtieġ, u b'mod partikolari biex jippreparaw il-proċedimenti tiegħu fejn xieraq f'oqsma ta' kooperazzjoni jew aspetti speċifiċi tas-Sħubija.

Is-superviżjoni tax-xogħol ta' dawn il-kumitati u gruppi ta' ħidma tista' tiġi delegata lill-Kumitat.

*Artikolu 6*

**Subgruppi Ministerjali**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5, il-Kunsill jista', matul il-laqgħat tiegħu, jiddelega t-tħejjija tal-proċedimenti u l-konklużjonijiet tiegħu dwar punti speċifiċi fuq l-aġenda lil subgruppi ta' ministri komposti fuq bażi ta' parità.

*Artikolu 7*

**Kumitati Ministerjali**

1. Skond l-Artikolu 83 tal-Ftehim AKP-KE, qiegħed jiġi b'dan stabbilit il-Kumitat għall-Kooperazzjoni ta' Finanzjament għall-Iżvilupp ta' l-AKP-KE. Il-Kunsill għandu jadotta r-regoli ta' proċedura għal dan il-Kumitat.

2. Il-Kunsill għandu jeżamina kwistjonijiet dwar il-politika tal-kummerċ u rapporti mill-Kumitat Ministerjali Konġunt għall-Kummerċ AKP-KE stabbilit bl-Artikolu 38 tal-Ftehim AKP-KE..

*Artikolu 8*

**Stati li jattendu bi status ta' osservaturi**

1. Ir-Rappreżentanti ta' l-Istati firmatarji tal-Ftehim AKP-KE, li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ikunu għadhom ma temmewx il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 93(1) u (2) tiegħu, jistgħu jattendu s-sessjonijiet tal-Kunsill bħala osservaturi. Jistgħu f'dan il-każ jiġu awtorizzati li jieħdu sehem fid-dibattiti tal-Kunsill.

2. L-istess regola għandha tapplika għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 93(6) tal-Ftehim AKP-KE.

3. Il-Kunsill jista' jawtorizza rappreżentanti ta' pajjiż applikant għas-shubija fil-Ftehim AKP-KE biex jieħdu sehem fil-proċedimenti tal-Kunsill bħala osservaturi.

*Artikolu 9*

**Kunfidenzjalità u pubblikazzjonijiet uffiċjali**

1. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill m'għandhomx ikunu pubbliċi. Aċċess għal-laqgħat tal-Kunsill għandu jirrikjedi pass.

2. Mingħajr preġudizzju għal tali dispożizzjonijiet oħra applikabbli, id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill għandhom ikunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor.

3. Kull parti tista' tiddeċiedi li tippubblika d-deċiżjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tal-Kunsill fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali rispettivi tagħhom.

*Artikolu 10*

**Djalogu ma' atturi mhux governattivi**

1. Il-Kunsill jista' jistieden rappreżentanti ekonomiċi u soċjali tas-soċjetà ċivili fl-Istati ta' l-AKP u ta' l-Unjoni Ewropea biex jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet fil-marġni tal-laqgħat ordinarji tiegħu bl-iskop li jinfurmahom u li jisma' l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom dwar punti fuq l-aġedna.

2. L-iskambji ta' fehmiet mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu organizzati mis-Segretarjat tal-Kunsill. Dan jista' jiddelega dan il-kompitu, bi ftehim mal-Kummissjoni, lil organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari, is-Segretarjat tal-Kunsill jista' jiddelega xogħol konness ma' skambji ta' fehmiet ma' rappreżentanti ekonomiċi u soċjali tas-soċjetà ċivili ta' l-AKP u l-UE lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

3. Il-punti fuq l-aġenda li għandhom jiġu diskussi ma' atturi mhux governattivi għandhom jiġu deċiżi mill-President, waqt li jaġixxi fuq proposta mis-Segretarjat tal-Kunsill. Dawn għandhom jiġu kkomunikati lill-membri l-oħra tal-Kunsill fl-istess ħin bħall-aġenda provviżorja għal kull laqgħa.

*Artikolu 11*

**Organizzazzjonijiet Reġjonali u Sub-reġjonali**

Organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali ta' l-AKP jistgħu jkunu rappreżentati f'laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitat bħala osservaturi, soġġett għall-qbil minn qabel mill-Kunsill.

*Artikolu 12*

**Komunikazzjonijiet u minuti tal-laqgħat**

1. Il-komunikazzjonijiet kollha previsti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu trasmessi permezz tas-Segretarjat tal-Kunsill lir-rappreżentanti ta' l-Istati AKP, lis-Segretarjat tal-Grupp ta' Stati AKP, lir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni.

Tali komunikazzjonijiet għandhom jintbagħatu wkoll lill-President tal-Bank meta dawn jikkonċernaw il-Bank.

2. Għandhom jinżammu minuti ta' kull laqgħa, li jinnutaw b'mod partikolari d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill.

Wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President Attwali u miż-żewġ Segretarji tal-Kunsill u għandhom jinżammu fl-arkivji tal-Kunsill. Kopja tal-minuti għandha tintbagħat lid-destinatarji msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 13*

**Dokumentazzjoni**

Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-Kunsill għandu jmexxi d-deliberazzjonijiet tiegħu abbażi ta' dokumenti mfassla bil-lingwi uffiċjali tal-partijiet.

*Artikolu 14*

**Forma ta' l-Atti**

1. Id-deċiżjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 15(3) tal-Ftehim AKP-KE, għandhom jinqasmu f'artikoli.

Dawn għandhom jiġu konklużi bil-formula "Magħmula fi ...", "[data]", bid-data tkun id-data ta' l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill.

2. Id-deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 15(3) tal-Ftehim AKP-KE, għandhom jiġu intitolati "Deċiżjoni", segwiti b'numru tas-serje, data ta' adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

Id-deċiżjonijiet għandhom jispeċifikaw d-data li fiha għandhom jidħlu fis-seħħ. Huma għandhom jinkorporaw is-sentenza li ġejja: "L-Istati ta' l-AKP, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jiġu mitluba, kull wieħed għalih, biex jieħdu l-passi neċessarji biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni".

3. Ir-riżoluzzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 15(3) tal-Ftehim AKP-KE, għandhom jiġu intitolati "Riżoluzzjoni", "Dikjarazzjoni", "Rakkomandazzjoni" jew "Opinjoni", segwiti b'numru tas-serje, data ta' adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

4. Atti adottati mill-Kunsill għandhom jiġu ffirmati mill-President u għandhom jinżammu fl-arkivji tal-Kunsill.

L-atti għandhom jiġu trasmessi, permezz taż-żewġ Segretarji tal-Kunsill, lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 12(1).

*Artikolu 15*

## Presidenza

Il-kariga ta' President tal-Kunsill għandha tinżamm b'mod alternat kif gej:

— mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru minn membru tal-Gvern ta' Stat ta' l-AKP,

— mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu minn membru tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 16*

## Il-Kumitat

1. Il-Kunsill jista' jiddelega uħud mill-poteri tiegħu lill-Kumitat skond l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim AKP-KE.

2. Il-kondizzjonijiet li taħthom jiltaqa' l-Kumitat għandhom ikunu stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

3. Il-Kumitat għandu jkun responsabbli għat-tħejjijiet tal-laqgħat tal-Kunsill u għat-twettieq ta' kwalunkwe mandat li l-Kunsill jista' jafdalu.

*Artikolu 17*

## Parteċipazzjoni fl-Assemblea Parlamentari Konġunta

Meta l-Kunsill jattendi laqgħat ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta għandu jkun rappreżentat mill-President tiegħu.

F'każ li l-President ma jkunx jista' jattendi, hu għandu jaħtar il-membru li jkun ser jieħu postu.

*Artikolu 18*

## Konsistenza fil-politika Komunitarja u l-impatt fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim AKP-KE

1. Meta l-Istati AKP jitolbu konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 12 tal-Ftehim AKP-KE, dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jinżammu fil-pront, bħala regola ġenerali fi żmien ħmistax-il jum mit-talba.

2. Il-korp responsabbli jista' jkun il-Kunsill, il-Kumitat, wieħed miż-żewġ Kumitati Ministerjali msemmija fl-Artikolu 7, jew Grupp ta' Ħidma *ad hoc*.

*Artikolu 19*

## Segretarjat

Is-Segretarjat tal-Kunsill u tal-Kumitat, għandu jitmexxa b'mod konġunt minn żewġ Segretarji.

Dawn iż-żewġ Segretarji għandhom jinħatru wara konsultazzjoni konġunta, wieħed mill-Istati ta' l-AKP u l-ieħor mill-Komunità.

Is-Segretarji għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'indipendenza sħiħa bi ħsieb biss fl-interessi tal-Ftehim u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi Gvern, organizzazzjoni jew awtorità għajr il-Kunsill u l-Kumitat.

Korrispondenza intenzjonata għall-Kunsill għandha tintbagħat lill-President tiegħu fis-sede tas-Segretarjat tal-Kunsill.

*Artikolu 20*

Id-Deċiżjoni preżenti tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 1/2001 tat-30 ta' Jannar 2001 tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-KE*

*Il-President*

J. ASSELBORN

22005D0298

L 95/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.4.2005

# DEĊIŻJONI Nru 2/2005 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ Ministerjali Konġunt AKP-KE

(2005/298/KE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 38(3) tiegħu,

Billi:

(1) l-Artikolu 38(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ Ministerjali Konġunt.

(2) Billi b'Deċiżjoni Nru 4/2001 ta' l-24 ta' April 2001 il-Kumitat ta' Ambaxxaturi AKP-KE adotta r-Regoli ta' Proċedura ta' dak il-Kumitat bid-delegazzjoni ta' setgħat,

(3) Billi ċerti emendi huma meħtieġa biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda lill-Unjoni Ewropea;

(4) Billi fid-29 sessjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE, li saret fi Gaborone, il-Botswana fis-6 ta' Mejju 2004, ittieħdet id-deċiżjoni biex jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Kompożizzjoni**

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ Ministerjali Konġunt, minn issa 'l quddiem msejjaħ "il-Kumitat tal-Kummerċ", għandu jkun magħmul, min-naħa waħda, minn ministru minn kull Stat Membru tal-Komunità Ewropea u membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u, min-naħa l-oħra, abbażi ta' parità, minn ministri mill-Istati AKP.

2. Kull parti għandha tikkomunika l-ismijiet tar-rappreżentanti tagħha lis-Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ.

3. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi numru ta' gruppi iżgħar, magħmula minn numru indaqs ta' membri ta' l-AKP u l-KE tal-Kumitat inkluż membru tal-Kummissjoni, sabiex jitfasslu rakkomandazzjonijiet dwar oqsma speċifiċi msemmija fl-Artikolu 12(1).

*Artikolu 2*

**Presidenza**

Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jkun ippresedut, għal perijodu ta' sitt xhur, mill-membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej f'isem il-Komunità Ewropea, u minn rappreżentant ta' l-Istati AKP. L-ewwel President għandu jkun rappreżentant ta' l-Istati AKP.

*Artikolu 3*

**Laqgħat**

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiltaqa' mill-inqas darba f'sena jew iktar frekwenti fuq talba ta' kwalunkwe parti.

2. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiltaqa' jew fejn isiru s-soltu l-laqgħat tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jew fis-sedja tas-Segretarjat tal-Grupp ta' l-Istati ta' l-AKP, jew f'belt ta' wieħed mill-Istati AKP, skond id-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Kummerċ.

3. Il-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ għandhom jissejħu mill-President tiegħu.

4. Il-proċedimenti tal-Kumitat tal-Kummerċ għandhom ikunu validi biss jekk maġġoranza tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, membru tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u maġġoranza tar-rappreżentanti ta' l-Istati AKP li huma membri tal-Kumitat huma preżenti.

*Artikolu 4*

**Rappreżentazzjoni**

1. Il-membri tal-Kumitat tal-Kummerċ jistgħu jiġu rappreżentati jekk huma miżmuma milli jattendu laqgħa.

2. Membru li jixtieq ikun hekk rrappreżentat għandu jinnotifika lill-President bl-isem tar-rappreżentant tiegħu qabel il-laqgħa.

3. Ir-rappreżentant ta' membru tal-Kumitat tal-Kummerċ għandu jeżerċita d-drittijiet kollha ta' dak il-membru.

*Artikolu 5*

**Delegazzjonijiet**

1. Il-membri tal-Kumitat tal-Kummerċ jistgħu jiġu akkumpanjati minn uffiċjali responsabbli għal kwistjonijiet ta' kummerċ.

2. Qabel kull laqgħa, il-President għandu jkun infurmat bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull parti.

3. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista', bi ftehim bejn il-partijiet, jistieden in-non-membri jattendu l-laqgħat tiegħu.

4. Rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet reġjonali jew sub-reġjonali tal-AKP impenjati fi proċess ta' integrazzjoni ekonomika jistgħu jattendu l-laqgħat bħala osservaturi, soġġett għal approvazzjoni minn qabel tal-Kumitat tal-Kummerċ.

*Artikolu 6*

**Segretarjat**

Is-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE għandu jaġixxi bħala Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ.

*Artikolu 7*

**Dokumenti**

Is-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment tad-dokumenti kollha meħtieġa għal-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ.

Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ huma bbażati fuq dokumenti bil-miktub, tali dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċirkolati bħala dokumenti tal-Kumitat tal-Kummerċ mis-Segretarjat tiegħu.

*Artikolu 8*

**Korrispondenza**

1. Il-korrispondenza kollha indirizzata lill-Kumitat tal-Kummerċ jew lill-President tiegħu għandha tiġi mibgħuta lis-Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza hi mibgħuta lill-indirizzati tiegħu, u, fil-każ ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 7, lil membri oħra tal-Kumitat tal-Kummerċ. Korrispondenza ċirkolata għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, lir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u lill-missjonijiet diplomatiċi tar-rappreżentanti ta' l-Istati AKP.

*Artikolu 9*

**Pubbliċità**

Sakemm ma jiġix deċiż xort'oħra, il-Kumitat tal-Kummerċ m'għandux ikun pubbliku.

*Artikolu 10*

**Aġenda għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa. Is-Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ għandu jibgħatha lill-indirizzati mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi l-punti li fir-rigward tagħhom il-President irċieva talba għall-inklużjoni fl-aġenda mill-parti l-oħra mhux iktar tard minn 21 jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Is-Sub-Kumitat AKP-KE dwar il-Kooperazzjoni tal-Kummerċ jista' jippreżenta wkoll talba biex punti jiġu inklużi fl-aġenda. F'dan il-każ, il-Ko-President tas-Sub-Kumitat imsemmi għandu jiġi mistieden jieħu sehem fil-laqgħa.

3. Fil-ftehim mal-partijiet, it-termini ta' żmien stabbiliti jistgħu jiġu mqassra sabiex jittieħed kont tal-ħtiġiet tal-każ partikolari.

4. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-Kummerċ fil-bidu ta' kull laqgħa.

*Artikolu 11*

**Minuti**

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandhom jitfasslu malajr kemm jista' jkun b'mod konġunt mas-Segretarjat.

2. Bħala regola ġenerali, il-minuti għandhom jindikaw, rigward kull punt fuq l-aġenda:

(a) id-dokumentazzjoni sottomessa lill-Kumitat tal-Kummerċ;

(b) id-dikjarazzjonijiet li d-dħul tagħhom ġie mitlub minn membru tal-Kumitat tal-Kummerċ;

(ċ) ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.

3. Il-minuti għandhom jinkludu lista ta' membri tal-Kumitat tal-Kummerċ jew ir-rappreżentanti tagħhom li ħadu sehem fil-laqgħa.

4. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi sottomess lill-Kumitat tal-Kummerċ għal approvazzjoni fil-laqgħa li jkun imiss. L-abbozz ta' minuti jista' anke jkun miftiehem bil-miktub miż-żewġ partijiet. Meta l-minuti jkunu ġew approvati, żewġ kopji identiċi awtentiċi tagħhom għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarjat u ppreżentati mill-partijiet. Kopja tal-minuti għandha tintbagħat lil kull indirizzat imsemmi fl-Artikolu 8.

*Artikolu 12*

**Rakkomandazzjonijiet**

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha tal-kummerċ, inklużi kwistjonijiet relatati ma' negozjati tal-kummerċ multilaterali, ftehim ta' sħubija ekonomiċi, kooperazzjoni f'fora internazzjonali u kwistjonijiet dwar il-materjali primarji, bi ftehim reċiproku bejn il-partijiet.

2. Bejn il-laqgħat, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-partijiet jiftiehmu hekk. Proċedura bil-miktub għandha tikkonsisti minn skambju ta' noti bejn iż-żewġ ko-segretarji tas-Segretarjat, li jaġixxu bi ftehim mal-partijiet.

3. Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ għandhom ikunu intitolati "rakkomandazzjoni", segwiti minn numru tas-serje, id-data ta' l-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.

4. Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ għandhom jiġi awtentikati mis-Segretarjat u mill-President.

5. Rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil kull wieħed mill-indirizzati msemmija fl-Artikolu 8 bħala dokumenti tal-Kumitat tal-Kummerċ.

6. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jagħmel rapporti perjodiċi adegwati lill-Kunsill tal-Ministri AKP-KE.

*Artikolu 13*

**Lingwi**

Sakemm ma jiġix deċiż xort'oħra, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jmexxi d-deliberazzjonijiet tiegħu abbażi tad-dokumenti abbozzati fil-lingwi uffiċjali tal-partijiet.

*Artikolu 14*

**Spejjeż**

Il-Paragrafu 1 tal-Protokoll għall-Ftehim, dwar in-nefqa operattiva ta' l-Istituzzjonijiet Konġunti, għandhom japplikaw ukoll għall-ispejjeż magħmula mill-Kumitat tal-Kummerċ.

*Artikolu 15*

Id-Deċiżjoni preżenti tannulla u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 4/2001 ta' l-24 ta' April 2001 tal-Kumitat ta' Ambaxxaturi AKP-KE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ Ministerjali Konġunt AKP-KE

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-KE*

*Il-President*

J. ASSELBORN

220056D0299



# DEĊIŻJONI Nru 3/2005 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE

(2005/299/KE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Shubija AKP-KE ffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000, u b'mod partikolari, l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi,

(1) Bid-Deċiżjoni Nru 2/2001 tat-30 ta' Jannar 2001, il-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

(2) Billi ċerti emendi huma meħtieġa biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda ma' l-Unjoni Ewropea;

(3) Billi fid-29 sessjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE, li nżamm f'Gaborone, Botswana fis-6 ta' Mejju 2004, ittieħdet id-deċiżjoni biex jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Dati u postijiet tal-laqgħat**

1. Kif previst fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim AKP-KE", il-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", għandu jiltaqa' b'mod regolari, b'mod partikolari biex iħejji laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kunsill"), u kull meta meħtieġ, fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

2. Il-Kumitat għandu jitlaqqa' mill-Presidenza tiegħu. Id-dati tal-laqgħat tiegħu għandhom ikunu stabbiliti bi qbil komuni bejn il-partijiet.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fis-sede tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jew fis-sede tas-Segretarjat tal-Grupp ta' Stati AKP. Madankollu, jista' jiltaqa' f'belt ta' Stat AKP jekk tittieħed deċiżjoni speċjali għal dan l-effett.

*Artikolu 2*

**Il-Funzjonijiet tal-Kumitat**

1. Skond l-Artikolu 16(2) tal-Ftehim AKP-KE, il-Kumitat għandu jassisti lill-Kunsill fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u għandu jwettaq kwalunkwe mandat li l-Kunsill jista' jafdahlu. F'dan il-kuntest, għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim AKP-KE u l-progress lejn l-ilħiq ta' l-għanijiet imniżżla fih.

2. Il-Kumitat għandu jirraporta lill-Kunsill, b'mod partikolari dwar materji li fihom ġiet iddelegata l-kompetenza.

3. Għandu wkoll jissottometti lill-Kunsill kwalunkwe riżoluzzjoni, rakkomandazzjoni u opinjoni li jikkunsidra meħtieġa jew adegwata.

*Artikolu 3*

**Aġenda tal-laqgħat**

1. L-aġenda proviżorja għal kull laqgħa għandha titfassal mill-Presidenza. Din għandha tiġi kkomunikata lill-membri l-oħra tal-Kumitat mill-inqas tmint ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

L-aġenda provviżorja għandha tinkludi dawk il-punti li l-Presidenza tkun irċieviet talba għall-inklużjoni tagħhom mill-inqas għaxart ijiem qabel id-data tal-laqgħa. L-uniċi punti li għandhom jiġu inklużi fl-aġenda proviżorja għandhom ikunu dawk li dwarhom tkun ġiet sottomessa dokumentazzjoni lis-Segretarjat tal-Kunsill fil-ħin biex tilħaq tintbagħat lill-membri tal-Kumitat mill-inqas tmint ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat fil-bidu ta' kull laqgħa. F'każijiet urġenti l-Kumitat jista' jiddeċiedi, fuq it-talba ta' l-Istati AKP jew tal-Komunità, li jinkludi fuq l-aġenda punti li fir-rigward tagħhom ma jkunux ġew osservati l-limiti taż-żmien stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

**Proċedimenti**

1. Il-Kumitat għandu jaġixxi bi qbil komuni bejn il-Komunità fuq in-naħa l-waħda u l-Istati AKP fuq l-oħra.

2. Il-proċedimenti tal-Kumitat għandhom ikunu validi biss jekk minn ta' l-inqas nofs ir-rappreżentanti permanenti ta' l-Istati Membri tal-Komunità, rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") u nofs il-membri tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP ikunu preżenti.

3. Il-membri kollha tal-Kumitat li ma jkunux jistgħu jattendu jistgħu jkunu rappreżentati. F'dan il-każ dawn għandhom jinfurmaw lill-Presidenza u għandhom jindikaw il-persuna jew id-delegazzjoni awtorizzata biex tirrappreżentahom. Ir-rappreżentant għandu jeżerċita d-drittijiet kollha tal-membru li ma jistax jattendi.

4. Il-membri tal-Kumitat jistgħu jkunu akkumpanjati minn konsulenti.

5. Rappreżentant tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Bank", għandu jkun preżenti għal-laqgħat tal-Kumitat meta kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Bank ikunu fl-aġenda.

*Artikolu 5*

**Proċeduri bil-Miktub, Pubblikazzjonijiet Uffiċjali u Forma ta' l-Atti**

L-Artikoli 4, 9(3) u 14 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill AKP-KE għandhom japplikaw għall-atti adottati mill-Kumitat.

*Artikolu 6*

**Stati li jattendu bi status ta' osservaturi**

1. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati firmatarji tal-Ftehim AKP-KE, li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, ikunu għadhom ma temmewx il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 93(1) u (2) tiegħu, jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat bħala osservaturi. Jistgħu f'dan il-każ jiġu awtorizzati li jieħdu sehem fid-dibattiti tal-Kumitat.

2. L-istess regola għandha tapplika għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 93(6) tal-Ftehim AKP-KE.

3. Il-Kumitat jista' jawtorizza rappreżentanti ta' pajjiż li qed japplika għas-sħubija fil-Ftehim AKP-KE biex jieħdu sehem fil-proċedimenti tal-Kumitat bħala osservaturi.

*Artikolu 7*

**Kunfidenzjalità**

1. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi.

2. Mingħajr preġudizzju għal tali dispożizzjonijiet oħra applikabbli, id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għandhom ikunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali, sakemm il-Kumitat ma jiddeċidix mod ieħor.

*Artikolu 8*

**Komunikazzjonijiet u minuti tal-laqgħat**

1. Il-komunikazzjonijiet kollha previsti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jintbagħtu permezz tas-Segretarjat tal-Kunsill lir-rappreżentanti ta' l-Istati AKP, lis-Segretarjat tal-Grupp ta' Stati AKP, lir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni.

Tali komunikazzjonijiet għandhom jintbagħatu wkoll lill-President tal-Bank meta dawn jikkonċernaw il-Bank.

2. Għandhom jinżammu minuti ta' kull laqgħa, li jinnutaw b'mod partikolari d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat.

Wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Kumitat, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President tal-Kumitat u mis-Segretarji tal-Kunsill u għandhom jinżammu fl-arkivji tal-Kunsill. Għandhom jintbagħtu kopji tal-minuti lid-destinatarji elenkati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 9*

**Il-Presidenza**

L-Uffiċċju tal-President tal-Kumitat għandu jinżamm b'mod alternanti, għal perijodi ta' sitt xhur, minn Rappreżentant Permanenti ta' Stat Membru, magħżul mill-Komunità, u minn Kap ta' Missjoni li jirrappreżenta Stat AKP magħżul mill-Istati AKP.

*Artikolu 10*

**Korrispondenza u dokumentazzjoni**

1. Korrispondenza maħsuba għall-Kumitat għandha tintbagħat lill-President tiegħu fis-sede tas-Segretarjat tal-Kunsill.

2. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-Kumitat għandu jmexxi d-deliberazzjonijiet tiegħu abbażi ta' dokumenti mfassla bil-lingwi uffiċjali tal-partijiet.

*Artikolu 11*

**Kumitati, Sottokumitati u Gruppi ta' Ħidma**

1. Il-Kumitat għandu jkun assistit minn:

(i) il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali stabbilit bl-Artikolu 37 tal-Protokoll Nru 1 għall-Anness V għall-Ftehim AKP-KE;

(ii) il-grupp konġunt permanenti dwar il-banana previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 5 għall-Anness V għall-Ftehim AKP-KE;

(iii) is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali;

(iv) is-Sottokumitat dwar iz-zokkor;

(v) il-grupp ta' ħidma konġunt dwar ir-ross imsemmi fil-paragrafu 5 tad-Dikjarazzjoni XXIV ta' l-Att Finali għall-Ftehim AKP-KE;

(vi) il-grupp ta' ħidma konġunt dwar ir-rum imsemmi fil-paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni XXV ta' l-Att Finali għall-Ftehim AKP-KE.

2. Il-Kumitat jista' jwaqqaf kumitati, sottokumitati jew gruppi ta' ħidma oħra xierqa biex iwettqu x-xogħol li hu jikkunsidra meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti mniżżla fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim AKP-KE.

3. Dawn il-kumitati, sottokumitati u gruppi ta' ħidma għandhom jissottomettu rapporti dwar ix-xogħol tagħhom lill-Kumitat.

*Artikolu 12*

**Kompożizzjoni tal-Kumitati, Sottokumitati u Gruppi ta' Ħidma**

1. Bl-eċċezzjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali, il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 11 għandhom jinkludu ambaxxaturi AKP jew ir-rappreżentanti tagħhom, rappreżentanti tal-Kummissjoni u rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

2. Rappreżentant tal-Bank għandhu jattendi l-laqgħat tal-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma meta l-aġenda tagħhom ikun fiha punti li jikkonċernaw il-Bank.

3. Il-membri ta' dawn il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma jistgħu jiġu assistiti fil-kompiti tagħhom minn esperti.

*Artikolu 13*

**Presidenza tal-Kumitati, is-Sottokumitati u l-Gruppi ta' Ħidma**

1. Il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 11 għandhom ikunu konġuntament presjeduti minn ambaxxatur AKP għall-Istati AKP u rappreżentant tal-Kummissjoni jew rappreżentant ta' Stati Membru għall-Komunità.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1 il-Ko-presidenti jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali u bi qbil komuni, jkunu rappreżentati minn kwalunkwe persuna li huma jagħżlu.

*Artikolu 14*

**Proċeduri għal-laqgħat tal-Kumitati, is-Sottokumitati u l-Gruppi ta' Ħidma**

Il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 11 għandhom jiltaqgħu fuq talba ta' waħda miż-żewġ partijiet wara konsultazzjoni bejn il-Presidenti tagħhom u għandha tingħata notifika ta' sebat ijiem għal tali laqgħat, ħlief f'każijiet urġenti.

*Artikolu 15*

**Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati, is-Sottokumitati u l-Gruppi ta' Ħidma**

Il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 11 jistgħu jistabbilixxu r-Regoli ta' Proċedura tagħhom bil-qbil tal-Kumitat.

*Artikolu 16*

**Segretarjat**

1. Ix-xogħol tas-Segretarjat u xogħol ieħor meħtieġ għall-funzjonament tal-Kumitat u tal-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 11 (l-abbozzar ta' l-aġendi u d-distribuzzjoni tad-dokumenti rilevanti) għandu jitwettaq mis-Segretarjat tal-Kunsill.

2. Mill-iktar fis possibbli wara kull laqgħa, is-Segretarjat għandu jabbozza l-minuti tal-laqgħat ta' dawn il-kumitati, is-sottokumitati u l-gruppi ta' ħidma.

Il-minuti għandhom jintbagħtu mis-Segretarjat tal-Kunsill lir-rappreżentanti ta' l-Istati AKP, lis-Segretarjat tal-Grupp ta' Stati AKP, lir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 17*

Id-Deċiżjoni preżenti tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 2/2001 tat-30 ta' Jannar 2001 tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-KE*

*Il-President*

J. ASSELBORN

22005D0300

L 95/54 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.4.2005

# DEĊIŻJONI Nru 2/2005 TAL-KUMITAT TA' L-AMBAXXATURI AKP-KE

## tat-8 ta' Marzu 2005

## dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Koperazzjoni bejn id-Dwani AKP-KE

(2005/300/KE)

IL-KUMITAT TA' L-AMBAXXATURI AKP-KE

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru. 2/1995 tal-Kumitat tal-Ministri AKP-KE tat-8 ta' Ġunju 1995 dwar is-sħubija u r-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat dwar il-Koperazzjoni bejn id-Dwani AKP-KE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat f'Kotonu fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), minn hawn il-quddiem "il-Ftehim ta' Sħubija" u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V għal dan,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħhom, li jirreferi għall-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura ta' kumitati, sotto-kumitati u gruppi ta' ħidma li jgħinu l-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi,

Xewqan li jiżgura t-twettiq ta' l-għanijiet stabbiliti mill-Istati AKP u l-Komunità Ewropea fit-Titolu II tat-Tielet Parti tal-Ftehim ta' Sħubija,

Wara li kkunsidra li koperazzjoni effettiva bejn id-dwani bejn l-Istati AKP u l-Komunità Ewropea tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kummerċ bejn l-Istati AKP u l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidra li t-termini ta' referenza tal-Kumitat huma stabbiliti mill-Artikoli 37 u 38 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Kumitat dwar il-Koperazzjoni bejn id-Dwani stabbilit bl-Artikolu 37 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija, minn hawn il-quddiem "il-Kumitat", għandu jkun kompost minn naħa waħda minn esperti mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u minn uffiċjali tal-Kummissjoni responsabbli għal kwistjonijiet ta' dwana, u minn naħa l-oħra minn esperti li jirrappreżentaw l-Istati AKP u minn uffiċjali ta' gruppi reġjonali ta' l-Istati AKP li huma responsabbli għal kwistjonijiet ta' dwana. Il-Kumitat jista' jirrikorri għal kompetenza esperta xierqa fejn neċessarju.

2. Kull Parti għandha tinnotifika l-ismijiet tar-rappreżentanti tagħha u tal-viċi-president tagħha lis-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE.

([1]) ĠU L 317, tal-15.12.2000, p. 1

*Artikolu 2*

Il-kompiti tal-Kumitat kif definiti fl-Artikoli 37(1) sa (6) u 38(8) sa (10) tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija għandhom ikunu kif ġej:

(a) it-twettiq ta' koperazzjoni amministrattiva bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni korretta u uniformi tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija u t-twettiq ta' kwalunkwe kompitu ieħor fil-qasam tad-dwana li jista' jiġi fdat lilu;

(b) l-eżami regolari ta' l-effett fuq l-Istati AKP ta' l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini u r-rakkomandazzjoni ta' miżuri xierqa lill-Kunsill tal-Ministri AKP-KE;

(c) it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar derogi mir-regoli ta' oriġini, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38(9) u (10) tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija;

(d) it-tħejjija tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE skond l-Artikolu 40 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija.

*Artikolu 3*

1. Il-Kumitat għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena f'dati stabbiliti bi ftehim komuni mill-Grupp AKP u l-Komunità Ewropea, bħala regola mill-inqas tmint ijiem qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE; laqgħat straordinarji jistgħu jissejħu meta jkun neċessarju.

2. Il-Kumitat jista', jekk neċessarju, jistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad hoc* biex jiġu eżaminati kwistjonijiet speċifiċi.

3. Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-President tiegħu. Il-proċedimenti għandhom ikunu kunfidenzjali ħlief jekk ikun deċiż mod ieħor.

*Artikolu 4*

Il-Presidenza tal-Kumitat għandha tinżamm b'mod alternanti għal perijodi ta' sitt xhur mill-Grupp AKP u mill-Komunità Ewropea:

— mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru mill-viċi-President ta' l-AKP;

— mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru mill-viċi-President tal-Komunità Ewropea;

*Artikolu 5*

1. Aġenda proviżorja għal kull laqgħa għandha titfassal mill-President b'konsultazzjoni mal-viċi-President u għandha tiġi adottata mill-Kumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

2. Kompiti segretarjali u xogħol ieħor meħtieġ għall-funzjonament tal-Kumitat għandu jittwettaq mis-Segretarjat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE.

3. Is-Segretarjat għandu jibgħat in-notifiki li jsejħu l-laqgħa, l-aġenda, l-abbozz tal-miżuri u kwalunkwe dokument ieħor ta' ħidma lill-membri tal-Kumitat mill-inqas ġimgħatejn qabel il-laqgħa.

4. Wara kull laqgħa, is-Segretarjat għandu jipproduċi rekord sommarju li jkun adottat fil-laqgħa ta' wara tal-Kumitat.

*Artikolu 6*

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat jistgħu jiġu kkunsidrati validi biss jekk maġġoranza tar-rappreżentanti maħtura mill-Grupp AKP u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni huma preżenti.

*Artikolu 7*

1. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jiġu adottati bi ftehim bejn, fuq naħa waħa, l-Istati AKP, u, fuq l-oħra, il-Komunità Ewropea.

2. Fejn il-Kumitat ma jistax jadotta deċiżjoni, għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-viċi-Presidenti jistgħu jiddeċiedu li jadottaw deċiżjonijiet bil-proċedura bil-miktub, b'mod partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet adottati skond l-Artikolu 38 tal-Protokoll 1 ta' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija.

*Artikolu 8*

Il-Kumitat jista', jekk jikkunsidraha xierqa, jirranġa biex esperti jattendu fejn il-kwistjonijiet diskussi jeħtieġu kompetenza esperta speċifika.

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1, kwalunkwe Stat AKP li mhux membru tal-Kumitat jista' jattendi bħala osservatur, ħlief fejn il-Kumitat jiddeċiedi li jiltaqa' f'sessjoni ristretta.

*Artikolu 9*

Il-Kumitat għandu jissottometti r-rapporti tiegħu lill-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE.

*Artikolu 10*

L-Istati AKP-KE, fuq naħa waħda, u l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-oħra, għandhom jintrabtu, kull wieħed fir-rigward tal-kwistjonijiet li jikkonċernawhom, biex jieħdu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mal-firma. Tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru. 2/1995 tal-Kumitat tal-Ministri AKP-KE tat-8 ta' Ġunju 1995 dwar is-sħubija u r-regoli ta' funzjonament tal-Kumitat dwar il-Koperazzjoni bejn id-Dwani AKP-KE.

Magħmula fi Brussel, nhar it-8 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi AKP-KE*
*Il-President*
M. SCHOMMER

32005R0564

15.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 97/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru. 564/2005

## tat-8 ta' April 2005

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 1601/2001li jimponi dazju anti-*dumping* definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju anti-*dumping* provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti ħbula tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li jkunu l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b' mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA TA' QABEL

(1) Fil-5 ta' Mejju 2000, il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura ([2]) anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw, inter alia, mit-Turkija.

(2) Din il-proċedura fl-aħħar mill-aħħar irriżultat f'dazju anti-*dumping* definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001 ([3]) sabiex jitneħħew l-effetti inġurjużi tad-*dumping*.

### B. TALBA GĦAL REVIŻJONI INTERIM

(3) Talba għal reviżjoni interim parzjali tar-Regolament (KE) Nru 1601/2001 waslet minn Has Çelik ve Halat Sanayi Ticaret A.S. ("Has Çelik", jew "l-applikant"), produttur esportatur Tork ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li huma soġġetti għall-miżuri anti-*dumping* fis-seħħ.

(4) F' din it-talba bis-saħħa ta' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku ġie sostnut li ċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' *dumping* li fuq il-bażi tiegħu kienu stabbiliti l-miżuri fis-seħħ, inbidlu u dawn il-bidliet huma ta' natura li ddum.

(5) Skond it-talba, l-applikant wettaq tibdiliet strutturali li kellhom impatt sinifikanti fuq il-valur normali. Barra minn hekk, kien sostnut li t-tqabbil ta' valur normali bbażat fuq l-ispejjeż jew fuq il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità għandu jwassal għal tnaqqis tad-*dumping* ferm aktar 'l isfel mil-livell tal-miżuri kurrenti li japplikaw għall-importazzjonijiet mill-applikant, jiġifieri 17,8 %. Għalhekk, l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri fil-livelli eżistenti, li kienu bbażati fuq il-livell tad-*dumping* li kien stabbilit qabel, m' għandhiex tkun aktar meħtieġa sabiex tikkumpensa għad-*dumping*.

(6) Peress illi ddeterminat, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti evidenza suffiċjenti sabiex tingħata bidu ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ("Avviż ta' Bidu") ([4]) u bdiet investigazzjoni, limitata fil-kompetenza għall-istħarriġ bir-reqqa tad-*dumping* mill-applikant.

### C. PROĊEDURA

(7) Il-Kummissjoni tat parir b'mod uffiċjali lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u l-applikant dwar il-bidu tar-reviżjoni interim parzjali u tat lill-partijiet kollha kkonċernati direttament, l-opportunità li jagħtu l-perspettiva tagħhom bil-miktub u sabiex jitolbu għal smigħ. Sottomissjoni tressqet minn EWRIS, il-Kumitat ta' Kollegament ta' l-Industriji tal-Wajers u Ħbula ta' l-U.E. li kien il-korp li għamel l-ilment fil-każ oriġinali.

(8) Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-applikant, li wieġeb fil-limiti ta' żmien stipulati fl-Avviż ta' Bidu.

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12).

([2]) ĠU C 127, 5.5.2000, p. 12.

([3]) ĠU L 211, 4.8.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1268/2003 (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 23).

([4]) ĠU C 67, tas-17.3.2004, p. 5.

(9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa bil-għan li jkun determinat id-*dumping* u wettqet żjara ta' verifika fuq il-post ta' l-applikant.

(10) L-investigazzjoni tad-*dumping* kopriet il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2003 sad-29 ta' Frar 2004 ("il-perijodu ta' investigazzjoni").

D. **PRODOTT**

**Prodott konċernat**

(11) Il-prodott konċernat huwa l-istess bħal dak ta' l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri li hemm bħalissa ("l-investigazzjoni preċedenti"), jiġifieri ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar, inklużi ħbula bil-koljatura maqfula, esklużi ħbula u kejbils ta' l-*istainless steel*, li għandhom dimensjoni massima ta' wisgħa trasversali li taqbeż it-3 mm, b' tagħmir imqabbad jew li mhuwiex imqabbad ("*steel wire rope*" jew "SWR"), li joriġinaw mit-Turkija, li bħalissa huma klassifikabbli fil-kodiċi NM 7312 10 82, 7312 10 84, 7312 10 86, 7312 10 88 u 7312 10 99.

**Prodott jixxiebaħ**

(12) Bħal ma ġara fl-investigazzjoni ta' qabel, din l-investigazzjoni wriet li l-SWR prodotti fit-Turkija mill-applikant u mibjugħa fis-suq Tork jew esportati lill-Komunità għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi u l-istess użi, u għalhekk għandhom ikunu kkunsidrati bħala prodott jixxiebaħ fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

E. **DUMPING**

**Valur normali**

(13) Sa fejn hija kkonċernata d-determinazzjoni tal-valur normali, l-ewwel kien stabbilit jekk il-bejgħ domestiku totali ta' l-applikant kienx rappreżentattiv meta mqabbel ma' l-esportazzjoni totali tiegħu lill-Komunità. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku dan instab li huwa l-każ minħabba li l-volum ta' bejgħ domestiku jagħmel mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' l-esportazzjoni lill-Komunità.

(14) Għal kull wieħed mit-tipi mibjugħa mill-applikant fis-suq domestiku tiegħu u misjub li huwa komparabbli direttament mat-tipi esportati lill-Komunità, kien eżaminat jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv b' mod suffiċjenti għall-għanijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Dan kien meqjus li kien il-każ meta, waqt il-perijodu ta' investigazzjoni, il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' tip irrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum totali ta' bejgħ ta' l-istess tip li huwa esportat lill-Komunità. Għal biċċa l-kbira tat-tipi li huma esportati lill-Komunità waqt il-perijodu ta' l-investigazzjoni, instab tip rappreżentattiv li huwa komparabbli, mibjugħ fis-suq domestiku.

(15) Għat-tipi tal-prodotti li jilħqu t-test ta' 5 %, imbagħad saret verifika għal jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip li jista' jiġi kkomparat, jistax jitqies bħala li sar fl-andament normali tan-negozju, billi jkun stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ meta mqabbel mal-konsumaturi indipendenti tat-tip ikkonċernat, mhux magħmulab' telf. Fil-każijiet kollha, il-bejgħ tat-tip mhux magħmul b' telf, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali domestiku ta' dak it-tip u għalhekk, il-valur normali kien ibbażat fuq il-medja tal-prezz mwieżen tal-bejgħ domestiku kollu li sar matul il-perijodu ta' l-investigazzjoni.

(16) Għat-tipi tal-prodotti esportati lill-Komunità fejn ma nstabu l-ebda tipi komparabbli mibjugħa fuq is-suq domestiku, il-valur normali nħadem fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifatturat imġarrba mill-applikant għat-tipi tal-prodotti ta' l-esportazzjoni in kwestjoni flimkien ma' ammont raġjonevoli għall-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u profitti skond l-Artikolu 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku. L-ispejjeż ġenerali u amministrattivi kienu bbażati fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott li jixxiebaħ, ta' l-applikant. Il-marġini tal-profitt kien ibbażat fuq il-bejgħ domestiku ta' l-applikant tal-prodott li jixxiebaħ fl-andament normali tal-kummerċ.

**Prezz ta' l-Esportazzjoni**

(17) Minħabba li l-bejgħ kollu ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat sar direttament lill-konsumaturi indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi ta' dawn il-prezzijiet li tħallsu jew li huma pagabbli, skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

**Paragun**

(18) Il-paragun tal-valur normali mal-prezz ta' l-esportazzjoni sar fuq bażi ta' ex-fabbrika u fl-istess livell tal-kummerċ. Sabiex ikun żgurat paragun ġust, ittieħdu in kunsiderazzjoni, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, id-differenzi fil-fatturi irreklamati u pprovati li jaffetwaw il-prezzijiet u l-paragun tal-prezzijiet, jiġifieri spejjeż tat-trasport, spejjeż ta' l-assigurazzjoni, spejjeż tal-*handling*, tat-tgħabija u spejjeż anċillari, spejjeż ta' kreditu u kummissjonijiet.

**Marġni tad-dumping**

(19) Il-paragun sar bejn il-medja mwieżna tal-valur normali aġġustat għal kull tip ta' prodott u l-medja mwieżna tal-prezz ta' l-esportazzjoni nett ex-fabbrika tat-tip komparabbli, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(20) Il-paragun hekk kif deskritt hawn fuq ma weriex l-eżistenza ta' *dumping*.

F. **IN-NATURA LI DDUM TAĊ-ĊIRKUSTANZI MIBDULA**

(21) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, kien ukoll eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi mibdula kienux jistgħu b' mod raġjonevoli jissejħu li huma ta' natura li ddum.

(22) F' dan ir-rigward, l-investigazzjoni rrivelat li l-applikant għadda minn bidliet strutturali li jaffetwaw b' mod konsiderevoli l-istruttura tal-produzzjoni u ta' l-organizzazzjoni, li jirriżultaw f' effiċjenza ta' produzzjoni li hija sostanzjalment ogħla li wasslet għal waqgħa fl-ispejjeż tal-produzzjoni u b'hekk naqqset il-valur normali meta mqabbel mal-perijodu ta' l-investigazzjoni użat fl-investigazzjoni ta' qabel (l-1 ta' April 1999 sal-31 ta' Marzu 2000). Matul l-istess perijodu, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni żdiedu u l-ebda raġuni ma nstabet sabiex tindika li din iż-żjieda kienet temporanja.

(23) Bħala konsegwenza kien konkluż li ċ-ċirkustanzi mibdula, b' mod partikolari ż-żjieda fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lill-Komunità kkumbinati ma' tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni, huma ta' natura li tibqa' għal ħafna żmien.

G. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(24) Fin-nuqqas ta' *dumping*, huwa għalhekk ikkunsidrat xieraq li l-miżuri jkunu revokati safejn dawn jikkonċernaw lill-applikant.

(25) Il-partijiet interessati kienu informati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kienet intenzjonata li tiġi rrakkomandata emenda għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1601/2001 u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(26) Imbagħad, EWRIS ippreżentat xi kummenti ġenerali li fil-biċċa l-kbira jirrigwardaw iż-żjieda fil-prezzijiet tal-materja prima wara l-perijodu ta' investigazzjoni. EWRIS ma qiegħdetx fid-dubju l-affarijiet li nstabu li għandhom x' jaqsmu mad-*dumping* hekk kif deskritt hawn fuq fil-qosor, iżda minkejja dan, esprimit tħassib dwar il-possibilità li l-applikant jista' jerġa' jibda jwettaq *dumping* fil-ġejjieni.

(27) Fir-rigward tal-prezzijiet tal-materja prima, huwa nnotat li l-prezzijiet tal-materja prima jista' jkun li żdiedu wara l-perijodu ta' investigazzjoni, iżda dan ma setax ittieħed in kunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-*dumping* għall-applikant. F' dan il-każ, il-materja prima ewlenija hija l-virga tal-wajer, prodott bażiku ta' l-azzar, li huwa tip ta' merkanzija bi prezzijiet li s-soltu jinbidlu f' temp ta' perijodi qosra. Għalhekk, kwalunkwe żjieda ta' prezz ta' dan it-tip ta' materja prima ma tistax tkun ikkunsidrata bħala ta' natura li tibqa' għal ħafna żmien, li tista' titfa' dubju fuq l-affarijiet misjuba, imsemmija hawn fuq.

(28) Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li, minn meta saret ir-revoka tal-miżuri li jikkonċernaw lill-applikant biss u mhux lit-Turkija bħala entità sħiħa, l-applikant jibqa' soġġett għall-proċediment u jista' jkun investigat mill-ġdid fi kwalunkwe reviżjoni li sseħħ wara, imwettqa għat-Turkija skond l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru. 1601/2001 qiegħed jiġi emendat hekk:

Fit-tabella ta' l-Artikolu 1(3) ir-rata ta' dazju (%) għall-kumpanija Has Çelik ve Halat Sanayi Ticaret A.S. (TARIC kodiċi addizjonali A220) għandha tinbidel b' dan li ġej:

"0".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-8 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

22005X0415

15.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 97/37

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li temenda l-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 rigward id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati** (1)

Il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 rigward id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli pproċessati, iffirmat fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004, tlestew fid-29 ta' Marzu 2005, u għalhekk dan il-Ftehim daħal fis-seħħ, f'konformità mal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 5 tiegħu, fit-30 ta' Marzu 2005.

(1) ĠU L 23, tas-26.01.2005, p. 19.

32005E0304

15.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 97/57

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/304/PESK

## tat-12 ta' April 2005

## dwar il-prevenzjoni, l-immaniġġar u r-riżoluzzjoni ta' konflitti fl-Afrika u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2004/85/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari, l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni ta' konflitti fil-kontinent Afrikan hija ta' l-Afrikani stess.

(2) Il-liġi internazzjonali tiddefinixxi l-qafas għall-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni ta' konflitti fl-Afrika.

(3) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu r-responsabbiltà primarja għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

(4) Fit-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, id-difiża tal-pożizzjonijiet u ta' l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea hija żgurata b'mod sħiħ bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(5) Fis-26 ta' Jannar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/85/PESK dwar il-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni ta' konflitti fl-Afrika ([1]).

(6) Fit-22 ta' Novembru 2004, il-Kunsill approva l-Pjan ta' Azzjoni għall-appoġġ tal-P E S D għall-Paċi u s-Sigurtà fl-Afrika u l-Konklużjonijiet dwar il-Paċi u s-Sigurtà fl-Afrika, u fit-13 ta' Diċembru 2004 il-Kunsill approva l-Linji ta' Gwida għall-implimentazzjoni ta' dak il-Pjan ta' Azzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill saħaq dwar in-natura komplementari ta' l-azzjonijiet fil-qafas tal-P E S K (anki permezz ta' l-appoġġ tal-PESD), tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika, ta' l-istrumenti Komunitarji u ta' l-azzjonijiet bilaterali ta' l-Istati Membri.

(7) Il-promozzjoni tal-paċi, sigurtà u stabbiltà fil-kontinent hija waħda mill-għanijiet ta' l-Unjoni Afrikana (UA) u r-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti fost l-Istati Membri hija waħda mill-prinċipji affermati fl-Att Kostituttiv ta' l-UA. Il-prevenzjoni, l-immaniġġar u r-riżoluzzjoni tal-konflitti kienu s-suġġett ta' djalogu ma' l-Organizzazzjoni ta' l-Unità Afrikana (OUA) u s-suċċessur tagħha, l-UA, u huma inklużi fid-Dikjarazzjoni tal-Kajr u fil-Pjan ta' Azzjoni. L-UA u l-organizzazzjonijiet subreġjonali Afrikani huma l-partijiet prinċipali fil-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni ta' konflitti fl-Afrika.

(8) Il-prevenzjoni effettiva tal-konflitti teħtieġ strateġiji sabiex jinħolqu kondizzjonijiet li jagħmlu possibbli ambjent internazzjonali stabbli u iktar prevedibbli, kif ukoll għajnuna komprensiva u bilanċjata u programmi ta' assistenza għall-iżvilupp sabiex jittaffew l-pressjonijiet li jikkaġunaw konflitti vjolenti; għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-importanza tal-fatturi ekonomiċi fil-konflitti fl-Afrika, kif ukoll il-potenzjal ta' miżuri diplomatiċi u ekonomiċi għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti vjolenti.

(9) Hemm rabta bejn il-prevenzjoni tal-konflitti u d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-iggvernar tajjeb, fejn il-koperazzjoni fl-iżvilupp għandha rwol strateġiku fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jiġu mmaniġġati l-konflitti b'modi paċifiċi.

(10) Ir-rabtiet bejn l-*HIV/AIDS* u l-konflitti għandhom jiġu ndirizzati fil-linji politiċi kollha li jikkonċernaw il-paċi u s-sigurtà. Fil-fażijiet kollha ta' konflitt, mill-prevenzjoni sar-rikostruzzjoni, l-instabbiltà toħloq il-kondizzjonijiet għal tixrid aċċellerat tal-pandemija. It-tixrid ta' l-*HIV/AIDS* fih innifsu għandu konsegwenzi soċjo-ekonomiċi u politiċi serji kemm għal termini ta' żmien qosra kif ukoll twal.

(11) Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha daħlu fi Ftehim ta' Sħubija ma' l-Istati ta' l-*ACP* f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000.

([1]) ĠU L 21, 28.1.2004, p. 25.

(12) Il-Parlament Ewropew adotta fit-30 ta' Novembru 2000 Riżoluzzjoni dwar il-Parteċipazzjoni tan-Nisa fir-Riżoluzzjoni Paċifika tal-Konflitti; u l-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-ACP-UE adottat fil-21 ta' Marzu 2002 Riżoluzzjoni dwar Kwistjonijiet tas-Sessi.

(13) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta Linji ta' Gwida dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

1. L-UE għandha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni ta' konflitti vjolenti fl-Afrika billi ssaħħaħ il-kapaċità u l-mezzi ta' azzjoni Afrikani f'dan il-qasam, b'mod partikolari permezz ta' djalogu mtejjeb ma' l-UA u organizzazzjonijiet u inizjattivi subreġjonali, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u permezz ukoll ta' appoġġ għal dawn. Fit-twettiq ta' dan, l-UE għandha tieħu passi ulterjuri sabiex tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-bosta partijiet li jistgħu jkunu involuti, anki koordinazzjoni iktar stretta tal-miżuri meħuda mill-Komunità u mill-Istati Membri tagħha, partikolarment fil-kwadru tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Appoġġ tal-PESD għall-Paċi u s-Sigurtà fl-Afrika u l-Linji ta' Gwida għall-implimentazzjoni tiegħu.

2. B'mod partikolari, l-UE għandha timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Appoġġ tal-PESD għall-Paċi u s-Sigurtà fl-Afrika, skond il-Linji ta' Gwida approvati mill-Kunsill. Għandha tiġi mtejba il-koordinazzjoni tal-kontributi ta' l-Istati Membri ta' l-UE u tal-Komunità u għandhom jiġu esplorati l-possibbiltajiet ta' mekkaniżmu amministrattiv sabiex tiġi faċilitata l-ġabra komuni ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri.

3. L-UE, filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha fl-oqsma ta' l-immaniġġar tal-kriżijiet u l-prevenzjoni tal-konflitti, għandha ttejjeb il-koperazzjoni stretta tagħha man-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali rilevanti sabiex tikseb l-għan imsemmi hawn fuq. Il-koperazzjoni man-NU dwar l-immaniġġar tal-kriżijiet għandha titmexxa 'l quddiem skond l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Koperazzjoni NU-UE fl-Immaniġġar tal-Kriżijiet ta' l-24 ta' Settembru 2003. L-UE, minkejja l-impenn tagħha dwar it-titolarità tal-pajjiżi Afrikani, għandha tibqa' ppreparata li tinvolvi ruħha, kull meta jkun meħtieġ, bil-kapaċitajiet tagħha stess fl-immaniġġar ta' kriżijiet fl-Afrika.

4. L-UE għandha tiżviluppa inizjattivi għall-perjodu fit-tul ta' prevenzjoni ta' konflitti u ta' konsolidament tal-paċi, filwaqt li tirrikonoxxi li l-progress f'dawn l-oqsma huwa wkoll prekondizzjoni meħtieġa sabiex l-Istati Afrikani jibnu u jsostnu l-kapaċità li jiffaċċjaw effikaċement it-terroriżmu.

5. L-UE għandha tiżviluppa approċċ proattiv, komprensiv u integrat, li għandu jservi wkoll bħala qafas komuni għal azzjonijiet ta' Stati Membri individwali. Bħala parti minn dan, u sabiex tittejjeb il-kapaċità għal azzjoni bikrija, il-Presidenza, bl-għajnuna tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, għandha tibqa' tfassal studju annwali sabiex jiġu identifikati u sorveljati konflitti vjolenti potenzjali u li jippreżenta l-għażliet politiċi meħtieġa sabiex jiġu prevenuti l-bidu jew ir-rikorrenza tagħhom.

*Artikolu 2*

Il-politika ta' l-UE għandha tiffoka fuq il-prevenzjoni tal-bidu u t-tifrix ta' konflitti vjolenti permezz ta' azzjoni bikrija, u fuq il-prevenzjoni tar-rikorrenza tal-konflitti vjolenti. F'dan il-kuntest, l-azzjoni ta' l-UE għandha tkopri:

— il-prevenzjoni tal-konflitti billi tfittex li tindirizza l-kawżi strutturali aktar fundamentali filwaqt li timmira lejn il-kawżi diretti - il-fatturi kawżali - tal-konflitti vjolenti,

— l-immaniġġar ta' kriżijiet billi tindirizza fażijiet akuti ta' konflitti u tappoġġa sforzi sabiex tintemm il-vjolenza, bl-użu tal-miżuri kollha possibbli inklużi l-appoġġ politiku u prattiku lil inizjattivi reġjonali u subreġjonali sabiex jinkiseb u jiġi appoġġat ftehim ta' waqfien mill-ġlied bejn il-partijiet kollha involuti u, fejn ikun opportun, l-insedjament ta' operazzjoni ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet.

— il-kostruzzjoni tal-paċi billi tfittex li tappoġġa inizjattivi għal-limitazzjoni ta' konflitti vjolenti u li tipprepara għal, u ssostni, soluzzjonijiet paċifiċi għal tali konflitti,

— ir-rikostruzzjoni billi tappoġġa r-rikostruzzjoni ekonomika, politika u soċjali ta' Stati u soċjetajiet li ġarrbu konflitt sabiex tipprevjeni l-qawmien mill-ġdid tal-vjolenza u tippromwovi paċi sostenibbli.

*Artikolu 3*

Sabiex tikkontribwixxi aħjar għall-immaniġġar tal-konflitti kif ukoll sabiex tirrispondi għal kriżijiet eżistenti, l-UE għandha tieħu kont ta':

— l-iżvilupp ta' sistemi legali internazzjonali, ta' mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni ta' vertenzi, u ta' arranġamenti koperattivi fil-livell reġjonali, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà ta' l-UA f'Ġunju 2004.

— il-bini ta' istituzzjonijiet billi tiżdied l-effikaċja ta' l-istituzzjonijiet tas-sigurtà u ġudizzjarji nazzjonali Afrikani inklużi dawk li jeżerċitaw attivitajiet kontra t-terroriżmu kif ukoll bl-identifikazzjoni ta' azzjoni speċifika sabiex tassisti lil pajjiżi Afrikani fl-implimentazzjoni ta' l-impenji tagħhom taħt l-istrumenti internazzjonali eżistenti fl-oqsma kollha rilevanti, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-traffikar illeċitu,

— l-appoġġ għar-ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, li jista' jkollu rwol importanti fit-tiswir ta' istituzzjonijiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-impunità. Dan jinkludi r-rinfurzar ta' l-istituzzjonijiet ġudizzjarji li għandhom rwol komplementari importanti f'dan il-kuntest. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil reati konnessi mal-gwerra inklużi fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, bħar-reklutament bil-lieva jew l-arrwolament ta' tfal, li għandu impatt serju fuq pajjiżi milquta minn konflitti.

*Artikolu 4*

1. L-UE għandha tfittex li żżid l-appoġġ tagħha lill-arranġamenti u l-isforzi reġjonali għall-prevenzjoni tal-konflitti billi tkabbar ir-responsabbiltà korporattiva, issaħħaħ l-istat tad-dritt, tħarreġ fil-prevenzjoni tal-konflitti, tibni kapaċitajiet għal, *inter alia*, analiżi politika u ekonomika, sistemi ta' allarm bikri, kapaċitajiet ta' negozjar/medjazzjoni, ittejjeb mekkaniżmi internazzjonali ta' sanzjonament u infurzar, tiżviluppa mekkaniżmi li jittrattaw fatturi ekonomiċi li jalimenatw il-konflitti, u ssaħħaħ il-konnessjonijiet fost l-organizzazzjonijiet reġjonali kif ukoll bejnhom u l-partijiet mhux Statali lokali, nazzjonali u reġjonali u membri oħra tal-komunità internazzjonali. L-isforzi ta' sostenn għall-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali fil-qasam tal-prevenzjoni ta' konflitti għandhom ikunu kkoordinati b'attenzjoni mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha sabiex jiġu żviluppati inizjattivi u sinerġiji konġunti, anki permezz ta' programmazzjoni konġunta fejn dan ikun opportun.

2. L-appoġġ ta' l-UE għall-UA u l-koperazzjoni tagħha ma' l-UA fil-qasam tal-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni tal-konflitti għandu jingħata bil-ħsieb li tiġi żviluppata sħubija għal perjodu fit-tul, b'mod partikolari fil-qafas tas-segwitu tas-*Summit* tal-Kajr.

*Artikolu 5*

L-UE għandha tfittex li:

— tappoġġa l-integrazzjoni ta' perspettivi ta' prevenzjoni tal-konflitti fil-qafas tal-politika Komunitarja dwar l-iżvilupp u l-kummerċ u ta' l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali assoċjati magħha,

— tintroduċi, skond il-ħtieġa, fil-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-kummerċ, indikaturi ta' konflitt u strumenti għall-valutazzjoni ta' l-impatt tal-paċi u tal-konflitti stess sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-għajnuna u l-kummerċ jalimentaw il-konflitti, u sabiex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tagħha fuq il-kostruzzjoni tal-paċi,

— tiżgura li benefiċċji tanġibbli jilħqu malajr lill-popolazzjoni kollha kemm hi,

— ittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-isforzi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam,

— ittejjeb il-koperazzjoni fl-iżvilupp u l-kummerċ ma' partijiet reġjonali, subreġjonali u lokali sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn l-inizjattivi u sabiex tappoġġa attivitajiet Afrikani,

— tikkoordina l-isforzi tagħha ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

*Artikolu 6*

1. L-UE għandha tappoġġa, għal perjodu fit-tul, it-titjib tal-kapaċitajiet ta' operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi Afrikani, fil-livelli reġjonali, subreġjonali u bilaterali kif ukoll il-kapaċità ta' l-Istati Afrikani li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni reġjonali, għall-paċi, għas-sigurta u għall-iżvilupp. Minkejja tali titjib ta' kapaċitajiet, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jikkonsidraw, fuq bażi ta' każ b'każ, l-insedjament tal-mezzi operattivi tagħhom għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-immaniġġar ta' kriżijiet fl-Afrika, skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u f'koperazzjoni stretta ma' attivitajiet tan-NU fir-reġjun. Tali konsiderazzjonijiet għandhom jieħdu kont ta' l-ambitu ta' applikazzjoni tal-kapaċitajiet żviluppati fil-kuntest tal-kapaċitajiet ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-insedjament ta' persunal ċivili għal risposti lejn il-kostruzzjoni tal-paċi għal perjodu iktar fit-tul.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-azzjonijiet kollha meħuda sabiex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet operattivi Afrikani ta' appoġġ għall-paċi bil-ħsieb li titjieb il-koordinazzjoni u jiġu żviluppati sinerġiji. Din l-informazzjoni għandha tingħabar fil-qosor fl-analiżi annwali ta' din il-Pożizzjoni Komuni prevista fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu iżjed prijorità lil strateġiji u lill-valutazzjoni tar-riskji fil-livelli nazzjonali u reġjonali. L-istrateġiji nazzjonali jistgħu jiġu żviluppati bl-użu ta' indikaturi standardizzati u bl-għajnuna ta' gruppi ta' esperti. Il-valutazzjoni tar-riskji u l-istrateġiji nazzjonali għandhom jibbenefikaw minn użu ikbar ta' konoxxenza lokali, inkluża l-informazzjoni fornita minn esperti lokali mħarrġa fit-twissija bikrija u fil-valutazzjoni tar-riskji.

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ifittxu li jtejbu l-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet bilaterali fl-appoġġ ta' l-UA u ta' l-organizzazzjonijiet subreġjonali Afrikani, b'mod partikolari tal-Komunità Ekonomika ta' l-Istati ta' l-Afrika tal-Punent, tal-Komunità għall-Iżvilupp ta' l-Afrika tan-Nofsinhar u ta' l-Awtorità Intergovernattiva dwar l-Iżvilupp, tal-Komunità Ekonomika ta' l-Istati ta' l-Afrika Ċentrali u tal-Komunità Ekonomika u Monetarja ta' l-Afrika Ċentrali, fir-rigward tal-kapaċitajiet operattivi Afrikani ta' appoġġ għall-paċi.

5. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom sistematikament jistiednu lil xulxin jew lill-Presidenza, skond il-ħtieġa, sabiex jipparteċipaw f'eżerċizzi u seminars li jorganizzaw bil-ħsieb li jirrinfurzaw il-kapaċitajiet Afrikani taż-żamma tal-paċi.

6. Għandhom jiġu mfittxija l-koordinazzjoni u l-iskambji ta' attivitajiet ta' titjib ma' partijiet terzi interessati, notevolment l-Istati Uniti, il-Kanada, in-Norveġja u l-Ġappun b'mod partikolari fil-qafas tad-djalogu politiku ma' dawn il-pajjiżi.

7. L-UE għandha tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb iktar il-koordinazzjoni tagħha man-NU, u b'mod partikolari mad-Dipartiment ta' l-Operazzjonijiet għaż-Żamma tal-Paċi, fl-attivitajiet kollha li jimmiraw għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet operattivi Afrikani ta' appoġġ għall-paċi.

8. L-UE għandha teżamina kif l-aħjar tikkoordina l-isforzi f'oqsma ta' taħriġ u eżerċizzi.

9. Fuq bażi *ad hoc*, l-UE għandha tikkunsidra fiż-żmien dovut li tagħti bidu, fejn ikun hemm valur miżjud, għal programmi ta' titjib tal-kapaċitajiet f'isimha stess, separatament jew flimkien ma' programmi mibdija minn Stati Membri individwali. Tali azzjoni tista' tvarja minn missjonijiet ta' osservaturi fuq skala żgħira minn organizazzjonijiet Afrikani matul eżerċizzi ta' l-UE taż-żamma tal-paċi sa programmi ta' taħriġ iktar komprensivi.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom ikomplu jħaddmu politika restrittiva fir-rigward ta' l-esportazzjonijiet ta' armi, billi japplikaw bis-sħiħ il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' Armi. Waqt li jirrikonoxxu li d-disponibbiltà u l-akkumulazzjoni ta' armi li jeċċedu l-ħtiġijiet leġittimi ta' sigurtà jistgħu jikkontribwixxi għall-instabbiltà, u li t-trażżin tat-traffikar illeċitu ta' l-armi huwa kontribut importanti għat-tnaqqis tat-tensjoni u għall-proċessi ta' rikonċiljazzjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom:

— jikkoperaw fil-promozzjoni tar-rispett internazzjonali għal embargi fuq l-armi u għal deċiżjonijiet oħra rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u jappoġġaw inizjattivi sabiex jimplimentaw tali miżuri b'mod effettiv,

— ikomplu jappoġġaw u jirrispettaw b'mod attiv inizjattivi li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffiku illeċitu ta' l-armi,

— jikkoperaw sabiex jinkoraġġixxu pajjiżi assoċjati jallinjaw ruħhom mal-prinċipji adottati u l-miżuri meħuda mill-UE. L-UE għandha wkoll tikkunsidra li tappoġġa sforzi Afrikani sabiex jitjiebu l-kontrolli fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' l-armi, u li tappoġġa l-kontroll jew l-eliminazzjoni ta' armi żgħar żejda, kif ukoll tappoġġa sforzi Afrikani sabiex jingħelbu problemi konnessi ma' armi żgħar skond l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/589/PESK tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief ([1]),

— ikomplu jappoġġaw il-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar il-kummerċ illeċitu ta' l-armi żgħar u armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu kif ukoll in-negozjati dwar il-Protokoll Kontra l-Manifattura u t-Traffiku Illeċitu ta' l-Armi tan-Nar, tal-Partijiet u tal-Komponenti u tal-Munizzjoni tagħhom, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-31 ta' Mejju 2001.

*Artikolu 8*

1. L-UE għandha:

— tfittex li tindirizza l-fatturi ekonomiċi li jalimentaw il-konflitti,

— tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni ulterjuri ta' l-Afrika fl-ekonomija dinjija, u li tappoġġa l-aċċess indaqs għall-benefiċċji u l-opportunitajiet ta' din bejn is-soċjetajiet,

— tappoġġa l-koperazzjoni ekonomika u politika, bħal arranġamenti ta' stabbilizzazzjoni reġjonali, sabiex issaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet bħala miżura preventiva u kostruttiva tal-paċi postkonflittwali,

— taħdem sabiex tiżgura li l-miżuri ta' integrazzjoni kummerċjali reġjonali, fil-kuntest ta' politika li tinkludi mezzi ta' garanzija ta' protezzjoni għall-gruppi vulnerabbli, jappoġġaw il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti.

2. L-UE għandha wkoll:

— tikkopera fil-promozzjoni tar-rispett universali għal embargi konnessi ma' l-esplojtazzjoni u l-kummerċ illegali ta' beni ta' valur għoli u għal deċiżjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill tas-Sigurta tan-NU; u tappoġġa inizjattivi li jimplimentaw tali miżuri b'mod effettiv,

— taħdem attivament fit-tiftix ta' mezzi li jrażżnu l-esplojtazzjoni illegali ta' riżorsi naturali li tikkontribwixxi għall-bidu, eskalazzjoni u kontinwazzjoni ta' konflitti vjolenti,

— fejn ikun opportun, tuża miżuri restrittivi, inklużi sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, immirati lejn partijiet li japprofittaw minn konflitti vjolenti u li jħarrxuhom. F'dan il-kuntest, hemm il-ħtieġa ta' riflessjoni ulterjuri dwar ir-rwol (pożittiv jew negattiv) li għandu jkollu s-settur privat fil-qasam tal-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti.

([1]) ĠU L 191, 19.7.2002, p. 1.

*Artikolu 9*

Matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-konflitt, l-UE għandha:

— tevalwa r-rwol importanti li "l-partijiet mhux statali" jistgħu jkollhom kemm sabiex jalimentaw il-konflitt kif ukoll sabiex jgħinu jirriżolvuh jew ma jħalluhx iseħħ. Fiż-żewġ xenarji, għandu jittieħed kont tar-rwol tagħhom u l-kontribut pożittiv li jistgħu jagħmlu,

— tinkoraġġixxi l-applikazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, billi tiżgura li l-perspettiva tas-sessi tispira l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-konflitt, tal-ħtiġijiet tal-partijiet differenti fil-konflitt u tal-livell u n-natura tal-parteċipazzjoni deċiżjonali fil-prevenzjoni, immaniġġar u riżoluzzjoni tal-konflitti, inklużi l-proċessi u n-negozjati għall-paċi,

— tindirizza l-impatt ta' konflitti armati, għall-perjodu qasir, medju u fit-tul, fuq it-tfal b'mod effettiv u komprensiv, billi tuża l-varjetà ta' għodda għad-dispożizzjoni tagħha, u tibni fuq attivitajiet imgħoddija u attwali, skond ir-Riżoluzzjonijiet 1460 u 1539 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati u l-Linji ta' Gwida ta' l-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati. Hija għandha wkoll tipprova tinfluwenza partijiet minn pajjiżi terzi (gvernijiet kif ukoll partijiet mhux Statali inklużi gruppi armati) sabiex jieħdu miżuri effettivi għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal milquta minn konflitti armati.

*Artikolu 10*

Sabiex tieħu kont tal-ħtieġa li konflitt jibqa' taħt osservazzjoni stretta anke wara li jsir inqas akut, u sabiex tikkontribwixxi għal approċċ iktar koerenti u sistematiku f'sitwazzjonijiet postkonflittwali fl-Afrika, l-UE għandha:

— tiżviluppa u torganizza l-kapaċitajiet tagħha stess sabiex tkun lesta tappoġġa riforma fis-settur tas-sigurtà fi ħdan il-qafas tal-prinċipji demokratiċi, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ta' l-istat tad-dritt, u ta' ggvernar tajjeb, b'mod partikolari f'pajjiżi fi transizzjoni minn konflitt vjolenti għal paċi sostenibbli,

— tkompli u tikkonsolida l-appoġġ tagħha sabiex jiġu ttrattati l-problemi ta' l-akkumulazzjoni u t-tixrid bla kontroll destabbilizzanti ta' armi żgħar,

— ittejjeb l-appoġġ tagħha għad-diżarmament u r-reintegrazzjoni sostenibbli ta' *ex*-kombattenti demobilizzati b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ibbażati fuq is-sessi u għall-ħtiġijiet tat-tfal reklutati sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet militari,

— iżżid l-assistenza tagħha sabiex jitneħħew il-mini ta' l-art eżistenti, tippromwovi sensibilizzazzjoni dwar il-mini u tinkoraġġixxi u tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet Afrikani fit-tneħħija tal-mini,

— tkompli tappoġġa attivitajiet immirati lejn il-faċilitazzjoni tar-reintegrazzjoni f'sitwazzjonijiet postkonflittwali ta' popolazzjonijiet maqlugħin minn posthom, filwaqt li tieħu kont tal-Prinċipji Gwida rilevanti dwar Spostament Intern, tar-Rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali tan-NU,

— tinkoraġġixxi r-rikonċiljazzoni u tappoġġa r-rikostruzzjoni meħtieġa sabiex tippermetti lill-pajjiżi li ħerġin minn konflitt jergħu jagħtu bidu għal politika ta' żvilupp għal perjodu twil,

— skond il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/444/PESK tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali ([1]), ittenni fid-djalogu politiku tagħha mal-kontropartijiet Afrikani tagħha l-impenn qawwi tagħha li tappoġġa l-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-pożizzjoni tagħha dwar il-ftehim bilaterali proposti mill-Istati Uniti kontra l-għoti ta' persuni għall-eżerċizzju ta' ġustizzja internazzjonali.

*Artikolu 11*

L-UE għandha tevalwa l-possibbiltà ta' koperazzjoni fil-livelli nazzjonali u reġjonali f'dan il-qasam u tissuġġerixxi mezzi, billi tuża firxa ta' strumenti, sabiex tindirizza l-problema tar-relazzjoni bejn ir-radikalizzazzjoni ta' gruppi reliġjużi u l-vulnerabbiltà tagħhom għar-reklutament terroristiku, f'perspettiva ta' prevenzjoni ta' konflitti u ta' kostruzzjoni tal-paċi. F'dan il-kuntest, l-UE għandha tieħu kont tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Terroriżmu adottata mill-Konferenza Ministerjali UE-Afrika fi Brussel (11 ta' Ottubru 2001), kif ukoll tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-Terroriżmu adottata mill-Konferenza Ministerjali UE-Afrika f'Ouagadougou (28 ta' Novembru 2002).

*Artikolu 12*

L-UE għandha tiżgura li l-ġlieda kontra l-HIV/AIDS tkun parti integrali minn strateġiji ta' l-UE li jimpedixxu u jnaqqsu l-konflitti. Għandu jiġi intensifikat id-djalogu ma' l-UA dwar dan, li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju tat-titolarità Afrikana. F'dan il-kuntest, l-assistenza għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi għandha tinkludi elementi ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ għall-prevenzjoni tal-HIV/AIDS, konformement mar-Riżoluzzjoni 1308 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, dwar l-HIV/AIDS u l-Operazzjonijiet Internazzjonali taż-Żamma tal-Paċi.

([1]) ĠU L 150, 18.6.2003, p. 67.

*Artikolu 13*

Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li torjenta l-azzjoni tagħha lejn il-ksib ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' din il-Pożizzjoni Komuni, fejn ikun opportun b'miżuri Komunitarji pertinenti.

*Artikolu 14*

Abbażi ta' rapport mill-Presidenza, f'assoċjazzjoni mas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni, din il-Pożizzjoni Komuni u l-implimentazzjoni tagħha għandhom jiġu riveduti annwalment u emendati kif meħtieġ.

*Artikolu 15*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/85/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 16*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 17*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-12 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

32005R0603

20.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 100/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 603/2005

## tat-12 ta' April 2005

## li jemenda l-listi tal-proċeduri ta' insolvenza, tal-proċeduri ta' stralċ u ta' l-istralċjarji li jidhru fl-Annessi A, B u Ċ għar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 dwar il-proċeduri ta' insolvenza

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-proċeduri ta' insolvenza ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Annessi mar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 jelenkaw l-ismijiet mogħtija fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-proċeduri u għall-istralċjarji li għalihom japplika dak ir-Regolament. L-Anness A ta' dak ir-Regolament jelenka l-proċeduri ta' insolvenza riferuti fil-punt (a) ta' l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. L-Anness B jelenka l-listi tal-proċeduri ta' l-istralċ previsti fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament u l-Anness Ċ jelenka l-istralċjarji previsti fil-punt (b) ta' l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Annessi A, B u Ċ mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 kienu emendati bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 sabiex jinkludu l-proċeduri ta' insolvenza, il-proċeduri ta' stralċ u l-istralċjarji mill-Istati Membri l-ġodda.

(3) Il-Belġju, Spanja, l-Italja, l-Latvja, l-Litwanja, Malta, l-Ungerija, l-Awstrija, l-Polonja, l-Portugall u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000, bl-emendi għal-listi previsti fl-Annessi A, B u C ma' dak ir-Regolament.

(4) Bi qbil ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jipparteċipaw għall-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Bi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hix ser tipparteċipa għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jorbotx lid-Danimarka u ma japplikax għaliha.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 hu emendat kif ġej:

1) l-Anness A hu mibdul bit-test stabbilit fl-Anness I ma' din ir-Regolament;

2) l-Anness B hu mibdul bit-test stabbilit fl-Anness II ma' din ir-Regolament;

3) l-Anness Ċ hu mibdul bit-test stabbilit fl-Anness III ma' din ir-Regolament;

([1]) ĠU L 160, 30.6.2000, p 1. Regolament kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, nhar it-12 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-C. JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS A*

**Proċeduri ta' insolvenza msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 2**

BELGIË/BELGIQUE

— Het faillissement/La faillite
— Het gerechtelijk akkoord/Le concordat judiciaire
— De collectieve schuldenregeling/Le règlement collectif de dettes
— De vrijwillige vereffening/La liquidation volontaire
— De gerechtelijke vereffening/La liquidation judiciaire
— De voorlopige ontneming van beheer, bepaald in artikel 8 van de faillissementswet/Le dessaisissement provisoire, visé à l'article 8 de la loi sur les faillites

ČESKÁ REPUBLIKA

— Konkurs
— Nucené vyrovnání
— Vyrovnání

DEUTSCHLAND

— Das Konkursverfahren
— Das gerichtliche Vergleichsverfahren
— Das Gesamtvollstreckungsverfahren
— Das Insolvenzverfahren

EESTI

— Pankrotimenetlus

ΕΛΛΑΣ

— Πτω'χευση
— Η ειδικη' εκκαθα'ριση
— Η προσωρινη' διαχει'ριση εταιρει'ας. Η διοι'κηση και η διαχει'ριση των πιστωτω'ν
— Η υπαγωγη' επιχει'ρησης υπο' επι'τροπο με σκοπο' τη συ'ναψη συμβιβασμου' με τους πιστωτε'ς

ESPAÑA

— Concurso

FRANCE

— Liquidation judiciaire
— Redressement judiciaire avec nomination d'un administrateur

IRELAND

— Compulsory winding up by the court
— Bankruptcy
— The administration in bankruptcy of the estate of persons dying insolvent
— Winding-up in bankruptcy of partnerships
— Creditors' voluntary winding up (with confirmation of a Court)
— Arrangements under the control of the court which involve the vesting of all or part of the property of the debtor in the Official Assignee for realisation and distribution
— Company examinership

ITALIA

— Fallimento
— Concordato preventivo
— Liquidazione coatta amministrativa
— Amministrazione straordinaria

ΚΥΠΡΟΣ

— Υποχρεωτική εκκαθάριση από το Δικαστήριο
— Εκούσια εκκαθάριση από πιστωτές κατόπιν Δικαστικού Διατάγματος
— Εκούσια εκκαθάριση από μέλη
— Εκκαθάριση με την εποπτεία του
— Πτώχευση κατόπιν Δικαστικού Διατάγματος
— Διαχείριση της περιουσίας προσώπων που απεβίωσαν αφερέγγυα

LATVIJA

— Bankrots
— Izlīgums
— Sanācija

LIETUVA

— įmonės restruktūrizavimo byla
— įmonės bankroto byla
— įmonės bankroto procesas ne teismo tvarka

LUXEMBOURG

— Faillite
— Gestion contrôlée
— Concordat préventif de faillite (par abandon d'actif)
— Régime spécial de liquidation du notariat

MAGYARORSZÁG

— Csődeljárás
— Felszámolási eljárás

MALTA

— Xoljiment
— Amministrazzjoni
— Stralċ volontarju mill-membri jew mill-kredituri
— Stralċ mill-Qorti
— Falliment f'każ ta' negozjant

NEDERLAND

— Het faillissement
— De surséance van betaling
— De schuldsaneringsregeling natuurlijke personen

ÖSTERREICH

— Das Konkursverfahren
— Das Ausgleichsverfahren

POLSKA

— Postępowanie upadłościowe
— Postępowanie układowe
— Upadłość obejmująca likwidację
— Upadłość z możliwością zawarcia układu

PORTUGAL

— O processo de insolvência
— O processo de falência
— Os processos especiais de recuperação de empresa, ou seja:
  — A concordata
  — A reconstituição empresarial
  — A reestruturação financeira
  — A gestão controlada

SLOVENIJA

— Stečajni postopek
— Skrajšani stečajni postopek
— Postopek prisilne poravnave
— Prisilna poravnava v stečaju

SLOVENSKO

— Konkurzné konanie
— Vyrovnanie

SUOMI/FINLAND

— Konkurssi/konkurs
— Yrityssaneeraus/företagssanering

SVERIGE

— Konkurs
— Företagsrekonstruktion

UNITED KINGDOM

— Winding up by or subject to the supervision of the court
— Creditors' voluntary winding up (with confirmation by the court)
— Administration, including appointments made by filing prescribed documents with the court
— Voluntary arrangements under insolvency legislation
— Bankruptcy or sequestration"

*ANNESS II*

*"ANNESS B*

**Proċeduri ta' stralċ imsemmija fil-punt (ċ) ta' l-Artikolu 2**

BELGIË/BELGIQUE

— Het faillissement/La faillite

— De vrijwillige vereffening/La liquidation volontaire

— De gerechtelijke vereffening/La liquidation judiciaire

ČESKÁ REPUBLIKA

— Konkurs

— Nucené vyrovnání

DEUTSCHLAND

— Das Konkursverfahren

— Das Gesamtvollstreckungsverfahren

— Das Insolvenzverfahren

EESTI

— Pankrotimenetlus

ΕΛΛΑΣ

— Πτω'χευση

— Η ειδικη' εκκαθα'ριση

ESPAÑA

— Concurso

FRANCE

— Liquidation judiciaire

IRELAND

— Compulsory winding up

— Bankruptcy

— The administration in bankruptcy of the estate of persons dying insolvent

— Winding-up in bankruptcy of partnerships

— Creditors' voluntary winding up (with confirmation of a court)

— Arrangements under the control of the court which involve the vesting of all or part of the property of the debtor in the Official Assignee for realisation and distribution

ITALIA

— Fallimento

— Liquidazione coatta amministrativa

— Concordato preventivo con cessione dei beni

ΚΥΠΡΟΣ

— Υποχρεωτική εκκαθάριση από το Δικαστήριο

— Εκκαθάριση με την εποπτεία του Δικαστηρίου

— Εκούσια εκκαθάριση από πιστωτές (με την επικύρωση του Δικαστηρίου)

— Πτώχευση

— Διαχείριση της περιουσίας προσώπων που απεβίωσαν αφερέγγυα

LATVIJA

— Bankrots

LIETUVA

— įmonės bankroto byla

— įmonės bankroto procesas ne teismo tvarka

LUXEMBOURG

— Faillite

— Régime spécial de liquidation du notariat

MAGYARORSZÁG

— Felszámolási eljárás

MALTA

— Stralċ volontarju

— Stralċ mill-Qorti

— Falliment inkluż il-ħruġ ta' mandat ta' qbid mill-Kuratur f'każ ta' negozjant fallut

NEDERLAND

— Het faillissement

— De schuldsaneringsregeling natuurlijke personen

ÖSTERREICH

— Das Konkursverfahren

POLSKA

— Postępowanie upadłościowe

— Upadłość obejmująca likwidację

PORTUGAL

— O processo de insolvência

— O processo de falência

SLOVENIJA

— Stečajni postopek

— Skrajšani stečajni postopek

SLOVENSKO

— Konkurzné konanie

— Vyrovnanie

SUOMI/FINLAND

— Konkurssi/konkurs

SVERIGE

— Konkurs

UNITED KINGDOM

— Winding up by or subject to the supervision of the court.

— Winding up through administration, including appointments made by filing prescribed documents with the court

— Creditors' voluntary winding up (with confirmation by the court)

— Bankruptcy or sequestration"

*ANNESS III*

*"ANNESS Ċ*

**Stralċjarji msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 2**

BELGIË/BELGIQUE
— De curator/Le curateur
— De commissaris inzake opschorting/Le commissaire au sursis
— De schuldbemiddelaar/Le médiateur de dettes
— De vereffenaar/Le liquidateur
— De voorlopige bewindvoerder/L'administrateur provisoire

ČESKÁ REPUBLIKA
— Správce podstaty
— Předběžný správce
— Vyrovnací správce
— Zvláštní správce
— Zástupce správce

DEUTSCHLAND
— Konkursverwalter
— Vergleichsverwalter
— Sachwalter (nach der Vergleichsordnung)
— Verwalter
— Insolvenzverwalter
— Sachwalter (nach der Insolvenzordnung)
— Treuhänder
— Vorläufiger Insolvenzverwalter

EESTI
— Pankrotihaldur
— Ajutine pankrotihaldur
— Usaldusisik

ΕΛΛΑΣ
— Ο σύνδικος
— Ο προσωρινός διαχειριστής. Η διοικούσα επιτροπή των πιστωτών
— Ο ειδικός εκκαθαριστής
— Ο επίτροπος

ESPAÑA
— Administradores concursales

FRANCE
— Représentant des créanciers
— Mandataire liquidateur
— Administrateur judiciaire
— Commissaire à l'exécution de plan

IRELAND
— Liquidator
— Official Assignee
— Trustee in bankruptcy
— Provisional Liquidator
— Examiner

ITALIA
— Curatore
— Commissario
— Liquidatore giudiziale

ΚΥΠΡΟΣ
— Εκκαθαριστής και Προσωρινός Εκκαθαριστής
— Επίσημος Παραλήπτης
— Διαχειριστής της Πτώχευσης
— Εξεταστής

LATVIJA
— Maksātnespējas procesa administrators

LIETUVA
— Bankrutuojančių įmonių administratorius
— Restruktūrizuojamų įmonių administratorius

LUXEMBOURG
— Le curateur
— Le commissaire
— Le liquidateur
— Le conseil de gérance de la section d'assainissement du notariat

MAGYARORSZÁG
— Vagyonfelügyelő
— Felszámoló

MALTA
— Amministratur Proviżorju
— Riċevitur Uffiċjali
— Stralċjarju
— Manager speċjali
— Kuraturi f'każ ta' proċeduri ta' falliment

NEDERLAND
— De curator in het faillissement
— De bewindvoerder in de surséance van betaling
— De bewindvoerder in de schuldsaneringsregeling natuurlijke personen

ÖSTERREICH
— Masseverwalter
— Ausgleichsverwalter
— Sachverwalter
— Treuhänder
— Besondere Verwalter
— Konkursgericht

POLSKA
— Syndyk
— Nadzorca sądowy
— Zarządca

PORTUGAL
- Administrador da insolvência
- Gestor judicial
- Liquidatário judicial
- Comissão de credores

SLOVENIJA
- Upravitelj prisilne poravnave
- Stečajni upravitelj
- Sodišče pristojno za postopek prisilne poravnave
- Sodišče pristojno za stečajni postopek

SLOVENSKO
- Správca
- Predbežný správca
- Nútený správca
- Likvidátor

SUOMI/FINLAND
- Pesänhoitaja//boförvaltare
- Selvittäjä//utredare

SVERIGE
- Förvaltare
- God man
- Rekonstruktör

UNITED KINGDOM
- Liquidator
- Supervisor of a voluntary arrangement
- Administrator
- Official Receiver
- Trustee
- Provisional Liquidator
- Judicial factor"

32005D0316

L 100/54 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 20.4.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/316/PESK

## tat-18 ta' April 2005

## dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK li tirrigwarda miżuri ġodda għas-sostenn ta' l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK, il-Kunsill adotta miżuri għall-iffriżar tal-kapitali u r-riżorsi ekonomiċi kollha tal-persuni fiżiċi li ġew akkużati mit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-*ex* Jugoslavja (*ICTY*).

(2) Fil-21 ta' Frar 2005, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2005/148/PESK li temenda l-lista li tinsab fl-Anness mal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK.

(3) Wara t-trasferiment tas-Sinjuri Ljubomir BOROVCANIN, Gojko JANKOVIC, Sreten LUKIC, Drago NIKOLIC u Vinko PANDUREVIC fl-istrutturi ta' detenzjoni ta' l-*ICTY*, l-ismijiet tagħhom għandhom jitneħħew mil-lista.

(4) Min-naħa l-oħra, l-*ICTY* qiegħed lis-Sinjur Zdravko TOLIMIR, li l-akkuża tiegħu ġiet magħmula pubblika fl-10 ta' Frar 2005, fuq il-lista ta' persuni akkużati u maħruba. Dan l-isem għalhekk għandu jiddaħħal fil-lista li hemm fl-Anness mal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK.

(5) Konsegwentement il-lista li tinsab fl-Anness mal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi emendata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' persuni esposta fl-Anness mal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK għandha tiġi sostitwita bit-test espost fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum li fih tiġi adottata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. KRECKÉ

([1]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Pożizzjoni Komuni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2005/148/PESK (ĠU L 49, 22.2.2005, p. 34).

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1**

Isem: BOROVNICA Goran

Data tat-twelid: 15.8.1965

Post tat-twelid: Kozarac, muniċipalità ta' Prijedor, Bosnja-Ħerzegovina

Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina

Isem: DJORDJEVIC Vlastimir

Data tat-twelid: 1948

Post tat-twelid: Vladicin Han, Serbja-Montenegro

Nazzjonalità: Serbja-Montenegro

Isem: GOTOVINA Ante

Data tat-twelid: 12.10.1955

Post tat-twelid: Gżira ta' Pasman, muniċipalità ta' Zadar, Repubblika tal-Kroazja

Nazzjonalità: Kroata
Franċiża

Isem: HADZIC Goran

Data tat-twelid: 7.9.1958

Post tat-twelid: Vinkovci, Repubblika tal-Kroazja

Nazzjonalità: Serbja-Montenegro

Isem: KARADZIC Radovan

Data tat-twelid: 19.6.1945

Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, Montenegro, Serbja-Montenegro

Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina

Isem: LUKIC Milan

Data tat-twelid: 6.9.1967

Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja-Ħerzegovina

Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina
Possibbilment Serbja-Montenegro

Isem: LUKIC Sredoje

Data tat-twelid: 5.4.1961

Post tat-twelid: Visegrad, Bosnja-Ħerzegovina

Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina
Possibbilment Serbja-Montenegro

Isem: MLADIC Ratko

Data tat-twelid: 12.3.1942

Post tat-twelid: Bozanovici, muniċipalità ta' Kalinovik, Bosnja-Ħerzegovina

Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina
Possibbilment Serbja-Montenegro

Isem: PAVKOVIC Nebojsa

Data tat-twelid: 10.4.1946

Post tat-twelid: Senjski Rudnik, Serbja-Montenegro

Nazzjonalità: Serbja-Montenegro

Isem: POPOVIC Vujadin
Data tat-twelid: 14.3.1957
Post tat-twelid: Sekovici, Bosnja-Ħerzegovina
Nazzjonalità: Serbja-Montenegro

Isem: TOLIMIR Zdravko
Data tat-twelid: 27 ta' Novembru 1948
Post tat-twelid: [għad irid jimtela]
Nazzjonalità: [għad trid timtela]

Isem: ZELENOVIC Dragan
Data tat-twelid: 12.2.1961
Post tat-twelid: Foca, Bosnja-Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina

Isem: ZUPLJANIN Stojan
Data tat-twelid: 22.9.1951
Post tat-twelid: Kotor Varos, Bosnja-Ħerzegovina
Nazzjonalità: Bosnja-Ħerzegovina"

32005E0329

L 106/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 27.4.2005

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/329/PESK

## tal-25 ta' April 2005

## rigward il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2005 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea tkompli tqis lit-Trattat dwar in-Non-proliferazzjoni ta' Armi Nukleari (NPT) bħala l-pedament tar-reġim globali ta' non-proliferazzjoni nukleari, il-bażi essenzjali biex jinkiseb id-diżarm nukleari skond l-Artikolu VI ta' l-NPT u element importanti fl-iżvilupp ulterjuri ta' applikazzjonijiet ta' l-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi.

(2) Fis-17 ta' Novembru 2003 il-Kunsill adotta il-Pożizzjoni Komuni 2003/805/PESK dwar l-universalizzazzjoni u r-rinfurzar tal-ftehim multilaterali fil-qasam tan-non-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda tal-massa u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom ([1]). Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta strateġija kontra l-proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa.

(3) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta b'mod unanimu r-Riżoluzzjoni 1540 (2004), li tiddeskrivi l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda tal-massa u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom bħala theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

(4) Il-Konferenza ta' Reviżjoni u Estensjoni ta' l-1995 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari adottat deċiżjonijiet dwar l-estensjoni indefinita tat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari, il-Prinċipji u Objettivi tan-Non-Proliferazzjoni u d-Diżarm Nukleari, it-tisħiħ tal-proċess ta' reviżjoni ta' dak it-Trattat u Riżoluzzjoni dwar il-Lvant Nofsani.

(5) Fit-13 ta' April 2000 il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2000/297/PESK dwar il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2000 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari ([2]).

(6) Il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2000 adottat dokument finali.

(7) Il-Kumitat ta' Tħejjija għall-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2005 żamm tliet sessjonijiet, mit-8 sad-19 ta' April 2002 fi New York, mit-28 ta' April sad-9 ta' Mejju 2003 f'Ġinevra u mis-26 ta' April sas-7 ta' Mejju 2004 fi New York.

(8) Fid-29 ta' April 1997 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 97/288/PESK dwar il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-promozzjoni tat-trasparenza fil-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet relatati mal-qasam nukleari ([3]).

(9) Fis-17 ta' Mejju 2004 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/495/PESK dwar is-sostenn għall-attivitajiet ta' l-IAEA taħt il-Programm ta' Sigurtà Nukleari tagħha u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa ([4]).

(10) Fl-1 ta' Ġunju 2004 l-Kunsill adotta dikjarazzjoni ta' sostenn għall-Inizjattiva ta' Sigurtà kontra il-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa.

(11) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Verifika bejn l-Istati li m'għandhomx Armi Nukleari tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (EURATOM), l-EURATOM u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA), il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Salvagwardji bejn Franza, l-EURATOM u l-IAEA, u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Salvagwardji bejn ir-Renju Unit, l-EURATOM u l-IAEA ġew iffirmati u daħlu fis-seħħ fit-30 ta' April 2004.

(12) Fid-dawl tar-riżultat tal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2000 u tad-diskussjonijiet fit-tliet sessjonijiet tal-Kumitat ta' Tħejjija għall-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2005, u filwaqt li tinżamm preżenti s-sitwazzjoni attwali, huwa xieraq li jiġu aġġornati u żviluppati aktar l-objettivi mniżżla fil-Pożizzjoni Komuni 2000/297/PESK, u l-inizjattivi mwettqa taħt it-termini tagħha.

([1]) ĠU L 302, 20.11.2003, p. 34.

([2]) ĠU L 97, 19.4.2000, p. 1.

([3]) ĠU L 120, 12.5.1997, p. 1.

([4]) ĠU L 182, 19.5.2004, p. 46.

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

L-objettiv ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun li jissaħħaħ ir-reġim internazzjonali ta' non-proliferazzjoni nukleari billi jiġi promoss is-suċċess miksub fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2005 tal-Partijiet għat-Trattat ta' Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari (NPT).

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 1, l-Unjoni Ewropea għandha:

a) tikkontribwixxi għal reviżjoni strutturata u bbilanċata ta' l-operazzjoni ta' l-NPT fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2005, inkluża l-implimentazzjoni ta' impenji meħuda mill-Istati Partijiet taħt it-Trattat, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' oqsma u mezzi li permezz tagħhom jista' jinkiseb progress ulterjuri fil-ġejjieni;

b) tgħin biex jinbena kunsens abbażi tal-qafas stabbilit mill-NPT billi tagħti sostenn lid-Deċiżjonijiet u r-Riżoluzzjoni adottati fil-Konferenza ta' Reviżjoni u Estensjoni ta' l-1995, u lid-dokument finali tal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2000 u tieħu kont tas-sitwazzjoni attwali u tippromwovi, fost oħrajn, il-kwistjonijiet essenzjali li ġejjin:

1. teħid ta' sforzi għall-preservazzjoni ta' l-integrità ta' l-NPT u t-tisħiħ ta' l-implimentazzjoni tiegħu;

2. rikononoxximent li l-NPT huwa strument multilaterali uniku u li ma jistax jiġi sostitwit għaż-żamma u r-rinfurzar tal-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, minħabba li jistabbilixxi qafas legali għall-prevenzjoni ta' proliferazzjoni miżjuda ta' armi nukleari, għall- żvilupp tas-sistema ta' verifika li tiggarantixxi li Stati li m'għandhomx armi nukleari jużaw l-enerġija nukleari biss għall-finijiet paċifiċi, u li jirrappreżenta l-bażi essenzjali għall-kisba tad-diżarm nukleari skond l-Artikolu VI tiegħu;

3. ħidma lejn l-adeżjoni universali għall-NPT;

4. enfażi tal-ħtieġa assoluta għal konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet kollha ta' l-NPT mill-Istati kollha li huma Partijiet;

5. sejħa lill-Istati kollha li ma jifformawx parti mill-NPT biex jimpenjaw ruħhom għan-non-proliferazzjoni u għad-diżarm u sejħa lil dawk l-Istati biex isiru Stati li huma Parti mill-NPT bħala Stati li m'għandhomx armi nukleari;

6. rikonoxximent li avvenimenti serji ta' proliferazzjoni nukleari seħħew mit-tmiem tal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2000;

7. enfażi tal-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, bħala arbitru finali, sabiex jieħu azzjoni adegwata fil-każ ta' non-konformità ma' l-obbligi ta' l-NPT, bi qbil ma' l-Istatut ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA), inkluża l-applikazzjoni ta' salvagwardji;

8. ġbid ta' l-attenzjoni għall-implikazzjonijiet potenzjali għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali ta' irtirar mill-NPT. Għandha tiġi mħeġġa l-adozzjoni ta' miżuri li jiskuraġġixxu l-irtirar mill-imsemmi Trattat;

9. sejħa għas-sospenzjoni tal-koperazzjoni nukleari meta l-IAEA ma tistax tipprovdi assigurazzjonijiet adegwati li programm nukleari ta' l-Istat hu mfassal esklussivament għall-finijiet paċifiċi, sa tali żmien meta l-Aġenzija tista' tipprovdi tali assigurazzjonijiet;

10. sejħa lill-Istati kollha fir-reġjun biex jagħmlu mill-Lvant Nofsani żona verifikabbli b'mod effettiv ħielsa minn armi nukleari u armi oħra ta' qerda tal-massa u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom, bi qbil mar-Riżoluzzjoni dwar il-Lvant Nofsani adottata fil-Konferenza ta' Reviżjoni u Estensjoni ta' l-1995;

11. billi s-sigurtà fl-Ewropa hi marbuta mas-sigurtà fil-Meditterran, tingħata l-għola prijorità lill-implimentazzjoni tar-reġim ta' non-proliferazzjoni nukleari fir-reġjun;

12. rikonoxximent ta' l-importanza taż-żoni ħielsa mill-armi nukleari għall-paċi u s-sigurtà, abbażi ta' arranġamenti bejn l-Istati tar-reġjun konċernat li daħħlu għalihom b'mod ħieles;

13. enfażi tal-ħtieġa li jsir kollox possibbli biex jiġi pprevenut ir-riskju ta' terroriżmu nukleari, marbut ma' l-aċċess terroristiku possibbli għal armi jew materjali nukleari li jistgħu jiġu wżati fil-manifattura ta' oġġetti għat-tixrid radjoloġiku u, f'dan il-kuntest, enfażi fuq il-ħtieġa għal konformità ma' obbligi taħt ir-Riżoluzzjoni 1540(2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sejħa għal sigurtà iktar stretta għal sorsi radjoattivi ta' attività għolja. Għandu jingħata sostenn lill-azzjoni tal-G8 u l-IAEA f'dan ir-rigward;

14. rikonoxximent li, fid-dawl taż-żieda tat-theddida ta' proliferazzjoni nukleari u ta' terroriżmu, l-Inizjattiva ta' Sigurtà mill-Proliferazzjoni, l-inizjattiva globali għat-tnaqqis tat-theddid u l-inizjattiva ta' sħubija globali tal-G-8 għandhom jiġu approvati;

15. sejħa għall-adeżjoni universali mal-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi u Protokolli Addizzjonali;

16. rikonoxximent li l-Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi u Protokolli Addizzjonali għandhom effett ta' deterrent fuq il-proliferazzjoni nukleari u jifformaw l-istandard ta' verifika tal-lum, u tkomplija fil-ħidma għal traċċabbiltà miżjuda ta' kwalunkwe ksur ta' l-obbligi ta' l-NPT;

17. ħidma għar-rikonoxximent mill-Bord ta' Gvernaturi ta' l-IAEA li l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Salvagwardji Komprensivi u ta' Protokoll Addizzjonali huwa l-istandard ta' verifika ta' llum;

18. enfażi tar-rwol uniku ta' l-IAEA fil-verifika tat-twettiq mill-Istati ta' l-impenji tagħhom ta' non-proliferazzjoni nukleari u biex tgħinhom, meta mitluba, biex jirristrinġu s-sigurtà ta' materjali u installazzjonijiet nukleari, u sejħa lill-Istati biex jagħtu sostenn lill-Aġenzija;

19. rikonoxximent ta' l-importanza ta' kontrolli effettivi adegwati fuq l-esportazzjonijiet, bi qbil mar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà u skond l-Artikolu III.2 ta' l-NPT;

20. implimentazzjoni, fil-livell nazzjonali, ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni, it-transitu, u r-riesportazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti adatti għal dak il-għan;

21. dħul fis-seħħ ta' sanzjonijiet kriminali effettivi bħala deterrent għall-esportazzjoni, it-transitu, it-trasbord, is-sensar, it-traffikar u l-finanzjament relatat, bi qbil mar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà;

22. inkoraġġiment għall-Kumitat ta' Zangger u l-Grupp ta' Fornituri Nukleari biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom dwar il-kontrolli fuq l-esportazzjoni, sabiex l-Istati kollha jkunu jistgħu jgawdu mill-arranġamenti tal-Kumitat ta' Zangger u l-linji gwida tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari (NSG);

23. li tiġi mfakkra l-ħtieġa biex jissaħħu l-Linji Gwida ta' l-NSG f'data kmieni, biex jiġu adattati għall-isfidi ġodda ta' non-proliferazzjoni;

24. sejħa lill-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari biex jaħdmu għal konklużjoni rapida ta' Konvenzjoni emendata;

25. rikonoxximent tad-dritt ta' Stati Partijiet għall-NPT għal enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi, skond l-Artikolu IV tiegħu, b'kont meħud ta' l-Artikoli I, II u III tiegħu;

26. enfażi fuq l-importanza ta' koperazzjoni internazzjonali kontinwa sabiex jissaħħu s-sigurtà nukleari, l-amministrazzjoni sigura ta' l-iskart u l-protezzjoni radjoloġika u sejħa lill-Istati li għadhom m'għamlux dan biex jaċċedu għall-konvenzjonijiet rilevanti kollha malajr kemm jista' jkun u jimplimentaw b'mod sħiħ l-impenji konsegwenti;

27. osservazzjoni li l-Istati Partijiet għall-NPT, bi qbil ma' l-Artikolu IV tiegħu, jistgħu jirrikkorru għall-użu paċifiku ta' l-enerġija nukleari, fost oħrajn fil-qasam tal-produzzjoni ta' l-elettriku, ta' l-industrija, tas-saħħa u ta' l-agrikultura;

28. inkoraġġiment għall-formulazzjoni ta' garanziji ta' aċċess għas-servizzi relatati mal-karburant nukleari, jew għall-karburant stess, soġġetti għall-kondizzjonijiet adegwati;

29. osservazzjoni tar-rapport tal-grupp ta' esperti ta' l-IAEA dwar approċċi multinazzjonali għaċ-ċiklu ta' karburant nukleari u l-promozzjoni ta' bidu bikri għall-iskrutinju tiegħu mill-IAEA;

30. enfażi, waqt li jiġu rikonoxxuti r-reduzzjonijiet ta' armi nukleari li saru mill-aħħar tal-Gwerra Bierda, fuq il-ħtieġa għal reduzzjoni ġenerali tal-ħażniet nukleari fil-kisba ta' diżarm nukleari sistematiku gradwali taħt l-Artikolu VI ta' l-NPT u tiġi milqugħa, f'dan il-kuntest, ir-ratifika tat-Trattat ta' Moska mill-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-2003, waqt li tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal iktar progress fir-reduzzjoni tal-ħażniet tagħhom;

31. enfażi fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Presidenti tar-Russja u l-Amerika fl-1991 u l-1992 dwar reduzzjonijiet unilaterali tal-ħażniet tagħhom ta' armi nukleari mhux strateġiċi u sejħa lill-Istati kollha b'armi nukleari mhux strateġiċi biex jinkluduhom fil-proċessi tagħhom ta' kontroll ta' l-armi ġenerali u ta' diżarm, bil-ħsieb tar-reduzzjoni u l-eliminazzjoni tagħhom;

32. rikonoxximent ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' irriversibbiltà biex jiggwida l-miżuri kollha fil-qasam tad-diżarm nukleari u l-kontroll ta' l-armi, bħala kontribut għaż-żamma u r-rinfurzar tal-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, waqt li jitqiesu dawn il-kondizzjonijiet;

33. rikonoxximent ta' l-importanza, mill-perspettiva ta' diżarm nukleari, tal-programmi għall-qerda u l-eliminazzjoni ta' l-armi nukleari u ta' l-eliminazzjoni ta' materjal fissili kif definit fil-kwadru ta' l-isħubija dinjija tal-G8;

34. li jsiru sforzi biex tiġi żgurata t-trasparenza bħala miżura volontarja ta' bini tal-fiduċja biex jiġi sostnut aktar progress fid-diżarm;

35. billi t-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) jifforma parti essenzjali tad-diżarm nukleari u r-reġim ta' non-proliferazzjoni u bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ malajr kemm jista' jkun tiegħu, mingħajr kondizzjonijiet, issir sejħa lill-Istati, b'mod partikolari dawk elenkati fl-Anness II, biex jiffirmaw u jirratifikaw it-Trattat mingħajr dewmien u mingħajr kondizzjonijiet u, sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat, issir sejħa lill-Istati kollha biex isegwu moratorju u jieqfu milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tmur kontra l-obbligi u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Enfażi ta' l-importanza tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Tħejjija ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari u sostenn attiv tal-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Istati li rratifikaw it-Trattat u li għandhom jippromwovu l-adeżjoni universali għat-Trattat;

36. appell mill-ġdid lill-Konferenza ta' Diżarm għall-bidu immedjat u l-konklużjoni bikrija ta' Trattat non-diskriminatorju u applikabbli universalment li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għal armi nukleari jew oġġetti esplossivi nukleari oħra, mingħajr pre-kondizzjonijiet u waqt li jinżamm preżenti r-rapport tal-kordinatur speċjali u l-mandat inkluż fih u, sakemm jidħol fis-seħħ dan it-Trattat, issir sejħa lill-Istati kollha biex jiddikjaraw u jżommu moratorju fuq il-produzzjoni ta' materjal fissili għal armi nukleari jew oġġetti esplossivi nukleari oħra. L-UE tilqa' l-azzjoni ta' dawk mill-ħames Stati li għandhom armi nukleari li ordnaw il-moratorju rilevanti;

37. sejħa lill-Istati kollha kkonċernati biex jieħdu miżuri prattiċi adegwati sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' gwerra nukleari aċċidentali;

38. tkomplija tal-valutazzjoni tal-kwistjoni ta' assigurazzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà għall-Istati li m'għandhomx armi nukleari li jiffurmaw Parti mill-NPT;

39. sejħa lill-Istati li għandhom armi nukleari biex jaffermaw mill-ġdid l-assigurazzjonijiet eżistenti fil-qasam tas-sigurtà innotati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Riżoluzzjoni 984 (1995) u biex jiffirmaw u jirratifikaw il-protokolli rilevanti dwar iż-żoni ħielsa mill-armi nukleari, stabbiliti wara l-konsultazzjonijiet meħtieġa, waqt li jkun rikonoxxut li assigurazzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà bbażati fuq it-Trattati huma disponibbli għal tali żoni;

40. enfażi fuq il-ħtieġa għal diżarm ġenerali;

41. enfażi fuq l-importanza ta' adeżjoni għal u implimentazzjoni universali tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC), il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC) u l-konvenzjonijiet, il-miżuri u l-inizjattivi li jikkontribwixxu għall-kontroll ta' l-armi konvenzjonali;

42. sejħa għal adeżjoni universali għal u implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi;

43. ħidma għar-riżoluzzjoni tal-problemi ta' nuqqas ta' stabbiltà u sigurtà reġjonali u tas-sitwazzjonijiet ta' konflitt li ħafna drabi huma l-oriġini ta' programmi ta' l-armi.

*Artikolu 3*

Azzjoni meħuda mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' l-Artikolu 2 għandhom jinkludu:

a) fejn ikun adatt, inizjattivi diplomatiċi mill-Presidenza, skond l-Artikolu 18 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li tiġi promossa l-universalità ta' l-NPT;

b) inizjattivi diplomatiċi mill-Presidenza, skond l-Artikolu 18 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' Stati Partijiet għall-NPT, sabiex jiġi mħeġġeġ l-appoġġ tagħhom għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din il-Pożizzjoni Komuni;

ċ) il-kisba ta' qbil mill-Istati Membri dwar abbozzi ta' proposti dwar kwistjonijiet sostantivi għal sottomissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konsiderazzjoni mill-Istati Partijiet mill-NPT u li jistgħu jifformaw il-bażi għal deċiżjonijiet tal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT tas-sena 2005;

d) id-dikjarazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea, mogħtija mill-Presidenza fid-Dibattitu Ġenerali u fid-dibattiti fit-tliet Kumitati Ewlenin.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol b'effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 5*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

32005E0330

L 106/36 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 27.4.2005

# AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/330/PESK
## tas-26 ta' April 2005
## li temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġuna 2003/872/PESK ([1]) li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar ("EUSR") sat-30 ta' Ġunju 2004.

(2) Fit-2 ta' Frar 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/100/PESK, li testendi l-mandat ta' l-EUSR għall-Kawkasu ta' Nofsinhar sal-31 ta' Awissu 2005.

(3) Wara l-għeluq tal-missjoni ta' monitoraġġ tal-fruntieri ta' l-OSCE fil-Ġeorġja, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel fit-8 ta' Marzu 2005 li jwieġeb għas-sitwazzjoni billi jsaħħaħ l-EUSR għall-Kawkasu tan-Nofsinhar;

(4) Il-mandat ta' l-EUSR għandu jiġi emendat għaldaqstant,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2003/872/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 3 għandu jiżdied li ġej:

"h) permezz ta' grupp ta' appoġġ f' Tbilisi, jipprovdi lill-Unjoni Ewropea b'rappurtar u b' valutazzjoni kontinwa tas-sitwazzjoni fil-fruntieri u biex jiffaċilita l-bini ta' fiduċja bejn il-Ġeorġja u l-Federazzjoni Russa, u b' hekk jiżgura koperazzjoni u kollegament effiċjenti ma' l-atturi rilevanti kollha."

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tibda tapplika mill-4 ta' April 2005.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar is-26 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

([1]) ĠU L 326, 13.12.2003, p. 44, Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/100/PESK (ĠU L 31, 4.2.2005, p. 74).

32005D0337

L 106/66 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 29.4.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' April 2005

## li taħtar tliet membri Taljani u membru wieħed Taljan supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/337/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni 2002/60/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Jannar 2006 ([1]),

(2) żewġ postijiet ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara r-riżenja tas-Sur Alfonso ANDRIA u s-Sinjura Mercedes BRESSO, notifikati lill-Kunsill fit-12 u l-14 ta' Lulju 2004,

(3) post ta' membru u post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara r-riżenja tas-Sur Sur Alfonso ANDRIA u s-Sur Francesco BISOGNO, notifikati lill-Kunsill fl-14 ta' Frar 2005,

(4) fl-14 ta' Frar 2005, il-Gvern Taljan ippropona lill-Kunsill l-ismijiet tal-kandidati biex jokkupaw dawn l-erba' pożizzjonijiet vakanti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma nominati bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2006:

(a) bħala membri:

Is-Sur Francesco CROCETTO
Consigliere Provinciale di Potenza
Provinċia di Potenza - presso Presidenza del Consiglio

minflok is-Sur Silvano MOFFA,
Is-Sinjura Sonia MASINI
Presidente Provinċia di Reggio Emilia

minflok is-Sinjura Mercedes BRESSO,
Is-Sur Guido MILANA
Consigliere Provinciale di Roma

minflok is-Sur Alfonso ANDRIA

(b) bħala membru supplenti:

Is-Sur Vincenzo GIULIANO
Consigliere Provincia di Potenza

minflok is-Sur Francesco BISOGNO.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.

32005E0340

L 108/88 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.4.2005

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2005/340/PESK tal-25 ta' April 2005 li testendi l-miżuri restrittivi kontra l-Burma/Mjanmar u li timmodifika l-Pożizzjoni Kommuni 2004/423/PESK

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' April 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra l-Burma/Mjanmar ([1]).

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/730/PESK dwar miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-Burma/Mjanmar u li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK ([2]).

(3) Fil-21 ta' Frar 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/149/PESK li temenda l-Anness II tal-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK ([3]).

(4) Il-Kunsill ifakkar il-pożizzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni politika fil-Burma/Mjanmar u tikkunsidra li żviluppi reċenti ma jiġġustifikawx is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi.

(5) Il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/Mjanmar imniżżla fil-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK, kif emendata mill-Pożizzjonijiet Komuni 2004/730/PESK u 2005/149/PESK rispettivament, għandhom għalhekk jibqgħu fis-seħħ.

(6) Il-Kunsill ifakkar li l-mizuri restrittivi kontra certi persuni imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK jolqtu persuni assoċjati mar-reġim tal-Burma/Mjanmar u l-membri tal-familji tagħhom. Huwa jikkunsidra li tfal taħt it-18-il sena m'għandhomx jiġu mmirati.

(7) Emendi tekniċi għandhom isiru għal-listi annessi tal-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK.

(8) Fil-każ ta' titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni politika ġenerali fil-Burma/Mjanmar, is-sospensjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi kif ukoll it-tkomplija progressiva mill-ġdid tal-koperazzjoni mal-Burma/Mjanmar tiġi kkunsidrata, wara li l-Kunsill ikun eżamina l-iżviluppi.

(9) Azzjoni mill-Komunità hi meħtieġa sabiex jiġu implimentati xi ftit minn dawn il-miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻSIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tal-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK għandhom jiġu sostitwiti bl-Annessi I u II ta' din il-Pożizzjoni Komuni.

*Artikolu 2*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK hija b'dan imġedda għal perijodu ta' 12-il xahar.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

---

([1]) ĠU L 125, 28.4.2004, p. 61. Pożizzjoni kif emendata l-aħħar mill-Pożizzjoni Komuni 2005/149/PESK (ĠU L 49, 22.2.2005, p. 37.

([2]) ĠU L 323, 26.10.2004, p. 17.

([3]) ĠU L 49, 22.2.2005, p. 37.

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**Lista msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 9**

Noti għat-Tabelli:

1. *U* huwa l-ekwivalenti Burmiż ta' *Sur* u *Daw* dak ta' *Sinjura*.
2. Psewdonimi u varjazzjonijiet fil-kitba huma indikati b' '*a.k.a*'

A. KUNSILL STATALI GĦALL-PAĊI U L-IŻVILUPP (SPDC)

| | Isem (isem, kunjom, sess) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (psewdonimi possibbli, funzjoni/titolu, data u post tat-twelid, numru tal-passport/karta ta' l-identità, konjuġi jew iben/bint…) |
|---|---|---|
| A1a | Ġeneral Ogħli Than Shwe | President, data tat-twelid 2.2.1933. |
| A1b | Kyaing Kyaing | konjuġi tal-Ġeneral Ogħli Than Shwe |
| A1ċ | Thandar Shwe | bint il-Ġeneral Ogħli Than Shwe |
| A1d | Khin Pyone Shwe | bint il-Ġeneral Ogħli Than Shwe |
| A1e | Aye Aye Thit Shwe | bint il-Ġeneral Ogħli Than Shwe |
| A1f | Tun Naing Shwe | aka Tun Tun Naing Iben Than Shwe |
| A1g | Khin Thanda | Konjuġi ta' Tun Naing Shwe |
| A1h | Kyaing San Shwe | iben Than Shwe |
| A1i | Dr Khin Win Sein | konjuġi ta' Kyaing San Shwe |
| A1j | Thant Zaw Shwe | aka Maung Maung iben Than Shwe |
| A1k | Dewar Shwe | bint Than Shwe |
| A1l | Kyi Kyi Shwe | bint Than Shwe |
| A2a | Viċi Ġeneral Ogħli Maung Aye | Viċi-President; data tat-twelid 25.12.1937 |
| A2b | Mya Mya San | konjuġi tal-Viċi Ġeneral Ogħli Maung Aye |
| A2ċ | Nandar Aye | bint il-Viċi Ġeneral Ogħli Maung Aye, konjuġi ta' Major Pye Aung (D17d) |
| A3a | Ġeneral Thura Shwe Mann | kap tal-Persunal, Koordinatur ta' Operazzjonijiet Speċjali (Forzi Armati, tal-Marina u ta' l-Ajru) |
| A3b | Khin Lay Thet | konjuġi ta' Shwe Mann |
| A3c | Aung Thet Mann | iben il-Ġen. Thura Shwe Mann, Kumpannija tal-WA Ayeya Shwe |
| A3d | Toe Naing Mann | iben Shwe Mann |
| A3e | Zay Zin Latt | Konjuġi ta' Toe Naing Mann; bint Khin Shwe (ref L1) data tat-twelid 24.3.1981 |
| A3f | Shwe Mann Ko Ko | iben il-Ġen. Thura Shwe Mann |
| A4a | Ten-Ġen. Soe Win | Prim Ministru mid-19.10.2004, Imwieled 1946 |
| A4b | Than Than Nwe | konjuġi tat-Ten-Ġen. Soe Win |
| A5a | Ten-Ġen. Thein Sein | Segretarju 1 (mid-19.10.2004) & Ajjutant Ġenerali |

| | Isem (isem, kunjom, sess) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (psewdonimi possibbli, funzjoni/titolu, data u post tat-twelid, numru tal-passport/karta ta' l-identità, konjuġi jew iben/bint…) |
|---|---|---|
| A5b | Khin Khin Win | konjuġi tat-Ten-Ġen. Thein Sein |
| A6a | Ten-Ġen. (Thiha Thura) Tin Aung Myint Oo | Thiha Thura huwa titolu *Quartermaster* Ġeneral |
| A6b | Khin Saw Hnin | konjuġi tat-Ten-Ġen. Thiha Thura Tin Aung Myint Oo |
| A7a | Ten-Ġen. Kyaw Win | Kap tat-Taħriġ tal-Forzi Armati |
| A7b | San San Yee | konjuġi tat-Ten-Ġen. Kyaw Win |
| A7ċ | Nyi Nyi Aung | iben it-Ten-Ġen. Kyaw Win |
| A7d | San Thida Win | konjuġi ta' Nyi Nyi Aung |
| A7e | Min Nay Kyaw Win | iben it-Ten-Ġen. Kyaw Win |
| A7f | Dr Phone Myint Htun | iben it-Ten-Ġen. Kyaw Win |
| A7g | San Sabai Win | konjuġi ta' Dr Phone Myint Htun |
| A8a | Ten-Ġen. Tin Aye | Kap ta' l-Ordinanza Militari, President ta' l-UMEH |
| A8b | Kyi Kyi Ohn | konjuġi tat-Ten-Ġen. Tin Aye |
| A9a | Ten-Ġen. Ye Myint | Kap ta' l-Uffiċċju ta' Operazzjonijiet Speċjali 1 (Kachin, Chin, Sagaing, Magwe, Mandalay) |
| A9b | Tin Lin Myint | konjuġi tat-Ten-Ġen. Ye Myint; data tat-twelid 25.1.1947 |
| A9ċ | Theingi Ye Myint | bint it-Ten-Ġen. Ye Myint |
| A9d | Aung Zaw Ye Myint | iben it-Ten-Ġen. Ye Myint; Yetagun Construction Co |
| A9e | Kay Khaing Ye Myint | bint it-Ten-Ġen. Ye Myint |
| A10a | Ten-Ġen. Aung Htwe | Kap ta' l-Uffiċċju ta' Operazzjonijiet Speċjali 2 (Kayah, Shan) |
| A10b | Khin Hnin Wai | konjuġi tat-Ten-Ġen. Aung Htwe |
| A11a | Ten. Ġen Khin Maung Than | Kap ta' l-Uffiċċju ta' Operazzjonijiet Speċjali 3 (Pegu, Rangoon, Irrawaddy, Arakan) |
| A11b | Marlar Tint | konjuġi tat-Ten. Ġen Khin Maung Than |
| A12a | Ten-Ġen. Maung Bo | Kap ta' l-Uffiċċju ta' Operazzjonijiet Speċjali 4 (Karen, Mon, Tenasserim) |
| A12b | Khin Lay Myint | konjuġi tat-Ten-Ġen. Maung Bo |

## B. KMANDANTI REĠJONALI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Kmand) |
|---|---|---|
| B1a | Maġġ-Ġen. Myint Swe | Rangoon (u Kap tas-Sigurtà ta' l-Affarijiet Militari) |
| B1b | Khin Thet Htay | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Myint Swe |
| B2a | Maġġ-Ġen. Ye Myint | Diviżjoni Ċentrali tal-Mandalay |
| B2b | Myat Ngwe | Konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Ye Myint |
| B3a | Maġġ-Ġen. Thar Aye | aka Tha Aye, Diviżjoni ta' Sagaing tal-Majjistral |
| B3b | Wai Wai Khaing | aka Wei Wei Khaing, konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Thar Aye |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Kmand) |
|---|---|---|
| B4a | Maġġ-Ġen. Maung Maung Swe | Stat ta' Kachin tat-Tramuntana |
| B4b | Tin Tin Nwe | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Maung Maung Swe |
| B4ċ | Ei Thet Thet Swe | bint il-Maġġ-Ġen. Maung Maung Swe |
| B4d | Kaung Kyaw Swe | iben il-Maġġ-Ġen. Maung Maung Swe |
| B5a | Maġġ-Ġen. Myint Hlaing | Stat ta' Shan tal-Majjistral (Tramuntana) |
| B5b | Khin Thant Sin | aka Khin Thant Zin, konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Myint Hlaing |
| B6a | Maġġ-Ġen. Khin Zaw | Stat ta' Triangle-Shan tal-Lvant |
| B6b | Khin Pyone Win | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Khin Zaw |
| B6ċ | Kyi Tha Khin Zaw | iben il-Maġġ-Ġen. Khin Zaw |
| B6d | Su Khin Zaw | bint il-Maġġ-Ġen. Khin Zaw |
| B7a | Maġġ-Ġen. Khin Maung Myint | Stat ta' Shan tal-Lvant (Nofsinhar) |
| B7b | Win Win Nu | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Khin Maung Myint |
| B8a | Maġġ-Ġen. Thura Myint Aung | Stat ta' Mon tax-Xlokk |
| B8b | Than Than Nwe | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Thura Myint Aung |
| B9a | Maġġ-Ġen. Ohn Myint | Diviżjoni ta' Tenasserim Kostali |
| B9b | Nu Nu Swe | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Ohn Myint |
| B10a | Maġġ-Ġen. Ko Ko | Diviżjoni ta' Pegu tan-Nofsinhar |
| B10b | Sao Nwan Khun Sum | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Ko Ko |
| B11a | Maġġ-Ġen. Soe Naing | Diviżjoni ta' Irrawaddy tal-Lbiċ |
| B11b | Tin Tin Latt | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Soe Naing |
| B12a | Brig Ġen Min Aung Hlaing | Stat ta' Arakan tal-Punent |

## Ċ. DEPUTATI KMANDANTI REĠJONALI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Kmand) |
|---|---|---|
| Ċ1a | Brig-Ġen. Wai Lwin | Yangon |
| Ċ1b | Swe Swe Oo | konjuġi tal-Brig-Ġen. Wai Lwin |
| Ċ1ċ | Wai Phyo | iben il-Brig-Ġen. Wai Lwin |
| Ċ1d | Lwin Yamin | bint il-Brig-Ġen. Wai Lwin |
| Ċ2a | Brig-Ġen. Nay Win | Ċentrali |
| Ċ2b | Nan Aye Mya | konjuġi tal-Brig-Ġen. Nay Win |
| Ċ3a | Brig-Ġen. Tin Maung Ohn | tal-Majjistral |
| Ċ4a | Brig-Ġen. San Tun | tat-Tramuntana |
| Ċ4b | Tin Sein | konjuġi tal-Brig-Ġen. San Tun |
| Ċ5a | Brig-Ġen. Hla Myint | tal-Grigal |
| Ċ5b | Su Su Hlaing | Konjuġi tal-Brig-Ġen. Hla Myint |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Kmand) |
|---|---|---|
| Ċ7a | Brig Ġen Win Myint | tal-Lvant |
| Ċ8a | Brig-Ġen. Myo Hla | tax-Xlokk |
| Ċ8b | Khin Hnin Aye | Konjuġi tal-Brig-Ġen. Myo Hla |
| Ċ9a | Brig-Ġen. Hone Ngaing/ | a.k.a Hon Ngai, Kostali |
| Ċ10a | Brig-Ġen. Thura Maung Ni | tan-Nofsinhar |
| Ċ10b | Nan Myint Sein | konjuġi tal-Brig-Ġen. Thura Maung Ni |
| Ċ11a | Brig-Ġen. Tint Swe | tal-Lbiċ |
| Ċ11b | Khin Thaung | konjuġi tal-Brig-Ġen. Tint Swe |
| Ċ11ċ | Ye Min | a.k.a.: Ye Kyaw Swar Swe, iben il-Brig-Ġen. Tint Swe |
| Ċ11d | Su Mon Swe | konjuġi ta' Ye Min |
| Ċ12a | Brig Ġen Tin Hlaing | tal-Punent |

D. MINISTRI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| D1a | Than Shwe | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| D1b | Yin Yin Mya | Konjuġi ta' U Than Shwe |
| D2a | Brig-Ġen. Pyi Sone | Uffiċċju tal-Prim Ministru mit-18.09.2004 (qabel Kummerċ) |
| D2b | Aye Pyay Wai Khin | Konjuġi tal-Brig-Ġen. Pyi Sone |
| D2c | Kalyar Pyay Wai Shan | bint il-Brig-Ġen. Pyi Sone, konjuġi (mejjet) Maġġur Kyaw San Win |
| D2d | Pan Thara Pyay Shan | bint il-Brig-Ġen. Pyi Sone |
| D3a | Maġġ-Ġen. Htay Oo | Agrikoltura u Irrigazzjoni mit-18/9/04 (qabel Kooperattivi mill-25.8.2003) |
| D3b | Ni Ni Win | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Htay Oo |
| D4a | Brig-Ġen. Tin Naing Thein | Kummerċ (mit-18.9.2004), Qabel Dep. Ministru għall-Foresti |
| D4b | Aye Aye | konjuġi tal-Brig-Ġen. Tin Naing Thein |
| D5a | Maġġ-Ġen. Saw Tun | Kostruzzjoni Data tat-Twelid 08.5.1935 |
| D5b | Myint Myint Ko | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Saw Tun Data tat-Twelid 11.1.1945 |
| D5ċ | Me Me Tun | bint il-Maġġ-Ġen. Saw Tun Data tat-Twelid 26.10.1967 Passaport 415194 |
| D5d | Maung Maung Lwin | konjuġi ta' Me Me Tun Data tat-Twelid 2.1.1969 |
| D6a | Kur. Zaw Min | Kooperattivi mit-18.9.2004, qabel President Magwe PDC |
| D6b | Khin Mi Mi | Il-mara tal-Kur. Zaw Min |
| D7a | Maġġ-Ġen. Kyi Aung | Kultura |
| D7b | Khin Khin Lay | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Kyi Aung |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| D8a | Than Aung | Edukazzjoni |
| D8b | Win Shwe | konjuġi ta' U Than Aung |
| D9a | Maġġ-Ġen. Tin Htut | Enerġija Elettrika |
| D9b | Tin Tin Nyunt | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Tin Htut |
| D10a | Brig-Ġen. Lun Thi | Enerġija |
| D10b | Khin Mar Aye | konjuġi tal-Brig-Ġen. Lun Thi |
| D10ċ | Mya Sein Aye | bint il-Brig-Ġen. Lun Thi |
| D10d | Zin Maung Lun | iben il-Brig-Ġen. Lun Thi |
| D10e | Zar Chi Ko | Konjuġi ta' Zin Maung Lun |
| D11a | Maġġ-Ġen. Hla Tun | Finanzi u Dħul |
| D11b | Khin Than Win | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Hla Tun |
| D12a | U Nyan Win | Affarijiet Barranin mit-18.09.2004, Qabel Deputat Kap tat-Taħriġ tal-Forzi Armati Data tat-Twelid 22.1.1953 |
| D12b | Myint Myint Soe | konjuġi ta' U Nyan Win |
| D13a | Brig-Ġen. Thein Aung | Foresti |
| D13b | Khin Htay Myint | konjuġi tal-Brig-Ġen. Thein Aung |
| D14a | Prof. Dr. Kyaw Myint | Saħħa |
| D14b | Nilar Thaw | konjuġi tal-Prof. Dr. Kyaw Myint |
| D15a | Maġġ-Ġen. Maung Oo | Affarjiet Interni |
| D15b | Nyunt Nyunt Oo | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Maung Oo |
| D16a | Maġġ-Ġen. Sein Htwa | Ministeru ta' l-Immigrazzjoni u l-Popolazzjoni, kif ukoll Ministeru ta' l-Għajnuna Soċjali, l-Assistenza u l-Kolonizzazzjoni mill-ġdid |
| D16b | Khin Aye | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Sein Htwa |
| D17a | Aung Thaung | Industrija 1 |
| D17b | Khin Khin Yi | konjuġi ta' U Aung Thaung |
| D17ċ | Kaptan Nay Aung | iben U Aung Thaung |
| D17d | Maġġur Pyi Aung aka Pye Aung | iben U Aung Thaung (miżżewweġ ma' A2ċ) |
| D17e | Maġġur Moe Aung | iben U Aung Thaung |
| D17f | Dr Thu Nandi Aung | bint U Aung Thaung |
| D18a | Maġġ-Ġen. Saw Lwin | Industrija 2 |
| D18b | Moe Moe Myint | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Saw Lwin |
| D19a | Brig-Ġen. Kyaw Hsan | Informazzjoni |
| D19b | Kyi Kyi Win | konjuġi tal-Brig-Ġen. Kyaw Hsan |
| D20a | Brig-Ġen. Maung Maung Thein | Bhejjem u Sajd |
| D20b | Myint Myint Aye | konjuġi tal-Brig-Ġen. Maung Maung Thein |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| D20ċ | Min Thein | iben il-Brig-Ġen. Maung Maung Thein |
| D21a | Brig-Ġen. Ohn Myint | Minjieri |
| D21b | San San | konjuġi tal-Brig-Ġen. Ohn Myint |
| D21ċ | Thet Naing Oo | iben il-Brig-Ġen. Ohn Myint |
| D21d | Min Thet Oo | iben il-Brig-Ġen. Ohn Myint |
| D22a | Soe Tha | Ippjanar Nazzjonali & Żvilupp Ekonomiku |
| D22b | Kyu Kyu Win | konjuġi ta' U Soe Tha |
| D22ċ | Kyaw Myat Soe | iben U Soe Tha |
| D22d | Wei Wei Lay | konjuġi ta' Kyaw Myat Soe |
| D23a | Kur. Thein Nyunt | Progress ta' Żoni fil-Konfini & Tiġrijiet Nazzjonali & Affarijiet dwar l-Iżvilupp |
| D23b | Kyin Khaing | konjuġi tal-Kur. Thein Nyunt |
| D24a | Maġġ-Ġen. Aung Min | Trasport Ferrovjarju |
| D24b | Wai Wai Thar | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Aung Min |
| D25a | Brig-Ġen. Thura Myint Maung | Affarjiet Reliġjużi |
| D25b | Aung Kyaw Soe | iben il-Brig-Ġen. Thura Myint Maung |
| D25ċ | Su Su Sandi | konjuġi ta' Aung Kyaw Soe |
| D25d | Zin Myint Maung | bint il-Brig-Ġen. Thura Myint Maung |
| D26a | (U) Thaung | Xjenza u Teknoloġija Fl-istess ħin Xogħol (mill-5.11.2004) |
| D26b | May Kyi Sein | konjuġi ta' U Thaung |
| D27a | Brig-Ġen. Thura Aye Myint | Sports |
| D27b | Aye Aye | konjuġi tal-Brig-Ġen. Thura Aye Myint |
| D27ċ | Nay Linn | iben il-Brig-Ġen. Thura Aye Myint |
| D28a | Brig-Ġen. Thein Zaw | Ministru tat-Telekomunikazzjonijiet, il-Posta u t-Telegrafu u Ministru tal-Lukandi u t-Turiżmu |
| D28b | Mu Mu Win | konjuġi tal-Brig-Ġen. Thein Zaw |
| D29a | Maġġ-Ġen. Thein Swe | Trasport, mit-18.9.2004 (qabel Uffiċċju tal-Prim Ministru mill-25.8.2003) |
| D29b | Mya Theingi | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Thein Swe |

## E. DEPUTAT MINISTRI

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| E1a | Ohn Myint | Agrikoltura u Irrigazzjoni |
| E1b | Thet War | konjuġi ta' U Ohn Myint |
| E2a | Brig-Ġen. Aung Tun | Kummerċ |
| E3a | Brig-Ġen. Myint Thein | Kostruzzjoni |
| E3b | Mya Than | konjuġi tal-Brig-Ġen. Myint Thein |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| E4a | Brig-Ġen. Soe Win Maung | Kultura |
| E4b | Myint Myint Wai | konjuġi tal-Brig-Ġen. Soe Win Maung |
| E5a | Brig-Ġen. Khin Maung Win | Difiża |
| E6a | Maġġ-Ġen. Aung Hlaing | Difiża (mit-23.8.2003) |
| E6b | Soe San | iben il-Maġġ-Ġen. Aung Hlaing |
| E7a | Myo Nyunt | Edukazzjoni |
| E7b | Marlar Thein | il-mara ta' Myo Nyunt |
| E8a | Brig-Ġen. Aung Myo Min | Edukazzjoni |
| E8b | Thazin Nwe | il-mara tal-Brig-Ġen. Aung Myo Min |
| E9a | Myo Myint | Enerġija Elettrika |
| E9b | Tin Tin Myint | konjuġi ta' Myo Myint |
| E10a | Brig-Ġen. Than Htay | Enerġija (mill-25.8.2003) |
| E10b | Soe Wut Yi | il-mara tal-Brig-Ġen. Than Htay |
| E11a | Kur. Hla Thein Swe | Finanzi u Dħul |
| E11b | Thida Win | il-mara tal-Kur. Hla Thein Swe |
| E12a | Kyaw Thu | Affarijiet Barranin; data tat-twelid 15.8.1949 |
| E12b | Lei Lei Kyi | konjuġi ta' U Kyaw Thu |
| E13a | Maung Myint | Affarijiet Barranin b'effett mit-18.9.2004 |
| E14a | Prof. Dr. Mya Oo | Saħħa: data tat-twelid 25.1.1940 |
| E14b | Tin Tin Mya | konjuġi tal-Prof. Dr. Mya Oo |
| E14ċ | Dr. Tun Tun Oo | iben il-Prof. Dr. Mya Oo; data tat-twelid 26.7.1965 |
| E14d | Dr. Mya Thuzar | bint il-Prof. Dr. Mya Oo; data tat-twelid 23.9.1971 |
| E14e | Mya Thidar | bint il-Prof. Dr. Mya Oo; data tat-twelid 10.6.1973 |
| E14f | Mya Nandar | bint il-Prof. Dr. Mya Oo; data tat-twelid 29.5.1976 |
| E15a | Brig-Ġen. Phone Swe | Affarijiet Interni (mill-25.8.2003) |
| E15b | San San Wai | il-mara tal-Brig-Ġen. Phone Swe |
| E16a | Brig-Ġen. Aye Myint Kyu | Lukandi u Turiżmu |
| E16b | Khin Swe Myint | konjuġi tal-Brig-Ġen. Aye Myint Kyu |
| E17a | Maung Aung | Immigrazzjoni u Popolazzjoni |
| E17b | Hmwe Hmwe | il-mara ta' Maung Aung |
| E18a | il-Brig-Ġen. Thein Tun | Industrija 1 |
| E19a | Ten. Kur. Khin Maung Kyaw | Industrija 2 |
| E19b | Mi Mi Wai | konjuġi tat-Ten. Kur. Khin Maung Kyaw |
| E20a | Brig-Ġen. Aung Thein | Informazzjoni |
| E20b | Tin Tin Nwe | konjuġi tal-Brig-Ġen. Aung Thein |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. Ministeru) |
|---|---|---|
| E21a | Thein Sein | Informazzjoni, Membru ta' l-USDA CEC |
| E21b | Khin Khin Wai | konjuġi ta' U Thein Sein |
| E21c | Thein Aung Thaw | iben U Thein Sein |
| E21d | Su Su Cho | konjuġi ta' Thein Aung Thaw |
| E22a | Brig-Ġen. Win Sein | Xogħol |
| E22b | Wai Wai Linn | konjuġi tal-Brig-Ġen. Win Sein |
| E23a | Myint Thein | Minjieri |
| E23b | Khin May San | Konjuġi ta' U Myint Thein |
| E24a | Kur. Tin Ngwe | Progress ta' Żoni fil-Konfini & Tiġrijiet Nazzjonali & Affarijiet dwar l-Iżvilupp |
| E24b | Khin Mya Chit | Mara tal-Kur. Tin Ngwe |
| E25a | Brig-Ġen. Than Tun | Progress ta' Żoni fil-Konfini & Tiġrijiet Nazzjonali & Affarijiet dwar l-Iżvilupp |
| E25b | May Than Tun | bint il-Brig-Ġen. Than Tun; data tat-twelid 25.6.1970 |
| E25c | Ye Htun Myat | Konjuġi ta' May Than Tun |
| E26a | (Thura U) Thaung Lwin | (Thura huwa titolu) Trasport Ferrovjarju |
| E26b | Dr Yi Yi Htwe | Konjuġi ta' Thura U Thaung Lwin |
| E27a | Brig-Ġen. (Thura) Aung Ko | (Thura huwa titolu) Affarijiet Reliġjużi, Membru ta' l-USDA CEC |
| E27b | Myint Myint Yee aka Yi Yi Myint | Konjuġi tal-Brig-Ġen. Thura Aung Ko |
| E28a | Kyaw Soe | Xjenza u Teknoloġija |
| E29a | Dr. Chan Nyein | Xjenza u Teknoloġija |
| E29b | Sandar Aung | Konjuġi ta' Dr. Chan Nyein |
| E30a | Brig-Ġen. Kyaw Myint | Għajnuna Soċjali, Assistenza u Kolonizzazzjoni mill-ġdid |
| E30b | Khin Nwe Nwe | Konjuġi tal-Brig-Ġen. Kyaw Myint |
| E31a | Pe Than | Kemm Min. tat-Trasport kif ukoll Min. tat-Trasport Ferrovjarju |
| E31b | Cho Cho Tun | Konjuġi ta' U Pe Than |
| E32a | Kur Nyan Tun Aung | Trasport |

F. ĦATRIET OĦRA RELATATI MAT-TURIŻMU

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kariga) |
|---|---|---|
| F 1a | Kapt. (Irtirat) Htay Aung | Direttur Ġenerali fid-Direttorat tal-Lukandi u t-Turiżmu (Direttur Maniġerjali, Servizzi tal-Lukandi u t-Turiżmu ta' Mjanmar sa Awissu 2004) |
| F2 | Tin Maung Shwe | Deputat Direttur Ġenerali, Direttorat tal-Lukandi u t-Turiżmu |
| F3 | Soe Thein | Direttur Maniġerjali, Servizzi tal-Lukandi u t-Turiżmu ta' Mjanmar minn Ottubru 2004 (qabel Maniġer Ġenerali) |
| F4 | Khin Maung Soe | Maniġer Ġenerali |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kariga) |
|---|---|---|
| F5 | Tint Swe | Maniġer Ġenerali |
| F6 | Ten. Kur. Yan Naing | Maniġer Ġenerali, Ministeru tal-Lukandi u t-Turiżmu |
| F7 | Nyunt Nyunt Than | Direttur għall-Promozzjoni tat-Turiżmu, Ministeru tal-Lukandi u t-Turiżmu (mara) |

G. UFFIĊJALI MILITARI GĦOLJA (Brigadier-Ġenerali u ogħla)

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. funzjoni) |
|---|---|---|
| G1a | Maġġ-Ġen. Hla Shwe | Deputat Ajjutant Ġeneral |
| G3a | Maġġ-Ġen. Soe Maung | Imħallef Avukat Ġenerali |
| G4a | Brig-Ġen. Thein Htaik | a.k.a Hteik Spettur Ġenerali |
| G5a | Maġġ-Ġen. Saw Hla | Kap tal-Pulizija Militari |
| G6a | Maġġ-Ġen. Khin Maung Tun | Viċi *Quartermaster* Ġenerali |
| G7a | Maġġ-Ġen. Lun Maung | Awditur Ġenerali |
| G8a | Maġġ-Ġen. Nay Win | Assistent Militari tal-President ta' l-SPDC |
| G9a | Maġġ-Ġen. Hsan Hsint | Ġeneral għall-Ħatriet Militari; data tat-twelid 1951 |
| G9b | Khin Ma Lay | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Hsan Hsint |
| G9ċ | Okkar San Sint | iben il-Maġġ-Ġen. Hsan Hsint |
| G10a | Maġġ-Ġen. Hla Aung Thein | Kmandant tal-Kamp, Rangoon |
| G10b | Amy Khaing | konjuġi ta' Hla Aung Thein |
| G11a | Maġġ-Ġen. Win Myint | Deputat Kap tat-Taħriġ tal-Forzi Armati |
| G12a | Maġġ-Ġen. Aung Kyi | Deputat Kap tat-Taħriġ tal-Forzi Armati |
| G12b | Thet Thet Swe | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Aung Kyi |
| G13a | Maġġ-Ġen. Moe Hein | Kmandant, Kulleġġ tad-Difiża Nazzjonali |
| G14a | Maġġ-Ġen. Khin Aung Myint | Direttur tar-Relazzjonijiet Pubbliċi u l-Gwerra Psikoloġika, Membru tal-Bord ta' l-UMEHL |
| G15a | Maġġ-Ġen. Thein Tun | Direttur tas-Sinjali; membru tal-Kumitat Amministrattiv ta' Konvokazzjoni tal-Konvenzjoni Nazzjonali |
| G16a | Maġġ-Ġen. Than Htay | Direttur tal-Forniment u t-Trasport |
| G17a | Maġġ-Ġen. Khin Maung Tint | Direttur tax-Xogħlijiet ta' Stampar tas-Sigurtà |
| G18a | Maġġ-Ġen. Sein Lin | Direttur, MOD (mhux magħruf ix-xogħl preċiż tiegħu. Qabel Direttur ta' l-Ordinanza |
| G19a | Maġġ-Ġen. Kyi Win | Direttur ta' l-Artillerija u l-Korazzi, Membru tal-Bord ta' l-UMEHL |
| G20a | Maġġ-Ġen. Tin Tun | Direttur ta' l-Inġiniera Militari |
| G21a | Maġġ-Ġen. Aung Thein | Direttur tal-Kolonizzazzjoni mill-ġdid |
| G22a | Maġġ-Ġen. Aye Myint | MOD |
| G23a | Brig-Ġen. Myo Myint | Uffiċċju tar-Reġistru tas-Servizzi tal-Kmandant tad-Difiża |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. funzjoni) |
|---|---|---|
| G24a | Brig-Ġen. Than Maung | Deputat Kmandant tal-Kulleġġ tad-Difiża Nazzjonali |
| G25a | Brig-Ġen. Win Myint | Rettur tad-DSTA |
| G26a | Brig-Ġen. Than Sein | Kmandant, Sptar tas-Servizzi tad-Difiża, Mingaladon Data tat-Twelid 1.2.1946, Bago |
| G26b | Rosy Mya Than | konjuġi tal-Brig-Ġen. Than Sein |
| G28a | Brig-Ġen. Than Maung | Direttur tal-Milizzja tal-Poplu u l-Forzi tal-Fruntieri |
| G29a | Brig-Ġen. Khin Naing Win | Direttur ta' l-Industriji tad-Difiża |
| G30a | Brig-Ġen. Zaw Win | Kmandant ta' l-Istazzjoni Bahtoo (Stat ta' Shan) u Prinċipal ta' l-Iskola ta' Taħriġ tal-Kumbattiment tas-Servizzi tad-Difiża (Forzi Armati) |
| *Forzi tal-Marina* | | |
| G31a | Viċi-Ammiral Soe Thein | *Commander-in-Chief* (Forzi tal-Marina) |
| G31b | Khin Aye Kyin | konjuġi tal-Viċi Ammiral Soe Thein |
| G31ċ | Yimon Aye | bint il-Viċi Ammiral Soe Thein; data tat-twelid 12.7.1980 |
| G31d | Aye Chan | iben il-Viċi Ammiral Soe Thein; data tat-twelid 23.9.1973 |
| G31e | Thida Aye | bint il-Viċi Ammiral Soe Thein; data tat-twelid 23.3.1979 |
| G32a | Komodor Nyan Tun | Kap tal-Persunal (Forzi tal-Marina), Membru tal-Bord ta' l-UMEHL |
| *Forzi ta' l-Ajru* | | |
| G33a | Ten-Ġen. Myat Hein | *Commander-in-Chief* (Forzi ta' l-Ajru) |
| G33b | Htwe Htwe Nyunt | konjuġi tat-Ten-Ġen. Myat Hein |
| G34a | Brig-Ġen. Ye Chit Pe | Persunal ta' C f'C Air, Mingaladon |
| G35a | Brig-Ġen. Khin Maung Tin | Kmandant ta' l-Iskola tat-Taħriġ Ajrunawtiku Shande, Meiktila |
| G36a | Brig-Ġen. Zin Yaw | Kap tal-Persunal (Forzi ta' l-Ajru), Membru tal-Bord ta' l-UMEHL |
| *Diviżjonijiet tal-Fanterija Ħafifa (LID)* | | |
| G37a | Brig-Ġen. Hla Htay Win | 11 LID, Yemon |
| G39a | Brig-Ġen. Tin Tun Aung | 33 LID, Sagaing |
| G41a | Brig-Ġen. Thet Oo | 55 LID, Kalaw/Aungban |
| G42a | Brig-Ġen. Khin Zaw Oo | 66 LID, Pyay/Inma |
| G43a | Brig-Ġen. Than Htay | 77 LID, Bago |
| G44a | Brig-Ġen. Aung Than Htut | 88 LID, Magwe |
| *Brigadieri-Ġenerali oħrajn* | | |
| G47a | Brig-Ġen. Htein Win | Stazzjon Taikkyi |
| G48a | Brig-Ġen. Khin Maung Aye | Kmandant ta' l-Istazzjon Meiktila |
| G49a | Brig-Ġen. Khin Maung Aye | ROC-Kale, Diviżjoni Sagaing |
| G50a | Brig-Ġen. Khin Zaw Win | Stazzjon Khamaukgyi |
| G51a | Brig-Ġen. Kyaw Aung | MR tan-Nofsinhar, Kmandant ta' l-Istazzjon Toungoo |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. funzjoni) |
|---|---|---|
| G52a | Brig-Ġen. Kyaw Aung | MOC-8, Stazzjon Dawei/Tavoy |
| G53a | Brig-Ġen. Kyaw Oo Lwin | ROC Tanai |
| G54a | Brig-Ġen. Kyaw Thu | Stazzjon Phugyi |
| G55a | Brig-Ġen. Maung Maung Shein | Kawkareik |
| G56a | Brig-Ġen. Min Thein | MOC-3, Stazzjon Mogaung, |
| G57a | Brig-Ġen. Mya Win | MOC-10, Stazzjon Kyigone |
| G58a | Brig-Ġen. Mya Win | Kalaw |
| G59a | Brig-Ġen. Myo Lwin | MOC-7, Stazzjon Pekon |
| G60a | Brig-Ġen. Myint Soe | MOC-5, Stazzjon Taungup |
| G61a | Brig-Ġen. Myint Aye | MOC-9, Stazzjon Kyauktaw |
| G62a | Brig-Ġen. Nyunt Hlaing | MOC-17, Stazzjon Mong Pan |
| G63a | Brig-Ġen. Ohn Myint | Membru ta' l-Istat Mon USDA CEC |
| G64a | Brig-Ġen. Soe Nwe | Stazzjon Bhamo MOC-21 |
| G65a | Brig-Ġen. Soe Oo | MOC-16, Stazzjon Hsenwi |
| G66a | Brig-Ġen. Than Tun | Stazzjon Kyaukpadaung |
| G67a | Brig-Ġen. Than Win | ROC-Laukkai |
| G68a | Brig-Ġen. Than Tun Aung | ROC-Sittwe |
| G69a | Brig-Ġen. Thaung Aye | Stazzjon Mongnaung |
| G70a | Brig-Ġen. Thaung Htaik | Stazzjon Aungban |
| G71a | Brig-Ġen. Thein Hteik | MOC-13, Stazzjon Bokpyin |
| G72a | Brig-Ġen. Thura Myint Thein | Namhsan TOC |
| G72a | Brig-Ġen. Win Aung | Mong Hsat |
| G73a | Brig-Ġen. Myo Tint | Uffiċjal b'Kariga Speċjali Ministeru tat-Trasport |
| G74a | Brig-Ġen. Thura Sein Thaung | Uffiċjal b'Kariga Speċjali Ministeru ta' l-Għajnuna Soċjali |
| G75a | Brig-Ġen. Phone Zaw Han | Sindku ta' Mandalay minn Frar 2005, qabel kmandant ta' Kyaukme |
| G76a | Brig Ġen. Hla Min | President tad-Diviżjoni tal-Punent PDC Pegu |
| G77a | Brig-Ġen. Win Myint | Stazzjon Pyinmana |

## H. UFFIĊJALI MILITARI LI JMEXXU L-ĦABSIJIET U L-PULIZIJA

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. funzjoni) |
|---|---|---|
| H1a | Maġġ-Ġen. Khin Yi | DG Myanmar Forza tal-Pulizija |
| H1b | Khin May Soe | konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Khin Yi |
| H2a | Brig-Ġen. tal-Pulizija Zaw Win | Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Ħabsijiet (Ministeru ta' l-Intern) minn Awissu 2004, qabel Deputat DĠ Forza tal-Pulizija ta' Myanmar. *Ex*-militar. |

I. ASSOĊJAZZJONI TA' SOLIDARJETÀ U ŻVILUPP TA' L-UNJONI (USDA) (nies ta' l-USDA b'kariga għolja li ma ġewx inklużi band' oħra)

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. funzjoni) |
|---|---|---|
| I1a | Brig-Ġen. Aung Thein Lin | Sindku & President tal-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Belt ta' Yangon (Segretarju) |
| I1b | Khin San Nwe | konjuġi tal-Brig-Ġen. Aung Thein Lin |
| I1b | Thidar Myo | bint il-Brig-Ġen. Aung Thein Lin |
| I2a | Kur. Maung Par | Viċi Sindku tal-YCDC (Membru tas-CEC) |
| I2b | Khin Nyunt Myaing | konjuġi tal-Kur. Maung Par |
| I2ċ | Naing Win Par | iben il-Kur. Maung Par |

J. PERSUNI LI JIBBENEFIKAW MIL-LINJI POLITIĊI EKONOMIĊI TAL-GVERN

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kumpannija) |
|---|---|---|
| J1a | Tay Za | Direttur Maniġerjali, Htoo Trading Co; data tat-twelid 18.7.1964; Passaport 306869 Karta ta' l-Identità MYGN 006415. Missier U Myint Swe (06.11.1924) Omm Daw Ohn (12.8.1934) |
| J1b | Thidar Zaw | Konjuġi ta' U Tay Za; data tat-twelid 24.2.1964, Karta ta' l-Identità KMYT 006865 Passaport 275107. Ġenituri U Zaw Nyunt (mejjet), Daw Htoo (mejta) |
| J1ċ | Pye Phyo Tay Za | Iben Tay Za (J1a); data tat-twelid 29.1.1987 |
| J2a | Thiha | Ħu Tay Za (J1a). Data tat-twelid 24.6.1960 Direttur ta' Htoo Trading. Distributur ta' sigaretti ta' Londra (Myawadi Trading) |
| J3a | Aung Ko Win | a.k.a. Saya Kyaung Bank ta' Kanbawza |
| J3b | Nan Than Htwe | konjuġi ta' U Aung Ko Win |
| J4a | Tun Myint Naing | a.k.a. Steven Law Asia World Co. |
| J4b | (Ng) Seng Hong | konjuġi ta' U Tun Myint Naing |
| J5a | Khin Shwe | Zaykabar Co; data tat-twelid 21.1.1952. Ara wkoll A22, A23 |
| J5b | San San Kywe | konjuġi ta' U Khin Shwe |
| J5ċ | Zay Thiha | iben U Khin Shwe; data tat-twelid 01.1.1977 |
| J6a | Htay Myint | Yuzana Co.; data tat-twelid 06.2.1955 |
| J6b | Aye Aye Maw | konjuġi ta' U Htay Myint; data tat-twelid 17.11.1957 |
| J6ċ | Zar Chi Htay | bint U Htay Myint, data tat-twelid 17.2.1981 |
| J7a | Kyaw Win | Shwe Thanlwin Trading Co. |
| J7b | Nan Mauk Loung Sai | aka Nang Mauk Lao Hsai Mara ta' Kyaw Win |
| J8a | Ko Lay | Ministru fl-Uffiċċju tal-PM sa Frar 2004, Sindku ta' Rangoon sa Awissu 2003 |
| J8b | Khin Khin | konjuġi ta' U Ko Lay |
| J8ċ | San Min | iben U Ko Lay |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kumpannija) |
|---|---|---|
| J8d | Than Han | iben U Ko Lay |
| J8e | Khin Thida | bint U Ko Lay; |
| J8f | Zaw Htun Oo | konjuġi ta' Khin Thida, (iben il-mejjet Sec 2 Lt-Ġen. Tin Oo) |
| J9a | Aung Phone | *Ex*-Ministru għall-Foresti; data tat-twelid 20.11.1939 Irtira Lulju 2003 |
| J9b | Khin Sitt Aye | Konjuġi ta' U Aung Phone; data tat-twelid 14.9.1943 |
| J9ċ | Sitt Thwe Aung aka Sit Thway Aung | iben U Aung Phone; data tat-twelid 10.7.1977 |
| J9d | Thin Zar Tun | konjuġi ta' Sitt Thwe Aung data tat-twelid 14.4.1978 |
| J9e | Sitt Thaing Aung | aka Sit Taing Aung, iben U Aung Phone, data tat-twelid 13.11.1971 |
| J10a | Maġġ-Ġen. Nyunt Tin | *Ex*-Ministru ta' l-Agrikoltura & l-Irrigazzjoni Irtira September 2004 |
| J10b | Khin Myo Oo | Konjuġi tal-Maġġ-Ġen. Nyunt Tin |
| J10ċ | Kyaw Myo Nyunt | iben il-Maġġ-Ġen. Nyunt Tin |
| J10d | Thu Thu Ei Han | bint il-Maġġ-Ġen. Nyunt Tin |
| J11a | Khin Maung Thein | *Ex*-Ministru tal-Finanzi u tad-Dħul, Irtira 1.2.2003 |
| J11b | Su Su Thein | Konjuġi ta' U Khin Maung Thein |
| J11ċ | Daywar Thein | iben U Khin Maung Thein, data tat-twelid 25.12.1960 |
| J11d | Thawdar Thein | bint U Khin Maung Thein, data tat-twelid 6.3.1958 |
| J11e | Maung Maung Thein | iben U Khin Maung Thein, data tat-twelid 23.10.1963 |
| J11f | Khin Yadana Thein | bint U Khin Maung Thein, data tat-twelid 6.5.1968 |
| J11g | Marlar Thein | bint U Khin Maung Thein; data tat-twelid 25.2.1965 |
| J11h | Hnwe Thida Thein | bint U Khin Maung Thein; data tat-twelid 28.7.1966 |

## K. INTRAPRIŻI TAL-MILITAR

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kumpannija) |
|---|---|---|
| K1a | Maġġ-Ġen. (Irtirat) Win Hlaing | MD, Unjoni ta' Myanmar Economic Holdings |
| K1b | Ma Ngeh | bint il-Maġġ-Ġen. (Irtirat) Win Hlaing |
| K1ċ | Zaw Win Naing | Direttur Maniġerjali tal-Bank ta' Kambawza. Raġel ta' Ma Ngeh (K1b), u neputi ta' Aung Ko Win (J3b) |
| K1d | Win Htway Hlaing | iben il-Maġġ-Ġen. (Irtirat) Win Hlaing, rappreżentant tal-kumpannija KESCO |
| K2 | Kur. Ye Htut | Korporazzjoni Ekonomika ta' Myanmar |
| K3 | Kur. Myint Aung | MD fil-Myawaddy Trading Co. |
| K4 | Kur Myo Myint | MD Bandoola Transportation Co. |
| K5 | Kur. (Irtirat) Thant Zin | MD fi Żvilupp u Artijiet ta' Myanmar |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (ink. kumpannija) |
|---|---|---|
| K6 | Lt-Kur. (Irtirat) Maung Maung Aye | UMEHL, President tal-Birreriji ta' Myanmar |
| K7 | Kur. Aung San | MD fil-Proġett ta' Kostruzzjoni ta' Impjant tas-Siment ta' Hsinmin |

L. MEMBRI TA' QABEL TA' L-SPDC

| | | |
|---|---|---|
| L1a | (Irtirat) Ġeneral Khin Nyunt | *Ex*-Prim Ministru (Awissu 03-Ottubru 2004), data tat-twelid 11.10.1939 |
| L1b | Dr Khin Win Sein | il-mara ta' Khin Nyunt; Data tat-twelid 6.10.1940 |
| L1ċ | Dr Ye Naing Win | iben Khin Nyunt |
| L1d | Thin Le Le Win | bint Khin Nyunt |
| L1e | Zaw Naing Oo | iben Khin Nyunt" |

*ANNESS II*

*"ANNESS II*

**Lista ta' l-intrapriżi ta' l-Istat Burmiż imsemmija fl-Artikoli 7 u 10**

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| I. **UNION OF MYANMAR ECONOMIC HOLDING LTD** | | |
| UNION OF MYANMAR ECONOMIC HOLDING LTD | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | MAJ-GEN WIN HLAING MANAGING DIRECTOR |
| A. MANIFATTURA | | |
| 1. MYANMAR RUBY ENTERPRISE | 24/26, 2nd FL., SULE PAGODA ROAD,<br>YANGON<br>(MIDWAY BANK BUILDING) | |
| 2. MYANMAR IMPERIAL JADE CO. LTD | 24/26, 2nd FL., SULE PAGODA ROAD,<br>YANGON<br>(MIDWAY BANK BUILDING) | |
| 3. MYANMAR RUBBER WOOD CO. LTD | | |
| 4. MYANMAR PINEAPPLE JUICE PRODUCTION | | |
| 5. MYAWADDY CLEAN DRINKING WATER SERVICE | 4/A, No 3 MAIN ROAD,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | |
| 6. SIN MIN (KING ELEPHANTS) CEMENT FACTORY (KYAUKSE) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | KUR. MAUNG MAUNG AYE, DIRETTUR MANIĠERJALI |
| 7. TAILORING SHOP SERVICE | | |
| 8. NGWE PIN LE (SILVER SEA) LIVESTOCK BREEDING AND FISHERY CO. | 1093, SHWE TAUNG GYAR ST.<br>INDUSTRIAL ZONE II,<br>WARD 63,<br>SOUTH DAGON TSP.<br>YANGON | |
| 9. GRANITE TILE FACTORY (KYAIKTO) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | |
| 10. SOAP FACTORY (PAUNG) | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | |
| B. KUMMERĊ | | |
| 1. MYAWADDY TRADING LTD | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | KUR. MYINT AUNG, DIRETTUR MANIĠERJALI |

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| Ċ. SERVIZZI | | |
| 1. MYAWADDY BANK LTD | 24-26 SULE PAGODA ROAD,<br>YANGON | BRIG-ĠEN. WIN HLAING U TUN KYI, DIRETTURI MANIĠERJALI |
| 2. BANDOOLA TRANSPORTATION CO. LTD | 399, THIRI MINGALAR ROAD,<br>INSEIN TSP,<br>YANGON AND/OR PARAMI ROAD,<br>SOUTH OKKALAPA,<br>YANGON | KUR. MYO MYINT, DIRETTUR MANIĠERJALI |
| 3. MYAWADDY TRAVEL SERVICES | 24-26, SULE PAGODA ROAD,<br>YANGON | |
| 4. NAWADAY HOTEL AND TRAVEL SERVICES | 335/357, BOGYOKE AUNG SAN ROAD,<br>PADEBAN TSP,<br>YANGON | KUR. (IRTIRAT) MAUNG THAUNG, DIRETTUR MANIĠERJALI |
| 5. MYAWADDY AGRICULTURE SERVICES | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | |
| 6. MYANMAR AR (POWER)CONSTRUCTION SERVICES | 189/191 MAHABANDOOLA ROAD,<br>CORNER OF 50th STREET<br>YANGON | |

**INTRAPRIŻI KONĠUNTI**

A. MANIFATTURA

| | | |
|---|---|---|
| 1. MYANMAR SEGAL INTERNATIONAL LTD | PYAY ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | U BE AUNG, MANIĠER |
| 2. MYANMAR DAEWOO INTERNATIONAL | PYAY ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | |
| 3. ROTHMAN OF PALL MALL MYANMAR PRIVATE LTD | NO 38, VIRGINIA PARK,<br>NO 3, TRUNK ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>YANGON | |
| 4. MYANMAR BREWERY LTD | NO 45, NO 3, TRUNK ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | LT-KUR. (IRTIRAT) MAUNG MAUNG AYE, PRESIDENT |
| 5. MYANMAR POSCO STEEL CO. LTD | PLOT 22, NO 3, TRUNK ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | |
| 6. MYANMAR NOUVEAU STEEL CO. LTD | NO 3, TRUNK ROAD,<br>PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE,<br>MINGALARDON TSP,<br>YANGON | |

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| 7. BERGER PAINT MANUFACTURING CO. LTD | PLOT NO 34/A, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 8. THE FIRST AUTOMOTIVE CO. LTD | PLOT NO 47, PYINMABIN INDUSTRIAL ZONE, MINGALARDON TSP, YANGON | U AYE CHO U/JEW LT-KUR. TUN MYINT, DIRETTUR MANIĠERJALI |
| B. SERVIZZI | | |
| 1. NATIONAL DEVELOP-MENT CORP. | 3/A, THAMTHUMAR STREET, 7 MILE, MAYANGONE TSP, YANGON | DR. KHIN SHWE, PRESIDENT |
| 2. HANTHA WADDY GOLF RESORT AND MYODAW (CITY) CLUB LTD | NO 1, KONEMYINTTHA STREET, 7 MILE, MAYANGONE TSP, YANGON AND THIRI MINGALAR ROAD, INSEIN TSP, YANGON | |
| II. **KORPORAZZJONI EKONOMIKA TA' MYANMA (MEC)** | | |
| MYANMA ECONOMICCORPORATION (MEC) | SHWEDAGON PAGODA ROAD, DAGON TSP, YANGON | KUR. YE HTUT JEW BRIG-ĠEN. KYAW WIN, DIRETTUR MANIĠERJALI |
| 1. INNWA BANK | 554-556, MERCHANT STREET, CORNER OF 35th STREET, KYAUKTADA TSP, YANGON | U. YIN SEIN, MANIĠER ĠENERALI |
| 2. MYAING GALAY (RHINO BRAND) CEMENT FACTORY | FACTORIES DEPT, MEC HEAD OFFICE, SHWEDAGON PAGODA ROAD, DAGON TSP, YANGON | KUR. KHIN MAUNG SOE |
| 3. DAGON BREWERY | 555/B, NO 4, HIGHWAY ROAD, HLAW GAR WARD, SHWE PYI THAR TSP, YANGON | |
| 4. MEC STEEL MILLS (HMAW BI/PYI/YWAMA) | FACTORIES DEPT, MEC HEAD OFFICE, SHWEDAGON PAGODA ROAD, DAGON TSP, YANGON | KUR. KHIN MAUNG SOE |
| 5. MEC SUGAR MILL | KANT BALU | |
| 6. MEC OXYGEN AND GASES FACTORY | MINDAMA ROAD, MINGALARDON TSP, YANGON | |
| 7. MEC MARBLE MINE | PYINMANAR | |

| Isem | Indirizz | Isem tad-Direttur |
|---|---|---|
| 8. MEC MARBLE TILES FACTORY | LOIKAW | |
| 9. MEC MYANMAR CABLE WIRE FACTORY | NO 48, BAMAW A TWIN WUN ROAD, ZONE (4),<br>HLAING THAR YAR INDUSTRIAL ZONE,<br>YANGON | |
| 10. MEC SHIP BREAKING SERVICE | THILAWAR, THAN NYIN TSP | |
| 11. MEC DISPOSABLE SYRINGE FACTORY | FACTORIES DEPT,<br>MEC HEAD OFFICE,<br>SHWEDAGON PAGODA ROAD,<br>DAGON TSP,<br>YANGON | |
| 12. GYPSUM MINE | THIBAW" | |

32005R0673

30.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 110/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL NRU 673/2005

## tal-25 ta' April 2005

## li jistabbilixxi d-dazji doganali ta' importazzjoni addizzjonali ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2003, il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("DSB") ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") adotta r-rapport ([1]) tal-Korp ta' l-Appell u r-rapport tal-Panel ([2]), kif ikkonfermat mir-rapport tal-Korp ta' l-Appell, li sab li l-*Continued Dumping and Subsidy Offset Act* ("CDSOA") kien inkompatibbli ma' l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Uniti skond il-ftehim tal-WTO.

(2) Peress li l-Istati Uniti ma rnexxielhomx iġibu l-leġislazzjoni tagħhom f'konformità mal-ftehim kopert, il-Komunità talbet l-awtorizzazzjoni tad-DSB sabiex tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u obbligazzjonijiet relatati skond il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 lill-Istati Uniti ([3]). L-Istati Uniti oġġezzjonaw għal-livelL ta' sospensjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u obbligazzjonijiet relatati u l-kwistjoni tressqet għall-arbitraġġ.

(3) Fil-31 ta' Awwissu 2004, l-Arbitraturi ddeterminaw li l-livell ta' tixjin jew ta' ħsara kkawżati kull sena lill-Komunità kien ekwivalenti għal 72 % ta' l-ammont ta' l-iżburzar tas-CDSOA relatat mad-dazji *anti-dumping* jew kompensatorji mħallsa fuq importazzjonijiet mill-Komunità għall-aktar sena riċenti li għaliha jkun hemm *data* disponibbli f'dak il-waqt, kif ippubblikata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti. L-Arbitratur ikkonkluda li s-sospensjoni mill-Komunità ta' konċessjonijiet jew obbligazzjonijiet oħra, fil-forma ta' impożizzjoni ta' dazju ta' importazzjoni addizzjonali barra minn dazji doganali konsolidati, fuq lista ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti li jkopru, fuq bażi ta' sena, valur totali ta' kummerċ li ma jaqbiżx l-ammont ta' tixjin jew ħsara tkun konsistenti mar-regoli tal-WTO. Fis-26 ta' Novembru 2004, id-DSB tat l-awtorizzazzjoni biex l-applikazzjoni lill-Istati Uniti ta' konċessjonijiet tariffarji u obbligazzjonijiet relatati skond GATT 1994 tkun sospiża bi qbil mad-deċiżjoni ta' l-Arbitratur.

(4) L-iżburzar tas-CDSOA għall-aktar sena riċenti li għaliha hemm *data* disponibbli jirrigwarda d-distribuzzjoni ta' dazji *anti-dumping* u kompensatorji miġbura matul is-sena Fiskali 2004 (mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004). Fuq il-bażi ta' d-*data* ppublikata mill-Protezzjoni Doganali u tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti, il-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Komunità huwa kkalkulat li jammonta għal USD 27,81 miljun. Il-Komunità tista' għalhekk tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji lill-Istati Uniti għal ammont ekwivalenti. L-effett ta' dazju *ad valorem* addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' 15 % fuq prodotti fl-Anness I li joriġinaw mill-Istati Uniti jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx USD 27,81 miljun. Fir-rigward ta' dawn il-prodotti, il-Komunità għandha tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji lill-Istati Uniti mill-1 ta' Mejju 2005.

(5) Jekk in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni u r-rakkomandazzjoni tad-DSB ikompli, il-Kummissjoni għandha kull sena taġġusta l-livell ta' sospensjoni għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat lill-Komunità mis-CDSOA f'dak il-waqt. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista fl-Anness I jew ir-rata ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni sabiex l-effett tad-dazju addizzjonali fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-prodotti magħżula, jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx l-ammont ta' tixjin jew ħsara.

[1] L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, rapport tal-Korp ta' l-Appell (WT/DS217/AB/R, WT/DS234/AB/R, 16 ta' Jannar 2003).

[2] L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, Rapport tal-Panel (WT/DS217/R, WT/DS234/R, 16 ta' Settembru 2002).

[3] L-Istati Uniti – *Offsets Act (Byrd Amendment)*, Rikors mill-Komunitajiet Ewropej għall-Artikolu 22.2 tad-DSU (WT/DS217/22, 16 ta' Jannar 2004).

(6) Il-Kummissjoni għandha tirrispetta dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) Il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni meta ż-żieda jew it-tneħħija ta' prodotti mil-lista fl-Anness I ma jippermettix li l-livell ta' sospensjoni jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara. Inkella, il-Kummissjoni għandha żżid prodotti mal-lista fl-Anness I jekk il-livell ta' sospensjoni jiżdied jew tirtira prodotti minn din il-lista jekk il-livell ta' sospensjoni jonqos.

(b) Jekk prodotti huma miżjuda, il-Kummissjoni għandha tagħżel il-prodotti mil-lista fl-Anness II b'mod awtomatiku billi timxi skond l-ordni li biha l-prodotti huma elenkati. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni għandha temenda wkoll il-lista fl-Anness II billi tneħħi minnha l-prodotti miżjuda mal-lista fl-Anness I.

(ċ) Jekk xi prodotti jiġu irtirati, il-Kummissjoni għandha, l-ewwel, tneħħi l-prodotti li ġew miżjuda mal-lista fl-Anness I aktar tard. Il-Kummissjoni għandha imbagħad tneħħi l-prodotti li bħalissa jinstabu fil-lista ta' l-Anness I billi timxi skond l-ordni ta' dik il-lista.

(7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(8) Għall-prevenzjoni mill-evitar tad-dazju addizzjonali, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-konċessjonijiet tariffarji u l-obbligazzjonijiet relatati taħt il-GATT 1994 tal-Komunità huma hawnhekk sospiżi fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dazju doganali *ad valorem* addizzjonali ta' 15 % applikabbli taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]) għandu jkun impost fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-livell ta' sospensjoni kull sena għal-livell ta' tixjin jew ħsara kkawżat mill-*Continued Dumping and Subsidy Offset* (CDSOA) lill-Komunità f'dak il-waqt. Il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali jew il-lista fl-Anness I taħt dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-livell ta' tixjin jew ħsara għandu jkun ekwivalenti għal 72 % ta' l-ammont ta' l-żburzar taħt is-CDSOA relatati ma' dazji *anti-dumping* jew kompensatorji mħallsa fuq importazzjonijiet mill-KE għall-aktar sena riċenti li għaliha tkun disponibbli *data* f'dak il-waqt, kif ippubblikata mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti;

(b) L-emenda għandha ssir sabiex l-effett tad-dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni fuq importazzjonijiet tal-prodotti magħżula li joriġinaw mill-Istati Uniti jirrappreżenta, fuq sena, valur tal-kummerċ li ma jaqbiżx il-livell ta' tixjin jew ħsara;

(ċ) Ħlief f'ċirkustanzi previsti fil-punt (e), meta l-livell ta' sospensjoni jiżdied, il-Kummissjoni għandha żżid prodotti mal-lista fl-Anness I. Dawn il-prodotti għandhom ikunu magħżula mil-lista fl-Anness II skond l-ordni ta' dik il-lista;

(d) Ħlief f'ċirkustanzi previsti fil-punt (e), meta l-livell ta' sospensjoni jonqos, prodotti għandhom ikunu irtirati mil-lista fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tneħħi, l-ewwel, prodotti li bħalissa huma fil-lista ta' l-Anness II u ġew miżjuda mal-lista fl-Anness I aktar tard. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tneħħi prodotti li jinstabu fuq il-lista ta' l-Anness I bħalissa, skond l-ordni ta' dik il-lista;

(e) Il-Kummissjoni għandha temenda r-rata ta' dazju addizzjonali meta l-livell ta' sospensjoni ma jistax jiġi aġġustat għal-livell ta' tixjin jew ħsara biż-żieda jew it-tneħħija ta' prodotti mil-lista fl-Anness I.

2. Meta xi prodotti jiżdiedu mal-lista fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, temenda l-lista fl-Anness II billi tneħħi dawk il-prodotti mil-lista fl-Anness II. L-ordni tal-prodotti li jifdal fil-lista fl-Anness II m'għandhiex tinbidel.

3. Id-deċiżjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 4(2).

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad- Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

*Artikolu 5*

L-oriġini ta' kull prodott li għalih japplika dan ir-Regolament għandu jkun determinat skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 6*

1. Prodotti elenkati fl-Anness I li għalihom inħarġet liċenzja ta' importazzjoni b'eżenzjoni minn, jew bi tnaqqis ta' dazju qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali.

2. Prodotti elenkati fl-Anness I li għalihom jista' jintwera li kienu diġà fit-triqithom lejn il-Komunità fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li d-destinazzjoni tagħhom ma tistax tinbidel, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali.

3. Prodotti elenkati fl-Anness I li jiddaħħlu mingħajr dazji ta' importazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali [1] m'għandhomx ikunu suġġetti għad-dazju addizzjonali.

4. Prodotti elenkati fl-Anness I jistgħu jitpoġġew taħt il-proċedura doganali "Ipproċessar taħt il-Kontroll Doganali" skond l-Artikolu 551(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunita [2] ħlief meta l-eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi jkun sar fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali għajr jekk il-prodotti u l-operazzjonijiet mhumiex imsemmija fl-Anness 76, Parti A ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 7*

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar ir-revoka ta' dan ir-Regolament ladarba l-Istati Uniti ta' l-Amerika jkunu implimentaw kompletament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar il-25 ta' April 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ASSELBORN

---

[1] ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.

[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1).

*ANNESS I*

Il-prodotti li għalihom japplikaw id-dazji addizzjonali huma identifikati mill-kodiċi NM tagħhom li fih tmien numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċi tinstab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]).

4820 10 90

4820 50 00

4820 90 00

4820 30 00

4820 10 50

6204 63 11

6204 69 18

6204 63 90

6104 63 00

6203 43 11

6103 43 00

6204 63 18

6203 43 19

6204 69 90

6203 43 90

0710 40 00

9003 19 30

8705 10 00

(1) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004 (OJ L 82, 31.3.2005, p. 1).

*ANNESS II*

Il-prodotti f'dan l-Anness huma identifikati mill-kodiċi NM tagħhom li fih tmien numri. Id-deskrizzjoni tal-prodotti klassifikati taħt dawn il-kodiċi tinstab fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6301 40 10 | 6110 12 10 | 6403 19 00 | 6102 30 90 |
| 6301 30 10 | 6110 11 10 | 6105 20 90 | 6201 92 00 |
| 6301 30 90 | 6110 30 10 | 6105 20 10 | 6101 30 90 |
| 6301 40 90 | 6110 12 90 | 6106 10 00 | 6202 93 00 |
| 4818 50 00 | 6110 20 10 | 6206 40 00 | 6202 11 00 |
| 9009 11 00 | 6110 11 30 | 6205 30 00 | 6201 13 90 |
| 9009 12 00 | 6110 11 90 | 6206 30 00 | 6201 93 00 |
| 8467 21 99 | 6110 90 90 | 6105 10 00 | 6201 12 90 |
| 4803 00 31 | 6110 30 91 | 6205 20 00 | 6204 42 00 |
| 4818 30 00 | 6110 30 99 | 9406 00 11 | 6104 43 00 |
| 4818 20 10 | 6110 20 99 | 9406 00 38 | 6204 49 10 |
| 9403 70 90 | 6110 20 91 | 6101 30 10 | 6204 44 00 |
| 6110 90 10 | 9608 10 10 | 6102 30 10 | 6204 43 00 |
| 6110 19 10 | 6402 19 00 | 6201 12 10 | 6203 42 31 |
| 6110 19 90 | 6404 11 00 | 6201 13 10 | 6204 62 31 |

32005D0348

L 110/42 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Jannar 2005

## li tistabbilixxi, skond l-Artikolu 104(8) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jekk ġietx meħuda azzjoni effettiva mir-Repubblika ta' l-Ungerija bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skond l-Artikolu 104(7) ta' dak it-Trattat

(2005/348/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 104(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 104 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits tal-gvern eċċessivi.

(2) Il-Patt ta' Stabbilta' u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi bħala mezz biex jissaħħu l-kondizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sod u sostenibbli li kapaċi joħloq iktar impjiegi. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [1], stabbilita fl-Artikolu 104 tat-Trattat sabiex tiffavorixxi l-korrezzjoni fil-pront ta' defiċits eċċessivi tal-gvern ġenerali.

(3) Ir-Risoluzzjoni ta' Amsterdam tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tas-17 ta' Ġunju 1997 [2] tistieden solennement lill-partijiet kollha, jiġifieri l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni, biex jimplimentaw it-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod rigoruż u fil-ħin.

(4) Bid-Deċiżjoni 2004/918/KE [3] tal-5 ta' Lulju 2004, il-Kunsill iddeċieda, skond l-Artikolu 104(6) tat-Trattat, li fl-Ungerija jeżisti defiċit eċċessiv.

(5) Skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fil-5 ta' Lulju 2004 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet Ungeriżi biex itemmu l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv mill-aktar fis possibbli u biex, f'qafas ta' perijodu medju jieħdu azzjoni biex jiksbu l-objettiv li jitnaqqas id-defiċit għal taħt it-3 % tal-GDP sa' l-2008 b'mod kredibbli u sostenibbli, skond il-mogħdija għat-tnaqqis tad-defiċit speċifikata fil-programm ta' konverġenza mressaq mill-awtoritajiet Ungeriżi u endorsjat fl-Opinjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2004 dwar dak il-programm [4]. Din ir-Rakkomandazzjoni stabbilit it-terminu perentorju tal-5 ta' Novembru 2004 sabiex il-gvern Ungeriż jieħu azzjoni speċifika dwar il-miżuri previsti biex jintlaħaq l-objettiv ta' defiċit ta' 4,1 % tal-GDP. F'din ir-Rakkomandazzjoni il-Kunsill irrakkomanda wkoll lir-Repubblika ta' l-Ungerija sabiex timplimenta b'ħeġġa l-miżuri previsti fil-programm ta' konverġenza ta' Mejju 2004, u b'mod partikolari biex tlesti biex, jekk meħtieġ, iddaħħal iżjed miżuri, bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira ta' defiċit tal-gvern ġenerali għall-2004 ta' 4,6 % tal-GDP. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jaħtfu kull opportunità biex ikun mgħaġġel l-aġġustament fiskali; jimpenjaw ruħhom biex jagħmlu r-riformi previsti ta' l-amministrazzjoni pubblika, is-sistemi tas-saħħa u l-edukazzjoni; u biex jiġi żgurat li it-tnaqqis tat-taxxi pjanati kienu jkunu ffinanzjati sew u biex l-implimentazzjoni tagħhom issir bil-kondizzjoni li jintlaħqu l-miri ta' defiċit.

(6) Skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill, meta jqis jekk ittieħditx azzjoni speċifika bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat, għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq deċiżjonijiet imħabbra pubblikament mill-Gvern ta' l-Istat Membru konċernat.

(7) Il-valutazzjoni tad-deċiżjonijiet imħabbra pubblikament meħuda mir-Repubblika ta' l-Ungerija fiż-żmien bejn ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-iskadenza taż-żmien perentorju stabbilit f'dik ir-Rakkomandazzjoni twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin:

— wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill il-gvern Ungeriż adotta numru ta' miżuri oħra. Kienu bbażati fuq innaħa tan-nefqa u kkontribwew għal tnaqqis sinifikanti fid-defiċit tal-budget ta' l-2004 meta mqabbel ma' dak ta' l-2003 u riorjentazzjoni ta' tkabbir aktar favorevoli u sostenibbli. Madankollu, l-azzjoni meħuda ma kinitx biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ta' defiċit tal-*budget* ta' l-2004 ta' 4,6 % imniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li mistennija li ma tintlaħaqx b'marġni kbira mhux ħażin.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
[2] ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1.
[3] ĠU L 389, 30.12.2004, p. 27.
[4] ĠU C 320, 24.12.2004, p. 11.

— numru ta' miżuri kienu mhabbra fil-*Budget* ta' l-2005 li huma maħsuba biex ikomplu jnaqqsu id-defiċit tal-*budget* fl-2005, inkluż pakkett ta' riserva ta' "emerġenza" ta' 0,5 % tal-GDP fil-każ li l-mira ta' l-2005 tinqabeż bil-kbir. Madankollu, mhux se jkunu biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ta' defiċit ta' 4,1 % tal-GDP imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li wkoll hija mistennija li ma tintlaħaqx b'marġni kbira mhux ħażin.

— il-miżuri li kienu meħuda s'issa mill-awtoritajiet Ungeriżi mhux se jevitaw devjazzjoni mill-metodu ta' aġġustament ippjanat tal-programm ta' konverġenza ta' Mejju. F'dan il-kuntest, l-impenn kontinwu tal-gvern Ungeriż li d-defiċit eċċessiv ikun korrett sa l-2008 jeħtieġ li jkun imsaħħaħ b'miżuri deċiżivi ta' aktar konsolidazzjoni fiskali u tfitxija aktar determinata ta' riformi strutturali.

(8) Artikolu 104(8) tat-Trattat jistqarr li meta l-Kunsill jistabbilixxi li ma ttieħdet l-ebda azzjoni effettiva bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tiegħu skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat, jista' jiddeċiedi li jagħmel pubblika din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, f'konformità mar-Risoluzzjoni tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir tal-Kunsill Ewropew, ir-Repubblika ta' l-Ungerija aċċettat li tagħmel pubblika r-rakkomandazzjoni f'Lulju ta' l-2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika ta' l-Ungerija ma ħadet l-ebda azzjoni effettiva bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2004 matul il-perjodu stabbilit f'dik ir-Rakkomandazzjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lir-Repubblika ta' l-Ungerija.

Magħmula fi Brussel, nhar it-18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER

22005X0430

L 110/80 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2005

**Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repupplika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Kommunità Ewropea dwar il-koperazzjoni u l-assistenza amministrativa reċiproka f'materji doganali**

Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Kommunità Ewropea dwar il-koperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali ([1]), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2005, il-proċeduri previsti fl-Artikolu 22 tal-Ftehim ġew konklużi fis-17 ta' Marzu 2005.

---

([1]) ĠU L 375, tat-23.12.2004 p. 20.

**NOTA LILL-QARREJJA**

Din l-edizzjoni speċjali qed tirripproduci l-verżjoni Maltija ta' l-Atti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali bejn il-ħamsa ta' Jannar 2005 u t-tletin ta' April 2005.